# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880

## Festa 2013



# Telstar Butcher

**Sebastian Saliba Street, Luqa • Tel: 2189 7927 • Mob: 7920 2630**
**Prop. Clayton Psaila**



*Sensational Summer BBQ Range with a difference*

*Freshly home made:*

- Big Ranch Style Burgers
- Kebabs on Sticks
  Beef/Chicken/Pork/Mixed
- Marinated Chicken Wings
- Marinated Chicken Breast
- Lamb chops
- Pork Drumsticks
- Various selection
  of sausages



*Large orders available on request*

**OPENING HOURS**

Monday
7.00am – 12.00pm

Tuesday & Wednesday
6.30am – 12.00pm

Thursday & Friday
6.30am – 12.00pm
3.30pm – 7.00pm

Saturday
6.00pm – 1.00pm

**GOOD VALUE PRICES**



*Sant'Andrija Appostlu*
*Manuel Farrugia (2012) – Kollezzjoni Privata*

**SOĊJETÀ FILARMONIKA**
**L-Unjoni A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

## FESTA 2013

**Bord Editorjali**
Neil Zammit
Clifford Micallef

**Qari tal-Provi**
Leonard Azzopardi

**Ġbir ta' Reklami**
Andrew Aquilina
Jonathan Costa
Clifford Micallef
Albert Cassar
Malcolm Muscat
Joe Aquilina
Dr Noel Camilleri

**Ritratti**
Neil Zammit
Kevin Camilleri
Roderick Bajada
Andrè Magri
Massimo Cassar
Andrè Farrugia
Karl Camilleri
Joseph Grima
Sit Uffiċjali tal-Parroċċa
www.luqaparish.com
Arkivji tal-Każin



**Ritratt tal-Qoxra**
*Profil tal-Vara Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu*

# Werrej


Kumitat 2013-2015 .................... 3
Messaġġ mill-President .................... 11
Messaġġ mis-Segretarju .................... 17
Il-Kelma tal-Kaxxier .................... 21
Messaġġ mis-Surmast Direttur .................... 23
Messaġġ mill-Assistent Surmast .................... 25
Messaġġ mill-Kappillan .................... 27
Messaġġ mis-Sindku .................... 29
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali .................... 31
Ħidmet il-Kummissjoni Banda .................... 32
Ħidmet is-Sezzjoni Armar .................... 35
Messaġġ mil-Licensee .................... 39
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa .................... 41
Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri .................... 42
Radju Sant'Andrija 88.4fm .................... 45
Mill-websajt tas-Soċjetà .................... 47
Messaġġ mill-Viċi Parroku .................... 49
Mill-Għaqda Każini tal-Banda .................... 53
Għarfien tat-tagħlim informali fiċ-Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja .................... 56
Innu lill-Banda L-Unjoni .................... 61
U2UK f'Ħal Luqa .................... 65
Restawr tal-faċċata tal-Każin .................... 73
Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena .................... 77
Repleti Fructu Iustitiae .................... 83
Il-Kunċert Sinfoniku Annwali Fit-Tletin Sena tiegħu .................... 85
Tislima lil Benedittu XVI... u merħba lill-Papa Franġisku .................... 88
Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira 2013 .................... 91
Sehem il-Banda L-Unjoni fil-Festi Solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa .................... 93
Ġlormu Dingli u l-Vara ta' Ġuda .................... 95
Programm tal-Festi Solenni ad unur Sant'Andrija Appostlu .................... 98
Sehem is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni .................... 100
Programm tan-Nar .................... 103
Programm Mużikali mill-Banda L-Unjoni .................... 105
Marċi li se jindaqqu mill-Filarmonika L-Unjoni matul il-jiem tal-festa .................... 107
Servizzi tal-Banda L-Unjoni – 2013 .................... 107
Programm mill-Banda 12th May .................... 109
Marċi mill-Banda 12th May .................... 109
Marċi mill-Banda Santa Katarina V.M. .................... 111
L-armar fil-Kungress Ewkaristiku ta' mitt sena ilu .................... 113
Tifkira tal-Pussess tal-Kappillan Rev. Dun Gordon Refalo .................... 117
Il-Pussess tal-Kappillan .................... 118
Tifkiriet tal-Prima Messa tiegħi .................... 121
Il-Filarmonica L'Unione 90 sena ilu… .................... 129
Għeluq il-mitt sena mill-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li nżamm f'Malta fl-1913 .................... 133
Mattia Preti 400 sena mit-twelid tiegħu .................... 143
L-Ewwel Planċier tal-Banda L-Unjoni mżanżan sittin sena ilu .................... 149
Il-Graffiti li nsibu f'Ħal Luqa .................... 153
Tifkira ta' Anġlu u Feliċ Mizzi li mietu b'diżgrazzja tan-nar sittin sena ilu .................... 161
Il-Frontispizju tal-Każin jagħlaq ħmistax-il Sena .................... 165
Ħaddieda Ħalluqin .................... 169
Abraham Gatt Skultur u Disinjatur ta' ħila (1863 - 1944) .................... 175
Ġrajjet il-Vara Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu .................... 179
Is-Soċjetà L-Unjoni fil-Fira Mediterrania de Manresa .................... 191
Id-Devozzjoni lejn Sant'Andrija fl-Iskozja .................... 195
"L-Arkitett tal-Knisja Parrokkjali ġdida tagħna" .................... 199
Giuseppe Verdi Mitt Sena mit-Twelid Tiegħu .................... 205
Il-Festa tar-Raħal Tagħna .................... 209
Id-Diaspora Ħalluqija fl-Ewropa (1870–1920) .................... 210
Sena xogħol importanti fil-Knisja tagħna .................... 218
Jum Ħal Luqa .................... 225
Imfakkra l-mitt sena mill-mewt ta' Mikelanġ Sapiano .................... 228
Infakkru lill-Eks Kappillan Dun Joe. M. Camilleri .................... 229
Sena memborabbli għal-Luqa St. Andrew's FC Youth Nursery .................... 231
Tislima lil Monsinjur Innoċenz Borg (1921-2013) .................... 237
Appreciation Rev. Mgr. Innocent Borg .................... 241
Apprezzament Shaun Tonna .................... 242
Apprezzament Ġilardu Vassallo .................... 243
Obitwarju .................... 246
Min irreklama .................... 248

## Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880

# Kumitat 2013-2015




**Presidenti Onorarji**
E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta, Baruni Kelinu Vella Haber OSJ, Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Carmelo Camilleri, Frank Ciappara, Joe Mizzi, Carmelo Penza, Francis Magri, Twanny Camilleri, Charles Camilleri, Trofimo Baldacchino, Emmanuel Magri.

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri, Maria Camilleri, Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona, Dr Jamie H. Cremona, Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza, Joe Camilleri, Mario Cardona.

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit
*Ph.D., D.Mus., FRSA., FLCM., GLSM., FIBA., FASC., FGMS., FVCM., FCSM., FWTC, FNSCM., KCSJ.*

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Dr. Noel Camilleri
*B.A. (Law), L.P. LL.D. Dip. Tax*

**Teżorier**
Albert Cassar

**Asst. Segretarju**
Neil Zammit
*B.Accty. Hons, CPA, AIA, A.L.C.M., A.Mus. L.C.M.*

**Viċi-President**
Lawrence Cassar

**Asst. Teżorier**
Clifford Micallef

**Uffiċċjali Relazzjoni Pubbliċi**
Clayton Psaila, André Magri

**Delegat tas-Soċi**
Jonathan Costa

**Arkivista u Rapp. Kummissjoni Banda**
Noel Brincat

**Membri**
Joe Aquilina, Patrick Camilleri *Dip. Mus. A.T.C.L.*

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Direttur Spiritwali**
Fra. Adrian Jos. Cachia *O.F.M.*

**Surmast Direttur**
Mro. John David Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Asst. Surmast**
Mro.Norbert Camilleri *A.L.C.M., L.V.C.M., L.Mus L.C.M., Dip. Sacred Music*

**Għalliema tal-Mużika**
Victor Borg


Beauty Elegance
Facials, Waxing, Electrolysis, Eyebrow & Eyelashes tinting, IPL (Intense pulse light), Slimming treatments, Cavitation…to eliminate hard cellulite, Various massages, Make-up for all occasions
Semi-permanent make-up
DENISE CECI
CIDESCO & CIBTAC (Hons.)
Beauty Therapist
Gorg Zahra street,Luqa Tel: 27210808
Ana's Creations CIBTAC
Mob: 79271058
Email: anewage52@gmail.com
Nail extensions – Gels & Acrylic, Minx for hands & feet, Manicures, Pedicures, Shellac – Permanent nail polish

Thomas Smith

# WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE




**Opening hours**
Monday to Friday 8.00am to 6.00pm
Saturday 9.00am to 12.00pm

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

22058580
info@tcsinsurancebrokers.com

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.

Tifhir U

# Lill'Appostlu

## Sabiex Jinghad

Alla tghana isma it-talb tghana. Eħles ejngha u ikaf mghana. Gloria il Missier, u l'Iben u l'is-Spiritu Santu chif chien fil bidhu ibka ghal dejjem ta dejjem Ecc ichun.

I.

Glorius protettur tghana Sant'Andrea, ghal dic il cbira xeuka li chellech li tara il Messia sabiex minhu titghallem it-triek tas-saħħa; bl'umiltà collha nitolbuc li taghkielna min ghand l'Immghallem tiach il grazzia li ngharfu inficciu dejjem is-sahha eterna ta ruhna.

*Pater, Ave, Gloria.*

II.

Mahbub protettur tghana Sant'Andrea, ghal dich il fidi kauja li chellech f`Gesù Cristu malli smaitu ihabbru San Guan Battista, ghamel li kalbna, tixghel dejjem izjed fl'imħabba t'Alla u tinfired mil hueiec ta dina l'art sabiex is-servi u thob biss lil Gesù Cristu sal meut.

*Pater, Ave, Gloria.*

III.

Castissimu protettur tghana Sant'Andrea ghal dich il ħerca li chellech li tfittex tħalli il conz, u tmur uara ir-Redentur divin, u stkarreitu l'euuel uiħed, l'Iben tal veru Alla, kaghlalna il grazia li ghalina uchol dejjem inħabircu, u inficciu li nghatu uiden ghas-seiħat t'Alla.

*Pater, Ave, Gloria.*

IV.

Umili protettur tghana Sant'Andrea, ghal dack il cbir fervur li bieh cont titlob, kabel ma nizel lis-Spiritu Santu, sabiex tchun mghallem fl'erf t'Alla, u il-kaua biex tic-converti il-pagani ghal fidi, ghakelelna il grazzia tal-perseveranza sa lahhar.

*Pater, Ave, Gloria.*

Talb

# Sant'Andrea

## Fin-Novena Tieghu

Sac. Dun Vincenz Vella
1899

V.

Zelantissimu ghal gloria t'Alla, protettur tghana Sant'Andrea, ghal dich l'imhabba imchebbsa, li chienet tixghel f'kalbech fil hin li cont ix-xandir l'imkaddes Evangeliu, ghatina xrara ta l'imhabba u taz zelu ghal gid tal proxxmu tghana sabiex nakelou il Gloria tal ġenna.

*Pater, Ave, Gloria.*

VI.

Cbir difensur tal liġi nisrania protettur tghana Sant'Andrea ghal dich il cbira xeuka, li chellech li thalli haitech fuq is salib sabiex tchun tixbeħ lill'imghalmech, ghakelelna il grazzia li ngharfu nghaksu lilna infusna, u insiru kalbiena contra it-tegrif.

*Pater, Ave, Gloria.*

VII.

Helu protettur tghana Sant'Andrea ghal dach il curaġ kauj li bieh ippredicajt kuddiem il preconsulu Egea, il fidi ta' Cristu, u ghal dich l'umiltà li bigha kghat ghas-sentenza ingiusta tieghu, ghakalelna il grazzia li ngharfu niddisprezzau ir-rispetti umani u ir-rassegnazioni mal volontà divina ghal dauch is-slaleb li ioġoba tibghatilna.

*Pater, Ave, Gloria.*

VIII.

Kalbieni protettur tghana Sant'Andrea, ghal dich il pacenzia cbira, li biha soffreit il harxa flagellazioni u il martiriu tas-salib u tlabt ghal ghadu tighach, ghakalelna il grazzia li ngharfu nis-sapprtu ghahna uchol bil pacenzia l'ingiuri u iz-zeblieh ta' din id-dinja, u ngharfu inhobbu l'edeua tghana imhabba fich.

*Pater, Ave, Gloria.*

IX.

Potenti protettur tghana Sant'Andrea ghal meut ghaziza tighach li biha irheit lis-spirtu tighach kalb dach id-daul tas-sema, li chellech ma duar is-salib, ghal dic il-gloria bla kies li klait fis-sema, ghakalelna il grazzia li icholna meuta tajba, biex niġu fil genna nizzuhajir l'Alla li ghoġbu jghatina lilech protettur tghana. Ecc ichun.

*Pater, Ave, Gloria.*


Address: 40, Industrial Estate, Luqa, LQA 3000
Tel: (+356) 21220610, 21257030, 21257029
E-mail: Info@constructfurniture.com.mt
Web: www.constructfurniture.com.mt
CONSTRUCT
FURNITURE
Classic / Modern Kitchens
Main Bedrooms
Spare Bedrooms
Wall Units
Loose Furniture
Doors

# Tesor
JEWELLERY & GIFTS

*Unique as you are...*

Carmel Street, Luqa LQA 1131.
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt

**Opening Hours:**
Monday to Saturday – 9.00am till 7.00p.m. (Open All Day)




TIME

GOLD

DIAMONDS

SILVER

HOME

PEARLS







C&H BARTOLI
9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000
For all your professional kitchen requirements...
Home of premium quality catering & hotel equipment brands.
EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR
steelite INTERNATIONAL
WENGER
LA CIMBALI
ZANUSSI PROFESSIONAL
Electrolux
Professional Laundry Systems
Scotsman

# Impenn fil-Komunità



## Messaġġ mill-President

Avv. Noel Camilleri

Il-festa tal-patrun tagħna hija okkażjoni ta' ferħ. Hija okkażjoni ta' qima reliġjuża. Hija okkażjoni li fiha l-komunità tagħraf u ġġedded l-identità tagħha bħala poplu li jħares il-liġi tal-istat. Hija okkażjoni wkoll li nuru l-impenn volontarju sħiħ tas-Soċjetà tagħna għadu relevanti fil-ħajja tagħna. Pajjiżna huwa stat ċivili u għalhekk il-liġijiet tal-istat għandhom jiġu rispettati u mħarsa. Għandu jkun hemm linja ċara ta' fejn għandhom jiġu applikati l-liġijiet tal-istat għal kulħadd għad esklużjoni ta' ħadd. Propju għalhekk li l-organizzazzjoni tal-festa trid tibqa' tiġi mpernjata kemm fuq il-parroċċa imma fuq l-istess livell mis-Soċjetà Ċivili u l-pulizija li flimkien jorganizzaw u jikkoordinaw biex jaraw li l-festa b'mod partikolari dik esterna tiġi ċelebrata fl-ambitu tal-liġijiet ta' pajjiżna.

Ħafna drabi s-sensazzjoni hi li l-festa hija appuntament kważi kważi *sine qua non* u obbligatorju. Fl-entużjażmu tal-ġranet tal-festa, jintesa' kemm dina tfisser preparamenti, responsabbiltajiet u spejjeż biex soċjetà bħala tagħna torganizza parti estensiva mill-festa. Ħafna jaħsbu li kollox jista' ssir kemm tfaqqa' subgħajk u sseħħ. Kemm dak li hija banda, kemm dak li huwa armar kif ukoll dak li għandu x'jaqsam mal-piroteknika. Qisu hemm buttuna, dina tingħafas u l-festa ssir! Xi wħud juru x-xewqa li s-Soċjetà bħala tagħna ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-organizzazzjoni tal-festa imma jkunu mistiedna. Iżda meta mbagħad tiġi għall-permessi, meta mbagħad tiġi għall-ispejjeż, meta mbagħad tiġi għall-uġigħ għat-twettiq fil-prattika, dak kollu jiġi indirizzat lejn is-Soċjetà li finalment tkun responsabbli għalih. Dan huwa ħsieb li flok ser jgħaqqad ser joħloq aktar dubji, joħloq aktar dubji fil-komunità dwar x'inhu verament is-sinifikat ta' komunità nisranija. Meta t-triq tittieħed flimkien kulħadd indaqs, kulħadd miftiehem, kulħadd konxju li hemm rispett reċiproku, allura dik it-triq tkun aktar faċli li twassal biex il-festa tagħna u bħalna festi oħrajn verament isebbħu u jsaħħu mhux biss l-element komunitarju imma anke l-qima vera lejn il-patrun tagħna. Irridu nuru li kapaċi ngħixu l-kliem tal-Vanġelu billi nirrispettaw lil xulxin fil-festa. Huwa surreali li wieħed joħroġ l-ordnijiet u deċiżjonijiet li ma jagħmlu xejn għajr li l-poplu ma jibqax iħossu aktar parti mill-komunità. Daqstant hija r-realtà meta l-poplu jara s-Soċjetà tagħna b'responsabbiltà torganiza u tikkoordina l-festa mal-entitajiet l-oħra kif dejjem għamlet, xhieda vera ta' komunità waħda.

Dina l-festa qegħdha tiġi ċċelebrata wara li f'Jannar 2013 ġie elett il-kumitat ġdid u


PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICES
27223394 Day and Night 79912912
OPEN
Prezzijiet Moderati
24 siegħa servizz
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta u ta' Barra, Fjuri, Reffiha ,Permessi, Karozzi tal-Mejtijn, Xandir fuq ir-Radju, Santi ,Deffina u dak kollu li għandu x'jaqsmu mal-Funeral.
95, St. Joseph Street, Luqa - info@scorfnagarage.com
79 912 912 - 2722 3394



Phone Booth
Mobile & Hi-Fi Center Tel : 21820878
Mob: 79706821 79057161. 38, St Andrew Str' Luqa
Nokia 1202
Nokia C1-01
Nokia 5800
Nokia C3
Samsung C3050
Samsung Galaxy
LG KP500
Blakberry 8520
Htc Wildfire S
I phone 4 Apple
With any purchase of any mobile cost more then 80 euro. We are giving you a 5 euro topup free
GO
LG Home Cinema
DVD / divx Player USB
MP4 Players
XBOX 360
Panasonic Phone TG 1311
LG HiFi
LG LCD. LED.
19" 22" 32" 37" 42" 47"
BEST PRICE.... BEST QUALITY.... BEST CHOICE....




CROCKER
SUMMER COLLECTION 2013
NOW IN STORE
PALM STREET, PAOLA
CROCKERJEANSSTATION

kien hemm diversi persuni ġodda li għażlu li jidħlu biex jgħinu fit-tmexxija tas-Soċjetà u tal-Banda tagħha. L-entużjażmu tagħhom qed jgħin mhux ftit biex b'sens verament seren u ċivili l-kumitat tas-Soċjetà jħares b'kuraġġ kbir lejn l-isfidi li għandu biex iwettaq il-proġetti tiegħu u jsaħħaħ il-Banda tagħha biex tkompli tkun il-pern ta' dina l-Ewwel Soċjetà f'Ħal Luqa.

L-attività tas-Soċjetà hija marbuta mal-komunità u dina l-attività ma tfissirx hija l-festa biss imma mifruxa tul is-sena kollha li tista' ssir biss bl-għajnuna u l-parteċipazzjoni tagħkom ammiraturi tas-soċjetà u l-poplu Ħal Luqi. Hija ħaġa sabiħa ferm li tferraħ lili u lill-membri tal-kumitat li fil-ġranet tal-festa tara ħafna u ħafna nies u dan għaliex konxji li l-preżenza tagħkom timmaterjalizza f'għajnuna lis-Soċjetà u injezzjoni ta' kuraġġ biex titkompla l-ħidma tagħna. Madankollu mġiba mhix xierqa għandha tiġi mwaqqfa minnufih minn kull min ikun preżenti. Is-Soċjetà m'hijiex tiegħi jew tiegħek bħala individwu waħdu, imma hija ta' kull min hu membru u hu ta' rieda tajba. Ma jagħmilx sens li tkun membru imma fl-istess ħin tagħmel ħsara lis-Soċjetà. Ma tistax tkun parti mill-komunità u jxekkel il-ħidma tagħha. Dawn ma jistgħux jissejħu membri jew ammiraturi tas-Soċjetà u lanqas parti minn dina l-komunità. Għalhekk meta l-ħidma tkun waħda kollettiva u magħmula b'manjiera li tesprimi rieda tajba u lejali lejn is-Soċjetà, allura dina l-ħidma tħalli l-frott mixtieq li riżultat wieħed biss jista' jkun hemm dik li naraw is-Soċjetà tagħna tkompli tagħti l-kontribut tagħha favur il-komunità kollha.

Matul dina s-sena kien ta' inkoraġġiment kbir li tara grupp ta' tletin tifla u tifel jibdew it-tagħlim tal-mużika dan taħt il-gwida tas-Surmast John David Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u l-għalliem Victor Borg. Is-sinjali ta' inkoraġġiment ġie mill-fatt li dawn għamlu sajf sħiħ jitgħallmu u f'Jannar li għadda serqu l-ammirazzjoni ta' kulħadd li mela s-Sala Sir Temi Zammit l-Università u attenda għas-serata finali. Jiena, u bħali l-ġenituri, li ġew, ħassejna kburin li s-Soċjetà tagħna pparteċipat b'tant entużjażmu. Dan huwa l-futur tas-Soċjetà tagħna. Dan huwa parti mill-impenn li nagħtu lill-komunità. Impenn volontarju li fih innifsu diġà huwa ta' min jammirah u jkompli jsostnieh. Impenn fl-edukazzjoni ta' wliedna bl-għajnuna tas-Sinjura Azzopardi l-Kap tal-Iskola Primarja.

Hekk ukoll Radju Sant'Andrija, ir-radju komuntarju ta' Ħal Luqa rnexxielu jikseb fondi mill-Unjoni Ewropeja permezz tal-Fondazzjoni GalXlokk li bihom ser insaħħu t-trażmissjoni ta' dan l-istazzjon immexxi tant tajjeb minn Raymond Saliba u t-tim tiegħu. Dan huwa wkoll impenn volontarju li jingħata lill-komunità. Impenn li rridu nkomplu nsaħħuh b'aktar informazzjoni edukattiva, b'aktar firxa ta' persuni li jgħinu ħalli dak li bdejna nkomplu nsaħħuh u nkunu ta' servizz għall-ħajja ta' kuljum u wens għal dawk li forsi jħossuhom waħidhom imma għall-komunità kollha.

Kull soċjetà jew għaqda għandha tgħożż u titpaxxa meta tara nukleju ta' żgħażagħ jorganizzaw ruħhom u jaħdmu mhux biss għall-festa imma matul is-sena kollha biex iħajjru aktar żgħażagħ jimpenjaw ruħhom fil-komunità. Ta' min wieħed jieqaf u jaħseb x'sens u x'ħajja jkollha l-komunità jekk ma jkunx hemm parteċipazzjoni volontarja minn ħafna nies fosthom iż-żgħażagħ. Id-differenza tkun ferm allarmanti. Għalhekk dina l-ħidma m'għandhiex tkun fil-ġranet tal-festa biss. Iż-żgħażagħ għandhom jimpenjaw ruħhom aktar jekk verament irridu jkollna sens akbar ta' komunità. L-individwaliżmu jwassal għal solitudni u suppervja li ma jħallix sodisfazzjon daqs kemm tħalli s-sens ta' komunità.

Ma nistax ukoll ma nsemmiex is-Sezzjoni tal-Armar li b'ħidma ippjanata u kontinwa

qegħdin mexjin fit-triq li twassal għall-inawgurazzjoni ta’ proġett ieħor li ser ikun opra oħra ta’ qima lejn il-patrun tagħna Sant’Andrija. Qima li hija mod ieħor ta’ espressjoni nsiranija. Mod ieħor li nkomplu nuru l-impenn tagħna lejn il-komunità. Dan kollu li fl-istess ħin baqa’ għaddej ix-xogħol ieħor kontinwu tal-manutenzjoni tal-armar. Dan kollu b’mod assolutament volontarju mingħajr daqq ta’ trombi u rifletturi.

Il-piroteknika fis-Soċjetà tagħna hija sinonima mal-piroteknika ġewwa pajjiżna. Dan huwa fatt indellibli anke jekk f’dawn l-aħħar perjodu tfaċċajna b’diversi diffikultajiet biex tiġi riżolta l-akbar ostaklu jiġifieri l-immodernizzar tal-post fejn jinħadem dan ix-xogħol ta’ arti. L-impenn tiegħi u ta’ sħabi huwa li ser nibqgħu naħdmu biex il-liġijiet ta’ pajjiżna jiġu implimentati ħalli biex id-dritt tagħna, skont il-liġi, jingħata u fl-istess ħin il-membri tas-*Saint Andrew’s Fireworks Factory* jkomplu jimpenjaw ruħhom biex isaħħu l-element ta’ sigurtà b’responsabbiltà kbira u ta’ tiġdid fil-prattiċi tax-xogħol kif dejjem ħadmu. Imma fuq kollox l-isem uniku tas-*Saint Andrew’s Fireworks Factory* jibqa’ fl-ogħla livelli.

Il-post tan-nisa fis-Soċjetà tagħna dejjem ġie inkoraġġit u qatt ma ġie mċaħħad jew imxekkel. Dan huwa rifless fin-nukleju ta’ nisa li b’ħidma kostanti u mingħajr ebda pretenzjonijiet jew dettami saħħew il-preżenza tagħhom ġewwa s-Soċjetà u kontinwament jagħtu l-kontribut tagħhom. Dan l-impenn tagħhom mhux rikonoxxut biżżejjed u rridu nuru aktar l-apprezzament tagħna favur il-mara li hija fuq kollox importanti fil-qasam tal-ħajja tal-komunità tagħna.

Irrid nesprimi s-sodisfazzjon kbir tiegħi li nara s-Soċjetà tagħna, wara 133 sena ta’ eżistenza kontinwa, għadha relevanti fil-ħajja tal-komunità. Propju dina s-sena qegħdin niċċelebraw il-mitt sena minn meta fl-1913 ġiet irrestawrata l-istatwa ta’ Sant’Andrija u li kienet ġiet milqugħa mill-Banda tagħna li dak iż–żmien kienet l-unika waħda eżistenti ġewwa Ħal Luqa. Xhieda oħra tal-impenn kontinwu ta’ din l-Ewwel Banda favur il-komunità. Sodisfatt li għad hemm entużjażmu anke mill-element żagħżugħ li jkompli bl-impenn ta’ missirijietna. Imma l-akbar sodisfazzjon hu li jarana lkoll magħqudin biex inkomplu nsaħħu u nsebbħu dina l-festa tant sabiħa bħala espressjoni tal-qima tagħna lil Sant’Andrija billi nipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru.

F’ismi u f’isem is-Soċjetà, li jien għandi l-privileġġ li mmexxi, nixtieq li filwaqt li nwassal l-isbaħ awgurju lil kulħadd għall-festa ċċelebrata b’mod sħiħ b’sens reliġjuż u ċivili li verament jirrifletti li aħna poplu Kristjan imma fuq kollox ċivili minn qalbi nirringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna, impenn u appoġġ li tingħata mhux biss lis-Soċjetà tagħna imma anke lill-komuntà kollha.


# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta’ Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta’ taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.


GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
Ċanga Friska
Majjal
Laħam Tal - Friża
ZALZETT Frisk Malti
15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa 21678484
GORI
BUTCHER


Vision
2000
SALON PROFESSIONAL
SCULPTING GEL
VISION 2000
SCULPTING GEL
NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR
Available only from hair salons.
If you own a hair salon and wish to stock
Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!

# Inħarsu ’l quddiem



## Messaġġ mis-Segretarju

James Ciappara

L-aħħar kitba tiegħi fuq dan il-ktieb kienet madwar sitt snin ilu. Dak iż-żmien kont għedt lili nnifsu li din kienet ser tkun l-aħħar kitba tiegħi bhala Segretarju ta’ dina s-Soċjetà u niftakar sew kont tajt rendikont x’kien sar fiż-żmien li jien kont f’dik il-kariga. Fejn qatt kien jgħaddili minn moħħi li se nerġa’ ninħatar f’din il-kariga wara sitt snin! Nista’ ngħidilkom li ma kinetx faċli, għax ngħiduha kif inhi, li tkun għal dawn l-aħħar snin fil-ġabra mal-familja hi xi ħaġa sabiħa. Però nista’ ngħid ukoll li meta kellimt lill-familja huma stess għamluli kuraġġ sabiex nerġa’ nintefa’ għax-xogħol fis-Soċjetà li dejjem kienet u tibqa’ marbuta ma’ qalbi.

Hekk għamilt wara li nħtart mill-ġdid segretarju. Ridt inħares ’il quddiem sabiex lil dina s-Soċjetà nkomplu mmexxuha ’l quddiem. Dejjem issib xi ħajt jagħlaq però bid-determinazzjoni u bil-ħsieb tipprova tegħleb kull ostaklu.

Nista’ ngħid li minn Jannar li għadda sal-lum ma waqaftx naħdem dejjem bil-għajnuna ta’ sħabi tal-kumitat. Però nassigura lil kulħadd li mhux ser nieqaf hawn għax jien persuna li jekk ikolli xewqa nkun irrid naqtagħha, u nibqa’ sakemm naqtagħha. Nieħu pjaċir nara persuni minn ġewwa s-Soċjetà jaħdmu mingħajr qatt ma’ jistennew xejn lura. Nista’ ngħid li minn dawn in-nies is-Soċjetà tagħna għandha mhux ħażin, però jiddispjaċini meta tkun taf li jkun hemm xi persuni li lis-Soċjetà jkunu tawha ħafna u għal xi raġuni ma jersqux iżjed lejn is-Soċjetà. Però nassigura lil kulħadd li jien ser nibqa’ nagħmel minn kollox sakemm nerġa’ nara lil dawk il-persuni ġewwa s-Soċjetà, huma min huma. Jien persuna li l-ewwel li nġib quddiemi hu l-ġid tas-Soċjetà mhux lili nnifsi. Jekk il-Mulej tani xi ħaġa tajba hi li nisma’ l-opinjoni ta’ kulħadd għax ma tistax tkun ġo Soċjetà u tippretendi li tiegħek kollox tajjeb. Le ħbieb, nassigurakom li jien mhux ta’ dak it-tip. Min ħadem miegħi qabel jaf eżattament x’qed ngħid.

Issa li l-festa waslet u kulħadd ikun qiegħed jistenniha, l-magna ġewwa s-Soċjetà tibda għaddejja b’ritmu mgħaġġel. Tħossok qisek qiegħed f’xi fabbrika, kulħadd irid ilesti xogħlu fil-ħin.

Hawn nibda sabiex nirringrazzja lis-Surmast John D. Zammit li dina s-sena wettaq ħafna xogħol b’risq il-banda minħabba ċ-ċirkostanzi li nqalgħu. Jien personali nħossni obbligat ħafna lejh. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Norbert Camilleri, lil Victor Borg u Martin Camilleri u l-kumplament tad-Delegazzjoni Banda li bħalissa



# Il-Barman tal-Bottegin tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

## Anton Gatt u l-mara Elaine

*jawgura l-Festa t-Tajba lil-Luqin kollha b'mod partikolari l-partitarji ajklieri.*

Ifakkar li jkun miftuħ kuljum mis-2.00p.m. 'il quddiem fost il-ġimgħa u l-ġurnata kollha Sibtijiet, Ħdud u festi.

Javża li joffri ikel bnin, appetizers b'xejn mad-drinks u prezzijiet raġonevoli.

Isiru ikliet bħal fenkati u laħam taż-żiemel għall-prezz ta' €7.50.
Ċemplu lil Anton fuq 99405511

għaddejjin b'ħafna xogħol biex jissolvu l-problemi li nqalgħu f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Ngħid grazzi wkoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ li tant hi għal qalbi għax ħa ngħiduha kif inhi, jekk ma jkollokx żgħażagħ ma tista' qatt tippjana għall-futur. Dawn huma l-futur tas-Soċjetà. Hawn nista' ngħid u bla tlaqliq li dawn qed jaħdmu verament mill-qalb kemm ilhom li nħatru minn Frar li għadda. Jien nemmen li liż-żgħażagħ trid tħallihom liberi u ma tridx tindaħlilhom f'kull ħaġa li jkunu ser jagħmlu. Żgur li dawn ser jaħdmu għall-ġid tas-Soċjetà mingħajr l-ebda dubju.

Grazzi wkoll tmur għall-Kumitat tan-Nisa. Din hi kummissjoni li tinvolvi ruħha f'kollox, dejjem lesti jgħinu lis-sezzjonijiet l-oħra kull meta jiġu mitluba waqt li jorganizzaw attivitajiet sabiex iżommu lill-partitarji nisa dejjem eqreb lejn il-każin.

Ngħid grazzi wkoll lis-Sezzjoni tal-Armar, li hekk kif ilħaqt Segretarju sibt koperazzjoni kbira min-naħa tagħhom. Dawn ukoll huma persuni ddedikati għas-Soċjetà, dejjem lesti sabiex joħolqu xi ħaġa ġdida sabiex id-dilettanti tal-armar madwar Malta u Għawdex dejjem ikollhom biex jitpaxxew fil-jiem tal-festa tagħna.

Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi lill-Kummissjoni tan-Nar. Dawn għaddew minn martirju sħiħ però bid-determinazzjoni u x-xogħol għaqli tagħhom żgur li se jaslu fejn jixtiequ. Vera li kellhom triq iebsa però grazzi għal kull min għen, reġgħu jistgħu jibdew ipaxxu lill-poplu ta' dawn il-gżejjer.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ billi l-ewwelnett nirringrazzja lill-eks Segretarju Eric Camilleri tas-snin li għamel f'din il-kariga, li nassigurakom li mhix kariga faċli. Grazzi tmur ukoll għal dawk kollha li kienu fil-kumitat preċedenti tax-xogħol kollu li għamlu kemm damu fil-kumitat. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-President u sħabi l-ġodda tal-kumitat li verament qegħdin niġbdu ħabel wieħed għax kif jgħid il-Malti, fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa. Nassigura lil kulħadd li verament qegħdin naħdmu bħala familja waħda, sabiex lil din is-Soċjetà nkomplu mmexxuha 'l quddiem.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha speċjalment lill-morda, waqt li nappella lill-partitarji sabiex waqt il-ġranet tal-festa lkoll nieħdu pjaċir bħala familja waħda Ħalluqija u kulħadd joqgħod mad-direttivi tal-kumitat.

Viva l-Ewwel Banda L-Unjoni.

Viva l-Kbir Appostlu Sant'Andrija.


# Anton Faenza

***Għal Xogħol ta' Fireplaces, Stoves u Decorations***

Ċempel: 2180 8487 • Mobile: 9947 8769

L-Ekonomista

# SILVIO SCHEMBRI

GĦAQAL | ENERĠIJA | LEALTÀ

## Jawgura l-festa t-tajba lill Ħal-Luqin kollha

**Uffiċċju Silvio Schembri,**
Triq Dun Pawl, Luqa

7945 1999
2745 1999
INFO@SILVIOSCHEMBRI.COM
WWW.SILVIOSCHEMBRI.COM





## Il-Kelma tal-Kaxxier

Albert Cassar

Waslet festa oħra u din is-sena, għall-ewwel darba, mess lili li nikteb kelmtejn fuq il-finanzi tas-Soċjetà. Nibda biex nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-fiduċja li wrew fija biex nokkupa din il-kariga impenjattiva u nirringrzzjahom ukoll tal-għajnuna u l-appoġġ li jagħtuni.

Ikolli nistqarr li s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà hi kemmxejn delikata għaliex sfortunatament, biex torganizza festa kompluta minn kollox kif nafu nagħmlu aħna, trid ammont sostanzjali ta' finanzi. U minħabba diversi raġunijiet id-dħul f'dawn l-aħħar snin naqas mhux ftit. Barra minn hekk matul is-sena norganizzaw bosta attivitajiet oħra fosthom il-Kunċert Annwali li sar jiswa ħafna flus. Spejjeż oħra qed jintefqu fuq il-manutenzjoni tal-każin, għax kif tistgħu taraw fil-każin qed isir ħafna xogħol biex dan jinżamm fi stat tajjeb.

Madankollu jien u sħabi ma naqtgħux qalbna għax nafu li meta fittixna dejjem sibna lill-partitarji warajna. Għaldaqstant nappella lill-membri tagħna biex jattendu l-attivitajiet li minn xahar għal ieħor norganizzaw biex niġbru l-fondi bżonnijiet biex jekk jista' jkun inkomplu nkabbru l-festa u isem is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk il-membri li matul is-sena jagħmlu ħafna xogħol volontarju fil-manutenzjoni tal-każin għax dawn jiffrankaw lis-soċjetà ħafna spejjeż. Nirringrazzja wkoll lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-soċjetà tal-għajnuna u s-sostenn tagħhom, kif ukoll lill-Kaxxier preċedenti.

Għal darb'oħra nappella lill-partitarji biex ikunu ġenerużi fl-għotja tagħhom b'risq il-festa u nirringrazzjakom tal-appoġġ tagħkom. Is-sapport tagħkom ikompli jqawwilna qalbna biex naħdmu aktar biex dejjem inżommu isem is-soċjetà fil-għoli.

Elmo INSURANCE

*We provide our customers with a comprehensive range of high quality insurance service.*

Car
Health
Home
Boat
Travel
Commercial
Personal Accident
Cargo

**Branches: Birkirkara 23430322 • Bormla 23430301 • Paola 23430306**
**Qormi 23430311 • Rabat 23430332 • St. Paul's Bay 23430310**
**Zebbug 23430326/7 • Valletta 23430316**

Find us on: facebook

**www.elmoinsurance.com**

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Elmo Insurance Ltd., Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111 - Tel: 2343 0000





# Il-Futur…

## Messaġġ mis-Surmast Direttur

John D. Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

Reġgħet waslet festa oħra u ż-żmien jgħaddi bħal leħħa ta' berqa. Matul din is-sena li għaddiet il-banda kienet impenjata ħafna u kellna mhux biss xogħol impenjattiv iżda wkoll bdejna paġna ġdida fit-tagħlim tal-mużika.

Irnexxielna ngħaqdu grupp sabiħ ta' tfal u bdejna ngħallmuhom il-mużika bl-iskop finali li dawn it-tfal isiru membri permanenti fil-banda tagħna. L-isforzi kienu kbar u nistgħu ngħidu li t-tfal għadhom jattendu għal-lezzjonijiet bi ħġarhom sal-ġurnata tal-lum.

Il-baned Maltin għaddejjin minn żmien diffiċli fejn jirrigwardja l-bandisti tal-post tagħhom. Alljievi ġodda ma tantx qed joħorġu u l-bandisti li hemm qegħdin dejjem jonqsu minħabba raġunijiet diversi. Huwa ħafna diffiċli li tattira demm ġdid fil-banda u fil-futur dawn il-problemi jistghu jikbru. Is-soċjetà Maltija kulma tmur qed tapprezza inqas ir-rwol tal-banda Maltija u s-sehem tagħha fil-kultura tal-pajjiż. Saru u qed isiru sforzi minn organizzazzjonijiet biex din tinbidel u l-baned Maltin jerġgħu jsiru l-benniena fejn jitrawmu mużiċisti Maltin. Iżda r-riżultati jaslu bil-mod.

Huwa fatt ieħor magħruf li l-baned Maltin qed jiffaċċjaw problemi finanzjarji minħabba li d-dħul tagħhom naqas bil-kbir u l-ispejjeż qed dejjem jiżdiedu. Dan ma tantx jawgura tajjeb kemm għall-baned Maltin iżda wisq aktar għall-futur tal-kultura mużikali Maltija. Għalhekk l-awtoritajiet għandhom jagħtu widen għal dawn il-problemi u jippruvaw jgħinu lill-baned Maltin biex jerġgħu jqumu fuq saqajhom. Importanti li lit-tfal u żgħażagħ ikunu mħarrġa ġewwa l-iskejjel biex japprezzaw il-mużika biex b'hekk ikun hemm aktar entużjażmu u ħeġġa biex jitgħallmu jdoqqu mal-baned. Sehem l-awtoritajiet għandu jkun ukoll li jgħinu lis-soċjetajiet mil-lat finanzjarju biex ikunu jistgħu jmexxu organizzazzjoni li tirrekjedi l-flus.

Il-futur tal-banda tagħna jidher li huwa sabiħ. Inkomplu naħdmu qatigħ biex inkabbru l-banda tagħna u nagħtu s-sehem tagħna fil-festa ta' Sant'Andrija kif ukoll fl-okkażjonijiet mużikali tal-pajjiż. Irridu nieħdu ħsieb tal-alljievi l-ġodda tagħna kif ukoll nippruvaw inħajru alljievi ġodda jingħaqdu magħna biex b'hekk insaħħu l-banda u nkomplu nilħqu l-iskop li għalih twaqqfet il-banda.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat Ċentrali, Assistent Surmast u l-għalliem tal-alljievi, lill-bandisti kollha tal-post, lill-Kummissjoni Banda u lil Melchior Portelli (ex-delegat tal-banda).

Nixtieqilkom l-festa t-tajba.


For all types of flags in :-
NYLON / WOOL
or
POLYESTER bunting.
We also supply wire ropes complete
with accessories for flag poles.
GAUCI BORDA & CO. LTD.


Flexicredit
Għal kull m'għandek bżonn.
Tista' tħallas lura s-self tiegħek fuq perjodu ta' 7 snin*
*Tapplika fuq self ta' €10,000 jew iktar.
Permezz tas-self Flexicredit, tista' twettaq il-pjanijiet tiegħek mingħajr telf ta' żmien għax nieħdu deċiżjoni mill-ewwel dwar l-applikazzjoni tiegħek.
Kemm jekk trid tixtri karozza ġdida jew second hand, tirranġa d-dar, tippjana tieġ, jew tmur fuq xi btala sabiħa, aħna nistgħu ngħinuk.
Jingħataw rati speċjali għall-klijenti tal-HSBC Premier u HSBC Advance.
Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa
HSBC







# It-Tagħlim tal-Mużika fis-Soċjetà Tagħna

## Messaġġ mill-Assistent Surmast

Norbert Camilleri

*A.L.C.M., L.V.C.M., L.Mus L.C.M., Dip. Sacred Music*

L-għan prinċipali ta' kull għaqda mużikali hu li tkattar it-tagħlim tal-mużika. Is-soċjetà mużikali tagħna minn dejjem ħadet ħsieb it-tagħlim tal-mużika u llum taħt it-tmexxija tas-Surmast John D. Zammit u tiegħi flimkien ma' Martin Camilleri fassalna pjan biex inħeġġu tfal ta' taħt it-tnax-il sena jitħarrġu fit-tagħlim mużikali, liema proġett diġà qiegħed iħalli l-frott mixtieq. Dan ma kienx ikun possibbli kieku ma kellniex l-għajnuna finanzjarja mill-fondi tal-Unjoni Ewropea mmexxija mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Jiena għandi f'idejja żgħażagħ li ħafna minnhom huma diġà bandisti tal-post li qed ikomplu jitħarrġu fit-tagħlim tal-mużika. Wieħed ma jistax ma jfaħħarx lil dawn iż-żgħażagħ għall-impenn li wrew biex stajna ntellgħu żewġ kunċerti, l-ewwel wieħed ġie mtella' fil-każin tagħna filwaqt li l-ieħor sar ġewwa l-Università flimkien ma' żgħażagħ minn baned oħra. Għal dan tal-aħħar kellna kliem ta' tifħir minn organizzazzjonijiet oħra għal mod kif għaqqadna t-tfal li daqqew ir-*recorder* flimkien ma' bandist żgħażagħ.

Ta' min wieħed jgħid li dan it-tagħlim qiegħed isir b'xejn għal dawn it-tfal. Barra minn hekk it-tfal li jkunu temmew il-kors bażiku fit-teorija tal-mużika jingħatalhom strument li jiġi ffinanzjat kollu kemm hu mis-soċjetà tagħna. Għaldaqstant il-każin qed jieħu ħsieb li jinvesti fi strumenti ġodda għal dawn it-tfal biex b'hekk ikunu jistgħu jkomplu fit-tagħlim tagħhom sakemm isiru tal-post. Dan kollu minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li s-soċjetà tagħna, bħal ħafna oħrajn, qiegħda tiltaqa' magħhom.

Huwa stat ta' fatt li tfal li jitgħallmu l-mużika bħala suġġett extra kurikulari, imorru aħjar fis-suġġetti l-oħra meta mqabbla ma' tfal oħra. Fost l-aktar benefiċċji li t-tfal żgur li jgawdu mill-edukazzjoni mużikali hemm l-iżvilupp ġenerali tat-tfal, fejn juru titjib fl-immaġinazzjoni u fil-memorja. Dan ma jfissirx li t-tfal kollha li jirċievu l-edukazzjoni mużikali jkollhom karriera f'dan il-qasam, iżda ċertament li dawn it-tfal jiżviluppaw moħħhom ferm aħjar minn dawk li ma jitgħallmux il-mużika. Għaldaqstant il-ġenituri kif ukoll l-għalliema ġewwa l-iskejjel, kemm dawk tal-Gvern kif ukoll dawk privati, għadhom iħeġġu lit-tfal tagħna biex jitgħallmu xi strument. Naħseb li għad m'hemmx biżżejjed għarfien fl-iskejjel tagħna fuq l-importanza tat-tagħlim tal-mużika.

Is-Soċjetà mużikali tagħna se tkompli bl-għan ewlieni tagħha, dak li teduka lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna fit-tagħlim mużikali.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex nawgura festa mill-isbaħ lill-Ħalluqin kollha.



NAXOS TYRE CENTRE
NAXOS CAR CENTRE
ALLOY WHEELS • TYRES • CAR ACCESSORIES
CAR CARE PRODUCTS • WHEEL BALANCING
BATTERIES & PUNCTURE REPAIR
St Thomas Street,
Luqa LQA 9033 • Malta
E-mail:
naxos@onvol.net
Website:
www.naxoscarcentre.com
Tel: 21 661 138
Fax: 21 800 227
Mob: 99 494 682
Racing Gear, Racing Accessories, Helmets, Steering Wheels, Gear Knobs, Pedal Sets, Bucket Seats Harnesses, FIA Roll Cages Strut Braces, Disks Breaks Extinguisher Systems and much more
OMP





# Ejjew inkabbru l-Festa!

## Messaġġ mill-Kappillan

Rev. Dun Gordon Refalo

Għeżież,

Wara l-festa tas-sena l-oħra, li kienet għalija l-ewwel festa bħala Kappillan ta' Ħal Luqa, diversi nies ikkummentaw miegħi dwar kemm għandna festa kbira u sabiħa. Jien qbilt magħhom. U oħrajn ikkummentaw dwar kif nistgħu nagħmlu l-festa isbaħ u ikbar. Jien hekk nixtieq ukoll, u għalhekk ser nissuġġerixxi li lkoll kemm aħna nagħmlu dawn l-affarjiet:

- Nieħdu sehem fil-funzjonijiet kollha fil-Knisja li jsiru matul il-festa.
- Nersqu viċin ta' Ġesù, kif għamel Sant'Andrija, permezz tal-qrar u t-tqarbin.
- Nagħmlu xi opra ta' karità.
- Nagħtu d-demm.
- Nifirħu u nferrħu, imma b'onestà u b'rispett lejn kulħadd.
- Inġibu l-għaqda u mhux il-firda.
- Napprezzaw li għandna diversità imma għandna iktar affarjiet li naqblu fuqhom.
- Ma nħallux il-pika ssir mibegħda.
- Kliemna jkun kliem li jixraq għal Festa Nisranija.
- Ejjew inkunu magħqudin tassew mal-Patrun tagħna Sant'Andrija li jridna nifirħu flimkien bħala poplu wieħed. Aħna kollha Ħalluqin.

Hekk nemmen li tikber u tisbieħ il-Festa. Għax festa sabiħa u kbira hija Festa li togħġob lil Alla u lil Sant'Andrija. Ix-xewqa tiegħi hi li niċċelebraw iktar flimkien. Hekk nitlob u hekk nittama.

**Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi l-funzjonijiet ġewwa l-Knisja Parrokkjali**

# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

***St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 2180 3017***







## Messaġġ mis-Sindku

John Schembri

Ħbieb,

Il-festa reġgħet magħna, u bħas-soltu qiegħed nieħu l-opportunità li ngħidilkom kelmtejn. L-ewwel nett, nixtieq ngħidilkom 'Prosit' talli kull sena tiddedikaw tant ħin għall-festa u għall-preparamenti neċessarji sabiex din tkun suċċess. Min jaf kemm tagħmlu sagrifiċċji sabiex tattendu għal-laqgħat u tipprattikaw is-siltiet mużikali li jkunu se jindaqqu. Bi pjaċir ngħid li n-numru ta' nies minn barra r-raħal li jiġu jgawdu l-festa tagħna donnu dejjem qed jiżdied. Dawn qajla jistgħu jimmaġinaw kemm taħbit u kemm sagrifiċċji huma meħtieġa minnkom sabiex il-festa tibqa' tkun is-suċċess li dejjem kienet. Sena wara sena, l-għażiż Patrun tagħna Sant'Andrija jiġi ffestiġġjat kif imiss, u kull sena s-soċjetajiet filarmoniċi qegħdin jagħtu servizz imprezzabbli lil ħuthom il-Ħal Luqin.

Nixtieq għalhekk nagħti l-prosit lill-kumitat li jmexxi lil din is-soċjetà, lil dawk kollha li jaħdmu u jippreparaw in-nar, li wara ħafna taħbit mal-awtoritajiet konċernati sa fl-aħħar ħareġ il-permess tan-nar, lis-sezzjoni tan-nisa, lill-inkarigati mill-ġbir ta' fondi kif ukoll lill-bandisti u s-surmast li jqattgħu tant ħin iħejju u jirfinaw il-kontributi mużikali tagħhom. Iżda ma nistgħux inħarsu biss lejn il-passat. Hemm bżonn li fost il-Ħal Luqin tkompli titnissel it-tradizzjoni ta' ħidma b'risq il-komunità tar-raħal.

Bħala Sindku jien nieħu pjaċir nara ż-żgħażagħ tagħna impenjati b'ħidma mal-banda Unjoni. Is-soċjetajiet filarmoniċi għandhom irwol importantissimu fl-opinjoni tiegħi, ċioè li jbegħdu liż-żgħażagħ mill-vizzji ħżiena bħalma huma l-għażż, l-aljenazzjoni u d-droga. Iżda l-aktar li nkun nixtieq nara fost l-għaqdiet ta' dan ir-raħal huwa r-rispett reċiproku u l-koperazzjoni flimkien bejn l-għaqdiet tagħna. B'sodifazzjon ninnota li din il-koperazzjoni llum il-ġurnata mhix limitata biss għall-jiem tal-festa.

Tidher ukoll f'avvenimenti oħrajn bħalma hija ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ħal Luqa fejn issir ukoll l-għotja ta' Ġieħ Ħal Luqa lil min ikun ta kontribut qawwi lir-raħal tiegħu, unur li din is-sena kien imiss lill-Onorevoli Silvio Schembri. Ħa niftehmu, il-fatt li għaqdiet jikkoperaw flimkien ma jfissirx li ma jibqax element ta' kompetizzjoni bejniethom, u Alla jħares ma jkunx hekk. Huwa meta l-kompetizzjoni tinbidel f'pika għamja u sfrenata li flok il-ġid tibda ssir il-ħsara!

Minkejja li kull sena ġġib magħha sfidi differenti, din is-soċjetà għarfet tilqa' għalihom b'ħila liema bħalha u bniet appoġġ qawwi u dedikat for il-Ħal Luqin. Jien naf x'jiġifieri tiddedika ruħek għal ħaddieħor u għas-soċjetà. Naf kemm jista' jkun diffiċli dan. Għalhekk

nagħmel appell minn qalbi sabiex aktar Ħal Luqin u anke Luqin li marru joqogħdu barra r-raħal jagħtu l-appoġġ tagħhom lil din is-soċjetà u jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha. Hemm bżonn li negħlbu l-apatija li ta' spiss theddidna u tfixkilna. Għax jekk inneħħu minn quddiem għajnejna ċ-ċpar tal-apatija. dlonk nintebħu kemm huwa tassew ta' sodifazzjon li wieħed jagħmel xi ħaġa għall-komunità tiegħu, megħjun minn kollegi li għandhom l-istess ideali, u b'rispett lejn il-maħbuba Patrun Sant'Andrija.

F'ismi u f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa, nawgura l-festa tajba lil-Luqin kollha.








# Sant'Andrija u l-Fidi

## Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

P. Adrian J. Cachia OFM

Qegħdin fis-sena tal-fidi li l-Papa Emeritus Benedittu XVI nieda. Għal dawn l-aħħar snin kull sena beda jintagħżel suġġett ħalli l-insara jifformaw dejjem moħħhom iżjed fl-istqarrija tal-fidi tagħhom kif jgħallimna San Pietru fl-ewwel ittra tiegħu li d-dixxiplu ta' Kristu, għandu jkun dejjem lest li jagħti tweġiba lil kull min jitlob l-għala tat-tama li għandu." (1 Pt. 3, 15)

Il-fidi mhijiex xi ħaġa astratta li ma tistax tfissirha għax mhijiex għajr relazzjoni ma' Alla. Issa bħal kull relazzjoni oħra tagħna biex tkun tista' tikber għax hi xi ħaġa ħajja trid tkun ikkurata. Per eżempju relazzjoni titlob li l-ewwel u qabel kollox tkun viċin. Il-preżenza hija importanti ħafna għax minnha tiġi l-komunikazzjoni. Hekk meta jkun hemm qsim ta' ħsibijiet u inizjattivi hekk mela r-relazzjoni tieħu l-ħajja u tissaħħaħ.

Aħna s-sena kollha nħarsu lejn Sant'Andrija imma naturali li dan iżjed nagħmluh fil-jiem tal-festa. Hekk nixtieq li naħsbu naqra fuq ir-relazzjoni ta' Indrì ma' Ġesù. Hekk dan minn meta ltaqa' miegħu fittex dejjem li jkun qribu. Tant li mar jiġri jsib lil ħuh Pietru biex jaqsam miegħu din ir-relazzjoni. Jidher ċert x'kien qed jifhem meta lil Pietru qallu sibna l-Messija. Minn hemm Indrì ma ħares qatt lura. Għalih il-Kelma tal-Mulej li beda jisma' u jixtarr bdiet tifformah. Xi ħaġa li bħalissa nirrifletti fuqha hi fuq dawk it-talin li jgħidu li jemmnu f'Alla ċioè li għandhom fidi imma mbagħad huma l-bogħod minn dak li jista' jkabbrilhom ir-relazzjoni tagħhom m'Alla għax m'għandhomx il-kelma u s-Sagramenti. Jeħtieġ li biex nikbru fil-fidi tagħna nfittxu l-ħwejjeġ t'Alla.

Dan nipproponi b'mod speċjali f'dawn il-jiem. Ma nħallux li jgħaddi kollox bla ma nkunu ħadna xejn.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

# Ħidmet il-Kummissjoni Banda

Martin Camilleri

L-attivitajiet tal-Banda ma waqfux minn wara l-festa f'Lulju 2012. Il-jiem tal-festa kienu suċċess għall-banda speċjalment il-programm tal-Ħamis li kien varjat u li jpaxxi l-widna. Programm li l-qofol tiegħu intlaħaq meta flimkien mal-banda ħadu sehem stakkament ta' *bagpipes* fejn ġiet interpretata s-silta magħrufa *Highland Cathedral*.

Minn wara l-festa inbeda x-xogħol fit-twettiq tal-ħolma tagħna biex ngħallmu lit-tfal l-mużika. Sapportjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, saret kampanja fost it-tfal li l-banda tagħna ser tibda kors ta' tagħlim tal-mużika. Kellna rispons qawwi u b'kollox kellna 22 tifel u tifla li rrispondew għas-sejħa tagħna.

Is-surmast beda bil-lezzjonijiet u t-tfal bdew jiġu mgħallma d-daqq tar-*recorder* flimkien ma' elementi bażiċi tal-mużika. Kien sajf iebes bis-surmast u t-tfal jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt jagħmlu l-lezzjonijiet. Fl-istess ħin bl-istess inizjattiva tal-Unjoni Ewropea bdew il-lezzjonijiet lill-bandisti żgħażagħ tagħna. B'din il-biċċa xogħol kienet fdata f'idejn l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u l-għalliem tal-aljievi Victor Borg.

F'Diċembru l-banda daqqet programm żgħir qabel il-Milied biex iddaħħal lill-membri, partitarji u l-poplu Ħal Luqi fl-atmosfera tal-Milied.

Il-qofol ta' dawn il-lezzjonijiet kollettivament ntlaħaq nhar it-18 ta' Jannar 2013, meta l-bandisti żgħażagħ tagħna u t-tfal taw esebizzjoni impekkabbli quddiem udjenza sabiħa ġewwa t-teatru tal-Università. L-attività kienet organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ għall-baned kollha biex jintwera x-xogħol li twettaq bil-fondi tal-Unjoni Ewropea. It-tfal u ż-żgħażagħ daqqew kemm separatament kif ukoll flimkien. Filwaqt li kien hemm ħafna baned li taw esebizzjoni tajba, t-tim tagħna kien l-aqwa wieħed dakinhar u ġabar ċapċip li jtarrax mill-udjenza preżenti.



L-attività maġġuri għall-banda wara l-festa kienet il-kunċert annwali. Dan il-kunċert kien suċċess ieħor taħt it-tmexxija tas-surmast John David Zammit. Il-kunċerti annwali qed jieħdu xejra differenti fejn l-istrateġija addotta qed tkun li l-kunċert ikun imħallat b'mużika klassika u dik pop u popolari.



Din is-sena kellna ħafna mużika ġdida, li kienet miżjuda fl-arkivju tagħna riċentament. Fejn tidħol il-mużika klassika wahda mill-biċċiet sbieħ kienet il-Vlatava li għalkemm tinstema sabiħa għall-widna kienet ferm impenjattiva għall-mużiċist. B'mużika bħal din inkunu qed nagħtu l-opportunità lill-mużiċist tagħna biex jitgħallem u jikber aktar fil-mużika. Ma kienx jonqos ukoll arranġament tal-assistent surmast kif ukoll biċċa mużika ġdida miktuba minn Neil Zammit.

Fil-programm ħadu sehem ukoll it-tfal il-ġodda li daqqew mal-banda għall-ewwel darba. Kienet esebizzjoni sabiħa ħafna li ġibdet l-attenzjoni ta' kulħadd. Il-qofol tal-programm intlaħaq bl-arranġament eċċezzjonali tas-surmast għall-*medley* ta' kanzunetti tal-grupp popolari BONEY M. Min ġie għal dan il-kunċert ħa ħafna pjaċir u għadda serata pjaċevoli.

Wara s-seduta ġenerali ta' Jannar ġiet iffurmata Kummissjoni Banda ġdida. Din mill-ewwel bdiet bl-impenji tagħha biex torganizza l-Ġimgħa l-Kbira u tieħu ħsieb u timmodernizza l-immaniġġjar tal-mużiċisti li jdoqqu mal-banda. Ix-xogħol huwa kbir f'dan is-settur u għadna għaddejjin qatigħ biex niżguraw li dejjem ikollna banda b'saħħitha waqt l-attivitajiet. Il-Kummissjoni Banda wkoll kompliet tmexxi l-inizjattiva tat-tagħlim tal-mużika biex din tkompli tikber. Il-fażi li jmiss hija li t-tfal tagħna issa jibdew jiġu mgħallma strument tal-banda u jibdew jidħlu aktar fid-dettall fil-mużika.

L-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa bdew bi programm qasir ta' marċi funebri nhar Ħadd-il Palm. Din is-sena l-banda kien imissha tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-programm tal-Ġimgħa l-Kbira kien suċċess ieħor għall-banda tagħna, li flimkien mal-banda ħadet sehem is-sopran ta' età tenera Federica Falzon. Dan juri l-impenn li għandha l-banda biex toffri opportunitajiet lil dawk kollha li jixtieqi jitgħallmu u juru t-talent tagħhom.

Wara dik il-ħarsa qasira minn dak li għaddiet il-banda matul is-sena 2012/2013, issa ninsabu lesti u nħarsu 'l quddiem biex ikollna festa sabiħa u divertenti. Nixtieq minn hawn nawgura l-festa t-tajba lill-partitarji u l-Ħalluqin kollha u jalla Sant'Andrija jżomm idejh fuqna u jgħinna negħlbu l-ostakoli li nsibu tul ħajjitna.



# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362  Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609   9987 1859**



# Ħidmet is-Sezzjoni Armar

Neil Zammit

Għal darb'oħra ġejna mistiedna mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni biex inwasslu l-messaġġ tagħna fl-okkażjoni tal-festa titulari ad unur Sant'Andrija Appostlu. Sena tgħaddi tiġri bħal ħolma u mill-ġdid qed niċċelebraw festa oħra, fejn matulha ngawdu frott il-ħidma li tkun saret mid-dilettanti tal-armar f'dawn l-aħħar tnax-il xahar.

Matul is-sena nżammu numru ta' seduti tal-kumitat fejn matulhom iddiskutejna bil-galbu kollu x-xogħol li kellu jiġi mwettaq, kemm mil-lat ta' manutenzjoni fuq l-armar eżistenti, kif ukoll ħidma fuq il-proġetti l-ġodda li nbdew matul dawn l-aħħar xhur. Dwar dan kollu se ssibu aktar dettalji 'l quddiem. Għall-benefiċċju tal-partitarji u l-qarrejja ta' dan il-ktieb annwali, il-kumitat tas-Sezzjoni Armar huwa kompost minn dawn il-membri - Joe Aquilina, Andrew Aquilina, Joseph Bezzina, John Camilleri, Andrè Farrugia, Clifford Micallef, Raymond Penza, Joseph Piscopo u Neil Zammit.

Intant, niġu issa għall-ħidma li saret matul din is-sena. Mill-proġett tal-pavaljuni u l-bandalori l-ġodda għal Triq Sant'Andrija, fadal biss x'jitlestew l-aħħar ftit bandalori mill-isfumar, kif ukoll is-sopraporti għal magħhom. Komplew jinħadmu l-irjus tal-bandalori, liema xogħol sar minn Joe u Andrew Aquilina, waqt li ġew indurati u sfumati minn Clifford Micallef. Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha li taw is-sehem tagħhom biex l-ispiża totali, setgħet titħallas fl-iqsar żmien possibbli. Grazzi mill-qalb lil Raymond Penza li personalment ħa l-inizjattiva biex ġabar il-flus kollha meħtieġa.



Jikkumplimenta lil dan il-proġett insibu wkoll il-liedna l-ġdida li s-sena l-oħra ntramat għall-ewwel darba wara nuqqas ta' ħafna snin. Fil-fatt, id-dehra ta' Triq Sant'Andrija kienet waħda tassew sabiħa, l-aktar nhar il-festa filgħaxija meta l-purċissjoni għaddiet minn tul din it-triq armata kif xieraq. F'dawn l-aħħar xhur, kompliet tinħadem il-liedna għall-parti ta' fuq ta' Triq Sant'Andrija biex issa din is-sena se narawha lesta kollha. Dan ix-xogħol sar mill-membri Joseph Piscopo, Neil Zammit u Andre Farrugia.

Proġett ieħor ta' manutenzjoni li ġie mwettaq matul din is-sena kien dak fuq il-brazzi li jintramaw fi Triq Sant'Andrija. Dawn il-brazzi ilhom jintramaw fil-festa għal numru ta' snin. L-aħħar darba li ġew restawrati kien madwar sittax-il sena ilu, għalhekk din is-sena nħasset il-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni biex jissewwew il-ħsarat li akkumulaw tul is-snin u jinżebgħu mill-ġdid biex jieħdu dehra ġdida. Clifford Micallef, Andrew Aquilina u Ġanni Formosa ħadu ħsieb il-manutenzjoni fuq il-brazzi u l-kolonni tagħhom, waqt li Lino Ciappara ħa ħsieb il-*welding* tal-brazzi fejn kien hemm bżonn. L-iskultura kollha ngħatat il-verniċ waqt li ħafna mill-weraq inżebgħu mill-ġdid.

Matul is-sena ħadna ħsieb ukoll li jiġu rħamati mill-ġdid it-tarġiet li jintramaw taħt it-trofej tal-pjazza kif ukoll it-tarġa l-kbira ta' taħt il-pedestall tal-Anġlu. Dan ix-xogħol sar kollu minn Andrew Vella. Inħadmu wkoll numru ta' *brackets* ġodda għal mal-antarjoli kollha fi Triq Sant'Andrija biex b'hekk ikunu jistgħu jintrabtu aħjar il-bandalori u l-pavaljuni. Dan ix-xogħol sar minn Andrew Bezzina.



Ħidmet is-Sezzjoni Armar kienet tinvolvi wkoll l-organizzazzjoni ta' numru ta' ikliet għall-membri u l-partitarji bħala *fund-raising*. Fil-fatt, minn wara l-festa tas-sena l-oħra saru tliet ikliet ġewwa s-sede tas-Soċjetà li għalihom attendew numru sabiħ ta' membri u familjari. Grazzi mill-qalb tmur lil John Zarb talli dejjem sibnih ta' għajnuna kbira fil-preparamenti meħtieġa u t-tisjir. Grazzi wkoll lil Raymond Penza, Joseph Piscopo, Clifford Micallef, Andrew Aquilina, Andrè Farrugia, Joseph Bezzina u Gareth Galdes għall-għajnuna fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet imsemmija, kif ukoll lil Anton Gatt (*barman*), Clayton Psaila (*Telstar Butcher*), Andrew Zarb (*Speedway Pizzeria*), Andrew Abdilla u Redent Piccione (*Pacman's Take Away*), Lino *s-sittin*, John Cauchi (*Phoenicia Bar*), Silvio Vassallo (*Easy Come Store*), Frankie Zahra (*Frankie Green Grocer)*, Pawlu Camilleri (*Paul Store*), Ġorġ Chircop (*Bon Chocolat*), u Giovanna Camilleri għall-kontribut u l-għajnuna minn naħa tagħhom matul is-sena. Nirringrazzjaw ukoll lill-Wisq Rev Kappillan Dun Gordon Refalo talli għoġbu jsellifna s-sala taċ-Ċentru Parrokkjali għat-tombla, kif ukoll lil Anthea Spiteri, Carmen Camilleri u Katy Galea għall-għajnuna siewja tagħhom f'dan ir-rigward. Grazzi wkoll lil Patrick Muxi, Andrew Micallef u Joe Jacono għall-għajnuna tagħhom biex setgħet tittella' l-wirja fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa b'risq is-Sezzjoni Armar.



Kif ħabbarna s-sena l-oħra, il-proġett ewlieni li daħlet għalih is-Sezzjoni Armar jikkonsisti f'pedestall u statwa ġdida li jirrappreżentaw il-



Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu. Dan il-proġett huwa wieħed ambizzjuż ferm. Minħabba l-ispiża kbira li jirrekjedi, dan ġie mifrux fuq kważi sentejn u nofs, bil-ħsieb li jiżżanżan komplut għall-festa tas-sena d-dieħla (2014). Wara numru ta' diskussjonijiet, ġie deċiż illi x-xogħol fl-injam għandu jiġi fdat f'idejn Joe Aquilina, mgħejjun minn Henry Camilleri, b'dan tal-aħħar se jieħu ħsieb ukoll l-iskultura kollha. Fil-fatt inxtara l-injam u x-xogħol ta' karpenterija diġà beda miexi b'ritmu tajjeb. Hawnhekk ta' min nirringrazzja lid-ditta *S&L Imports* ta' Ħal Luqa għall-għajnuna f'dan ir-rigward, kif ukoll lil Joe Aquilina u lil Henry Camilleri għall-impenn sħiħ minn naħa tagħhom. Nittamaw li wara l-festa, x-xogħol jibqa' għaddej b'dan ir-ritmu biex jitlesta kollox fil-ħin kif ippjanat.

Għaldaqstant, is-Sezzjoni Armar għal darb'oħra qed tilqa' donazzjonijiet b'risq dan il-proġett il-ġdid. Matul il-jiem tal-festa se jerġa' jkun esebit id-disinn ta' dan il-proġett biex il-membri jkunu jistgħu jaraw il-proġett propost. Nappellaw mill-ġdid għall-ġenerożità tagħkom is-soċi u l-partitarji, biex tgħinuna finanzjarjament ħalli din il-ħolma ssir tassew realtà fl-iqsar żmien possibbli. Kull min huwa interessat li jagħti l-offerta tiegħu ġentilment mitlub javviċina lil Raymond Penza jew lil Neil Zammit jew xi membru ieħor tal-kumitat tas-Sezzjoni Armar. Kull donazzjoni hija apprezzata mill-qalb.



Fl-aħħarnett inroddu ħajr lill-benefatturi kollha li matul is-sena jagħtu l-għajnuna tagħhom b'risq is-Sezzjoni Armar. Grazzi speċjalment tmur lil Lawrence Cassar għas-sostenn minn naħa tiegħu, kif ukoll lil Raymond Penza li dejjem sibnih ta' għajnuna meta kellna bżonn. Grazzi wkoll lill-membri kollha tal-kumitat tas-Sezzjoni Armar, li lkoll ħdimna id f'id matul din l-aħħar sena, kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu fil-ħidma tagħna b'risq l-armar tal-festa.

Viva Sant'Andrija Appostlu

Viva s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.


eretric ltd
We specialise in Sales, Repairs and Exchange
of Alternators, Starters and DC Motors
Vast selection of
12/24 V LED Lamps
available in stock
Eretric Ltd,
Il-Mithna Ta Caraffa Street, Luqa
Tel: 21 665 642, 21 821 769
www.eretric.com


Dione Mini Bus Service
Tel: 99429127





# Kuraġġ għall-Futur

## Messaġġ mil-Licensee

Joe Aquilina

Ħbieb,

Reġgħet għaddiet sena oħra u jiena, bħala *licensee* tas-*Saint Andrew's Fireworks Factory* reġa' għandi l-opportunità li nwassal dan il-messaġġ f'isem sħabi d-dilettanti tan-nar fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni.

Fil-messaġġ li kont għaddejtilkom fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont għedtilkom li l-Kumitat Ċentrali flimkien mal-Għaqda tan-Nar konna għaddejjin bil-ħidma tagħna sabiex insolvu l-problema tal-kamra tan-nar u nassiguraw li nibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħna. Wara li kellna bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, il-laqgħat komplew mal-għola awtoritajiet.

Sakemm qed nikteb dan il-messaġġ, l-Għaqda tan-Nar, permezz ta' laqgħa li kellna mal-awtoritajiet konċernati, konna nfurmati li se tingħata eċċezzjoni skont il-liġi sabiex aħna nkunu nistgħu naħdmu xi ħaġa tan-nar bil-limitazzjonijiet skont kif tippermetti l-liġi. Ta' din l-aħbar aħna nirringrazzjaw lill-awtoritajiet preżenti kif ukoll dawk preċedenti.

Bħala *Saint Andrew's Fireworks Factory* evalwajna s-sitwazzjoni u ż-żmien li kien għad fadal għall-festa, fejn l-ewwel u qabel kollox żammejna f'moħħna s-saħħa u s-sigurtà tagħna waqt li fl-istess ħin fassalna programm limitat għall-aħħar kemm f'nar tal-art kif ukoll nar tal-ajru għall-festa ta' din is-sena. Dan minħabba ċ-ċirkostanzi li kellna naffaċċjaw u li ma kellniex kontrol fuqhom.

Jalla Sant'Andrija jibqa' jżomm idejh fuqna u minn hawn 'il quddiem nimxu ħalli l-ħolma li jkollna post tan-nar kif tippermetti l-liġi ssir realtà. Jiena nagħmel l-appell biex kif diġà bdejna bi skema ta' ġbir ta' fondi, intom il-partitarji ajklieri tgħinuna mill-aħjar li tistgħu biex isir dan il-proġett li mingħajru ninsabu ċerti li kollox ikollu jieqaf ħesrem.



Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

Viva Sant'Andrija.

# HUSYL

## HOUSEHOLD & GIFTWARE

NEW STREET LUQA

TEL. 21677955 / 99471706







Issibu tixtru affarijiet ghall-bzonnijiet tad-dar bhal
Loose furniture, Linef, Kwadri u Mirja ta kull daqs,
Settijiet tal-kmamar tas-sodda, Saqqijiet, Borom,
Fans u Heaters, BBQ sets u kif ukoll home appliances.

NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LILL-HALLUQIN KOLLHA.





# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa

Għeżież Ħalluqin.

Il-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija reġgħet waslet.

Din is-sena, bħall-oħrajn kienet sena impenjattiva għalina bħala kumitat tan-nisa. Saru diversi attivitajiet fosthom *coffee mornings* ta' kull xahar li ma jaqtgħu xejn matul is-sena kollha, kif ukoll il-*party* tal-Milied tat-tfal.

Bħala kumitat nagħtu daqqa t'id lis-sotto kumitati meta jkollhom bżonn. Nirringrazzjaw lil kull min jattendi l-attivitajiet li norganizzaw għax bl-għajnuna tagħhom jinġabru l-fondi għall-każin. Grazzi tmur għall-*helpers* kollha għax dejjem ikunu ta' għajnuna kbira. Nieħdu din l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lill-kumitat ċentrali tal-ħidma li għamlu dawn l-aħħar sentejn u nawguraw kull suċċess lill-kumitat preżenti.

Nagħlqu billi nawguraw minn qalbna l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha b'mod speċjali lill-membri tagħhom u l-familji tagħhom.

Viva Sant'Andrija.

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
tawgura l-Festa t-Tajba
lill-Ħalluqin kollha,
b'mod speċjali
lil dawk li jaħdmu kontinwament
b'imħabba u devozzjoni
f'ġieħ il-Patrun
Sant'Andrija Appostlu



# Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

Kitba ta' Dylan Spiteri

Għeżiez ħbieb,

Issa li waslet il-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija xtaqt naqsam magħkom din l-ewwel esperjenza tiegħi bħala president tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri. Nistqarr li ma kinitx faċli naċċetta din il-kariga imma grazzi għall-fiduċja tal-membri l-oħra tas-sezzjoni kont inħossni qed nonqos li ma naċċettax. Nonqos! Għax meta nħares lura lejn is-snin li qattajt membru tal-istess sezzjoni ninduna li għalkemm tajt u ħdimt, kont jien stess li qlajt u tgħallimt. Li taħdem f'sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tagħna huwa ta' prestiġju u ta' dan jien onorat.

Il-ħidma matul is-sena ma tkunx dejjem f'inżul, pjuttost jitfaċċaw tlajjiet li ma tkunx qed tistenna li ħa ssib ma' wiċċek. Imma bħala SŻA dejjem emminna li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa. Ta' dan nista' nixhed jien li hekk kif xammarna l-kmiem u erġajna tajna l-grinta mill-ewwel beda jidher il-frott mixtieq u hekk bi ħsibna nkomplu nagħmlu.

Il-prijorità dejjem kienet l-involviment ta' ħafna u iktar żgħażagħ. Bil-ħajja li qed ngħixu llum ikolli nistqarr li dan mhux daqshekk faċli. Għalkemm komplejna fuq dak li ħallew ta' qabilna nemmnu li hemm ħafna iktar xi jsir. Fil-fatt bħala attivitajiet matul is-sena rajna li dawk li kienu u naqsu dan l-aħħar erġajna tajnihom l-importanza tagħhom bħat-*tournament* tal-*playstation* u l-*football*. Imma żgur li rridu nagħmlu iktar. L-ideat il-ġodda tas-sena l-oħra bħall-isparatura, l-*pool party* u l-famuża *Bingo 250* jgħinuna kemm biex nintegraw ma' diversi membri tas-Soċjetà kif ukoll mill-att finanzjarju. Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus u l-istess aħna.

Kull aspirazzjoni u proġett li nagħmlu jinkludu talba finanzjarja kbira. Kieku proġetti jkollna ħafna imma mhux faċli twettaq kollox. Biss meta nagħtu ħarsa ħafifa lejn is-sena l-oħra tkun wisq faċli nsemmi xi proġetti li kienu ta' suċċess.

Grazzi għall-inizjattiva ta' membri tas-Soċjetà flimkien ma' ħidma kordinata magħna s-Sezzjoni Żgħażagħ tellajna wieħed mill-aqwa *tribute concerts* f'Ħal Luqa, dak tal-*U2UK*. M'hemmx għalfejn inżid ħafna kliem dwar din l-attività, il-prodott finali kien jitkellem waħdu. L-organizzazzjoni mpekkabbli li saret u l-mod ta' kif tmexxa kollox kien fenomenali.

Il-marċ tradizzjonali ta' lejlet il-festa għat-tlugħ tal-Anġlu huwa spettaklu minnu nnifsu u dawn l-aħħar it-tradizzjoni żdiedet bi gran final ieħor tal-kaxxa tal-karti u s-sena l-oħra ma nqasnix. Ħdimna s-sistema li minflok kaxxa tal-karti biss mat-tarġ kellna d-dawramejt tal-pjazza kollha.

Nistqarr magħkom ħbieb li nara l-filmati wkoll jaqbadni l-bard, għall-atmosfera maġika li jkollna f'dak il-mument. U biex nagħlqu ġimgħa mpenjattiva, imorru sax-xalata.

Tradizzjoni li kienet qed tmajna dan l-aħħar, iżda issa dawn l-aħħar sentejn tajniha l-ħajja. Għala le m'għandix immorru niċċelebraw flimkien is-suċċess li jkun inkiseb wara sena ħidma. U xi ngħidu għall-idea tad-*double decker* kemm intlaqgħet tajjeb.

Proġetti li nixtiequ hemm bil-bosta u jekk nibda ma nieqafx u dan kollu uġigħ ta' ras għall-kaxxier. U minn hawn nixtieq insellem lil Anthea Spiteri, eks kaxxiera tas-SŻA li għal sitt snin dejjem kienet responsabbli u leali lejn din is-sezzjoni. Nawgura lill-kaxxier il-ġdid Matthew Camilleri li kellu biċċa xogħol mhux faċli dis-sena.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi l-ewwelnett nirringrazzja lil sħabi tas-SŻA tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom. Lill-Kumitat Ċentrali tal-fiduċja fina u lis-Sezzjonijiet u għaqdiet fi ħdan is-Soċjetà li naħdmu bħal katina għall-festa. Iżda fuq kollox nixtieq nirringrazzja lill-familji tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina u lilkom li qed taqraw dan il-messaġġ ngħidilkom kif jgħid il-kliem tal-innu wisq sabiħ tagħna:-

Ejjew ħalluqin, ejjew mal-banda ta' dan il-każin, insellmu bil-ferħ u ġieħ lill-padrun tagħna ferħanin.

Viva Sant'Andrija.

Viva l-Banda L-Unjoni l-Ewwel Banda Ħalluqija.


COMPUTER BARGAINS™

Computer Systems, Notebooks, Upgrades, Repairs, Peripherals and Networking

Computer Bargains
Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 1250
Tel/Fax: +356 2167 7999
Mob: 9945 3187.
www.computerbargains.com
Email: compbargains@onvol.net
info@computerbargainsmalta.com





Tal-Parrina

BOTTLE SHOP • CONFECTIONERY • CAFETTERIA

**Daily fresh baguettes, ice-cream, frozen food, large selection of wines & spirits, hot snacks**

**We accept orders for private functions**



***Tel: 21802300***

***Triq Sant'Andrija Luqa***

***(Quddiem l-Iskola)***

***Miftuħin mit-Tnejn sal-Ħadd,***

***06:00am sa 09:00pm***

# Radju Sant'Andrija 88.4fm

Ray Saliba

Waslet festa oħra u dan ifisser li r-Radju Sant'Andrija jerġa' jżomm l-appuntament magħkom għal skeda oħra fuq il-frekwenza ta' 88.4 FM. Kif konna ħabbarna s-sena l-oħra l-istazzjon tagħna għadda minn proċess ta' immodernizzar kbir f'dak li huwa apparat, kemm ġewwa l-i*studios* kif ukoll f'dak li huwa xandiriet minn barra l-istazzjon tagħna. B'hekk stajna nibnu *studios* tal-ogħla livell u kwalità. Fil-fatt fl-iskeda ta' Novembru li għadda żanżanna l-apparat kollu u b'sodisfazzjon ngħid li kien ta' esperjenza pożittiva ħafna għal dawk il-preżentaturi li xandru f'dik l-iskeda.

Issa l-pass li jmiss huwa li nħeġġu aktar żgħażagħ Luqin jingħaqdu magħna ħalli nkomplu ntejbu l-kwalità u l-varjazzjoni fil-programmi tagħna. Ta' min jgħid li aħna bħala stazzjon ġejna rikonoxxuti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki għall-ħidma tagħna lejn il-komunità u b'hekk nistgħu nagħtu korsijiet lill-istudenti tagħna u wara noħorġulhom ċertifikat għall-kors li jkunu għamlu. Għalhekk nerġa' nħeġġiġkom biex tingħaqdu magħna u tkunu parti mis-suċċess ta' dan l-istazzjon komunitarju ta' Ħal Luqa li mill-bidu tiegħu kien ta' servizz lejn ħutna l-emigranti kif ukoll għal dawk li ma setgħux jattendu u jgawdu l-festa magħna.

Bħas-soltu ħejjejna skeda li tolqot lill-gosti ta' kulħadd... programmi varji kemm dawk mużikali, tal-marċi, programmi dwar is-Soċjetà tagħna, programmi ta' tagħrif dwar Ħal Luqa, kif ukoll ma tonqosx informazzjoni dwar dak kollu li jkun qiegħed jiġri fil-parroċċa tagħna u fit-toroq ewlenin ta' Ħal Luqa.



*Waqt żjara tal-Kappillan Dun Gordon Refalo fl-istudios ta' Radju Sant'Andrija.*

Inħeġġiġkom illi tgħidu lil ħutna l-emigranti biex issegwu l-istazzjon tagħna permezz ta' *live streaming* fuq *www.unionbandmalta.org* u b'hekk huma wkoll ikunu jistgħu jsegwu dak kollu li jkun qiegħed jiġri ġewwa r-raħal tagħna.

Waqt li f'isem l-istazzjon nirringrazzjakom għall-appoġġ kontinwu tagħkom, nixtieqilkom festa mill-aqwa għad unur tal-Patrun tagħna Sant'Andrija u Martri ta' Sidna Ġesù Kristu.

SilJoe garage

**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**

Gate Street Luqa

Tel: 2166 3576 - 2166 6098  Mobile: 9949 5993

THE CORE
BEAUTY CLINIC

**... where Beauty is at Heart**

213, Carmel Street, Luqa LQA 1314 -- 2166 3337 / 9927 3375

Opening Hours - Mon 1pm to 9pm -- Tue 9am to 4pm -- Thu 9am to 4pm -- Fri 9am to 9pm -- Sat 9am to 4pm

Guinot & Mary Cohr Customised Facials -- Guinot & Mary Cohr Anti-ageing Treatments --
Guinot Non Surgical Facial Lifting Treatments --
Electroloysis & Waxing -- Manicures -- Pedicures --
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage -- Holistic Massage -- Slimming Programmes

GUINOT PUPA GUAM MARY COHR



# www.unionbandmalta.org

## Mill-websajt tas-Soċjetà

Kevin M. Camilleri

Permezz tas-sit elettroniku tas-Soċjetà wieħed jista' jżomm ruħu aġġornat dwar dak kollu li jkun qed jiġri fi ħdan il-każin tagħna. Bi pjaċir ngħid li matul dawn l-aħħar xhur, il-websajt u l-*facebook* tas-Soċjetà komplew iżidu fil-popolarità. Xhieda ta' dan huwa n-numru ta' nies li kontinwament qed jidħlu jżuru l-paġni tagħna. Dan ikompli jimliena bil-kuraġġ sabiex inkomplu naħdmu aktar f'dan il-qasam.

Rokna li bla dubju kienet tiġbed ħafna interess, kemm mill-Maltin u anke mill-barranin, hija r-rokna dwar il-piroteknika. Sfortunatament, minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom, m'għandniex materjal ġdid li nistgħu naqsmu magħkom. Nispera li din il-problema tiġi riżolta mill-aktar fis possibli sabiex inkomplu naġġornawkom b'materjal ġdid.

Permezz ta' dawn il-kelmtejn, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtuna kull tip ta' materjal biex inkomplu nagħmlu s-sit tagħna mill-aktar interessanti. Napprezzaw ħafna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom.

Bħas-soltu, infakkarkom li matul il-ġranet tal-festa u wara, wieħed jista' jsib *videos* u ritratti tal-festa ta' din is-sena. Nwegħdukom il-ħidma tagħna, dejjem f'ġieħ Sant'Andrija u s-Soċjetà u l-Banda L-Unjoni.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.






Rubens

PHOTOGRAPHY

*Passport Photos*
*Photosessions*
*Weddings*



*Studio Triq l - Imsida, St. Venera* *Mob.:99869872/Tel: 21806281*
*Email: rubens@maltanet.net*





# Sant’Andrija l-uniku qaddis

## Messaġġ mill-Viċi Parroku

Rev. Dun Charles Cini

Il-Festa reġgħet magħna u kif dejjem nagħmlu, nagħtu l-isbaħ ġieħ lill-Patrun tagħna, il-qaddis appostlu, Sant’Andrija, li jibqa’ dejjem imsemmi u mfakkar għall-fatt li hu kien l-ewwel wieħed li emmen. Sant’Andrija nistgħu nikkunsidrawh bħala l-**uniku** qaddis li kien l-ewwel wieħed li emmen fi Kristu. Għandna għalxiex inkunu kburin aħna l-Ħal Luqin! Kien propju fil-Vanġelu ta’ San Ġwann li nsibu dan il-kliem li ġej: “Wieħed mit-tnejn li semgħu x’kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indri, ħu Xmun Pietru. L-ewwel m’għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: Sibna l-Messija”. (Ġw 1,40-41). Dan ir-rakkont huwa l-uniku rakkont li jurina kif Sant’Andrija kien l-ewwel dixxiplu, l-ewwel li emmen fi Kristu.

Mela huwa xieraq u tajjeb li nkunu kburin, bil-qaddis tagħna u bir-raħal tagħna, b’din l-unika festa f’pajjiżna f’ġieħ Sant’Andrija. Il-fidi ta’ Sant’Andrija għandha turi l-bidu tal-fidi tagħna l-Insara f’Sidna Ġesù Kristu, għax aħna bħal Indrì għarafna lil Kristu bħala l-messija tagħna. Mela jekk qegħdin infakkru dan il-qaddis allura aħna nfakkru biċ-ċar dan it-twemmin. Jien personalment dejjem taffaxxinani, il-fatt meta jiġu t-turisti jżuruna fi żmien tal-festi. Dejjem narahom jiskantaw kif aħna l-Maltin f’din id-daqsxejn ta’ gżira, aħna kapaċi ntellgħu festi daqshekk sbieħ u kbar, li nistgħu nsejħulhom uniċi fid-dinja. Kull festa li nagħmlu dejjem marbuta ma’ xi qaddis u mal-Knisja, għaliex l-istatwa titulari hija l-qofol tal-festa kollha. Għall-barranin spiss jarawna kif aħna nuru l-Fidi tagħna bħala Nsara qisu nistħajjel kif wera Sant’Andrija meta ltaqa’ ma’ Ġesù. Qisu donnu l-istess ħaġa meta Sant’Andrija mar għand ħuh ferħan fil-mument meta kellu din il-laqgħa ma’ Ġesù.

Iżda jien nara wkoll l-istess barranin jistaqsu dwar l-istil tal-ħajja tagħna bħal eżempju: kif nilbsu, kif nitkellmu, kif inġibu ruħna ma’ xulxin, u kif nirrispettaw lil xulxin, ħafna drabi dawn l-istess turisti ma jifhmux kif aħna nħaddnu din l-Fidi u ngħixu hekk.

Għalhekk il-mistoqsija għandha tiġi weħidha. Aħna l-Ħal Luqin, li qed nagħmlu ċelebrazzjoni daqshekk kbira u sabiħa f’ġieħ Sant’Andrija, qegħdin inkunu bħal qaddis tagħna ferħanin għax nemmnu f’dan Ġesù? Jekk le allura qed niġu fi kliem il-Papa preċedenti, Benedittu XVI meta qal: “Fi żminijietna qed iseħħ fenomenu partikularment perikoluż għall-fidi: fil-fatt hemm forma ta’ ateiżmu li nsejħulu “prattiku”, fejn ma jiġux miċħuda l-veritajiet tal-fidi jew ir-riti reliġjużi, imma sempliċiment huma meqjusa rrelevanti għall-ħajja ta’ kuljum, maqtugħin mill-ħajja, inutli. Spiss, allura, wieħed jemmen f’Alla b’mod superfiċjali, u jgħix “bħallikieku Alla ma kienx jeżisti”. Fl-aħħar, imma, dan l-istil ta’ ħajja jispiċċa iwassal għall-indifferenza lejn il-fidi u lejn il-kwistjoni ta’ Alla.” (Benedittu XVI, *Udjenza Ġenerali 14 ta’ Novembru 2012*).

Nikkonkludi billi minn qalbi nixtieq il-Festa t-Tajba lil kullħadd, festa tajba tfisser tagħmel ġieħ lir-raħal u lill-qaddis Patrun tagħna.

# LUQA ST.ANDREW'S FOOTBALL CLUB



XORB ĠENWIN U APPETIŻERS SERVUTI MAD-DRINKS

JINTWERA FOOTBALL LIVE FUQ BIG SCREEN U FLATSCREEN TV

NAĊĊETTAW BOOKINGS GĦAL-IKLIET U FENKATI

JISTA JINTLGĦAB DARTS GĦAD-DILETTANTI U PROFESSJONISTI

INDIRIZZ: 210, NEW STREET, LUQA ▪ GĦAL-BOOKINGS ĊEMPEL LILL-GEJTU "IL-BELLS" FUQ: +356 99471331

# ANDREW'S GARAGE LTD.

Certified from MSA to repair class A, B, C, D, E, F, G

Qormi Road, Luqa • Tel: 2122 6311, 7922 6311, 9929 6311 • Email: andrewsg@go.net.mt

Product Certification MSA

FULL ACCIDENT REPAIRS

PANEL BEATING & SPRAY PAINTING







- *JIG Car Alignment*
- *Oven Baked Spray*
- *Car Body Spot Welding System*
- *Bonded Windscreen*
- *Mechanical Repairs*
- *Rust Proofing*
- *Complete Servicing For Your Car*

DMS
IMPORT EXPORT

**D.M.S. Import / Export Co. Ltd.**

Fresh & Frozen Foods Importers / Manufacturers / Distributors

Patri Pelagju Str., Zebbug ZBG 3037, Malta
E.mail: dms@global.net.mt
Tel: (+356) 21 466 288 • Mob: 9944 2026
Fax: (+356) 21 464 974

# Hairography

'Show off your hair'



Misrah Guze Flores
Qormi

2144 2450
7909 3997

by Lara Bartolo



# CARMEL'S

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm





# Mill-Għaqda Każini tal-Banda

Avukat Noel Camilleri
*President tal-Għaqda*

L-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda kienu u għadhom punt importanti fil-komunità tagħna anke jekk illum, fi żminijietna, minħabba diversi raġunijiet din l-importanza naqset xi ftit. Madankollu meta wieħed jirrifletti, jirrealizza kemm għandhom, matul is-sena kollha b'mod partikolari fil-festi jagħmlu ħafna xogħol fuq bażi volontarja għall-ġid tal-ibliet u rħula tagħna. Dan l-involviment kontinwu tagħna għandu jkun wieħed imsejjes fuq rispett reċiproku għal kull min huwa involut speċjalment fil-festi tagħna għaliex dawn huma espressjoni reliġjuża imma anke waħda kulturali u tradizzjoni tal-poplu tagħna. Mhuwiex ħaġa ta' ġid li bħala Għaqda jew Soċjetà tħossha li hija inferjuri lejn xi ħadd jew lejn xi entità oħra. Huwa dritt li hija tħoss li hija ugwali għal kull min għandu xi sehem fl-organizzazzjoni tal-festa iżda bl-obbligu li tirrispetta dak li jiġi deċiż minn kull min huwa involut. Huwa importanti li kull Għaqda u Soċjetà tagħraf li l-aġir tagħha huwa dejjem taħt skrutinju u għalhekk irridu nuru kemm aħna serji f'dak li nkunu qegħdin nagħmlu.

Irridu nuru li filwaqt li ngħożżu t-tradizzjonijiet tagħna, nafu wkoll naġġornaw irwieħna mingħajr ma ninsew minn fejn bdejna u kemm impenjaw irwieħhom missirijietna biex l-Għaqda jew Soċjetà hi li hi llum. Huwa proprja għalhekk li rridu noqogħdu attenti li ma nħallux min jipprova jkisser ix-xogħol siewi li jsir anke minn dawk li jagħtu l-impressjoni li għandhom għal qalbhom l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda. Huwa ferm importanti li wieħed ifakkar li kull soċjetà jew għaqda hija parti mis-sistema edukattiva ta' pajjiżna għaliex it-tagħlim, li jsir mingħajr ħlas, speċjalment dak tal-mużika, huwa fih innifsu formazzjoni edukattiva mhux formali li tgħin biex membru tal-komunità jkattar l-intelliġenza tiegħu u anke sens ta' dixxiplina. Barra minn hekk it-tagħlim tal-mużika fih innifsu jgħin mhux biss biex jitkattar l-apprezzament lejn il-mużika imma anke terapija għas-saħħa.

Fl-Għaqdiet u Soċjetajiet isir ħafna ġid, jekk dawn jitmexxew kif jixraq u jirrifletti l-veru sens ta' dixxiplina, integrità u kontabilità. Dawn huma tliet pilastri biex l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet ikomplu jikbru u hekk ikunu ta' eżempju lill-komunità. Ma' dawn wieħed iżid is-solidarjetà għaliex meta tingħata l-għajnuna lil min ikollu bżonn anke jekk tkun Għaqda jew Soċjetà oħra l-ġid li jkun qed isir ikollu effett li jitwessa' li jgħin biex il-ħidma tkompli tinfirex.

Għalhekk filwaqt li nawgura l-festa t-tajba nfakkar biex l-impenn tal-Għaqda jew Soċjetà jkun wieħed matur u dixxiplinat biex bil-prattika tintwera r-rieda li l-festa tkompli tikber b'mod moderat u mingħajr esaġerazzjonijiet kemm mil-lat reliġjuż imma anke mill-aspett kulturali u tradizzjonali tagħha.




# International Forwarders




*We offer*

- European Car Transport
- Weekly Groupage from Italy
- Daily Groupage from Sicily
- Dry/Chilled/Frozen Transport
- Full/Part Loads Available

+356 2339 2250 | +356 9900 3152
jacobsmalta@gmail.com


pizza
PETRUS
I love my cheezy crown!
A truly
Maltese
Speciality
by
available at
Discount Depot
CASH & CARRY
2166 3304





# Għarfien tat-tagħlim informali fiċ-Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja

Kitba tal-Kav. Anthony M DeGabriele
*Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni*

Kull wieħed u waħda minna jiftakar iċ-Ċertifikat li konna nieħdu wara l-iskola sekondarja. Kien sempliċement lista tas-suġġetti studjati l-iskola bil-marka li nkunu ġibna fl-eżami annwali tal-ħames sena fl-iskola sekondarja. Kien ikun hemm ukoll kumment fuq l-imġiba u l-attendenza.

Illum l-istudenti tagħna, hekk kif ilestu l-istudji tagħhom fl-iskola sekondarja, jingħataw Ċertifikat differenti għall-aħħar. M'għadniex ngħidulu *School Leaving Certificate* iżda **Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja (Secondary School Certificate and Profile)**. U ta' min jisħaq li dan il-format taċ-Ċertifikat huwa mibni fuq il-Profil tal-istudent għaliex fih jidher it-tagħlim f'kull forma tiegħu li jkun għamel l-istudent matul il-ħames snin: kemm it-tagħlim formali (li jsir fil-klassi), dak mhux formali (li jsir waqt il-ħin tal-iskola iżda fil-*break*) u dak informali (dak li jsir wara l-ħin tal-iskola). Barra minn hekk, dan iċ-Ċertifikat jinkludi fih ukoll il-kwalitajiet personali tal-istudent u l-attendenza fl-iskola. Dan kollu jagħmel miċ-ċertifikat, profil sħiħ tal-esperjenza edukattiva sekondarja.

Tradizzjonalment, dejjem fhimna t-tagħlim bħala proċess li jsir fil-klassi tal-iskola. Imma l-esperjenza turi li t-tagħlim iseħħ ukoll lil hinn mill-klassi formali tal-iskola. U din mhix xi ħaġa ġdida! Wieħed jista' jitgħallem kullimkien: fil-komunità, id-dar, fil-klabbs, fuq il-post tax-xogħol, fil-każin tal-banda, fl-oratorju… kullimkien. Huwa għalhekk li dawn l-opportunitajiet ta' tagħlim, lil hinn mill-klassi formali, jissejħu tagħlim informali. Dawn l-opportunitajiet jingħataw lil kulħadd minn organizzazzjonijiet ta' kull xeħta bħal, ngħidu aħna, reliġjużi, filarmoniċi, soċjali, volontarji. U s-sabiħ ta' dan it-tip ta' tagħlim huwa li jista' jseħħ kull ħin u kullimkien u jista' faċilment jiġi adattat għall-bżonnijiet tal-individwu jew tal-organizzazzjoni jew saħansitra tal-komunità.

Iċ-Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja jagħti l-opportunità lill-istudenti kollha li jkollhom kwalifika fl-aħħar taċ-ċiklu tal-istudju sekondarju tagħhom ta' ħames snin jekk dawn jirnexxilhom jimxu skont ċerti kriterji. Dan għaliex iċ-ċertifikat li jingħata lill-istudent jista' jkun ta' livell 1 jew ta' livell 2 tal-iskala tal-Kunsill Malti tal-Kwalifiki (KMK). Naturalment, il-livell mogħti lill-istudent, jiddependi jekk l-istudent jirrispettax il-kriterji stabbiliti sabiex jintlaħaq dak il-livell partikulari.

Huwa ta' pjaċir kbir tara li llum l-istudent jingħata kreditu fiċ-ċertifikat sekondarju tiegħu għat-tagħlim li jkun ħa barra mill-ħitan tal-iskola. Dawn huma kollha esperjenzi li jkomplu jgħinu lill-istudent jikber fl-għerf tiegħu waqt li jieħu pjaċir jitgħallem. Madanakollu, huwa importanti li nifhmu li s-soċjetà jew il-grupp, l-istituzzjoni jew l-individwu għand min imur jitgħallem l-istudent wara l-ħin tal-iskola jridu jkunu reġistrati mal-KMK sabiex ikunu jistgħu jiċċertifikaw li l-istudent ikun għamel kors jew tgħallem għandhom.

Din ir-reġistrazzjoni tista' ssir faċilment fuq l-Internet fuq is-sit http://www.mqc.gov.mt/qualificationform?l=1. Wara li ssir ir-reġistrazzjoni, il-KMK jevalwa t-talba li ssirlu u, jekk jaċċettaha, jagħti numru (magħruf bħala *SLC number*) lill-applikant. Dan in-numru mbagħad, jinkiteb fuq il-formula li l-istudent irid jimla biex l-iskola tagħraf it-tagħlim informali tiegħu.

Huwa inkoraġġanti naraw li llum l-istudent qed jingħata kreditu għat-tagħlim li qed jagħmel barra mill-iskola. Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jinkoraġġixxi lill-entitajiet li joffru tagħlim ta' kwalità sabiex dawn jirreġistraw mal-KMK u b'hekk igawdu l-istudenti li qed ikomplu jagħmlu l-almu tagħhom sabiex iwessgħu t-tagħlim tagħhom barra s-sigħat tal-iskola.





LUQA ST. ANDREW'S F.C.
Youth Nursery A.D. 1988
Tixtieq tagħmel ħbieb ġodda?
Tixtieq tkun sportivament attiv?
Għandek eta' bejn il-5 u s-17-il sena?
Issieħeb man-Nursery ta' Ħal Luqa
u għamel użu mill-faċilitajiet
eċċellenti li għandna
Jistgħu japplikaw subien u bniet.
Taħriġ isir fi 3 pitches moderni
attrezzati b'synthetic turf
fl-iSkola Primarja, fil-Kumpless Sportiv
u fil-Ground Ġdid f'San Vinċenz de Paule
Ċempel fuq 9986 8730 jew iġbor formola
mill-Kumpless Sportiv jew mill-internet fuq:
www.luqastandrewsfc.org







# Innu lill-Banda L-Unjoni

Fost il-ferħ int twelidt banda tagħna
Kollok hena, ferħ u ġieħ
Aħna lkoll flimkien insellmu ferħanin
B'dan l-innu wisq ferrieħ.

Inti magħna turi l-qima
Lill-Appostlu Sant'Andrija
Bħalna tifraħ bid-daqq ħelu
Tagħtih ġieħ b'qalb ferriħija.

Ilkoll ferħanin f'dal-jum kollu ferħ u sabiħ
Inxerrdu bil-qalb
B'leħinna dan l-innu ferrieħ
Ejjew Ħalluqin
Mal-banda ta' dan il-każin
Insellmu bil-ferħ u l-ġieħ
Lill-Qaddis tagħna ferħanin.

Versi - Dun Frans Camilleri
Mużika - Joseph Abela Scolaro *F.L.C.M.*


NEWWES
NEWWES
NEWWES
Horace Spiteri
Tan-Newwes
HRS-017
IP-012
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta jew ta' Barra • Fjuri • Reffija • Permessi
• Karozzi tal-Mejtin • Karozzi Privati • Xandir fuq ir-Radju • Santi • Defina
u dak kollu li għandhom x'jaqsmu mal-Funerali.
Prezzijiet Moderati
24 Siegha Servizz
'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele. Żejtun
Mobile: 9949 8829 • Tel: 2169 4212 / 2169 3247


St. Andrew Fireworks
Factory, Luqa, Malta
www.unionbandmalta.org

# POWER IONICS

**Titanium & Germanium Collection**

*Health & Fashion Bracelets / Necklaces*

**Silvan Agius** *Exclusive Distributor in Malta*

Mob: **9946 2434**
Email: **sil_agius@hotmail.co.uk**

Find us on: facebook





# U2UK f'Ħal Luqa
## 15.06.12

Kitba ta' Clayton Psaila

Għeżież ħbieb,

Għaddiet sena minn meta għamilna wieħed mill-akbar avvenimenti li baqa' miktub fl-istorja tas-Soċjetà. U2UK kien kunċert li jien flimkien ma' sħabi ħdimna bis-sħiħ fuqu.

Kien eżatt ġimgħa wara l-festa tal-2011 meta l-kollega Sean Schembri rċieva risposta sabiħa li dan il-grupp jista' jkun mistieden għall-kunċert ġewwa Ħal Luqa nhar il-15 ta' Ġunju 2012. Minn dakinhar qatt ma ħarisna lura u bdejna navviċinaw lin-nies li minn għandhom kellna bżonn l-għajnuna meħtieġa; Lawrence Cassar għad-dawl tal-palk prinċipali, 'l Anton Gatt ħa ħsieb il-bar u Sergio Costa li ħa ħsieb is-*sound*. Komplejna ningħaqdu biex din il-ħidma ssir realtà.

U2UK hija *tribute band* li ddoqq mużika tal-grupp leġġendarju U2, li għamlu suċċessi kbar fis-snin tmenin u disgħin. Din it-*tribute band* Ingliża, iffurmata minn Paul, Simon, Ady u Nathan, tat bosta kunċerti madwar l-Ewropa fosthom Rotterdam, Spanja, l-Iżvezja, ir-Rumanija, Ċipru il-Belġju, ir-Renju Unit, Amsterdam u s-sena l-oħra ġewwa Malta f'raħalna.




Nista' ngħid li qattajna tlitt ijiem flimkien ma' dawn in-nies, li eventwalment spiċċajna ħbieb daqs li kieku konna ilna nafuhom ħafna. Mill-ewwel ħadu pjaċir bil-merħba li tajnihom mal-wasla tagħhom f'Malta nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju fis-14:30pm. Ħadnihom mill-ewwel fuq il-post fejn kellu jsir il-Kunċert, Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Dak il-ħin kulħadd kien fuq għaddej bl-aħħar preparamenti għal din l-attività.

Eżatt wara bqajna sejrin għal ikla f'Wied il-Għajn, grazzi għal Melvin Mifsud li għoġbu joffrilna din l-istedina. Filgħaxija ħadnihom iżuru l-każin tas-Soċjetà tagħna, fejn is-soċi kienu qed jistennewhom biex jagħtuhom merħba u jilqagħhom fis-sede tagħna. Wara nżilna mill-ġdid f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra fejn kienet għaddejja attività oħra.



Funeral Service 24 Hr
Malcolm Mifsud
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 2975
Mob: 9987 4970




DRIVE inn pub
we can organize any type of party to your request.
with unbeatable prices and the best atmosphere that we can proved
like: bachelors and hens party / staff party.....
99682209
driveinnpub@gmail.com


U2UK

Il-kontinġent kien qed joqgħod ġewwa l-lukanda f'*Bay Street* ġewwa San Ġiljan. Ta' dan ma nistax ma nirringrazzjax mill-qalb lil Philip Galea li bis-saħħa tiegħu ġibna dan l-i*sponsor*.




Nhar il-Ġimgħa filgħodu morna għalihom biex ikunu jistgħu jagħmlu *sound check* tajjeb, filwaqt li wara ħadnihom għall-ikel f'restaurant f'Wied iż-Żurrieq fejn dawn faħħru ħafna s-sbuħija ta' pajjiżna. Grazzi kbira tmur lil Sandro Mamo, sid ir-*restaurant*.

Filgħaxija kien wasal il-mument li tant konna ilna nistennew. Fit-8:30pm bdiet iddoqq l-ewwel *band* lokali ta' Melchior Sultana, grupp li tawna siegħa *chill out*. Nixtieq ngħidilhom grazzi u nawguralhom kull suċċess għall-futur. Għall-ħabta tad-9:30pm bdiet iddoqq il-*band Sidewalk*, b'mużika tal-grupp leġġendarju *Queen*. Nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom f'dan il-kunċert.

Fl-10:30pm beda l-grupp U2UK. Kulħadd kien qiegħed jistenna d-diska favorita tiegħu, b'ħafna tifħir minn dawk kollha li kienu preżenti. Kien hemm tassew atmosfera ferm sabiħa. Spiċċajna bi spettaklu ta' nar waqt li ndaqqet id-diska *Where the streets have no name*.

Fl-entratura għal din l-attività ntalbet donazzjoni b'risq id-Dar tal-Providenza, fejn ġbarna s-somma sabiħa ta' 1,500 ewro.

Ma kienx faċli li torganizza dan il-kunċert, imma flimkien wasalna. Ħafna nies jien stess mort fuqhom biex jgħinuna, kemm finanzjarjament kif ukoll materjalment.

Wara ħidma kbira ma' sħabi kollha, nista' ngħid li kienet esperjenza sabiħa ħafna u minnha tgħallimt ukoll li qatt ma trid taqta' qalbek. Urejna biċ-ċar li kapaċi naslu fejn wasal ħaddieħor. Minkejja li din is-sena se norganizaw xi ħaġa fuq skala iżgħar, nassigurakom illi fi snin oħra nerġgħu nagħmlu dak li għamilna, akbar u isbaħ.

Nagħlaq billi nirringrazzja minn qalbi lill-Kumitat Ċentrali u s-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà L-Unjoni, lis-Sindku u l-kunsilliera tar-Raħal, il-Kandidati Politiċi tas-Sitt Distrett, u lir-residenti ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra għall-paċenzja li ħadu bina f'dawk il-jiem. Grazzi wkoll lill-i*sponsors* kollha u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna għalina biex saret din l-attività.




Grazzi mill-qalb u nawgura l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha.

Viva Sant'Andrija.

Korrispondenza ta' wara l-Kunċert

*Not the only one's staring at the sun... there's a whole bunch of people involved!!*

*It takes a lot to put on any event, and one which was the size of Luqa's in Malta on Friday 15th of June was a true reflection of the nature of the commitment to providing great entertainment for the people of the island by some truly exceptional people.*

*The role-call of all of those involved in setting up "U2UK – Live and Loud In Luqa" is an extensive one, and like U2 itself, is very much "a family business" - and from our short stays in Malta over the last couple of years is very much a family we feel like we belong to.*

*Our direct contact agent for the event, Sean Schembri was meticulous in making sure every detail was covered for our show, and time on the island. From dealing with our technical rider for the concert to suggesting which foods are good on the menu - cuisine being something the Maltese take very seriously – to boat trips out into the ocean, he had our backs for the duration of the stay and we really cannot thank this man enough for bringing us back to Malta.*

*To Sergio "Dennis" Costa, our faithful and trusted sound engineer for two shows in Malta now, whose experience and ability in his world of consoles, laptops and outboard racks make him a valuable asset to the team. His friendly, efficient and confident approach to sound checks and the event itself, always makes us feel relaxed in that he is in complete control and we can concentrate on our performance on the stage.*

*To the phenomenal crowd and ALL of the team who worked so closely together to make the event a success, of which many many I'm sure we didn't have time to meet, but in particular those who worked closest with us for our time in Malta: Clayton Psaila, Melvin Mifsud, Lorry "manuus!" Cassar, Foyd Cassar, Anton "Mr Olympic" Gatt, Steve Faenza, Andrew Schembri, Dylan Spiteri and his father Renu, Lino Ciappara, Guzi Camilleri Iz-Zuz, Is-Six, Andre Magri, Robert Cropp, Charlie Camilleri, Patrick and Eric, to our support bands, Sidewalk, and Melchior Sultana Group, and I am sure many many more who have not been mentioned here, many of which have become friends of the band through Facebook, so your work has not gone un-appreciated …all complaints to Sean Schembri ;¬)*

The U2UK Tribe


THE Gallery
We specialize in:
• Hair Extensions
• Wedding Upstyles
• Hair Cutting
• Hair Colouring
• Straightening
• Blow Dries
Get a great new look at our hairdressing salon
Staff trained by the best Schools of London
62, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa
Tel: 2180 3636
Mob: 9936 3680
Opening hours:
Tue to Sat 09.00-18.00
we treat hair as a piece of art


JAMS
Fashion Wear
22, St Georges Str, Luqa
Mob: 9990 3433









# Restawr tal-faċċata tal-Każin

Kitba ta' Clifford Micallef









Wara diversi laqgħat li saru bejn il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà L-Unjoni u l-Onor. Silvio Schembri MP, *General Manager* tal-*Fondazzjoni Gal Xlokk*, is-Soċjetà rnexxiela takkwista fondi biżżejjed biex bihom ikun jista' jsir xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq il-faċċata tal-każin.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jsir dan ix-xogħol, iżda l-ispiża dejjem qatgħet qalb il-kumitat, u hu żgur li mingħajr il-fondi miksuba, dan ir-restawr ma kienx ikun possibbli.

Għaldaqstant, wara l-festa tas-sena l-oħra, saru l-arranġamenti meħtieġa mal-kuntrattur, biex lejn l-aħħar ta' Ottubru 2012, inbeda x-xogħol li jikkonsisti fl-invjar, *blasting*, kif ukoll tikħil u dak kollu meħtieġ biex il-faċċata terġa' tingħata d-dehra oriġinali tagħha.

Ix-xogħol ħa ftit fit-tul għax kellhom jinbidlu xi knaten li kienu tmermru. Barra minn hekk, sar restawr fuq il-gallerija u l-aperturi kollha biex finalment għall-ħabta ta' nofs Frar li għadda, seta' jitneħħa l-i*scafolding* u b'hekk stajna nerġgħu ngawdu l-faċċata tal-każin fis-sbuħija u l-eleganza tagħha.

Il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jirringrazzja lill-Onor. Silvio Schembri MP tal-impenn minn naħa tiegħu b'risq dan il-proġett, kif ukoll lil dawk kollha li ħadmu volontarjament biex seta' jsir dan ix-xogħol bil-galbu.


INTERNATIONAL
auto centre
Tel: 2149 1671
BMC
Commercials
Secondhand
Japan cars
&
European
Imports
SPECIALISE IN
COMMERCIAL
VEHICLES
& BUSES
AUTO PARTS
Contact us:
177/226 MDINA ROAD
QORMI
TEL: 21491671
FAX: 21470728
email: bmcmalta@nextgen.net.mt



PAC MAN'S TAKE AWAY

St Andrew Street Luqa (Luqa Square)

TEL NO. 2180 6055

**Opening Hours:**
Monday to Thursday & Sundays
6.00pm till 11.00pm

Fridays & Saturdays from 6.00pm till 11.30pm

## Delivery Service
**available from Monday till Sunday**

**FREE** Delivery service on orders over €25.00

€3.00 Car service charge on Deliveries less than €25.00

## Special offer!!

From Monday to Friday
Free 1.5L Soft Drink with orders over €25.00



# Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena

Kitba ta' Clifford Micallef

Wara li s-sena l-oħra tlesta x-xogħol tal-irħam fl-intrata u l-kamra laterali tal-każin, ġie deċiż li għal din is-sena tiġi rrestawrata l-banka tal-lottu, tiġi indurata l-arma ta' Sant'Andrija fl-intrata tal-każin kif ukoll tiġi rrestawrata l-antiporta.

## Xogħol fil-Banka tal-Lottu





Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li tiġi rrestawrata l-banka tal-lottu minħabba li din kienet tinstab fi stat kemmxejn ħażin. Għaldaqstant, waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol fuq il-faċċata, numru sabiħ ta' partitarji, immexxija mill-kuratur tal-każin Andrew Aquilina, meddew idejhom għax-xogħol. Kif kien għaddej ix-xogħol fil-banka tal-lottu, ġie deċiż ukoll li tiġi rrestawrata l-kamra ta' warajha li kienet tintuża bħala maħżen jew għal xi wirja fi żmien il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira.

L-ewwel li sar kien li nbarxet iż-żebgħa kollha li ħafna minnha kienet qed tfarfar u nfetħu l-fili biex dawn setgħu jiġu mkaħħla. Sar ukoll xi tibdil ta' xi ġebel li kien tmermer u nbidlet ukoll is-sistema tad-dawl, fejn sar kollox mill-ġdid. Inbarxu wkoll it-travi tal-injam u dawn inżebgħu mill-ġdid. B'hekk wieħed jista' jgħid li l-kamra ħadet is-sura oriġinali tagħha fuq stil antik bil-ġebla fuq il-fil. Fil-kamra ta' warajha sar ukoll l-istess xogħol biex iż-żewġt ikmamar ġew jikkumplimentaw lil xulxin. Ta' min jgħid li dawn il-kmamar huma ferm antiki u fortunatament ħelsuha mill-attakki mill-ajru, kuntrarjament għall-bqija tal-binja tal-każin.




PASTA

Paone

FORMIA (Italy)

179, TRIQ IL-KBIRA, SIĠĠIEWI Mob: 7963 2332


NEWWES
Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
NEWWES
NEWWES
NEWWES
NEWWES
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829

Ringrazzjament speċjali jmur lejn dawn il-membri ħabrieka tas-Soċjetà -



- Is-Sur Ċikku Costa li fost affarijiet oħra ħa ħsieb it-tikħil u xogħol taż-żebgħa;
- Is-Sur Jonathan Costa li ħa ħsieb iż-żebgħa u l-invjar;
- Is-Sur Emmanuel Magri li kien inkarigat mix-xogħol tal-elettriku;
- Is-Sur Andrew Cassar li ħa ħsieb il-kisi tat-travi bl-injam;
- Is-Sinjuri Ġanni Formosa u Andrew Micallef li taw sehemhom f'xogħol ta' aperturi u ż-żebgħa tagħhom;
- Is-Sur Joseph Saliba (*Daniel Woodworks*) li għoġbu jirregalalna bieb ġdid tal-injam;
- Is-Sur Joe Aquilina li ħa ħsieb li jadatta l-bieb ta' ġewwa;
- Is-Sur Andrew Aquilina li kien strumentali fil-kordinazzjoni tax-xogħol kollu li tista' tgħid sar f'qasir żmien.



## L-Arma ta' Sant'Andrija

Wara li s-sena li għaddiet ġiet indurata l-arma tas-Soċjetà li tinsab fuq it-tieni ħnejja fid-daħla tal-bottegin, din is-sena ġie deċiż li tiġi ndurata l-arma tal-Patrun tagħna Sant'Andrija li qegħda fuq il-ħnejja tal-intrata prinċipali tal-każin.



Il-kumitat approva li l-arma tiġi ndurata bil-folja kulur id-deheb fuq sfond abjad bi ftit sfumar, biex din tikkumplimenta x-xogħol tal-irħam tal-intrata. Ix-xogħol inbeda ftit wara l-Ġimgħa l-Kbira u tlesta sal-aħħar t'April. Dan ix-xogħol tal-induratura sar minn Clifford Micallef.

## L-Antiporta

Biex l-intrata tkun kompluta minn kollox, kien għad jonqos li tiġi rrestawrata l-antiporta l-kbira. Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn il-mastrudaxxa s-Sur Ġanni Formosa li ħa ħsieb ix-xogħol kollu ta' restawr u lostru biex b'hekk reġgħet ingħatat id-dehra oriġinali u sabiħa tagħha. Dan ix-xogħol sar kollu b'mod volontarju mis-Sur Formosa. Din twaħħlet lura f'postha fix-xahar ta' Marzu.

Kif wieħed jista' jara, huwa żgur li mingħajr ix-xogħol volontarju li sar minn dawn il-membri ħabrieka tas-Soċjetà tagħna, dan ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-każin ma kienx ikun possibbli. Mill-ġdid nirringrazzjaw lil min b'xi mod jew ieħor offra l-għajnuna tiegħu kemm finanzjarjament u kemm manwalment. Nitlobkom tiskużawni jekk bi żvista nsejt insemmi lil xi ħadd.

### Arblu Ġdid

Inħasset il-ħtieġa li l-arblu ż-żgħir jinbidel u minfloku jsir wieħed ġdid tal-ħadid. Dan sar fi żmien qasir mill-membri tal-Każin u ttella' f'postu nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju.

Nagħlaq billi nagħmel appell lis-soċi u partitarji biex jibżgħu għall-affarijiet u jżommu l-każin fi stat tajjeb biex ikun jista' jitgawda minna u l-ġenerazzjonijiet futuri. B'hekk inkunu nistgħu niftaħru bil-ġmiel ta' każin li għandna u li minn żmien għal ieħor jilqa' fi ħdanu diversi mistednin distinti, saħansitra minn barra minn xtutna.


# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake & Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved

Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000














# 15-il sena

## Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri






# *Repleti Fructu Iustitiae*

## Esebizzjoni ta' statwi fl-okkażjoni tal-ħmistax-il Anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

Kitba ta' Malcolm Muscat

15 SENA
SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ AJKLIERI
1997 | 2012

San Pawl, fl-Ittra tiegħu lill-Filippin, jikteb hekk: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu, **mimlijin bil-frott tal-ġustizzja** li ġejja permezz ta' Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla." (Fil. 1, 9-11)

Dan kien il-ħsieb ewlieni li nebbaħ lis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri biex, fl-okkażjoni tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tagħha, torganizza wirja bi xbihat ta' qaddisin martri li, bħall-Patrun tagħna Sant'Andrija, taw ħajjithom u xerrdu demmhom għal Kristu, l-istess kif xandru l-kelma tiegħu mal-erbat irjieħ tad-dinja.

Il-wirja bl-isem **Repleti Fructu Iustitiae** - *mimlijin bil-frott tal-ġustizzja (Fil. 1:11)* ttellgħet fis-swali prinċipali tas-sede tas-Soċjetà għall-festa liturġika ta' Sant'Andrija f'Novembru li għadda u ġiet inawgura mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex wara quddies li kkonċelebra fil-Knisja Parrokkjali.

Bosta għaqdiet tal-armar u għadiet mużikali minn Malta u Għawdex – disgħa b'kollox – wieġbu għas-sejħa li għamilna u esebixxew bosta xbihat tagħhom, Appostli, Verġni, Leviti, ilkoll ħadu l-martriju għal Kristu. Ma' dawn ukoll l-istatwa ta' Sant'Andrija xogħol Alfred Camilleri Cauchi (1985) li s-Soċjetà tagħna tarma quddiem il-Knisja fil-jiem tal-Festa.

L-istatwi esebiti kienu jinkludu statwa ta' San Ġorġ mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi, San Lawrenz xogħol ta' Adonai Camilleri Cauchi fl-2011 għall-Għaqda Armar San Ġorġ Martri tar-Rabat Għawdex, Santa Katerina tal-Għaqda Mużikali Beland taż-Żejtun u San Xmun Appostlu tal-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, it-tnejn xogħol Alfred Camilleri Cauchi fl-1990 u fl-2003 rispettivament.



Ma' dawn ukoll Kristu mgħammed minn San Ġwann il-Battista xogħol Aaron Camilleri

Cauchi tal-2005 għas-Soċ. Fil. De Paule ta' Raħal Ġdid, San Sebastjan li Michael Camilleri Cauchi ħadem fl-2011 għall-Għaqda Armar San Sebastjan ta' Ħal Qormi kif ukoll l-istatwa antika tal-Martirju ta' Santa Katarina li kienet tintrama fuq iz-zuntier tal-Knisja ż-Żurrieq, xogħol Ġlormu Dingli tal-1980 għas-Soċ. Muż. Santa Katarina taż-Żurrieq.

Esebiti wkoll tliet statwi xogħol Renzo Gauci. Dawn kienu San Bartilmew Appostlu (1993) tat-12th May Band & Social Club ta' Ħaż-Żebbuġ, Santa Venera (1995) tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera u San Mattew Evanġelista (2001) tas-Soċjetà tagħna stess.

Kellna konkorrenza tajba ħafna li timlina b'kuraġġ. Mhux biss imma anke rieda tajba, dehen u ġustizzja, bħat-tema tal-wirja.

Grazzi kbira lil kull min emmen fi-wirja u fil-potenzjal tagħha. Ħajr ukoll lill-għaqdiet tal-armar u dawk mużikali li esebixxew ix-xbihat tagħhom, kif ukoll lil kull min għen biex il-wirja mhux biss tkun possibli u iżda ta' suċċess kbir.





# Il-Kunċert Sinfoniku Annwali
## Fit-Tletin Sena tiegħu

Kitba ta' Neil Zammit

Għal sena oħra konsekuttiva, is-Soċjetà Filarmonika *L-Unjoni* tellgħet il-Kunċert Sinfoniku tagħha ġewwa t-Teatru Metanoia, Ħal Luqa nhar is-Sibt 19 ta' Jannar, 2013. Quddiem udjenza numeruża li mliet it-teatru kollu, il-Banda L-Unjoni reġgħet ħarġet tassew bl-unuri kollha fl-eżekuzzjoni tal-biċċiet mużikali li ndaqqu din is-sena.

It-thejjija għal dan il-kunċert annwali bdiet lura f'Settembru 2012. Ta' kull ġimgħa nżammu l-kunċerti bi provi għall-bandisti tal-post ġewwa l-każin, waqt li l-Kummissjoni Banda ħadmet bis-sħiħ sabiex tikkoordina x-xogħol kollu flimkien. Ir-riżultat aħħari kien wieħed eċċellenti, u dan grazzi għall-ħidma kbira li twettqet minn dawk kollha involuti.

Tajjeb insemmu illi l-Kunċert Annwali ra l-bidu tiegħu proprju tletin sena ilu. F'dik il-ħabta, il-Banda L-Unjoni kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Prof. Charles E. Zammit *Ph.D*. Sa dak iż-żmien, din ma kinetx xi ħaġa komuni fost il-baned lokali, taqta' ż-żewġ baned tal-Belt Valletta. Għaldaqstant, il-Banda L-Unjoni mill-ewwel kisbet suċċess, u dan wassal biex mal-medda tas-snin, aktar baned lokali jibdew itellgħu dan it-tip ta' avveniment mużikali. F'dawn l-aħħar tletin sena, il-Banda L-Unjoni daqqet f'għadd ta' teatri madwar Malta, fosthom l-Auditorium ta' Sant'Agata, r-Rabat (Malta), it-Teatru tal-Istitut Kattoliku, il-Floriana, it-Teatru tal-*General Workers Union*, il-Belt Valletta u t-Teatru Metanoia, Ħal Luqa. Dan apparti l-kunċerti l-oħra li l-Banda L-Unjoni ippreżentat ukoll f'dawn l-aħħar snin fosthom ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija, fil-lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan, kif ukoll barra minn xtutna.

Intant, il-kunċert sinfoniku ta' din is-sena kien għal darb'oħra wieħed impenjattiv ferm. L-għażla tal-mużika kienet waħda varjata ħafna u li tolqot il-gosti ta' dawk kollha preżenti. Fl-ewwel parti tal-kunċert indaqqet taħlita ta' mużika klassika, romantika, deskrittiva u kontemporanja. Dawn huma l-bċejjeċ mużikali li ġew esegwiti -

Dance - ***Hungarian No. 5*** - J. Brahms
Symphonic Poem - ***Vitava*** - B. Smetana
Jazz Suite No. 2 - ***The Second Waltz*** - D. Shostakovich
Ballet - ***Russian Sailors Dance*** - R. Gliere
Selection - ***Dance of the Hours*** - A. Ponichelli
Intermezzo - ***Au Jardin d'Une Pagode Chinose*** - A. Ketelby
Fanfre and Theme - ***1913*** - Neil Zammit
Medley - ***Hooked on Clarrics*** - Arr. J. H. Burden.

Ix-xogħol prinċipali f'din it-taqsima kienet il-Poema Sinfonika *Vitava* tal-kompożitur Bedřich Smetana. Dan ix-xogħol impenjattiv huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa eżempji



*Kunċert Sinfoniku Annwali mill-Banda L-Unjoni*

ta' mużika deskrittiva tas-seklu dsatax. F'din l-ewwel taqsima assistejna wkoll għall-*premier* ta' *1913*, kompożizzjoni mużikali ġdida mibnija fuq fanfarra u żewġ temi prinċipali, miktub minn Neil Zammit fl-okkażjoni tal-ewwel mitt sena mir-restawr u renovazzjoni tal-Vara Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu meqjuma fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Banda L-Unjoni fetħet it-tieni parti b'novità interessanti ħafna. Tajjeb hawnhekk insemmu illi f'dawn l-aħħar xhur, is-Soċjetà L-Unjoni akkwistat fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex tkun tista' tinvesti aktar fit-tagħlim tal-mużika lit-tfal. Grazzi għas-Segretarjat taż-Żgħażagħ, Kultura u Sport, aktar minn ħamsa u għoxrin tifel u tifla bdew it-taħriġ mużikali tagħhom biex 'il quddiem jingħaqdu wkoll mal-Banda L-Unjoni. Dan l-eżerċizzju ħalla l-frott mixtieq, tant li t-tfal ingħaqdu mal-Banda L-Unjoni waqt dan il-kunċert sinfoniku bid-daqq tal-*Ode to Joy* meħuda mid-disa' sinfonija ta' Beethoven. Din kienet tassew esperjenza sabiħa kemm għat-tfal infushom kif ukoll għall-ġenituri tagħhom, u jawgura futur sabiħ għall-Banda tagħna.

Il-Banda L-Unjoni kompliet bil-programm tagħha din id-darba bl-eżekuzzjoni ta' mużika *pop*, *soundtracks* mill-films u kanzunetti popolari. L-assistent Surmast Norbert Camilleri idderieġa l-Banda waqt l-eżekuzzjoni tad-diska popolari *Con Te Partirò*, kif ukoll ħejja l-arranġament mużika għax-xogħol *In the Fast Lane* ta' R. Ranskill. Din hi l-lista tax-xogħlijiet li ndaqqu -

Symphony No. 9 - ***Ode to Joy*** - L. Van Beethoven
Song - ***Con Te Partirò*** - Francesco Sartori
Selection - ***Judge Dredd*** - A. Silvestri
Concert Piece - ***In the Fast Lane*** - R. Ramskill (Arr. Nobert Camilleri)
Song - ***The Power of Love*** - W. Detman/G. Mende/J. Rush/M. Applegate
Concert Piece - ***Lightning Fire*** - M. Sauer
Song - ***Minni the Moocher*** - Calloway/L. Mills/C. Gaskill
Concert Piece - ***Rock Your Blues Away*** - G. Norris
Medley - ***Evergreen*** - Frank Farian (Arr. John D. Zammit).

L-għeluq ta' din it-tieni taqsima kien tassew spettakolari, fejn il-Banda daqqet arranġament ta' diski tal-grupp popolari *Boney M*, liema arranġament sar mis-Surmast Direttur John David Zammit. F'din is-silta ħadu sehem ukoll numru ta' kantanti stabbiliti, flimkien ma' *lead* u *bass guitar* u *synthesizer*. Barra minn hekk, intuża l-kunċett ta' *body percussion* (ħsejjes varji magħmula mill-mużiċisti infurshom) f'waqtiet mill-arranġament; xi ħaġa wkoll ġdida għall-baned lokali. Dan kollu apparti l-effetti tad-dwal li ħolqu atmosfera tassew friska u żagħżugħa. Kif mistenni, il-kunċert għalaq bl-Innu Immortali lill-Banda L-Unjoni kompożizzjoni tal-eks-surmast tal-banda, Joseph Abela Scolaro.

Il-Kumitat tad-direzzjoni jirringrazzja lis-Surmast Direttur John David Zammit, lill-Assistent Surmast Norbert Camilleri, membri tal-Kummissjoni Banda, lill-bandisti kollha u lil dawk kollha li taw daqqa t'id biex dan il-kunċert sinfoniku jilħaq il-livell mixtieq. Grazzi wkoll lill-*compere* Cleavon Vella li ippreżenta dan il-kunċert kif ukoll lill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo u l-Kumpanija Teatrali *Skene* tal-appoġġ u l-għajnuna minn naħa tagħhom. Fuq kollox grazzi lill-membri tas-Soċjetà u lill-pubbliku ġenerali li attendew bi ħġarhom għal dan il-kunċert sinfoniku.

Is-suċċess miksub f'dan il-kunċert jawgura tajjeb għal futur mill-isbaħ għall-Banda L-Unjoni, li sa mit-twaqqif tagħha dejjem ħabtitha mal-aqwa baned ta' pajjiżna. Minkejja li għaddew tletin sena, dan il-kunċert sinfoniku żamm livell għoli u dejjem attira udjenza numeruża. B'hekk il-Banda L-Unjoni ghandha għaliex tiftaħar li kienet, għadha u tibqa' waħda mill-ewlenin f'pajjiżna li dejjem kattret il-kultura u l-apprezzament mużikali f'pajjiżna.

# Tislima lil Benedittu XVI... u merħba lill-Papa Franġisku

Kitba ta' Neil Zammit



*Il-Papa Benedittu XVI jgħaddi minn quddiem is-Sede tas-Soċjetà L-Unjoni*

Kien nhar it-28 ta' Frar li għadda meta l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI ħalla t-tmun tal-Knisja Kattolika biex jinħatar is-suċċessur tiegħu. Din kienet xi ħaġa mhux tas-soltu, għall-anqas fl-istorja riċenti tal-Knisja, tant li l-aħħar Papa li kien tefa' r-riżenja tiegħu mit-Tron ta' Pietru kien il-Papa Gregorju XII fl-1415. L-aħbar tar-riżenja bħal donnu ħasdet lid-dinja kattolika għax ħadd qatt ma stenna illi Benedittu XVI, meqjus bħala Papa konservattiv mill-ħafna kritiċi tiegħu, kellu jagħmel dan il-pass. Iżda din kienet deċiżjoni f'waqtha, ġaladarba l-Papa Benedittu XVI ma setax ikompli jerfa' l-piż afdat lilu minħabba l-kundizzjoni ta' saħħtu.



*Benedittu XVI isellem lit-Tempju Andrean*

Il-Knisja f'Malta hija tassew grata lejn dan il-Papa Teologu, li tul il-Papat tiegħu assistejna fost l-oħrajn għall-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca fl-2007, u aktar tard fl-2010 lqajnih ukoll fostna għall-mumenti taż-żjara tiegħu ġewwa pajjiżna, Benedittu XVI għadda mit-toroq tal-parroċċa fost il-ferħ u l-entużjażmu tal-folla preżenti u d-daqq tal-qniepen mill-kampnari tal-knisja. Sinifikanti mmens kienet il-waqfa qasira tiegħu fi Pjazza Sant'Andrija fejn sellem lill-miġemgħa preżenti waqt li ammira mill-qrib it-Tempju Andrean. Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni kellha wkoll il-privileġġ singulari li ssellem lill-Q.T. il-Papa hekk

kif għadda tul Triq Sant'Andrija u minn quddiem is-sede tas-Soċjetà, li kien imżejjen kif xieraq għall-okkażjoni. Il-Banda L-Unjoni sellmet lill-Papa bid-daqq tal-innu Pontifikali u l-Innu tal-Banda. Tassew okkażjoni unika li tibqa' mniżżla fl-istorja tal-istess Soċjetà u tal-Parroċċa tagħna.

Benedittu XVI kellu wkoll devozzjoni speċjali lejn Sant'Andrija Appostlu, tant li mhux l-ewwel li kien jagħmel referenza għalih waqt id-diskorsi tiegħu. Saħansitra, kellu l-okkażjoni jqim il-fdalijiet tal-qaddis meta waħda mir-relikwiji nsinji ttieħdet ġewwa l-Vatikan bħala parti mill-festi speċjali organizzati mid-Djoċesi ta' Amalfi ftit tas-snin ilu.


*Benedittu XVI iqim il-fdalijiet ta' Sant'Andrija Appostlu*

Bħala nsara għandna nibqgħu ngħożżu l-wirt li ħallielna l-Papa Benedittu XVI. Kien tassew Teologu kbir li bi kliemu u l-eżempju tiegħu għamel ħafna ġid lill-knisja kattolika. Għaldaqstant, verament f'postu huwa t-titlu ta' *Papa Emeritus* li għoġbu jiżżejjen bih.

U minn dik it-tislima ta' radd il-ħajr, bix-xieraq ukoll nagħtu merħba lill-Q.T. il-Papa Franġisku, li mill-ftit ġimgħat tal-pontifikat tiegħu, jidher illi ser ikompli jimxi fuq il-passi tal-predeċessuri tiegħu, waqt li jwassal il-messaġġ ewlieni ta' Kristu Msallab lid-dinja unversali. Il-Kardinal Bergoglio ġie elett Papa nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2013 wara ħames votazzjonijiet sigrieti li nżammu waqt il-Konklavi ġewwa l-*Cappella Sistina*. Bl-akklamazzjoni *Habemus Papam* mill-Kardinal Djaknu, il-kotra preżenti fi Pjazza San Pietru infexxet f'għajta u ċapċipa kbira. L-ewwel dehra tiegħu kienet tixhed l-umiltà, is-serenità u l-qdusija kbira ta' dan ir-Ragħaj il-ġdid.

Il-ħatra tal-Papa Franġisku kienet ukoll xi ftit jew wisq ta' sorpriża għad-dinja kollha, meta wieħed iqis li ġej minn pajjiż tal-Amerika Latina u huwa wkoll l-ewwel Papa Ġiżwita fl-istorja tal-Knisja. L-isem li għażel għall-pontifikat tiegħu, għal San Franġisk t'Assisi, għandu wkoll tifsira li għad irridu narawha toħroġ aktar fil-beraħ aktar ma jgħaddi ż-żmien. Ħidmietu kienet marbuta mal-insara ħutna li huma neqsin mill-ġid tad-dinja, u dan jagħmlu Papa maħbub kif wara kollox kienu l-predeċessuri tiegħu. Nawgurawlu aktar ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej.

*Ad Multos Annos*.


*Franġisku I*

# *Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira*















# Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira 2013

Kitba ta' Clifford Micallef

Il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa minn dejjem kienu għall-qalb is-Soċjetà tagħna u għaldaqstant, ma setax jonqos li kif isir kull sena tittella' wirja bit-tema tal-Ġimgħa l-Kbira.

Għal din is-sena, il-Kumitat iddeċieda li l-wirja tintrama fiż-żewġt ikmamar ta' maġenb il-każin, li kienu għadhom kif ġew irrestawrati. Ġejna avviċinati mis-Sur Andrew Micallef li ħajjarna biex narmaw il-wirja propju f'dan il-lok li tant kien ideali għal tali okkażjoni. Min-naħa tiegħu is-Sur Micallef avviċina lil Joe Jacono u Patrick Muxi, li qablu ma' din l-idea u għalhekk flimkien ħadu ħsieb jambjentaw il-post u jaddattawh għall-wirja.

Is-Sur Jacono offra l-armar u l-aċċessorji kollha biex seta' jintrama ċ-ċenaklu komplut sal-iċken dettall. Dan fil-fatt intrama fil-kamra ta' ġewwa u kulħadd kien tal-fehma li l-ambjent rustiku tal-kamra kien jaqbel perfettament mal-istil Lhudi taċ-ċenaklu.

Fil-kamra ta' barra s-Sur Jacono rama sett ta' vari taż-żewġ piedi maħdum mill-aħwa Magri ta' Ħaż-Żebbuġ. Dan is-sett jikkonsisti minn erbatax-il vara li jirrakkontaw il-mixja ta' Sidna Ġesù Kristu mill-Ort tal-Ġetsemani sal-Għolja tal-Kalvarju flimkien mal-Qawmien mill-Mewt.

Il-wirja ġiet inawgurata nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu mis-Segretarju tas-Soċjetà is-Sur James Ciappara u mbierka mill-Kappillan Rev Dun Gordon Refalo, fil-preżenza tas-Sindku, Kunsilliera, Membri Parlamentari u mistednin distinti oħra.

Il-Kumitat flimkien mas-Sezzjoni Armar jirringrazzjaw mill-qalb lil Andrew Micallef, Joe Jacono u Patrick Muxi għall-għajnuna minn naħa tagħhom biex setgħet tittella' din il-wirja, kif ukoll talli ħadu ħsieb jiftħuha għal għaxart ijiem sħaħ.

Zneiber

CONFECTIONERY & PASTIZZERIA

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 9988 3692

J.B. GLASS WORK



For crystal & ordinary glass
- Mirrors
- Polish Edge
- Bevelled
- Stained Glass
- Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279





# Sehem il-Banda L-Unjoni fil-Festi Solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa

Kitba ta' Neil Zammit

Din is-sena għal darb'oħra rat lill-Banda L-Unjoni tieħu sehem attiv fil-festi solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa ċċelebrati ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Luqa. Wara numru ta' ġimgħat ta' preparamenti, il-Banda L-Unjoni hejjiet ruħha tajjeb biex tieħu sehem f'dawn il-festi tant għeżież, kif wara kollox ilha tagħmel sa mit-twaqqif tagħha.



*Programm ta' Marċi Funebri f'Ħadd il-Palm*

L-impenji mużikali bdew nhar Ħadd il-Palm filgħodu, li dis-sena ħabat fl-24 ta' Marzu, fejn il-banda daqqet sett ta' marċi funebri li ma jinstemgħux normalment waqt il-purċissjoni. Il-banda kienet immexxiha minn numru ta' bandisti tal-post, fosthom Victor Borg, Joe Faenza, Edward Borg u Joe Borg, li kellhom din l-opportunità jidderieġu lil sħabhom bandisti. Il-marċi esegwiti matul dan il-programm kienu dawn:-

***Il-Ġimgħa Mqaddsa (2007)*** - Charles Zammit

***In Memory of Andrew Briffa*** - Ray Sciberras

***Tristezza*** - Pannacchia

***Sulla Tomba*** - Nicoletti

***Lamentable*** - Salvatore Mallia

***The Last Honours*** - Unrath

***Il Pianto della Mamma*** - Manfredi

***Flagellatio Domini (B'tifkira ta' Nikol u Maria Aquilina)*** - Neil Zammit



*Il-kantanta Federica Falzon*
*waqt il-Programm nhar il-Ġimgħa l-Kbira*

It-tieni mpenn mużikali kien f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, fejn il-Banda L-Unjoni esegwiet programm ta' mużika adattata waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit. Wara mbagħad akkumpanjat l-istess purċissjoni bid-daqq tal-marċi funebri quddiem il-vara l-kbira tul it-toroq tal-parroċċa. Għall-ewwel darba, ingħaqdet mal-banda l-kantanta żagħżugħa Federica Falzon, li bil-vuċi tagħha saħħret lil dawk kollha preżenti. Dawn huma s-siltiet li ġew esegwiti -

***Parade of the Chariotiers*** - Ben Hur - M. Rosza

***John 19:14*** - Requiem - Andrew Lloyd Weber (Arr. J.D. Zammit)

Marcia Funebre - ***In Memoria di Innocent Camilleri*** - Norbert Camilleri

Innu Sagru - ***Stava Maria Dolente*** - Orlando Crescimanno (tkanta Federica Falzon)

Second Movement - ***Piano Sonata Op. 14 No 1*** - L. Van Beethoven (Arr. N. Camilleri)

***Pie Jesu*** - Requiem - Andrew Lloyd Weber (Arr J.D. Zammit u tkanta Federica Falzon)

***Lacrimosa*** - Requiem - Wolfgang Amadeus Mozart (Arr. Charles Zammit)

Innu Sagru - ***La Croce*** - O. Crescimanno (tkanta Federica Falzon)



***Il-Banda L-Unjoni takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena***





# Ġlormu Dingli u l-Vara ta' Ġuda

Kitba ta' Neil Zammit



*Ġlormu Dingli*

Fis-snin sittin tas-seklu li għadu kemm għadda rajna qawmien ġdid fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'pajjiżna. Tant hu hekk illi f'għadd ta' rħula u bliet żdiedu numru ta' vari ġodda li jirrappreżentaw waqtiet diversi mill-passjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu. Bosta minn dawn il-vari kienu maħduma ġewwa l-Italja. Iżda kien hemm ukoll numru ta' vari ġodda miżjuda mas-sett oriġinali li ġew ikkummissjonati lill-artisti Maltin.

Ta' min isemmi illi f'dik il-ħabta, jiddomina x-xena kien hemm il-magħruf statwarju Wistin Camilleri, li ħadem bosta xogħlijiet artistiċi kemm f'Malta kif ukoll ġewwa Għawdex. Iżda kien hemm ukoll statwarji oħra illi ħadmu f'dika l-epoka u tawna wkoll xogħlijiet tajba. Fost dawn insemmu lill-istatwarju Ġirolamo Dingli, li erbgħin sena ilu ħadem il-vara ta' Ġuda li għadna naraw sa llum fil-purċissjoni ta' Ħal Luqa.



*Il-bozzett tal-Vara ta' Ġuda*

Ġlormu Dingli, kif kien magħruf, twieled ġewwa r-raħal tal-Imqabba fl-1911, iżda għex u ħadem ġewwa r-Rabat ta' Malta sa ma miet fl-1994. Ħa l-ewwel tagħlim fl-immudellar taħt is-surmast Antonio Micallef ġewwa l-Iskola tal-Arti. Dingli ħadem l-aktar fil-kartapesta, kemm għall-knejjes kif ukoll għal għadd ta' kollezzjonijiet privati. Fost ix-xogħlijiet magħrufa tiegħu nsemmu l-vara ta' Ġuda tal-Mosta (1963), il-vara taċ-Ċirinew għal Ħaż-Żebbuġ (1964), il-vara tad-Duluri għan-Naxxar (1965), l-istatwa tal-Assunta għall-knisja tas-Samra fil-Ħamrun (1967),



Classical Budo Malta
Honbu - Dragon's Den Dojo, Luqa
CLASSICAL BUDO ASSOCIATION MALTA
DRAGON'S DEN DOJO
Martial Arts School
Jujutsu - Iaijutsu
Christian and Roderick Bajada Renshi
www.classicalbudomalta.org
Gwann Mamo Street, Luqa, LQA1252, Tel: 21 823069, Mob: 79 047 424/5
Dragon's Center
Martial Arts Supplies Shop
Luqa - Malta
Suppliers of Martial Arts and Combat Sports Uniforms, Weapons and Accessories
DRAGON
www.dragonscenter.com



il-vara tal-Madonna ta' Fatima għall-knisja parrokkjali ta' G'Mangia (1971), il-vara ta' Ġuda għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa (1973) u oħrajn.

Fil-vara ta' Ġuda ta' Ħal Luqa, l-istatwarju Ġlormu Dingli mar lil hinn mix-xena tradizzjonali tal-bewsa ta' Ġuda. Fil-fatt, l-artist għażel dak il-mument preċiżament wara li Ġuda bies lil Sidna Ġesù Kristu. L-espressjoni fuq wiċċ Ġuda tidher waħda ħosbiena għall-aħħar waqt li Kristu jidher qed ikellem lil Ġuda qabel ma qabduh is-suldati, hekk kif insibu fir-rakkont tal-Passjoni.

Ġlormu Dingli ippreżenta l-abbozz għal din l-istatwa u dan ġie aċċettat mill-Kappillan ta' dak iż-żmien il-mibki Dun Innoċenz Borg. L-ispejjeż kollha tal-vara l-ġdida tħallsu mill-benefattur Ġużeppi Bonnici, membru tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione*. Fil-fatt, dan l-abbozz għadu sa llum miżmum b'għożża kbira f'waħda mis-swali prinċipali tal-każin tas-Soċjetà.

Waqt li tkun esposta fil-knisja parrokkjali fil-jiem solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa, iżejnu l-vara insibu sett ta' erba' brazzi f'kull kantuniera, girlanda ta' fjuri artifiċjali kif ukoll bradella u bankun bi skultura mnaqqxa fl-injam. Il-vara ġiet irrestawrata minn Renzo Gauci wara li kien inbeda programm sħiħ ta' restawr lura fl-1995.



***Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jippreżentaw rigal ta' tifkira lil Rev. Dun Karm Camilleri, eks Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa fil-festa titulari 2012***

# Programm tal-Festi Solenni
## ad unur

# SANT'ANDRIJA

## Appostlu u Martri
## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Ħal Luqa

### Il-Ħadd 30 ta' Ġunju
*Jum iż-Żgħażagħ*

**10.30pm** Quddiesa għaż-żgħażagħ immexxija minn Fr Karm Debattista MSSP. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-Għaqdiet Reliġjużi u l-Għaqdiet Soċjali.

### It-Tnejn 1 ta' Lulju
*Ħruġ tal-Istatwa minn Niċċa – Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Soċjali*

**6.40pm** Ninġabru ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Wied il-Knejjes u nagħtu ġieħ lil missirijietna. F'isem l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet kollha tal-Parroċċa, il-Kappillan flimkien mas-Sindku jpoġġu kuruna f'riġlejn l-istatwa. Wara jibda l-korteo li jgħaddi minn Triq il-Karmnu sal-Knisja Parrokkjali.

**7.00pm** Quddiesa mill-Kappillan Dun Gordon Refalo fil-Knisja. Fi tmiem il-quddiesa, il-*Chorus Excelsior* ikanta l-antifona *Cum Prevenisset* filwaqt li jsir il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' Sant'Andrija min-niċċa u tiġi inawgurata wara r-restawr li sar fuqha matul din is-sena.

**8.00pm** Fuq iz-zuntier, il-Komunità Parrokkjali flimkien mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ssellem lil Sant'Andrija bl-Innu Popolari.

### It-Tlieta 2 ta' Lulju
*Jum it-Tfal*

**6.30pm** Quddiesa għat-tfal immexxija minn Dun Keith Scicluna fil-Knisja u wara nkomplu b'attività fil-bitħa tal-MUSEUM.

### L-Erbgħa 3 ta' Lulju
*L-Ewwel Jum tat-Tridu – Jum l-Emigranti*

**6.30pm** Quddiesa Kantata mill-W.R. Dun Vinċenz Cachia, Kappillan tal-Parroċċa Kristu Re, Paola. Jagħmel l-omelija tat-Tridu Patri Pawl Galea OFM. Mistiedna speċjali l-emigranti li jkunu fostna għall-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

## Il-Ħamis 4 ta' Lulju

*It-Tieni Jum tat-Tridu – Jum il-Morda u l-Familja*

**9.30am** Ċelebrazzjoni għall-persuni b'diżabiltà, anzjani u morda li jinsabu d-dar u anzjani tal-Parroċċa residenti f'San Vinċenz de Paule. Iqaddes Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza.

**6.30pm** Quddiesa Kantata mill-W.R. Dun Ruben Deguara, Kappillan tal-Parroċċa Maria Annunzjata, Ħal Tarxien. Mistiedna speċjali l-familja u l-koppji miżżewġin speċjalment dawk li żżewġu matul din is-sena. Wara l-quddiesa jsir kollox bħal jum ta' qabel.

**8.00pm** Preżentazzjoni lil Sant'Andrija tat-trabi li twieldu matul din is-sena li fiha nitolbu wkoll il-Barka fuq il-ġenituri tagħhom biex jgħinuhom fit-trobbija tagħhom.

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

*It-Tielet Jum tat-Tridu – Jum il-Vokazzjonijiet*

**5.00pm** Qrar

**6.30pm** Quddiesa Kantata mill-W.R. Dun Malcolm Agius, Kappillan Parroċċa San Piju X, Santa Luċija. Mistiedna speċjali huma r-Reliġjużi u dawk kollha li għandhom saċerdoti, patrijiet jew sorijiet li jiġu minnhom. Wara l-quddiesa jsir kollox bħal jum ta' qabel.

## Is-Sibt 6 ta' Lulju

*Lejliet il-Festa*

**8.00am** Quddiesa ta' Ringrazzjament mill-W.R. Dun Teddy Cumbo. Wara t-Tqarbin jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

**8.30am** Qrar sal-10.30am.

**5.00pm** Qrar

**6.00pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Sant'Andrija mill-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu tal-Appostli u tal-Antifona ta' Sant'Andrija. Wara jsir il-kant tal-Għasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Immexxi l-W.R. Dun Charles Cini, Viċi Kappillan.

**7.15pm** Quddiesa Solenni bl-omelija mill-Kan. Albert Schembri, Kappillan tal-Parroċċa San Bert, Ħal Għargħur.

## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**6.00am u 7.00am** Quddiesa

**8.30am** Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa mmexxija minn Mons. Lawrence Gatt, Kanċillier tal-Kurja. Jinseġ il-Paniġierku l-W.R. Dun Robin Camilleri.

**11.00am** Quddiesa

**5.30pm** Quddiesa Kantata bl-omelija. Iqaddes il-W.R. Dun Renè Camilleri.

**7.15pm** Titkanta l-Antifona u tibda ħierġa l-Purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu, Patrun ta' Ħal Luqa, immexxija minn Dun Raymond Cassar, ex Viċi Kappillan f'għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**10.00pm** Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu.

Fid-dħul tagħha fl-10.30pm titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

*Lejlet u nhar il-festa tindaqq il-mużika ta' Ferdinando u Giuseppe Camilleri.*

# Sehem is-Soċjetà Filarmonika L-UNJONI fil-festa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu

### L-Erbgħa 12 sal-Ġimgħa 14 ta' Ġunju

**8.00pm** Varjetà ta' talent lokali u żfin, bis-sehem ta' għadd ta' kantanti stabbiliti.

### It-Tnejn 1 ta' Lulju

***Ħruġ tal-Istatwa Titulari min-niċċa***

**6.30pm** Il-Kumitat Ċentrali flimkien ma' membri mis-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà jieħdu sehem f'korteo bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-parroċċa u l-kleru li jibda minn quddiem l-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu u jispiċċa fil-Knisja Parrokkjali fejn issir il-quddiesa tal-ftuħ tal-festa.

**8.00pm** Ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija min-niċċa għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

### It-Tlieta 2 ta' Lulju

**8.30pm** Riċeviment mogħti mill-Kumitat lill-mistednin distinti, Għaqdiet kollha lokali, Kleru, Kunsill Lokali, membri, partitarji u ħbieb.

### L-Erbgħa 3 ta' Lulju

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.30pm** Il-Banda Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq mistiedna tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq il-Karmnu sa ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija fejn tingħata tislima, lura fi Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Triq San Pawl, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ u Triq Sant'Andrija fejn il-marċ jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda L-Unjoni diretta mis-Surmast Direttur John D. Zammit tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija.

**10.15pm** Marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni li jibda minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u jimxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jispiċċa fi Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija fuq il-pedestall tagħha.

## Is-Sibt 6 ta' Lulju

*Lejlet il-Festa*

**8.15pm** Il-Banda L-Unjoni tibda l-marċ popolari ta' lejlet il-festa minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u jimxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija għall-Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tant mistenni tal-istatwa tal-Anġlu fuq il-pedestall tiegħu.

## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**8.30am** Il-Kumitat Ċentrali u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Soċjetà jattendu għall-konċelebrazzjoni solenni tal-festa.

**6.00pm** Il-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jintemm fi Pjazza Sant'Andrija.

**7.30pm** Il-Banda 12th May, minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija fil-ħruġ tagħha mill-knisja għall-purċissjoni bid-daqq tal-innijiet ta' Mro. Gaetano Grech u Mro. Angelo Pace. Wara l-istess banda tkompli l-programm mużikali tagħha.

**10.00pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija hekk kif jasal fil-pjazza.

**10.30pm** Il-Banda 12th May iddoqq l-aħħar innijiet fid-dħul tal-purċissjoni lura fil-Knisja Parrokkjali. Mad-dħul tal-purċissjoni, il-kumitat flimkien mar-rappreżentanti kollha tas-Sezzjonijiet jidħlu l-knisja sabiex mal-Kappillan u l-poplu preżenti jroddu ħajr lil Alla u lil Sant'Andrija wara li l-festa tkun intemmet b'wiċċ il-ġid.

**11.15pm** Il-Banda L-Unjoni tagħlaq il-festa b'marċ qasir tul Triq Sant'Andrija.



Hardware

M.CAUCHI
HARDWARE
STORE

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT

# FUNERALS UNDERTAKER

FRANCIS BORG
DAY AND NIGHT SERVICE

**TAXI SERVICE AVAILABLE**
**TEL: 2189 5159**
**MOBILE: 9949 0161**

'FRANCIS', GUDJA RD., LUQA

St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta
www.unionbandmalta.org

# Programm tan-Nar

## Il-Ħamis 27 ta' Ġunju

**6.00pm** Quddiesa fil-kumpless tan-nar għall-membri kollha tal-kamra tan-nar. Jiċċelebra Patri Adrian Jos. Cachia *OFM*, Direttur Spiritwali

## It-Tnejn 1 ta' Lulju *Ħruġ minn niċċa*

**7.45pm** Salut, kaxxa bomba

## L-Erbgħa 3 ta' Lulju *L-ewwel Tridu*

**8.00am, 12.00pm, 8.00pm** Salut
**11.15pm** Nar tal-art f'*Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra*

## Il-Ħamis 4 ta' Lulju *It-Tieni Tridu*

**8.00am, 12.00pm, 8.00pm** Salut

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju *It-Tielet Tridu*

**8.00am, 12.00pm, 8.00pm** Salut
**9.45pm** Salut, kaxxa tal-kulur

## Is-Sibt 6 ta' Lulju *Lejlet il-Festa*

**8.30am** *Te Deum*: Salut
**11.45am** Salut
**6.00pm** *Transulazzjoni*: Salut, kaxxa
**11.15pm** Salut, kaxxa tal-kulur
**12.00am** Nar tal-art mekkanizzat f'*Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra*

## Il-Ħadd 7 ta' Lulju *Jum il-Festa*

**8.00am, 11.45am** Salut
**7.30pm** Salut, kaxxa, murtaletti tal-beraq u tal-kulur

*Dan ix-xogħol pirotekniku nħadem kollu*
*mill-membri tas-Saint Andrew's Fireworks Factory*

# TIME TO WATERPROOF YOUR HOME & FIX YOUR PROBLEMS WITH MOULD?





**Add value to your home:**
- Waterproofing Membrane for Residential & Industrial Projects
- Effective & Safe Waterproofing material
- Maintenance Of Old Waterproofing Membrane
- Damp Proofing (Appoġġ)
- Best Quality Material Used with an Advanced Technology ISO 9001
- Competitive Pricing & Professional Services
- Easy Payment Terms



**10 Years Guarantee**

**EXPERTS IN WATERPROOFING MEMBRANE**



**Add VALUE to your home**
***Our Customers Are Our Best Sales People***



www.kendawaterproofing.com
email: kwaterproofing@melita.com

KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM

74, Triq Pawlu Magri,
Luqa LQA 1472

***CALL NOW FOR A FREE ESTIMATE ON 7972 9967 / 9987 9221***

# Programm Mużikali mill-Banda L-Unjoni

## fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta'

# Sant'Andrija Appostlu

## fuq il-Planċier fi Pjazza Sant'Andrija, Ħal Luqa

## Il-Ħamis 4 ta' Lulju – 8.30pm

| | |
|---|---|
| Innu Marċ lil Sant'Andrija Appostlu | Gaetano Grech |
| *Au jardin d'une pagode Chinoise* | A. W. Ketelbey |
| *1913 – Fanfare & Theme* | Neil Zammit |
| *Hooked on Classics* | Arr. by J.H. Burden |
| *The Power of Love* | W. Detman / G. Mende / J. Rush / M. Applegate |
| *In the Fast Lane* | R. Ramskill<br>Arr. by Norbert Camilleri |
| *Minnie the Moocher* | C. Calloway / I. Mills / C. Gaskill |
| *Lightning Fire* | M. Saurer |
| *Tragedy*<br>Tkanta: Federica Falzon | A. Bard / A. Hansson / F. Kempe<br>Arr. by John D. Zammit |
| *Rock Your Blues Away* | G. Noris |
| *Evergreen – Boney M*<br>Jieħdu sehem: Julie Pomorski, Tiziana Calleja, Johanna Galea u Jeffrey Scicluna | Arr. by John D. Zammit |
| Innu lill-Banda L-Unjoni | Joseph Abela Scolaro |

Surmast Direttur – John D. Zammit

Compere – Cleavon Vella


MAGRI
AUTOCARE
Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com
WE RESTORE THE APPEARANCE
OF CAR INTERIORS & EXTERIORS
TO SHOWROOM CONDITION.
• Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
• Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
• Car wash (by hand) and interior vacuum
• Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components
Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 / Email: magridrs@vol.net.mt

# Marċi li se jindaqqu mill-
# Filarmonika L-Unjoni
# matul il-jiem tal-festa

| | |
|---|---|
| Palazz Sant'Andrija | John D. Zammit |
| 50 sena Bandisti (Charles Camilleri u Joe Faenza) | Charles E. Zammit |
| Chinese Rose | Joseph Azzopardi |
| Balfrendozan | Maj. Anthony Aquilina |
| Andreas | Neil Zammit |
| Ophelia | Joseph Abela Scolaro |
| Żewġt Iħbieb | Emanuel Bugeja |
| Valley of Roses | Charles E. Zammit |
| Forza L'Unione | John D. Zammit |
| Il-Meravilja | John D. Zammit |
| Innu lil Sant'Andrija | Gaetano Grech |
| Innu lill-Banda L-Unjoni | Joseph Abela Scolaro |

## Servizzi tal-Banda L-Unjoni – 2013

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunċert Sinfoniku | Teatru Metanoia | Ħal Luqa | 19 ta' Jannar |
| Ħadd il-Palm | Programm | Ħal Luqa | 24 ta' Marzu |
| Ġimgħa l-Kbira | Programm u Purċissjoni | Ħal Luqa | 29 ta' Marzu |
| Jum Ħal Luqa | Marċ | Ħal Luqa | 19 ta' Mejju |
| Marija Annunzjata | Marċ | Ħal Tarxien | 28 ta' Mejju |
| San Filep | Marċ u Programm | Ħaż-Żebbuġ | 9 ta' Ġunju |
| San Nikola | Marċ u Programm | Siġġiewi | 30 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Programm u Marċ | Ħal Luqa | 5 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ | Ħal Luqa | 6 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ tal-Aħħar | Ħal Luqa | 7 ta' Lulju |
| San Leonardu | Marċ u Programm | Ħal Kirkop | 25 t'Awwissu |
| Santa Katarina | Marċ | Żurrieq | 1 ta' Settembru |
| Marija Bambina | Marċ | Senglea | 7 ta' Settembru |

# TWO 9 SIX

**LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR**

**NEW STREET, LUQA**

*Opening Hours*
**9.00am - 1.00pm & 4.15pm - 7.00pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672**



# EMMANUEL GATT

**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351

# Programm mill-Banda 12th May

## Esegwit Nhar il-Festa ta' Sant'Andrija
## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

| | | |
|---|---|---|
| **Johann Strauss II** | Tales from the Vienna Woods | *Valzer* |
| **Jean Sibelius** | Finlandia | *Tone Poem* |
| **Giuseppe Verdi** | La Forza del Destino | *Sinfonia* |
| **Howard Shore** | Lord of the Rings | *The fellowship of the Ring* |
| **Vangelis** | March with Me | |

# Marċi mill-Banda 12th May

| | |
|---|---|
| Innu lil San Filep | Giuseppe Caruana |
| Omaggio Jubilare* | Hermann Farrugia Frantz |
| Golden Jubilee* | William Debattista |
| Cappadocia* | Daniel Vella |
| Awguri lill-Banda 12th May* | Henry Camilleri |
| 50th Anniversary* | Noel Chircop |
| Serendipity* | Prof. Joseph Vella |
| Filippu Grech il-Fundatur * | Joseph Sammut |
| Amante Attard l-Ewwel Surmast * | Andrew Coleiro |
| Kumitat Ħabrieki* | Ray Sciberras |
| Charlie London* | Amante Attard |
| Maryan | Major Anthony Aquilina |
| It-12 ta' Mejju 1962 | Amante Attard |
| Innu tal-Banda 12th May | Amante Attard |

Surmast Direttur: Mro Hermann Farrugia Frantz

# Frankie Green Grocer

**Triq il-Karmnu**
**Luqa**

**Tel: 2180 6809**
**Mob: 9987 8638**



# Carly’s

STATIONERY,
GIFTS AND TOYS

Printing from Pen-drive/USB, Photocpying, Colour, Binding & Film Developing Service available.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and Christening souvenirs also available.

Triq Censu De Candia, Luqa Tel.: 2180 3774
**NEAR LELA PET SHOP**

# Marċi mill-
# Banda Santa Katarina V.M.
## L-Erbgħa 3 ta' Lulju

A.D. 1864

| | |
|---|---|
| Per Sempre Patrona | Alan Schembri |
| Red Empire | Mario Testa |
| Armar Spettakolari | Giulio Tanti |
| 100 Sena f'Palazz Alexandria | Josef Grech |
| Quam Mirabilis | Alan Schembri |
| Sponsa Christi | Chris Cachia |
| 30 sena Sezzjoni Nisa (1980 – 2010) | Raymond Sciberras |
| Umbrella Mekkanizzata | Keith Sacco |
| Ungerija 2009 | Raymond Fenech |
| 22 sena Surmast (1986 – 2008) | Francis Falzon |
| Statwa Meravilja | Mario Testa |
| 6 Unuri Internazzjonali | Andrew Coleiro |
| Supremazija | Nikola Bugeja |
| Palm of Victory | Alan Schembri |
| Forza Censina | Anthony Aquilina |

Surmast Direttur: Josef Grech

Radju 88.4 FM STEREO Sant'Andrija

**Mit-Tnejn 17 ta' Ġunju sal-Ħadd 7 ta' Lulju**

**Segwina fuq 88.4fm jew live fuq www.unionbandmalta.org**

**SMS: 5061 3965**




# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*





# L-armar fil-Kungress Ewkaristiku ta' mitt sena ilu

Kitba ta' Mario Fenech

Mitt sena ilu kien sar f'Malta wieħed mill-akbar avvenimenti Reliġjużi li qatt saru fil-Gżejjer Maltin. Dan kien il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar bejn it-23 u s-27 ta' April 1913.

Il-Kungress fetaħ nhar l-Erbgħa 23 ta' April fir-Rotunda tal-Mosta b'numru ta' Diskorsi importanti fosthom dak tad-Delegat tal-Papa l-Kardinal Domenico Ferrata. L-għada l-Ħamis 24 ta' April kienet saret laqgħa għat-tfal u Tqarbina fil-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Floriana, filwaqt li fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-Kolleġġjata ta' Marija Bambina fl-Isla u fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena Birkirkara saru Pontifikali Solenni.

Wara li ntemmet il-Funzjoni bis-sehem tat-tfal fil-Furjana, saret Purċissjoni lejn il-Belt Valletta fejn it-tfal kienu akkumpanjati mill-Isqof Portelli flimkien mal-Banda tas-Sależjani. Meta l-Purċissjoni għaddiet minn quddiem il-Każin Malti mill-gallarija sellmilhom il-Kardinal Ferrata.



Wara nofsinhar il-Kungress tkompla b'laqgħa oħra fir-Rotunda tal-Mosta filwaqt li matul il-lejl saru sigħat ta' Adorazzjoni quddiem l-Ewkaristija f'diversi Knejjes.

Funzjoni oħra kbira kienet dik li saret fil-Barrakka ta' fuq fil-Belt Valletta fejn kienet twaqqfet Tribuna fit-tarf tal-gallarija biex minn fuqha sar it-Tberik tal-Baħar b'ħafna opri tal-baħar miġbura fil-Port il-Kbir b'eluf ta' nies fuqhom.

It-Toroq li minnhom kellha tgħaddi xi waħda mill-Purċissjonijiet li saru matul dan il-Kungress Ewkaristiku ġew armati b'Armar mill-Isbaħ li kien inġieb minn Lokalitajiet oħrajn flimkien ma' armar ieħor li kien sar għal dan il-Kungress.

Fil-bidu ta' Strada Rjali (illum Triq ir-Repubblika) eżatt quddiem il-bini tat-Teatru Rjal kien ġie armat ark kbir magħmul minn erba' kolonni għoljin b'Anġli tal-Kartapesta fuqhom u pavaljun tad-drapp tal-bellus bil-kitba fuqu. Dan l-Ark wara li ntemm il-Kungress kien ġie mixtri mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista tax-Xewkija u fejn għadu jintrama kull sena f'tarf il-Pjazza tal-Knisja għall-Festa tal-Qaddis.




**Bar & Restaurant**

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



BERNARD

*ta' Twanny*

Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott



Fil-Floriana quddiem Ġnien il-Mall intramat Tribuna kbira maħduma għal din l-okkażjoni biex minn fuqha ssir iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika u l-Barka Sagramentali. Il-funzjoni tmexxiet mill-Kardinal Domenico Ferrata wara purċissjoni li fiha kienu ħadu sehem numru kbir ta' Fratelli minn Fratellanzi tas-S.S.M.U. Sagrament minn madwar Malta kollha. Il-purċissjoni kienet bdiet mill-Belt lejn il-Floriana fejn saret din iċ-Ċerimonja li baqgħet tissemma għal bosta snin għall-kobor tagħha.

Ma nafux eżatt x'kien sar mit-Tribuna għalkemm xi ftit taż-żmien ilu sibt li partijiet minnha li huma mpittra b'Simboli Ewkaristiċi fuqhom, għadhom kemm ġew irrestawrati u jinsabu fil-bini tal-Kurja Arċiveskovili fil-Floriana. X'aktarx li l-Anġli li kienu ntramaw fuq it-tribuna kienu ġew mibjugħa għal xi Festa partikolari.

Biswit din it-Tribuna kienu ntramaw iż-żewġ Pilandri kbar li jintużaw waqt il-Festa tas-S.S.M.U Salvatur f'Ħal Lija. Dawn kienu ġew mislufa għal dan il-Kungress minn din il-Parroċċa. Ma' dan l-Armar kien hemm ħafna armar ieħor li ntrama fit-Toroq tal-Lokal stess minn fejn kien ġie misluf għal dan il-Kungress. Fost dawn kien hemm l-armar tal-festa ta' Corpus Christi li toħroġ mill-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat, l-armar tal-festa ta' San Ġużepp li ssir mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat u l-armar tal-festa ta' Santa Marija fil-Mosta.

It-tliet festi tal-Belt Valletta, ta' San Pawl, ta' San Duminku u tal-Madonna tal-Karmnu ħadu ħsieb jarmaw uħud mit-toroq tal-Belt għal dan il-Kungress. Meta għadda kollox u l-armar ġie mqiegħed lura f'postu, kien hemm numru ta' parroċċi li bdew jagħmlu dak kollu li setgħu biex jiżdied l-armar ta' barra tal-festi tagħhom. Sfortunatament ħafna minn dan l-armar kien intilef bil-bombi tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-fatt li dan il-Kungress hekk kbir u importanti kien sar f'Malta mitt sena ilu huwa ta' ċertifikat sabiħ għall-Poplu Malti. Poplu li għandu wisq għal qalbu dawn il-festi li jsiru għad Unur il-Patrun jew il-Patruna tar-Raħal. F'Ħal Luqa wieħed jikkonferma dan meta jżur ir-Raħal waqt il-jiem tal-festa Titulari ta' Sant'Andrija.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



FGP

*The Garage Door People*

Celebrating 50 Years! 1962-2012

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

- SILENT
- WEATHER SEALED
- VARIOUS DESIGNS & FINISHES
- RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
- COMPETITIVE PRICES
- REMOTE CONTROL AVAILABLE

FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.
We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

FGP LTD. 106, VALLETTA ROAD LUQA LQA1752. TEL: 21667107/8, 21673637 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT

# PHOENICIA

**BAR & TAKE AWAY**

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.



# Tifkira tal-Pussess tal-Kappillan Rev. Dun Gordon Refalo

## 20 ta' Ġunju, 2012

Kitba ta' Neil Zammit

Kien is-Sibt 21 t'April 2012 meta l-E.T. Mons Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ħatar lir-Rev. Dun Gordon Refalo bħala Kappillan ġdid tal-Parroċċa ta' Sant'Andrija, Ħal Luqa.

Imwieled f'Tas-Sliema fit-30 ta' Novembru 1961, Dun Gordon Refalo ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-1991 u serva l-ewwel bħala Viċi Kappillan fil-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun u dik ta' Marija Bambina tan-Naxxar. Wara huwa serva bħala Kappillan fil-Parroċċi ta' Santa Luċija, Tal-Ibraġġ u s-Swatar. Huwa wkoll President tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani, kariga li għadu jokkupa sa llum.

Sa mill-ewwel jiem tiegħu fostna, Dun Gordon wera ħeġġa kbira biex ikompli l-ħidma pastorali tiegħu fuq dik tal-Kappillan ta' qablu, waqt li jagħti kas ukoll tal-bżonnijiet materjali li għandha bżonn il-Parroċċa.

Il-Jum tal-Pussess ħabat nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju. Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna l-parruċċani kollha flimkien mal-għaqdiet reliġjużi, soċjali u kulturali. Il-funzjoni solenni kienet ippreseduta minn Mons Arċisqof Fra Pawl Cremona O.P., assistit minn Dun Frans Abdilla, Delegat tal-Arċisqof għall-Kleru. Iż-żewġ xhieda kienu l-presidenti taż-żewġ każini tal-banda; Dott Noel Camilleri u s-Sur Charles Attard, rispettivament.

Wara l-funzjoni, il-Kappillan Dun Gordon Refalo akkumpanjat mill-familjari, għamel żjara ta' kortesija fiż-żewġ każini tal-banda. L-ewwel waqfa saret ġewwa l-każin tas-Soċjetà L-Unjoni, fejn il-President irregala tifkira lill-Kappillan għal din l-okkażjoni. L-istess ġara meta l-korteo wasal ħdejn is-sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Il-banda tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni u l-Banda Sant'Andrija sellmu lill-Kappillan Refalo hekk kif ħareġ mill-Knisja Parrokkjali bid-daqq tal-innijiet u mbagħad immarċjaw wara xulxin tul it-triq kollha sa mal-Kappillan u l-mistednin l-oħra twasslu saċ-Ċentru Parrokkjali fejn inżamm riċeviment tal-okkażjoni.

Għalhekk għaddiet sena minn din il-ġrajja, it-tifkiriet tagħha għadhom ħajjin f'moħħna u f'qalbna. Lil Dun Gordon nawgurawlu aktar snin ta' ħidma fejjieda biex flimkien mal-Viċi u l-Kleru, ikompli bil-ħidma pastorali tiegħu għas-salvazzjoni tal-erwieħ, waqt li jkompli jimpenja ruħu fir-rigward tat-tisbiħ tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu, għax wara kollox hekk jixraqlu t-Tempju t'Alla.

*Ad Multos Annos!*

# Il-Pussess tal-Kappillan




















Jane's Hair Salon
For Professional & Personalised Styles
101, Carmel Street, Luqa Tel: 21803312
Hair Stylists & Tech
Jane Schembri & Antonella Camenzuli
Opening Hours:
Tuesday - Friday
9.00am – 6.00pm
Saturday
9.00am – 5.00pm
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR
NIOXIN




LOOKING FOR QUALITY & SECURITY?
We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.
ALL THIS IS FREE OF CHARGE!
FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE
We Specialise In:
• PVC Coated Doors
• Roller Shutters
• Insulated Sectional Doors
• Up & Over Doors
• Round The Corner Doors
• Folding Doors
• Gates & Fences
• Sheet Metal Doors
• Motorised Doors
• Moulds
• Substation Louvres
• Metal Doors Covered In Wood
New Street off Valletta Rd. Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net
Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397
Also Specialising In Metal Doors Covered In Wood
www.alfredbaldacchinoltd.net
AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL
Look no further!



# Tifkiriet tal-*Prima Messa* tiegħi

Kitba ta' Rev. Dun Robin Camilleri

## Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej

*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej!* Din kienet it-tema li għażilt bħala *motto* għas-saċerdozju tiegħi. U meta naħseb fuq din it-tema mill-ewwel jiġu quddiem għajnejja dak il-mument sabiħ tal-*Prima Messa*!

## Il-veru ferħ

Kien it-3 ta' Lulju 2012 meta l-poplu Ħalluqi iċċelebra flimkien miegħi l-ewwel quddiesa solenni fil-parroċċa tagħna. Kienet ġurnata li ħalliet marka fil-ħajja tiegħi għax esperjenzajt is-sabiħ tar-relazzjoni bejn il-qassis u poplu. Dak inhar stajt nilmaħ lil kulħadd fit-toroq tagħna jifraħ għax il-Mulej għoġbu jagħtina qassis minn Ħal Luqa. Stajt nilmaħ fuq il-bixra tal-wiċċ tal-poplu Ħalluqi dak il-ferħ... *"prosit Father!, issa ibqa' magħna..."* Dawn kienu kummenti li għadni nżommhom f'qalbi għax naf li l-Ħalluqin għandhom għal qalbhom is-saċerdot. Din l-esperjenza waslet fija biex nagħraf il-veru ferħ li jinsab fi Kristu Ġesù. Kull bniedem għandu x-xewqa li jesperjenza l-ferħ f'ħajtu. Dak il-ferħ li jimla' l-qalb tal-bniedem bis-sodisfazzjon u jistimulaha bil-motivazzjoni. Għalija dan il-ferħ jinsab fl-esperjenza tiegħi bħala saċerdot mal-imgħallem tagħna Ġesù.



## Bnadar, Marċi, Ċelebrazzjonijiet

Mas-sebħ tat-3 ta' Lulju f'Ħal Luqa kulħadd seta' jara atmosfera ta' festa. Il-qniepen idoqqu u jħabbru l-ferħ li ġabet magħha din il-ġurnata. Nibqa' niftakar is-sehem tal-baned tagħna f'din l-okkażjoni u ż-żjara li għamilt fil-każini, fejn kelli laqgħa sabiħa mal-Kumitat Ċentrali u s-sezzjonijiet kollha. Il-familjari tiegħi baqgħu mistagħġba kif raw daqshekk entużjażmu mill-Poplu ta' Ħal Luqa. Nixtieq għal darb'oħra nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni u s-Soċjetà Mużikali Sant'Andrija.


Stefan Briffa
Proprietor
Ta' Lela Petshop
A large range of
bird selection.
Pet and garden needs
are also available.
87
Triq Ċensu Decandia
Luqa
Mob: 7993 6074
ta_lelapetshop@yahoo.com


CARMEL
CARUANA
For all Kinds
of Furniture
Plot 35,
Luqa Industrial Estate,
Luqa
Tel: (Factory) 2122 7989
(Home) 2189 4966

Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika kienet iċ-ċentru ta' din il-ġurnata fejn għall-ewwel darba qaddist fil-parroċċa tagħna. Kienet ċelebrazzjoni mill-isbaħ fejn kulħadd seta' jammira l-vuċi anġelika tat-tfal tal-Kor Shalom kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni fiha nfisha. Kien hemm saċerdot qalli, *"kemm tlabt waqt il-quddies..."* Hekk hu, dak li xtaqt meta kont qed norganizza l-mument tal-quddies, li tkun talba sabiħa lil Alla fejn verament **"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej"**.

## Inħares 'il quddiem

Issa wara li għadda kollox, qabel xejn nirringrazzja lil Ħalluqin kollha, lis-saċerdoti tar-raħal speċjalment lill-wisq maħbub Kappillan tagħna Fr Gordon Refalo ta' kull għajnuna speċjalment tas-sapport kontinwu matul din is-sena.

Issa qed inħares 'il quddiem, ħalli din l-opra li beda Alla fija tħalli l-frott mixtieq. Bħalissa qiegħed naqdi l-ministeru tiegħi fil-parroċċa tal-Isla. Nista' ngħid li qiegħed għal qalbi ħafna taħt il-protezzjoni ta' Marija Bambina u r-Redentur fejn dejjem nitlob għall-parroċċa tagħna ta' Ħal Luqa.

L-importanti għalija hija li dejjem nesperjenza dan il-veru ferħ permezz tat-talb, tal-formazzjoni kontinwa fis-saċerdozju kif ukoll li nħobb li l-Mulej afdali f'idejja. B'hekk fl-aħħar ta' ħajti nkun nista' ngħid minn qalbi: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej".














**St Thomas Street, Luqa**
**Tel: 2166 0105**

Web: www.bigsavefootwear.com
Email: info@bigsavefootwear.com

Mon - Sat:
9.00am till 1.00pm / 4.00pm till 7.00pm

# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**

# Prima Messa













SIMPATIA

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now
SIMPATIA
outlet

FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082


# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com




*L-ewwel standard tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni li żżanżan 130 sena ilu*


MuXi
• Adults' & Children's Clothing
• Underwear • Accessories
Ġużeppi Ellul Street, Luqa
Tel: 21 891 790



# Il-*Filarmonica L'Unione*
## 90 sena ilu…

Kitba ta' Francis Galea

Għall-Banda *L'Unione* l-1923 bdiet kmieni wara li aċċettat stedina biex tmur iddoqq f'Ħal Safi għall-festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu San Pawl. Għal din il-festa ċċelebrata nhar l-24 ta' Jannar *L'Unione* daqqet sett ta' marċi brijużi fis-7:30 ta' filgħaxija.

F'April, il-Bandisti Ħalluqin kienu mistiedna biex idoqqu f'żewġt'irħula ġirien. L-ewwel stedina kienet fir-raħal ta' Ħal Tarxien għaċ-ċelebrazzjoni ta' Marija Annunzjata, il-Ħadd 8 tax-xahar meta l-banda daqqet fil-5:00 ta' filgħaxija. Imbagħad, daqqet kemm lejlet kif ukoll nhar il-festa ta' San Ġużepp ġo Ħal Għaxaq. Lejlet il-festa, nhar is-Sibt 21 ta' April, daqqet fis-7:00 ta' filgħaxija waqt li l-għada fil-5:00 ta' filgħaxija.

Jidher li l-kumitat tas-Soċjetà *L'Unione* dik il-ħabta kien qed jaħseb bis-serjetà kif seta' jsaħħaħ id-dħul għall-każin. Nhar il-25 ta' Marzu 1923, is-segretarju kiteb lill-Kap tal-Ministeru l-Palazz il-Belt sabiex is-soċjetà tingħata l-permezz tiftaħ Banka tal-Lotto fil-bini tagħha. Dan għax il-Banda li kienet ilha mwaqqfa sew u *"might be considered as one of the oldest Civic Bands in the island"* kienet għaddejja minn żminijiet iebsa ħafna. Fit-13 ta' April, is-Sur A. Catania wieġeb f'isem l-Assistent Teżorier għall-Uffiċċju tal-Lottu, fejn stieden lis-Sur Joseph Azzopardi biex imur fl-uffiċċju msemmi nhar il-25 tax-xahar sabiex jitkellmu dwar l-applikazzjoni għall-Banka tal-Lottu.



L-1923 tat konferma tad-dixxiplina u s-serjetà fi ħdan is-Soċjetà L'Unione meta minkejja d-diffikultajiet finanzjarji, żanżnet l-uniformi l-bajda għall-bandisti tagħha. Għal din l-okkażjoni, il-Banda *L'Unione* daqqet programm mużikali fi *Piazza Chiesa* ġewwa Ħal Luqa stess. Skont il-minuti tas-Segretarju, nafu wkoll li sentejn wara, din l-uniformi saritilha dekorazzjoni ġdida biex dejjem tkun ta' livell għoli u tħabbatha ma' ta' baned oħra lokali u navali.

Is-sejħa li kien imiss ħadet lill-banda *L'Unione* lejn in-naħa ta' fuq ta' Malta, din id-

darba Ħal Balzan għall-festa ta' San Valentino fis-17 ta' Ġunju 1923. Dakinhar, *L'Unione* daqqet programm mużikali mill-aqwa fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

Minn hawn reġgħet lura lejn it-tlett ibliet. Wara li tat żewġ servizzi fiż-Żurrieq, il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu fil-5:00 ta' filgħaxija L'Unione marret iddoqq għall-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu. Hawn il-bċejjeċ mużikali kienu jinkludu kompożizzjonijiet ta' De Sanctis, Fucik, Ponchielli u Crescimanno.

Imbagħad, il-Ħamis 6 ta' Settembru, fl-aħħar jum tan-novena ta' Marija Bambina, il-Banda *L'Unione* tat servizz ġewwa l-Isla. L-ewwel għamlet marċ brijuż mat-toroq ewlenin ta' din il-belt antika u wara tellgħet programm mużikali fis-7:30 ta' filgħaxija fi Strada Vittoria.

B'rabta ma' dan l-aħħar impenn mużikali, nhar il-Ħadd 23 ta' Settembru 1923, saret ċerimonja sinifikanti ħafna meta l-Kumitat tal-Festi Nazzjonali u Titulari ta' Marija Bambina tal-Isla qatagħha li jippreżenta standard bl-emblema tagħhom lis-Soċjetà Filarmonika *L'Unione*. Din iċ-ċerimonja saret fil-pjazza tal-knisja ta' Ħal Luqa fejn inġabru bosta nies biex jaraw dan l-avveniment mhux tas-soltu.

Il-preżentazzjoni saret mill-Avukat W. Soler, President tal-Banda *La Vincitrice*, li miegħu kien hemm Dun Caruana Colombo. Dawn kellhom magħhom persuni distinti, fosthom il-Monsinjur Kanonku Arċipriet tal-Isla Giuseppe Adami, il-Kappillan ta' Ħal Luqa Dun Ġużepp Magri, flimkien ma' Dun Ġużepp Vassallo, Dun Ġużepp Baldacchino, Dun Karm Vassallo, Dun Ġorġ Sapiano, Dun Bartolomeo Cassar, Dun Rosario Cremona (Kappillan tal-Imgieret), kif ukoll l-editur tal-ġurnal *The Malta Herald*, l-Onorevoli Edwin A. Vassallo, l-ispettur tal-Pulizija N. Boccia ta' Ħal Tarxien u s-Supretendent mill-Għassa ta' Bormla. Ma naqasx ukoll li jkun hemm il-Kumitat tal-Banda Sengleana *La Vincitrice*.

Dan l-istandard maħdum b'sengħa tal-għaġeb, li tirrifletti kemm fil-materjal kif ukoll fid-disinn u l-ħjata, huwa xogħol meqjus artistiku li ħareġ mill-ħila tas-Senglean magħruf is-Sur Casigena. L-iskop ta' din l-għotja kien biex ifakkar u jirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* wara erbgħin sena ta' parteċipazzjoni fl-okkażjoni tal-festa nazzjonali tal-Vitorja ġol-Isla. Il-Banda *L'Unione* kompliet tinseġ u ssaħħaħ l-istorja tas-Soċjetà billi sena wara l-oħra kienet mistiedna, u dejjem daqqet kemm programmi mużikali kif ukoll marċi brijużi fit-toroq ta' din il-belt.



Iżda f'dan il-jum memorabbli tal-preżentazzjoni ta' dan l-istandard, il-Banda *L'Unione* tat wirja kbira meta esegwiet marċi trijonfali mill-pjazza tul Triq San Ġużepp, Vjal Ħal Tarxien u lura lejn il-pjazza. Wara dan il-marċ kien hemm ħruq tal-logħob tan-nar minn fuq il-bejt tas-Sur Leonardo Fiott. Eżatt wara esegwiet programm mużikali fuq il-planċier mill-5:00 sad-9:00 ta' bil-lejl meta, imqanqla mill-entużjażmu u l-ferħ tal-partitarji, il-Banda *L'Unione* temmet din is-serata b'marċ brijuż imma qasir.

Ir-ritmu ta' attivitajiet issokta nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru, meta l-Banda *L'Unione* daqqet biex tferraħ in-nies fil-ġnien ta' Triq il-Parroċċa f'Ħal Luqa. L-attività ta' Fiera u *Bazaar* ġiet imtella' mill-istess Soċjetà u d-dħul kien ta' sold, inkluża t-taxxa, u kull min attenda seta' jgawdi minn *buffet* imhejji għal din is-serata.

Sabiex il-banda setgħet tlaħħaq mal-impenji tagħha barra mir-raħal, il-kumitat kien ikollu jikri żewġ *char-a-bancs* li jġorru 24 persuna l-waħda biex bihom jittieħdu u jinġiebu lura l-bandisti bl-istrumenti li jdoqqu. Dan jidher mill-ħlasijiet li kien jagħmel tista' tgħid kull xahar is-Sur Leonardo Farrugia li dak iż-żmien kien il-kaxxier. Ta' kull karozza li jikri kien iħallas daqqa lira u nofs u ġieli lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu. L-aktar li kien isir negozju kien mal-garaxx *The British Cars*, ta' 87, Sda. Marina Via Misida - Sliema.

Nhar il-5 ta' Novembru il-Banda *L'Unione* marret taqdi dmirha fil-festa Titulari ta' San Leonardu fir-raħal ta' Ħal Kirkop. Hemmhekk, il-banda daqqet ġabra ta' siltiet mużikali ċelebri li ħarġu mill-pinna ta' kompożituri magħrufa.

Hawn ta' min ifakkar li kemm f'din is-sena kif ukoll fis-sena ta' wara, il-Banda *L'Unione* kompliet tissaħħaħ b'għotjiet ta' strumenti ġodda, fosthom sett saxaphones, sett qniepen u batterija ġdida. Il-flus biex jinxtraw it-timpani ġew miġbura minn Ħalluqin u ammiratui ta' din is-Soċjetà f'Detroit.

**Referenzi**

Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005.


# Easy Come Store

*For all types of groceries, frozen foods & detergents.*

Best value for your money!

**Free Delivery**

2, Dun Pawl Street, Luqa



# Cheveux Classique
by Ottilia

**New Street, Luqa**
**Tel: 2182 0487**

| | |
|---|---|
| Monday | 9.00am - 1.00pm |
| Tue to Fri | 9.00am - 6.00pm |
| Saturday | 8.00am - 5.00pm |

**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more... We also specialize in Make-up and Nails.**

# Ninja Store

*For all types of groceries, frozen food, detergents, vegetables & fruits.*
*Best value for your money! Free Delivery*

**NOW UNDER NEW MANAGEMENT**




20, Triq Tumas Galea,
Ħal Luqa

Mob: 99464759
Tel: 21827276

Business Hours
Monday to Friday
5.00am - 12.30pm; 4.00pm - 7.30pm
Saturday - 5.00am - 1.30pm





# Għeluq il-mitt sena mill-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li nżamm f'Malta fl-1913

Kitba ta' Neil Zammit




Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin kienet bil-wisq differenti minn kif nafuha aħna llum. Bħal donnu kull attività li kienet tiġi organizzata kellha l-attenzjoni ta' kulħadd, kemm minn naħa tal-awtoritajiet ċivili u ekklesjastiċi, kif ukoll mill-poplu inġenerali. Mhux ta' b'xejn li ħafna ġrajjiet storiċi li seħħew snin ilu baqgħu jissemmew saħansitra sa żminijietna għax tassew kienu ġrajjiet kbar li bħalhom pajjiżna mhu se jerġa' jara qatt.

Ġrajja mill-aktar importanti fl-istorja ta' ġensna seħħet propju fl-1913, mitt sena ilu, meta pajjiżna ospita l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Dan l-avveniment baqa' jissemma bħala wieħed mill-ewlenin f'pajjiżna, tant li f'dan l-aħħar seklu baqgħet tinżamm ħajja t-tifkira tiegħu permezz ta' għadd ta' kitbiet, rakkonti u saħansitra monumenti li jixhdu din il-ġrajja.

Għal Malta din kienet okkażjoni straordinarja sabiex twassal isimha mal-erbat'irjieħ tad-dinja. Irridu niftakru illi sa dak iż-żmien, pajjiżna kien meqjus biss bħala bażi militari li tagħmel parti mill-Imperu Ingliż. Ħadd qatt ma basar li l-poplu Malti kellu l-potenzjal jorganizza għall-ewwel darba attività Internazzjonali bħal ma kien il-Kungress Ewkaristiku.

## Jibdew il-preparamenti

L-aħbar li l-Kungress kien ser jinżamm ġewwa Malta ingħatat mill-Isqof Pietru Pace nhar Ħadd il-Għid tal-1912, li ħadem bis-sħiħ biex dan iseħħ. Il-kungressi kienu jlaqqgħu Kardinali, Isqfijiet u Għorrief tal-Knisja Kattolika, bil-għan li titkattar iżjed id-devozzjoni lejn is-Santissmu Sagrament. Il-Qdusija Tiegħu, il-Papa kien jibgħat ukoll il-Legat Pontifiċju bħala turija t'appoġġ u apprezzament lejn dawn il-kungressi.

Minħabba l-veneranda età li kellu l-Isqof Pace, ix-xogħol kollu waqa' f'idejn l-Isqof


L-Isqof Pietru Pace

Awżiljarju Fra Angelo Portelli OP. Sadanittant, l-Isqof t'Għawdex Mons Giovanni M. Camilleri u l-Vigarju Ġenerali Mons Attard inħatru viċi presidenti eżekuttivi. Għal-laqgħat ġenerali, li kienu jinżammu fl-Oratorju ta' San Ġwann, kienu jattendu għadd ta' Kappillani, Uffiċċjali tal-Gvern, iż-żewġ Presidenti tal-Baned La Valette u King's Own tal-Belt Valletta u għadd ta' edituri tal-ġurnali lokali. Mill-banda l-oħra, il-Kumitat Eżekuttiv beda' jiltaqa' ta' spiss fil-Palazz tal-Isqof, il-Belt.

F'Ottubru 1912, wasal Malta l-Isqof Heylen biex ikollu laqgħat mal-organizzaturi. Il-programm tal-Kungress li ġie mfassal mill-Isqof Heylen intlaqa' tajjeb, għajr għal żewġ affarijiet. Ir-rotta tal-purċissjoni l-kbira li kellha ssir il-Ħadd dehret qasira wisq għall-folla numeruża li kienet mistennija tattendi. Mill-banda l-oħra kien hemm nuqqas ta' qbil fuq l-għażla tal-grawnd tal-futbol ta' San Alwiġi għal-laqgħat ġenerali waqt l-istess Kungress. L-Isqof Pace ċeda għall-pressjoni u biddel il-lok għall-grawnd tas-Sależjani ta' Tas-Sliema. Iżda fuq din il-proposta ma ntlaħaqx qbil lanqas. Wara ħafna diskussjonijiet, ġie deċiż illi tintuża l-knisja rotunda tal-Mosta, li kienet kbira daqs il-Katidral ta' San Stiefnu ta' Vienna fejn kien sar il-Kungress tas-sena ta' qabel.

Fil-5 ta' Diċembru 1912 tħabbar li l-Kardinal Domenico Ferrata kien ser ikun il-Legat tal-Papa għall-Kungress ta' Malta. Dan il-Kardinal kellu ismu marbut ma' Malta għax ftit tas-snin qabel kien diġà żar pajjiżna biex inkuruna x-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni meqjuma fil-Kolleġġjata tal-Belt Cospicua. Il-Maltin ferħu għal din l-aħbar. Aktar tard sar magħruf ukoll illi l-Isqof Federico Tedeschini kien ser ikun il-Kanċilleri tal-Kardinal Ferrata, waqt li l-Prinċep Barberini u l-Commander William Humphrey kienu se jkunu l-paġġi tiegħu waqt il-Kungress.


L-Isqof Fra Angelo Portelli O.P.

Saħħet il-Papa Piju X kienet bdiet sejra għall-agħar u għalhekk kien hemm il-biża' li l-Kungress jew kien ikollu jiġi mħassar jew pospost. Iżda b'xorti tajba, ftit tal-jiem qabel beda l-Kungress ġriet l-aħbar li l-Papa qaleb għall-aħjar.

Intant, il-Maltin bdew jaraw ħafna armar sabiħ jintrama fit-toroq bi thejjija għal dan l-avveniment, l-aktar fil-Belt Valletta, il-Floriana, ir-Rabat u l-Mosta. Intramaw ukoll għall-okkażjoni bosta binjiet pubbliċi, fosthom il-*Main Guard*, il-Bibljoteka, it-Teatru Rjal u l-Bieb ta' Putirjal. Fuq il-ġnub tal-Main Guard twaħħlu żewġ pitturi tal-magħruf Giuseppe Calì li juru lil San Ġwann Kriżostmu u lil San Tumas t'Akwinu. Strada Rjali intramat b'ħafna armar sabiħ, girlandi ta' fjuri u liedna friska. Fuq in-naħa ta' ġewwa ta' Putirjal fejn kien jispiċċa t-taraġ, intramaw erba' kolonni kbar bl-anġli fuqhom. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann ukoll kien imżejjen kif xieraq. Bejn iż-żewġ kampnari ttella' anġlu jżomm ostensorju, li bil-lejl kien mixgħul bl-ettriku. Mal-faċċata tal-istess binja ddendlu żewġ pitturi kbar oħra ta' Calì, din id-darba jirrappreżentaw l-Ewkaristija, waqt li fin-niċeċ fuq kull ġenb tal-bieb prinċipali tqiegħdu żewġ anġli, wieħed iżomm l-Ewkaristija u l-ieħor il-Kalċi.

Tassew spettakolari kienet it-tribuna mtella' barra d-daħla tal-Mall. Din saret mill-

perit tal-Gvern, il-Ħalluqi Andrea Vassallo, li kien president tal-Kumitat tal-Armar. Vassallo ddisinja l-armar kollu għall-Kungress li kien stmat li jiswa' madwar 1,300 lira sterlina. It-tribuna kienet tintlaħaq minn żewġ turġien. Il-ventaltar tal-fidda li ntuża għall-altar tat-tribuna ġie misluf mill-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt.



*Il-Kumitat Lokali tal-Kungress*

L-Isqof Pace insista li Malta titħejja wkoll spiritwalment għall-Kungress. Ġiet stampata talba għall-bżonnijiet tal-Kungress biex tingħad kuljum mill-poplu fid-djar u l-knejjes. Il-Patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl bdew ukoll taħdidiet għall-poplu fil-Knisja tal-Ġiżwiti, l-Belt. It-tfal tal-kor tal-Knisja ta' San Ġakbu tal-Belt tgħallmu l-innu *T'adoriam Ostia Divina* (Nadurawk ja Ħobż tas-Sema), liema innu kien inkiteb għal din l-okkażjoni mis-Surmast Giuseppe Caruana fuq versi tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.

*T'adoriam, Ostia divina,*
*t'adoriam, Ostia d'amor:*
*tu dell'angelo il sospiro,*
*tu dell'uomo sei l'onor:*

*T'adoriam, Ostia divina,*
*t'adoriam Ostia d'amor.*

*Tu dei forti la dolcezza,*
*tu dei deboli il vigor,*
*tu salute dei viventi,*
*tu speranza di chi muor.*

*Ti conosca il mondo e t'ami,*
*tu la gioia d'ogni cuor;*
*ave, o Dio nascosto e grande,*
*tu dei secoli il Signor.*

F'Ħadd il-Għid 1913, l-Isqof Pace ħareġ Pastorali oħra biex jirringrazzja lill-Kumitat u 'l-poplu tal-isforzi li għamlu għal dan il-Kungress, waqt li ħeġġeġ lin-nies jarmaw il-galleriji u t-twieqi tagħhom mnejn kienu se jgħaddu l-purċissjonijiet. Permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Isqof ippublikati nhar id-9 t'April 1913, l-Isqof Pace ordna illi jindaqqu l-qniepen tal-Knejjes tal-Belt, il-Floriana tal-Ħamrun, tal-Kottonera u bnadi oħra waqt il-wasla tal-Kardinal Ferrata u waqt il-ftuħ tal-Kungress. Il-knejjes kellhom jiġu armati



*Strada Reale fil-Belt Valletta armata għall-okkażjoni*



*It-Tribuna armata f’tarf il-Biskuttin*

u jinxtegħlu l-Ħadd 27 t'April. Fil-parroċċi kollha kellha ssir adorazzjoni ta' bil-lejl quddiem is-Santissmu Sagrament.

## Jaslu d-dinjijtarji f'pajjiżna

Il-Legat tal-Papa wasal Malta nhar it-23 t'April 1913 fuq il-vapur *HMS Hussar*, li salpa minn Sirakuża fl-għaxra ta' filgħodu. Il-Maltin ħonqu s-swar tal-port, waqt li bosta ġurnalisti lokali u barranin kienu qed jistennewh fejn id-Dwana. Fl-erba' ta' wara nofsinhar, il-*Hussar* daħal fil-port il-kbir, akkumpanjat b'għadd ta' dgħajjes u laneċ. Il-port beda jidwi bid-daqq tal-qniepen u tisfir tal-vapuri. Mill-ponta tal-Isla ġew sparati wieħed u għoxrin murtal ta' salut. Imbagħad l-Isqof Portelli u l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna, Sir Victor Frendo Azzopardi telgħu fuq il-lanċa tal-Ammiral biex jilqgħu lill-Kardinal Ferrata.



*Il-Kardinal Domenico Ferrata*

Waqt li l-lanċa salpat lejn id-Dwana, il-Banda *La Vincitrice* tal-Isla daqqet l-innu tal-Papa. Flimkien mal-Kardinal Ferrata, niżlu wkoll mil-lanċa l-Prinċep Barberini, l-Isqof Tedeschini, is-sinjuri Humphrey Page u Ambrosini, Mons. Toberglieri u Mons. Glorieux u s-segretarju privat tal-Kardinal, Mons Nicola. Barra d-Dwana, il-karozzella tal-Isqof Pace kienet qed tistenna l-Kardinal Ferrata biex twasslu l-Floriana. Eluf ta' nies ħonqu t-triq minn fejn għadda l-Kardinal, mill-imħażen ta' Pinto sal-Blata l-Bajda u l-Floriana. X'ħin waslu fejn Sarria, saret waqfa taħt tinda armata apposta, fejn il-Banda *Vilhena* tal-Floriana daqqet l-Innu tal-Papa u wara, l-Isqof Pace laqa' lill-Kardinal Ferrata b'emozzjoni u ferħ kbir.

Minn hemm, il-Kardinal Ferrata ġie skortat sal-Belt taħt baldakkin li nġarr minn membri tan-nobbiltà Maltija. Quddiem imxew ir-reliġjużi kollha ta' Malta, waqt li l-Banda *Prince of Wales* tal-Birgu daqqet hekk kif il-Kardinal mexa tul Vjal ir-Re Dwardu VII (Il-Biskuttin).



*Bieb il-Belt armat għall-okkażjoni*

Il-Kardinal ġie meħud fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, waqt li ż-żewġ baned tal-Belt daqqew programm fil-pjazez ta' San Ġwann u San Ġorġ rispettivament. F'San Ġwann, intqalet it-talba tal-Kungress u wara, il-Kardinal ġie skortat sal-Palazz tal-Isqof.

## Il-Ħamest ijiem tal-Kungress

L-ewwel ġurnata tal-Kungress ħabtet l-Erbgħa 23 t'April. Il-programm beda b'servizz Ewkaristiku għall-istudenti tal-Liceo ġewwa l-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt. Fil-Palazz Arċiveskovili, il-Kardinal Ferrata ltaqa' ma' għadd ta' membri tal-komunità u wara żar lill-Gvernatur u 'l Lady Rundy fil-Palazz. Fit-2:45pm, il-Kardinal Ferrata twassal il-Mosta fil-karozzella tal-Isqof Pace. It-toroq kienu miżgħuda bin-nies li ħarġet biex issellimlu bi ħġarha. Mal-wasla tiegħu fejn ir-Rotunda, huwa ġie milqugħ mill-Kumitat Eżekuttiv, waqt li l-Banda *Nicolò Isouard* daqqet l-Innu tal-Papa.

Ġewwa l-Knisja kien hemm jistennewh il-Kardinali Nava u Lualdi. F'dan il-mument, l-Isqof Heylen iddikjara l-Kungress miftuħ, waqt li awgura li dan ikun suċċess daqs ta' qablu. Is-segretarju tal-Isqof, Mons Gauci, wara qara d-digriet tal-Papa li ħatar lill-Kardinal Ferrata bħala l-Legat tiegħu għal dan il-Kungress. Imbagħad il-Kardinal Ferrata għadda biex għamel diskors dwar l-Ewkaristija. Kif spiċċa, l-Isqof Portelli laqa' l-kungressisti f'isem il-Kleru ta' Malta. Wara, l-Isqof Emard ta' Valleyfield (il-Kanada) faħħar lill-Maltin għal dak kollu li ppreparaw, waqt li tenna illi se jieħu lura f'pajjiżu tifkiriet sbieħ tal-gżira. Il-programm għalaq bl-intervent ta' Patri Sammut, rettur ta' San Alwiġi. Fl-għaxra bdew il-laqgħat għall-ilsna differenti u saret l-Adorazzjoni ta' bil-lejl. Hekk intemmet l-ewwel ġurnata tal-Kungress.

It-tieni jum tal-Kungress beda permezz ta' Pontifikat Solenni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, kif ukoll ġewwa l-Isla u Birkirkara. L-attività ewlenija kienet it-Tqarbina tat-tfal ġewwa l-Knisja ta' San Publju tal-Floriana. Tfal minn Malta kollha nġabru għal din l-okkażjoni sa minn kmieni filgħodu. Il-Kardinal Ferrata mexxa l-quddiesa bit-tqarbin tat-tfal. Wara l-quddiesa, it-tfal kollha rħewlha lejn il-Mall fejn ingħataw ħelu u gallettini.



*Laqgħa kbira fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt*

Għall-habta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu, it-tfal kollha, stmati 'l fuq minn tlettax-il elf, imxew lejn il-Belt. L-Isqof Portelli mexa f'nofs il-purċissjoni. Il-Kardinal Ferrata sellem lit-tfal mill-gallarija tal-Każin Malti. Il-Belt kienet mimlija bin-nies, jammiraw lil dawn it-tfal lebsin bl-ilbies tal-Preċett u tal-Griżma u jkantaw innijiet Ewkaristiċi. Matul il-ġurnata waslu vapuri ġodda b'aktar kungressisti.

Laqgħa oħra saret fil-Mosta fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Fiha ħadu sehem il-Kardinali Nava, Bourne u Santos u d-Duka ta' Norfolk. Il-Kardinal Ferrata ma attendiex għal din il-laqgħa għax ħassu għajjien wara l-laqgħa mat-tfal. Fost il-kelliema li ħadu sehem f'din il-laqgħa kien hemm il-Professur Anastasju Cuschieri, l-Avukat Galea, u l-Kanonku Leynard ta' Kartaġni u Susa. Tard fl-għaxija, il-Kardinal Ferrata flimkien mat-tliet Kardinali u d-Duka u d-Dukessa ta' Norfolk iltaqgħu mal-Maltin fis-sala tal-Palazz tal-Isqof, waqt li l-Banda tar-*Royal Malta Artillery* daqqet programm fis-sala. F'Misraħ San Ġorġ, folla kbira segwiet mill-qrib programm mużikali mill-Banda *King's Own* taħt it-tmexxija tas-Surmast Doncich. L-adorazzjoni ta' bil-lejl saret fil-Bażilika ta'



*Dehra minn ġewwa tal-Knisja tal-Mosta waqt il-laqgħat tal-Kungress*

San Duminku tal-Belt, immexxija mill-Isqof t'Acireale.

Nhar il-Ġimgħa 25 t'April kmieni filgħodu, il-Kapitlu tal-Katidral inġabar quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin barra r-Rabat biex jilqa' lill-Kardinal Ferrata. Mal-wasla tiegħu huwa ġie milqugħ mill-Markiż Apap Bologna. Wara ddaħħal l-Imdina taħt baldakkin merfugħ minn membri tan-nobbiltà Maltija. Mijiet ta' nies ħonqu l-pjazza tal-Katidral, li kien armat kif xieraq għall-okkażjoni. Wara l-Quddiesa Pontifikali, saret purċissjoni mat-triqat tal-Imdina.

Wara nofsinhar, saret laqgħa oħra ġewwa l-Mosta. Il-kelliem prinċipali kien il-Kardinal Bourne b'diskors dwar l-Ewkaristija, l-għaqda u l-familja. Wara tkellmu wkoll l-Avukat Arturo Mercieca, Patri Gemelli u t-Tabib Felice Inglott.

Fl-għaxija, il-Kardinal Lualdi u l-Isqof Heylen attendew għal ikla ġewwa l-Każin tal-Banda *La Valette* imħejjija apposta għal ħamsa u sittin persuna fil-bżonn. Fit-Teatru Manoel, is-Sur Mamo tella' serje ta' *Tableaux Vivants* fuq il-Kungress Ewkaristiku.

Fil-jum tas-Sibt 26 t'April filgħodu sar quddies Pontifikali madwar bosta parroċċi f'Malta fosthom ġewwa l-knejjes ta' San Pawl Nawfragu, San Duminku u tal-Ġiżwiti fil-Belt, l-Isla, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi u l-Mosta. Filgħodu wkoll, il-Presidenti u s-Surmastrijiet tal-baned *La Valette* u *King's Own* għamlu żjara lill-Kardinal Ferrata ġewwa l-Palazz tal-Isqof. Il-Kardinal bierek ukoll l-istandardi taż-żewġ każini.

Kmieni wara nofsinhar inżammet l-aħħar laqgħa ġenerali ġewwa l-Knisja Arċipretali tal-Mosta, fejn il-Kardinal Ferrata ġie mwassal mill-villa tal-Avukat Grech Mifsud sal-Knisja taħt baldakkin. Fost il-kelliema kien hemm Patri Leanza OSJ, Mons. Farrugia u l-Maġistrat Cremona. Fl-aħħar tal-laqgħa għamel id-diskors tal-għeluq il-Kardinal Domenico Ferrata. Imbagħad wara, l-Isqof Portelli, f'isem l-Isqof Pace u l-Kumitat, ippreżenta kalċi tad-deheb lill-Kardinal Ferrata bħala tifkira dejjiema ta' dan il-Kungress Ewkaristiku.



*Il-proċessjoni solenni li telqet mill-Katidral fl-Imdina*

Għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar, il-Kardinal Ferrata, akkumpanjat mill-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Bażilika ta' San Duminku tal-Belt, telqu f'purċissjoni minn San Ġwann għall-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq. Il-Port il-Kbir kien mimli dgħajjes u vapuri. Nies imlew is-swar tal-Belt u tal-Isla, waqt li



*Dehra tal-Biskuttin waqt il-jiem tal-Kungress*

l-kor kanta O *Salutaris Ostia* u *Tantum Ergo*. Fuq palk armat apposta fil-gallerija, il-Kardinal Ferrata għolla l-ostensorju u beda jbierek il-port, fost id-daqq tal-qniepen, kant, sireni ta' vapuri u musketterija.

Filgħaxija mbagħad, il-Banda *La Valette* tellgħet programm mużikali f'Misraħ San Ġorġ. L-adorazzjoni ta' bil-lejl saret ġewwa l-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt bejn l-għaxra u l-erbgħa ta' filgħodu.

L-aħħar jum tal-Kungress ħabat il-Ħadd 27 t'April u beda b'Pontifikal Solenni f'San Ġwann. Il-mużika kienet immexxija mis-Surmast Paolino Vassallo. Wara l-quddiesa, il-Kardinal Ferrata u d-Duka ta' Norfolk ġew skortati minn folla kbira lejn ir-residenzi tagħhom.

Fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, bdiet purċissjoni minn San Ġwann immexxija mill-*Catholic Boys' Brigade* u l-Kavallerija tal-Pulizija. Huwa stmat li f'din il-purċissjoni ħadu sehem aktar minn sebat elef ruħ, tant li l-Kardinal Ferrata wasal Putirjal xi sagħtejn u nofs wara li ħalla l-Kon-Katidral. Kien hemm żewġ waqfiet qosra f'San Duminku u f'San Franġisk biex il-Kardinal jistrieħ ftit. Il-Kardinal mexa t-triq kollha taħt il-baldakkin li ġarrew membri tan-nobbiltà Maltija. Għall-ħabta tas-sitta, il-baned *La Valette* u *King's Own* daqqew fanfarra minn fuq Putirjal biex iħabbru lin-nies ta' barra l-Belt li s-Sagrament kien wasal.


*It-Tberik tal-Port il-Kbir mill-Kardinal Ferrata*

X'ħin il-purċissjoni waslet f'tarf il-Biskuttin, daret għax-Xagħra tal-Floriana. Il-Kardinal Ferrata mexa fuq tapit li nfirex tul ix-Xagħra. Wara ftit mistrieħ fil-Knisja ta' Sarria, il-Kardinal Ferrata kompla bil-purċissjoni li wasslet lill-Kardinal biex jagħti l-Barka Sagramentali mit-Tribuna armata għall-okkażjoni. Peress li kien dalam sewwa, it-tribuna ġiet mixgħula tajjeb biex il-folla kbira preżenti setgħet tara dak li kien qed iseħħ. Wara l-Barka, is-Sagrament ittieħed proċessjonalment għall-Knisja ta' San Publju, waqt li l-Banda *Vilhena* tal-Floriana tellgħet programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Monterosso. Dakinhar ħadu sehem ukoll numru ta' baned oħra fosthom il-Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa.

## L-aħħar impenji

Nhar it-Tnejn 28 t'April, mijiet ta' nies irħewlha lejn ir-Rabat għall-pellegrinaġġ lejn il-Grotta ta' San Pawl. Il-folla nġabret fuq is-Saqqajja u mxiet f'purċissjoni lejn il-Knisja ta' San Pawl. Il-Banda tal-*Konti Ruġġieru* ħadet sehem ukoll bid-daqq ta' marċi ferrieħa. Tqaddset quddiesa fil-Knisja mill-Isqof Emard waqt li quddiesa oħra saret barra mill-Isqof Vesconcellos.

L-għada, saret iż-żjara tal-Legat f'Għawdex. Skond il-programm oriġinali, din iż-żjara kellha ssir l-Erbgħa iżda din kellha titressaq b'ġurnata għax il-Kardinal kien għajjien ħafna u xtaq li jitlaq lura fil-*Hussar* l-Erbgħa filgħodu. Il-Kardinal Ferrata wasal


*Laqgħa sabiħa fir-Rabat ta' Malta*

l-Imġarr għall-ħabta ta' nofsinhar. Huwa ġie milqugħ mill-Isqof t'Għawdex Mons Camilleri u r-rappreżentant tal-Gvern is-Sur W.C. Millard. Mal-wasla tiegħu ġewwa l-Blet Victoria, il-Kardinal twassal lejn il-Katidral taħt baldakkin fost il-kant tat-*Tantum Ergo* u t-*Te Deum*.

Dawk kollha preżenti assistew ukoll għat-tberik tal-Knisja ta' Santa Sabina li ġiet imkabbra u rranġata għall-okkażjoni. Din il-knisja kienet tqiegħdet għall-Adorazzjoni Perpetwa tas-Santissimu Sagrament. Il-Kardinal Ferrata bierek il-bandalora tal-paġġi tas-Sagrament u wara kixef lapida kommemorattiva. Wara ċ-ċerimonja, il-Kardinal ġie ppreżentat b'bastun tal-fidda li fih kien hemm lista bl-ismijiet kollha tal-membri kollha tal-konfraternitajiet Għawdxin tas-Santissimu Sagrament.

Mas-sbieħ il-jum tal-Erbgħa 30 t'April, il-Kardinal Ferrata twassal fejn id-Dwana mill-Palazz tal-Isqof, fejn kien milqugħ mill-Kurunell Biancardi u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Minn hemm tela' fuq lanċa li wasslitu fuq l-*HMS Hussar*. Il-bastiment ħalla l-Port il-Kbir fl-għaxra ta' filgħodu, akkumpanjat b'ħafna dgħajjes u laneċ. In-nies ħonqu l-ġonna tal-Barrakka kif ukoll is-swar għall-aħħar tislima lill-Kardinal Ferrata. Il-kungressisti l-oħra telqu lura f'pajjiżhom fil-jiem ta' wara.

## Tifkiriet dejjiema

Il-Kungress Ewkaristiku tal-1913 kien tassew avveniment mill-akbar li qatt rat Malta. Tant kien hekk illi m'għaddewx wisq xhur li l-Kumitat ħaseb biex iwaqqaf monument bħala tifkira dejjiema ta' din il-ġrajja storika. Il-permessi kollha nħarġu u l-mafkar twaqqaf fil-Biskuttin, ftit passi 'l bogħod minn fejn kienet intramat it-Tribuna. Dan il-monument, kapulavur tal-artist Malti Antonio Sciortino, ġie inawgurat fl-1917, u juri l-figura ta' Kristu b'Malta taħtu tqimu, xhieda vera ta' x'seħħ waqt il-jiem tal-Kungress Ewkaristiku.

Tifkira oħra ta' din il-ġrajja storika hija l-Knisja ta' Raħal il-Ġdid, li fuq xewqa tal-Isqof Pace, inbniet mill-ġdid u ġiet iddedikata lil Kristu Re.


*L-Inawgurazzjoni tal-Monument ta' Kristu Re*


**Bibljografija**

Joseph Bonnici u Michael Cassar, *Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali Malta 1913*, 1988.

Francis Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, 2005.



# Mattia Preti

## 400 sena mit-twelid tiegħu

Kitba ta' Joseph Piscopo



*Mattia Preti*

Din is-sena qed jiġi ċċelebrat l-400 anniversarju mit-twelid tal-artist Mattia Preti. Dan l-artist twieled fis-sena 1613 f'raħal żgħir jismu Taverna fir-reġjun ta' Kalabrija fl-Italja. Sa minn ċkunitu beda juri nteress lejn il-pittura u flimkien ma' ħuh Gregorio fil-pittura beda jieħu t-taħriġ f'din l-arti. Fis-sena 1637 hu telaq lejn Napli sabiex jieħu l-istudju tal-arti b'iktar serjetà u beda jitħarreġ fil-bottega ta' Giovanni Battista Caracciolo.

### Preti f'Ruma

Lejn is-sena 1630 Preti, iddeċieda li jittanta xortih fil-mekka tal-arti ta' dak iż-żmien, Ruma. Hemmhekk hu rfina l-istil Caraveġġisk tiegħu u beda jistudja wkoll xogħlijiet ta' artisti ċelebri ta' żmienu bħala Rubens, Reni u Lanfranco. F'dan il-perjodu Mattia Preti u ħuh Gregorio kienu studenti fl-*Accademia di San Luca*, fejn komplew isaħħu t-teknika tal-pittura tagħhom. F'Ruma, Mattia Preti dam sas-sena 1653. F'din is-sena hu maħsbub li kien offrut li jmexxi l-istess Akkademja li kien studja fiha, però hu għażel li jħalli Ruma u jitlaq lejn Napli.

Fost il-kapolavuri li Preti ħalla f'Ruma bla dubju hemm sett ta' tliet affreski li dan l-artist pitter fis-snin 1650-51 għall-Knisja ta' San Andrea della Valle. Dawn l-affreski ġganteski juru l-kruċifissjoni, l-martirju u d-difna ta' Sant'Andrija Appostlu u tħallsu minn Donna Olimpia, li kienet tiġi l-mara ta' ħu l-Papa Innoċenz X. Dawn l-affreski nkixfu fit-8 t'April 1651 u waslu biex permezz tagħhom iżid il-kummissjonijiet għal iktar xogħlijiet fi knejjes oħra f'Ruma u fil-madwar. Infatti sena wara lesta sett ta' affreski għall-knisja ta' San Biagio f'Modena.

### Preti jmur lura Napli

Bejn is-snin 1653 u 1661, Preti mar ikompli bil-karriera tiegħu f'Napli. Dan kien perjodu ferm diffiċli f'Napli peress li din il-belt inħakmet mill-pesta li waslet sabiex kważi nqerdet nofs il-popolazzjoni. F'Napli Preti beda jirċievi diversi ordnijiet għall-affreski mħallsa minn diversi Konfraternitajiet b'rabta mal-pesta. Ħafna minn dawn

intilfu mal-milja tas-snin u minnhom baqa' biss il-buzzetti. Barra minn dawn ix-xogħlijiet Preti beda jirċievi diversi kummissjonijiet minn Knejjes u Nobbli Naplitani. Fost l-akbar xogħlijiet li Preti ħadem f'Napli nsibu l-kwadri ta' San Bastjan (1657), kwadri li juru episodji mill-ħajja ta' Ċelestinu V u Santa Katarina ta' Lixandra (1657-1659) u l-kwadru li juri l-adorazzjoni tal-Kurċifiss minn San Franġisk u qaddisin oħra Franġiskani (1660). Bosta esperti tal-arti jsostnu li Mattia Preti laħaq il-quċċata tiegħu f'dik li hi teknika propju waqt il-perjodu li hu qatta' f'din il-belt.

## Preti f'Malta

Għalkemm Preti ġie Malta fis-sena 1661 ir-relazzjoni tiegħu ma' pajjiżna tmur lura għoxrin sena qabel. Infatti fis-sena 1641, il-Papa Urbanu VII kien talab lill-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann Giovanni Lascaris sabiex Preti jinħatar Kavallier. Wara li fis-sena 1657 miet dan il-Gran Mastru l-mexxej il-ġdid tal-Ordni, Martin De Redin kompla bix-xogħol fuq il-Kon Katidral ta' San Ġwann. Fost l-affarijiet li għamel kien li kiteb lill-ħabib tiegħu f'Napli sabiex iqabbad l-aħjar pittur li kien hemm f'din il-belt sabiex ipitter kwadru ta' San Francesco Saverju għall-Kappella tal-Lingwa t'Aragona. Dan il-qaddis kien twieled f'Navarra, il-post fejn trabba De Redin.

Preti għamel dan ix-xogħol bla dewmien u l-pittura waslet Malta f'Marzu 1658. Fis-sena 1661, Preti nħatar Kavallier tal-istess Ordni u ġie mqabbad mill-Gran Mastru Raphael Cottoner sabiex jiddekora s-saqaf tal-Kon Katidral b'episodji mill-ħajja ta' San Ġwann Battista, patrun tal-Ordni. Preti lesta dan is-saqaf majestuż fis-sena 1666. Bla dubju din l-opra hi kkunsidrata bħala l-aħjar opra li dan l-artist ħalla f'pajjiżna.

Il-ħidma tiegħu f'Malta waslitu sabiex jibda jirċievi kummissjonijiet minn diversi parroċċi Maltin li xtaqu jżejnu l-Knejjes tagħhom bl-arti sagra ta' dan l-artist. Fost dawn insemmu l-Knejjes Parrokkjali taż-Żurrieq, tal-Birgu, tas-Siġġiewi, ta' Ħal Qormi kif ukoll ta' Ħal Luqa. L-aktar li ħalla opri kien fil-Knisja taż-Żurrieq, il-post fejn kien mar jgħix minħabba l-pesta tal-1676. Barra minnhekk Preti pitter ukoll xogħlijiet għal diversi nobbli madwar l-Ewropa, l-aktar fl-Italja, fi Spanja u fil-Ġermanja.

## Ix-xogħol tal-Preti f'Ħal Luqa

Għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, Preti kien ikkummissjonat erba' xogħlijiet: San Duminku ta' Soriano, il-Missier Etern, il-martirju ta' Sant'Andrija u l-Assunzjoni. Dawn ix-xogħlijiet ġew ikkummissjonati bejn is-snin 1678 u 1669 u ħadu post pitturi oħrajn li wħud minnhom għadhom jeżistu sallum

## San Duminku ta' Soriano

L-ewwel pittura li Preti pitter għall-Knisja ta' Ħal Luqa kien dak ta' San Duminku ta' Soriano li sar fis-sena 1678 għal spejjeż ta' ċertu Duminku Barbara, li kien jieħu ħsieb dan l-artal. Dan il-kwadru ntilef wara li flimkien ma' kwadri oħrajn inqalgħu mill-Knisja meta bdew jinbnew in-navi fil-bidu tas-seklu għoxrin. Sallum dan il-kwadru għadu ħadd ma jaf x'sar minnu. Għalhekk ma nistgħux ngħidu kif kien dan il-kwadru nistgħu nagħmlu referenza għall-pittura tal-istess qaddis li Preti pitter għall-knisja ddedikata lil San Duminku f'Taverna. Hawnhekk naraw lil San Duminku ta' Soriano flimkien ma' San Duminku ta' Gużman jagħtu qima lill-Madonna.

## Il-Missier Etern

Kwadru ieħor li jinsab f'Ħal Luqa hu dak tal-Missier Etern. Dan l-inkwatru, li llum jinsab fil-Mużew Parrokkjali, juri lill-Missier Etern raffigurat bħala raġel xiħ qed iħares lejn id-dinja waqt li fuq rasu hemm l-Ispirtu s-Santu. Dan il-kwadru kien jifforma parti mill-artal ta' San Duminku ta' Soriano imma maż-żmien dan inqala' minħabba tibdil fil-prospettiva tal-artal. Dan il-kwadru sar fis-sena 1678 bl-ispejjeż għal darb'oħra jitħallsu minn Duminku Barbara.



*Il-Missier Etern*

Dan is-suġġett Preti kien diġà pittru drabi oħra. Infatti f'Taverna nsibu dan is-suġġett mpitter għall-Knisja ta' San Duminku (ċ1672) u għall-Knisja ta' Santa Barbara (ċ1679). F'Malta Preti pitter dan is-suġġett ukoll għall-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Dan il-kwadru sallum għadu jidher fuq dak titulari mpitter mill-istess artist.

## Il-Martirju ta' Sant'Andrija



*Il-Martirju ta' Sant'Andrija*

Il-pittura li turi l-martirju ta' Sant'Andrija ġġib id-data 1687 u saret sabiex tinbidel pittura eqdem u iżgħar li kienet saret minn Filippu Dingli. Din tħallset mill-poplu Ħalluqi. Għalkemm dan il-kwadru jġib l-isem ta' Preti ħafna esperti fuq dan l-artist isostnu li dan kien mgħejjun minn xi allievi li kellu fil-bottega tiegħu. Din l-għajnuna Preti kien idur għaliha minħabba l-ammont kbir ta' xogħlijiet li kien imqabbad jagħmel.

L-artist uża sistema ta' *chiaro scuro* sabiex joħloq effett kiebi. Is-simmetrija maħluqa mis-salib tal-martirju jagħmel il-kwadru inqas movimentat għax litteralment jaqsam il-parti t'isfel mill-parti ta' fuq. Il-parti t'isfel turina l-ħażen (irrafigurat mill-manigoldi) u n-naħa ta' fuq turina l-glorja milħuqa permezz tal-martirju. Is-sema tidher miftuħa lesta biex tilqa' lir-ruħ ta' dan l-Appostlu waqt li hemm żewġ puttini bis-simboli tal-glorja u l-martirju. Fis-sena 1956 dan il-kwadru kien ġie restawrat mill-Professur Oscar Testa.

## L-Assunta



L-Assunzjoni tal-Verġni Marija

Bla dubju l-kwadru tal-Assunta hu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ xogħlijiet tal-Preti. Din ġiet imħallsa fis-sena 1669 minn ċertu Duminku Farrugia, sabiex titpoġġa fuq artal li kien twaqqaf fuq ordni tal-Isqof Balaguer. Dan l-Isqof kien ta din l-ordni wara li dan kien ipprofana l-Kappella magħrufa bħala Santa Marija tal-Ibwar li kienet tinsab f'Ħal Farruġ. Din il-Kappella kienet inbniet qabel is-sena 1575 u fiha kienu ndifnu xi vittmi tal-pesta tas-sena li ħakmet lil Malta fis-snin 1592-93. Però sas-sena 1656 din kienet ingħalqet u spiċċat f'sitwazzjoni ħażina ħafna.

Il-pittur Kalabriż jippreżentalna lil Marija tielgħa s-sema fuq is-sħab akkumpanjata minn numru ta' puttini, waqt li dawk li marru jżuru l-qabar tagħha qed jistagħġbu b'dak li qed jaraw jiġri quddiem għajnejhom. Preti jtina l-ikonografija tradizzjonali tal-Assunzjoni: Marija tidher serena, wiċċha jħares 'il fuq waqt li b'idejha miftuħin qiegħdha lesta sabiex tidħol għall-ħajja eterna. Id-dawl qawwi li ġej minn naħa ta' fuq joħloq kuntrast qawwi mal-kuluri pjuttost skuri użati mill-artist fin-naħa t'isfel tal-pittura. F'din il-pittura, Preti uża l-istess stil li kien uża għall-pittura li turi l-glorja ta' San Pietru u San Pawl u li l-artist kien għamel fis-snin 1651-52 u li llum tinsab fil-Mużew Ċiviku ta' Taverna.

## Konklużjoni

Mattia Preti, jew aħjar il *Cavalliere Calabrese*, miet fl-4 ta' Ġunju 1699 meta kellu 86 sena u ndifen fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Fuq il-qabar tiegħu tqiegħdet lapida bl-armi ta' Taverna u ta' Malta. Skont kif kien xtaq hu ndifen fl-aħħar pinzell li kien uża.

Żgur li Preti kien wieħed mill-aqwa artisti ta' nofs is-seklu sbatax u wieħed mill-aqwa tal-era Barokka. Preti żied il-preġju tal-arti Taljana madwar l-Ewropa. L-opri artistiċi tiegħu llum isebbħu l-iktar mużewijiet rinomati fid-dinja fosthom fil-Louvre, f'Pariġi u fin-*National Gallery* ta' Londra. F'dan il-mużew hu għandu pittura li turi t-tieġ ta' Kana u li tinsab f'parti ċentrali ta' dan il-mużew. Pitturi oħrajn jinsabu fil-*Metropolitan Museum* ta' New York kif ukoll fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti ta' Liverpool.

## Referenzi

Cassar Mario, *Xogħol Mattia Preti f'Ħal Luqa* - Programm tal-Festa 2003 - Għaqda Mużikali Sant'Andrija.
Mancini Michela - *Mattia Preti e la Storia di San Giovanni per la Co-Cattedrale di Valletta* (2008).
Terribile Tony - *Teżori fil-Knejjes Maltin* (2008).

# SUNETT

GHALL-OKKAŻJONI TAL FESTA TAL-

# PALK GDID LIL-BANDA UNIONE

## HAL-LUQA

**6 TA SETTEMBRU 1953**

Waslu fl-aħħar jiem il-festi
Għall maħbuba banda Unioni
Fuq palk ġdid programm intagħżel
Li fl-istorja dan jitniżżel.

Jum li fieħ il-partitarji
Rġiel u nisa dawn stennew
Biex il-Palk festa jgħamlulu
Li bl-għarnq huma bnew.

Għall kull ħaġa li l-Palk ried
Nies ta' sengħa u għaqlin
Sabiex dawn lil Malta juru
U unur jgħamlu l-każin.

Sa mill kbir saż-żgħejr dawn ħadmu
Minajr qerq jew xi profett.
Għax il-Banda quddiem wiċċhom
Dejjem ħasbu f'dal-proġett.

L-antika Banda Unioni
Li magħrufa diġa ġiet
Sejra tati biċċa mużika
Li hawn Malta indaqqiet ftit.

L-ewwel darba ġewwa Hal-Luqa
L-Banda Unioni l-Quinta d-doqq
Biex il-Palk u l-Partit jidru
Li fl-ewwel huma u f'kollox sod.

Taħt sormast kapaċi u għaqli
Li Malta tiftaħar bieħ
Ferħan sejjer mal-bandisti
Fuq il-Palk ġdid u sabieħ.

Proset natu l-Kommisjoni
Kumitat bandisti soċi
Kull min ħadem għall dal-Palk
Ismu mniżel fuq l-azzar.

Nixtieq hawn u maridtx ninsa
Il-Kbir tagħna Sant Andrija
Li għalieħ il-każin Unioni
Il-Palk għamel bl-irġulija.

Kbir Imqaddes Sant Andrija
Dan il-Palk għamilna Għalik
Sabiex meta l-festa tasal
Il-Partit il-festa iżżidt.

Qalbna natu lil-Sant Andrija
Ruħna natu lil Mulej
Aħna nħobbu lil Hal-Luqa
U għat trijonf naħsbu li ġej.

Ġewwa pjazza quddiem knisja
Fuq Palk ġdid il-Banda d-doqq
Ejjew induru mal-Palk tagħna
Għax dil-Banda l-festi tħobb.

Viva mela l-Banda Unioni
Viva najtu ferħanin
Għajta Kbira fl-aħħar najtu
Li Hal-Luqa minna tagħat ĠID.

LUPI Press Zachary Street, Valletta

*Partitarju*
*J.B.*




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi

Tel: 2146 6664

Fax: 2146 4804

Mob: 9947 5010



# L-Ewwel Planċier tal-Banda L-Unjoni mżanżan sittin sena ilu

Kitba ta' Neil Zammit

Minn dokumentazzjoni bikrija tas-Soċjetà L-Unjoni nsibu illi sa mill-aħħar snin tas-seklu 19, is-Soċjetà L-Unjoni kienet tarma palk, magħmul minn qafas tal-ħadid baxx miksi bit-twavel tal-injam, sabiex fuqu tesegwixxi l-programmi mużikali tagħha. Dan kien jintrama fi *Piazza Chiesa* peress li f'kull festa li kienet issir ġewwa Ħal Luqa, il-Banda L-Unjoni kienet tagħmel il-programmi mużikali tagħha f'din l-imsemmija pjazza. Sa nofs is-seklu 20, is-Soċjetà L-Unjoni kienet diġà għamlet użu minn żewġ palkijiet tal-banda. Iżda mbagħad inħasset il-ħtieġa illi jsir planċier ġdid sabiex jaqdi aktar il-ħtiġijiet tal-banda li dejjem baqgħet tikber u tissaħħaħ.

Ftit snin wara li ntemmet it-tieni gwerra dinjija, ir-raħal ta' Ħal Luqa beda jieħu xejra oħra minn kif kien qabel. Fl-1945, il-kumitat tad-direzzjoni ingaġġa lis-Surmast Joseph Abela Scolaro *F.L.C.M.* sabiex jieħu t-tmexxija tal-banda u fi ftit tax-xhur, il-Banda L-Unjoni reġgħet issaħħet wara l-ħerba kbira li ħalliet warajha l-gwerra. Żdiedu n-numru ta' kunċerti li l-Banda L-Unjoni bdiet tesegwixxi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Abela Scolaro, u għaldaqstant il-kumitat tas-Soċjetà L-Unjoni ħaseb sabiex isir planċier ġdid. Dan kellu jibda jintrama fi Pjazza Sant'Andrija faċċata tal-knisja parrokkjali, wara li s-Soċjetà tagħna akkwistat din il-pjazza, filwaqt li l-pjazza l-oħra ta' maġenb il-knisja ġiet mogħtija lis-soċjetà l-oħra.



*Il-Planċier li żżanżan fl-1953*

J.Cassar ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

*New Aluminium System*

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta

**Tel: 2122 8896 / Mob: 7942 6356**

**29 years Experience**

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*







Il-plançier il-ġdid inħadem mill-membri tal-każin fuq dak ta' Birkirkara, wara li dan l-istess plançier kien ġie misluf mill-kumitat tal-festa ta' Birkirkara sabiex jintrama fil-pjazza ewlenija ta' Ħal Luqa. Ix-xogħol tal-ħadid sar kollu minn Trofimo Baldacchino filwaqt li membri oħra fosthom Ġużeppi Camilleri (*tal-Unu*) u Tusè Mallia (*Santi*) ħadu ħsieb il-kumplament tax-xogħol. Kien tul il-presidenza tal-Inġinier Joseph M. Azzopardi meta, nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 1953 fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ġie inawgurat dan il-plançier ġdid mill-Prim Ministru l-Onor. Dott. Giorgio Borg Olivier, waqt li ġie mbierek mill-E.T. Mons Isqof Emmanuel Galea, quddiem folla kbira illi attendiet bi ħġarha għal dan l-avveniment.



*Joseph M. Azzopardi, President tal-Filarmonika L'Unione*

Lejlet iċ-ċerimonja, ġiet mistiedna l-Banda *Duke of Connaught* ta' Birkirkara sabiex tesegwixxi marċ tal-okkażjoni. L-għada, jum l-inawgurazzjoni tal-plançier il-ġdid, il-Banda L-Unjoni esegwiet kunċert kbir taħt it-tmexxija ta' Mro Joseph Abela Scolaro. Fil-fatt il-banda daqqet b'ħila kbira il-*Quinta Sinfonia* ta' Beethoven, l-*Overture 1812* ta' Tchaikovsky, *Alcestis* ta' Abela Scolaro u *Der Freischutz* ta' Weber. Il-banda temmet il-programm bid-daqq tal-Innu tal-Banda, l-Innu Malti u l-*God Save the Queen*.



*Il-mistednin distinti flimkien mal-Kumitat tal-Filarmonika L'Unione*

Wara li ntemm il-kunċert, il-mistednin distinti, akkumpanjati mill-President u l-kumitat tas-Soċjetà għamlu żjara ta' kortesija ġewwa s-sede tas-Soċjetà fi Triq Sant'Andrija u aktar tard kulħadd assista għal spettaklu sabiħ ta' logħob tan-nar maħdum mid-dilettanti tal-każin.

Tajjeb insemmu illi dan l-istess plançier baqa' jintuża sas-sena 1968 għax imbagħad sena wara iżżanżan il-plançier il-ġdid li għadna naraw sa llum. Fortunatament, il-plançier ta' sittin sena ilu għadu jeżisti u llum il-ġurnata huwa proprjetà tal-Każin *La Stella* tal-Gudja u jintrama fil-festi ta' Santa Marija u dik tal-Madonna tar-Rużarju.

**Referenzi**


Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, Pubblikazzjoni Annwali, 2009
Frans Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, 2005

Oasis restaurant

Oasis Restaurant

Kim Degabriele – Director

164/5,
Luqa Industrial Estate,
Luqa
Tel: 2122 0670
Mob: 9947 8435

*Naċċettaw ikliet bejn il-Ħbieb*







# Il-Graffiti li nsibu f'Ħal Luqa

Kitba ta' James Aquilina
*B.Com., Dip Tourism*

Fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex insibu numru mdaqqas sew ta' graffiti mnaqqxa fil-ġebla Maltija, fil-parti l-kbira tagħhom huma marittimi.[1] Fost l-ewwel graffiti li nsibu fil-pajjiż hemm dawk tat-tempji neolitiċi ta' Ħal Tarxien.[2] Graffiti oħra nsibuhom ukoll f'postijiet storiċi bħall-palazz tal-inkwiżitur fil-Birgu, fil-ħabs l-antik taċ-Ċittadella (Għawdex), knejjes/kappelli u mal-faċċati ta' xi djar privati. Ġewwa r-raħal ta' Ħal Luqa nsibu numru sabiħ ta' graffiti mxerrda f'diversi postijiet.

Il-graffiti mhux xi ħaġa esklussivament ta' Malta biss, iżda nistgħu ngħidu jinstabu mal-Mediterran kollu. Normalment dawn il-graffiti nsibuhom imnaqqxa mat-tielet sas-sebgħa filata għalkemm jeżistu xi eċċezzjonijiet. Skont l-espert J. Muscat, jingħad li dawn il-graffiti saru permezz ta' xi strument bil-ponta rqiqa.

Fil-każ ta' Ħal Luqa l-maġġoranza tagħhom jinstabu mal-knisja, kappella, oħrajn mxerrda ġewwa xeltrijiet pubbliċi kif ukoll mad-djar storiċi. Uħud minn dawn il-graffiti jmorru lura għexieren ta' snin taħt ħakmiet differenti. Il-graffiti jieħdu diversi forom minn sempliċiment inizjali, dati għal graffiti marittimi.




*Il-graffiti ta' G. C. Il-Pady*

## Graffiti mal-Knisja Parrokkjali

Il-maqdes parrokkjali huwa ta' bilħaqq monument storiku minnu nnifsu mhux biss għal valur arkitettoniku tiegħu, iżda wkoll għal dawk li nsibu mżewwaq bih internament. Fih insibu l-ikbar ammont ta' graffiti fir-raħal imxerrda ma' diversi partijiet tal-knisja.

---

[1] Joseph Muscat, *Il-Graffiti Marittimi Maltin*, paġna 9
[2] Joseph Muscat, *Il-Graffiti Marittimi Maltin*, paġna 8

## Il-Kampnar

Fost l-aktar graffiti komuni li nsibu mal-knisja huma d-dati u annijiet mħażża f'diversi partijiet mal-kampnar tan-naħa tal-Kunċizzjoni. L-aktar li jolqtok huwa dak mħażżeż mill-Paddy, għalkemm tajjeb li ngħidu li mhux xi wieħed minn dawk il-graffiti li jagħti daqshekk fil-għajn jekk ma' tosservax l-affarijiet bil-mod. F'dan il-graffit insibu miktub: *G. C. Concezioni 8-12-34 Il-Pady* (Ara l-ewwel stampa). Fil-fatt naraw li dan il-graffit ġie mnaqqax mal-kampnar fit-8 ta' Diċembru 1934 jiġifieri fil-festa tal-Kunċizzjoni. Dawn l-inizjali aktarx jappartjenu lil Ġużeppi Camilleri magħruf bħala l-*Pady* li fl-1975 ħalla ħajtu f'inċident tan-nar f'età ta' 58 sena.[3]

Mal-istess kampnar insibu graffit ieħor mhux daqstant antik. Fil-fatt naraw imnaqqax *S. Andrea 6.7.69.* (Ara Stampa 1) Interessanti l-fatt li jekk wieħed imur fil-kalendarju ssib li fl-1969 il-festa ta' Sant'Andrija ħabtet fis-6 ta' Lulju li tikkonċedi mal-ewwel Ħadd ta' Lulju. Fil-kampnar insibu annu ieħor imnaqqax b'numri kbar 1947. (Ara stampa 2)

Graffit bl-inizjali VG 29.6.31 jinsab ma' dan l-istess kampnar. (Ara stampa 3) Bla dubju ta' xejn id-data ta' dan il-graffiti tfakkarna fil-festa tal-Imnarja peress li din taħbat fid-29 ta' Ġunju. Mal-istess kampnar insibu graffit ieħor tal-istatwa ta' Sant'Andrija fejn fih jidhru s-salib u l-pedestall imnaqqxa. (Ara stampa 4).

Il-probabilità hija, li dawn il-graffiti msemmija tnaqqxu waqt id-daqq tal-qniepen peress li wħud minnhom tnaqqxu f'xi festi reliġjużi.

## Taħt il-Kampnar

Numru żgħir ieħor ta' graffiti jinsabu wkoll taħt il-kampnar tal-lemin mal-ħitan tal-kamra tal-arloġġ tal-knisja. Ewlieni fost dawn insibu dak b'numri kbar 1880 bl-ittri *C T* taħt l-annu. (Ara stampa 5) Fl-istess zona nsibu l-annu 1906 mnaqqax b'ponta rqiqa. (Ara stampa 6)

## Mal-faċċata l-antika tal-knisja

Għall-interess tal-qarrejja, qabel il-knisja parrokkjali li nafu llum, nsibu tlieta oħra mibnija qabilha. Ewlenin fost dawn insibu l-knisja parrokkjali l-antika li taf l-oriġini tagħha fl-1634 mat-twaqqif tal-parroċċa.[4] Maż-żmien il-parruċċani għarfu l-bżonn li titkabbar u hekk seħħ fl-1901 meta nbnew in-navi.[5] Fl-istess ħin inbniet faċċata ikbar milli kien hemm qabel.



*Il-Knisja l-antika*

[3] Frances Galea, *Ħal Luqa u l-banda tagħha L-Unjoni*, Paġna 269.
[4] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 82.
[5] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 270.

Parti mill-faċċata l-antika għada sal-lum integrata fil-knisja eżistenti. B'xorti tajba dan il-ħajt għadu mimli graffiti għalkemm tajjeb li nirrimarkaw li tant għandu graffiti u taħżiż li mhux la kemm wieħed jagħraf eżatt x'hemm imħażżeż fil-ġebel.

Iz-zuntier tal-knisja kien wieħed mill-iktar postijiet frekwenti mill-parruċċani fl-imgħoddi (Ara l-istampa fil-paġna ta' qabel). Għalhekk żgur ma tkunx sorpriża li dan il-ħajt huwa mimli graffiti.

Fost l-ewwel li jolqtok minnhom kollha hemm graffit marittimu bil-poppa tiegħu forma għat-tond. Il-buk u pruwa mhux daqs tant spjegati minħabba li hemm ħafna taħżiż ieħor mal-ħajt. (Ara stampa 7) Kważi eżatt ħdejn dan l-istess graffit hemm ieħor imnaqqax fejn jidhru sew żewġt iqlugħ ta' graffit ieħor tal-baħar. (Ara stampa 8)

Iktar 'il ġewwa naraw graffit kbir sew b'daqs ta' 40 ċentimetru. Fih jidhru sew il-buk tiegħu li qiegħed forma ta' nofs qamar u arblu wieħed fin-nofs. (Ara stampa 9) Ftit ċentimetri 'l bogħod nsibu dik li aktarx hija l-bandiera Ngliża fuq arblu twil. La darba qegħdin nirreferu għall-bnadar, f'din il-parti nsibu s-salib tal-kavallieri mnaqqax fil-ħajt. (Ara stampi 10 u 11)

## Mal-Ħajt tan-Navi (Ħdejn id-Dar Parrokkjali)

Mal-ħajt tal-knisja propjament dak ta' ħdejn il-ħajt tad-dar parrokkjali nsibu numru sabiħ ta' graffiti. Graffit li jolqtok huwa dak tal-qanpiena bl-arma tal-kavallieri. Fuqu jidhru wkoll xi numri li possibilment huwa 2 u 8. Jekk dawn in-numri huma minnhom allura jkollna ngħidu li dan aktarx sar f'xi żmien tal-1928 meta l-parroċċa ta' Ħal Luqa żanżnet qniepen ġodda.[6] (Ara stampa 12)

F'din il-parti nsibu żewġ imnaqqxin wieħed 1912 u l-ieħor 1942, b'dan tal-aħħar ifakkarna fil-ġrajja meta l-knisja iġġarfet. (Ara stampa 13)

Graffit prominenti ieħor huwa dak ta' persuna aktarx liebsa xi tip ta' uniformi. Fil-fatt naraw il-buttuni fuq sidru filwaqt li l-qalziet tiegħu bl-i*stripes*. Mingħajr ma nippreġudikaw il-forma tal-graffit, din tista' tkun persuna liebsa xi tip ta' uniformi. (Ara stampa 14) Fl-istess sezzjoni naraw imnaqqxa wkoll ras ta' bniedem fejn fost l-oħrajn jidhru l-għajnejn u l-ħalq.

## Graffiti mad-djar privati

Sett ieħor ta' graffiti jinsab ma' dar taż-żmien il-kavallieri fi Triq Valletta. Il-konċentrazzjoni tal-graffiti jinsabu mal-koxox ta' ħdejn il-bieb ta' barra. Fuq in-naħa tax-xellug insibu bħal graffit ta' tartana ta' daqs għaxar ċentimetri fejn jidhru biċċa mill-buk u wieħed mill-qlugħ tiegħu. (Ara stampa 15) Graffit spjegat immens jinsab ftit 'l isfel fejn naraw xebek bi tlett iqlugħ u mżejjen b'diversi toqob (Irreferi għal stampa fuq l-istess paġna). Fuq il-koxxa tal-lemin tal-bieb nsibu xfunara mnaqqxa ta' daqs tletin ċentimetru. Interessanti nsemmu li l-buk tiegħu mhux daqs tant għoli mill-ilma. Ix-xfunara qiegħed ukoll b'żewġ qlugħ u żewġ arbli. (Ara stampa 16)



*Graffit ta' xebek bi tlett iqlugħ*

[6] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 282.


1
2
1947
3
6
7
8
11
12
13
1789
17
18
19


4
5
9
10
14
15
16
20
21
22

Ħdejn il-bieb prinċipali nsibu graffit bl-annu 1769. Eżatt ħdejn din id-data mbagħad nsibu annu ieħor 1808. (Ara stampi 17)

Fi Sqaq il-Ħabaq insibu annu ieħor b'numri kbar 1910. (Ara stampa 18) Fl-istess kantuniera nsibu annu ieħor 1908. Dan tal-aħħar ma' tantx jagħti daqshekk fil-għajn.

## Il-Graffiti mal-Knisja ta' San Ġakbu

Konċentrazzjonijiet ta' graffiti fil-periferija tar-raħal jinsabu mal-knisja ta' San Ġakbu. Max-xellug tal-faċċata nsibu graffit interessanti bil-kitba mnaqqxa: *7694 GS RMA 1944*. (Ara stampa 19) Ftit taħt naraw bħal salib imnaqqax ma' kantun ieħor. Fuq il-lemin tal-faċċata nsibu salib ieħor imnaqqax. Qrib il-bieb prinċipali naraw annu ieħor imnaqqax din id-darba *1958*. Mal-faċċata nsibu diversi annijiet oħrajn li jmorru lura iktar minn mitt sena bħal 1909 u 1910. (Ara stampa 20) Tajjeb li nsemmu li l-kappella kważi reġgħet inbniet mill-ġdid bejn is-snin 1899 sal-1901.[7]

Graffit ta' interess mal-parroċċa ta' Ħal Luqa hija dik tal-arma tal-patrun Sant'Andrija bis-salib imdawwar bil-palm u l-kuruna. Mal-faċċata li tħares lejn l-iskola ta' Santa Luċija naraw dak li jista' jkun graffit marittimu mnaqqax f'kantun immermer. (Ara stampa 21)


*Graffit bl-arma ta' Sant'Andrija*

## Iċ-Ċimiterju ta' San Tumas

Iktar kmieni aċċennajna li normalment il-graffiti ssibhom mit-tielet/raba' sas-seba' filata. Maċ-ċimiterju ta' San Tumas naraw graffit fuq l-ewwel filata tal-faċċata ta' dan iċ-ċimiterju. Insibu graffit jgħid hekk: *Per le animi del purgadorio* (Għall-erwieħ tal-purgatorju). (Ara stampa 22) Huwa graffit li ftit li xejn jagħti fil-għajn però ta' nteress kbir għaliex wieħed mill-ftit li nsibu b'forma ta' kitba. Ma' dan iċ-ċimiterju ma jidhirx li hemm graffiti oħrajn. Fis-sit qabel ma' sar ċimiterju kien hemm kappella iddedikata lil San Tumas. Il-kappella ġiet profonata minħabba l-istat ta' abbandun.[8]

## Graffita fix-xelter ta' ħdejn l-iskola

M'hemmx dubju li x-xeltrijiet li tħaffru fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija huma żgur l-ikbar *graffita* ta' protezzjoni li serviet ta' protezzjoni fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Ġewwa x-xeltrijiet insibu numru ta' graffiti iżda żgur l-iktar graffita impressjonanti hija dik li nsibu fix-xelter ta' ħdejn l-iskola.

Il-kobor tagħha jkejjel madwar 70 ċentimetru f'għoli u 40 ċentimetru f'wisgħa (Ara stampa fuq l-aħħar paġna ta' dan l-artiklu). Fuq nett ta' dan il-graffit naraw żewġ persuni jħarsu lejn xulxin. Tal-lemin jidher li jirrappreżenta s-sess maskili filwaqt li l-oħra tirrappreżenta dak femminili minħabba li din għandha misluta ma' widnejha. Fin-

[7] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 256-7.
[8] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 86.

nofs ta' din il-graffita ninnutaw żewġ affarijiet oħra. Fuq naħa naraw l-arma tal-patrun Sant'Andrija mdawra bil-weraq tal-palm magħha, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm figura ta' bniedem. Taħt nett insibu dak li aktarx huwa xbieha tad-Duluri (figura simila ħafna għal dik li kien għamel Ninu Said fix-xelter tal-pjazza) fin-nofs filwaqt li fuq il-ġenb tax-xellug hemm bħal żewġ qaddisin. Fuq in-naħa tal-lemin insibu l-istess żewġ forom ta' persuni.

## Il-kuntest soċjali ta' dawn il-graffiti

Ikun tassew ta' interess ikbar meta l-graffiti nestenduhom fil-kuntest li tnaqqxu. Ħafna mill-eżempji tal-graffiti saru fiż-żmien meta s-soċjetà Maltija tista' tgħid la kienet taf taqra u lanqas tikteb. Tant hu hekk li fl-ewwel snin tas-seklu tmintax fetħet l-ewwel skola f'Ħal Luqa sabiex tgħin liż–żgħażagħ fl-istudji tagħhom.[9]

Tista' tgħid li l-impjiegi ewlenin fil-pajjiż kienu ta' bdiewa, baħħara, bennejja u furnara. Storikament naraw kif in-numru ta' baħħara kien wieħed imdaqqas sew Ħal Luqa.[10] Ħafna minn dawn il-graffiti marittimi li nsibu fir-raħal huma forma ta' riflessjoni ta' wieħed mill-impjiegi fiż-żminijiet l-imgħoddija. Ankè l-graffiti marittimi minnhom infushom juru l-mezz li l-baħħara kienu jaqsmu minn pajjiż għal ieħor.



*Graffiti fix-xelter ta' ħdejn l-iskola*

## Konklużjonijiet

Żgur li min kien qiegħed inaqqax dawn il-graffiti kellu l-intenzjoni li jħalli mnaqqax xi ħaġa li tibqa' mmarkata fit-tul. Min-naħa l-oħra dawn il-graffiti bla ebda mod ma kellhom l-intenzjoni li jirrappreżentaw il-perfezzjoni għalkemm uħud minnhom huma dettaljati ferm.

Bla dubju ta' xejn dawn huma l-graffiti biss li s'issa nafu bihom. Il-futur jaf joffri oħrajn li s'issa għadna ma nafux bihom. Ikun verament ħasra jekk nindunaw b'xi graffit u nibqgħu ħalqna sieket. Graffiti bħal dawn għandu jsir minn kollox sabiex jiġu dokumentati u ippreservati bl-aħjar mod possibbli.

Fuq nota konklussiva l-graffiti Maltin għandhom żewġ elementi jaħdmu kontra tagħhom; it-temp u l-intervent uman permezz ta' xi taħżiż fuq il-graffiti eżistenti. Ikun diżgrazzja jekk f'pajjiżna nibqgħu nittrattaw il-graffiti antik bħala logħob tat-tfal u nħażżu fuqhom!

---

9 Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 143.
10 Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Paġna 160.



Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies, medals, shields, plaques, glass tokens, wooden tokens, plates, frames & mugs which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours: 08:30 - 12:00 / 16:00 - 19:00
E-Mail: goldlady@onvol.net, marindex@onvol.net
Tel: 21673928, 27673928
Address: 1, Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun




POLYPLUMB
The FAST and PERMANENT one
Found in all leading Ironmongeries
Imported and Distributed by:
TAHABEL LTD. Tel: 21673589





### Biex ma jintesew qatt...

# Tifkira ta' Anġlu u Feliċ Mizzi

### li mietu b'diżgrazzja tan-nar sittin sena ilu

Kitba ta' Neil Zammit

Fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-manifattura tan-nar f'Ħal Luqa kienet waħda attiva ħafna, tant li s-Soċjetà L-Unjoni kienet magħrufa sew għan-nar tal-art. Soċi tal-każin li għadhom mimlija bil-għomor jirrakkuntaw li f'dik il-ħabta, ta' tfal li kienu, kienu jmorru jiġbru l-ġelatina minn ġol-għelieqi biex jagħmlu xi *murtal* għall-festa. Bdew jiltaqgħu ġo xi razzett jew għorfa, fosthom ir-razzett ta' Toninu Camilleri (*tas-salv*). f'tal-*miċċieri* f'*Garnaw*, fid-dwejra *tal-ħawsla*, fir-razzett *ta' ġona* u fl-inħawi *tal-isqof* biswit iċ-ċimiterju tar-raħal.



*Anġlu Mizzi*

B'dan ix-xenarju fl-isfont, din is-sena imiss li nsellmu lil żewġ membri tas-Soċjetà *L-Unjoni*, Anġlu u Feliċ Mizzi, li ħallew ħajjithom għad-delizzju tal-piroteknika. Kien it-Tnejn 27 ta' Lulju tal-1953 meta minn bosta nħawi nstemgħet splużjoni għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħaxija fir-razzett tal-*miċċieri* f'*Garnaw*. F'dak il-ħin, Anġlu ta' tnejn u għoxrin sena kien qed jikkarga xi serpentelli bil-potassa għall-festa ta' dik is-sena. Fir-razzett kien hemm ukoll ħuh Karmnu ta' ħamsa u għoxrin sena u zijuhom Feliċ Mizzi ta' sittin sena, b'dan tal-aħħar ġieli kien jagħtihom daqqa t'id f'dak li kien ikollhom bżonn. Dawk li kienu fil-viċinanzi għall-ewwel ħasbu li kienu qed jippruvaw xi ħaġa ġdida. Iżda ma kellux ikun hekk, għax ftit tal-ħin wara nstemgħet splużjoni akbar, tant li r-razzett kważi ġġarraf għalkollox.



*Feliċ Mizzi*

Minħabba li Karmnu ma kienx ħdejn Anġlu meta seħħet l-isplużjoni ġarrab xi ksur f'riġlejh minħabba li safa' mirdum taħt il-ġebel. Iżda Anġlu u Feliċ inqabdu ġewwa tant li sofrew ħruq u feriti oħra gravi. Wara ftit minuti waslet l-ambulanza

Partit Laburista

*Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari*
*ta' Sant'Andrija Appostlu*
*il-Kumitat Lokali taċ-Ċentru Laburista Luqa*
*jawgura mill-Qalb il-Festa t-Tajba*
*lill-Ħalluqin kollha*

Ċentru Laburista Luqa
'Dar il-Ħaddiem', Pjazza Sant'Andrija, Ħal Luqa

P. N.

*Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari*
*ta' Sant'Andrija Appostlu*
*il-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista Luqa*
*jawgura l-Isbaħ Xewqat għall-Festa t-Tajba*
*lill-Ħalluqin kollha*

Każin Partit Nazzjonalista Luqa
'Dar Malta 25 Sena Indipendenti', Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa

fuq il-post u ħadet lit-tliet persuni l-isptar għall-kura bit-tama li jeħilsuha minn ħalq il-mewt. Fil-fatt Karmnu kien ħelisha, u aktar tard reġa' kompla jaħdem in-nar, iżda Anġlu u Feliċ Mizzi mietu t-tnejn kawża tal-ħruq estensiv li ġarrbu. Il-poplu ta' Ħal Luqa waqa' f'luttu kbir u bħala sinjal ta' rispett, il-Banda *L'Unione* akkumpanjat liż-żewġ vittmi bid-daqq ta' marċi funebri waqt il-funeral tagħhom.

Illum, sittin sena wara, fid-dmir illi nagħtuhom tislima xierqa biex isimhom u għemilhom ma jintesa qatt.

**Referenzi**


Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, Publikazzjoni Annwali, 2011

Francis Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, 2005.



# Tal-Grazzja Bakery

*23rd April Street*
*Qormi*


James Agius Woodworks Ltd
28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
Tel: +356 2124 4445, +356 2740 6777
Fax: +356 2740 6777 | Mob: +356 7936 9176
Email: info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com
Made to Measure:
Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units
Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc
MALTESE
BALCONIES



# Il-Frontispizju tal-Każin jagħlaq ħmistax-il Sena

Kitba ta' Clifford Micallef

Kienet għodwa bħall-oħrajn, meta kif kont għaddej minn quddiem il-każin, nilmaħ żewġ trakkijiet kbar u krejn. Fuq dawn it-trakkijiet, fost ħafna knaten u materjal ieħor, ilmaħt xbieha ta' Sant'Andrija mnaqqxa fil-ġebel.

Biswit dan it-trakk, fost numru ta' partitarji oħrajn, nilmaħ lill-mibki iżda qatt minsi, Pawlu Camilleri (*tas-Salv*) u waqaft ħdejh fejn qalli li kien wasal il-frontispizju tal-każin. Pawlu kien pront ħeġġiġni biex immur inġib kamera tar-ritratti għax dawn il-mumenti għad ikunu parti mill-istorja tal-każin. Jien ħadt il-parir tiegħu u bdejt niġbed ritratt wara l-ieħor tal-iskultura mpekkabli fil-ġebel.

U proprju hawn qiegħed illum, wara ħmistax-il sena, qed nirrakkonta din il-ġrajja, fl-okkażjoni tar-restawr tal-faċċata, biex b'hekk il-faċċata tas-sede tas-Soċjetà L-Unjoni reġgħet lura għall-glorja tagħha.

Kien proprju f'Seduta Ġenerali li nżammet nhar il-Ħadd 8 ta' Frar 1998, li l-membri preżenti flimkien mal-kumitat, qablu li l-arblu għandu jieħu postu fuq il-faċċata tal-każin. Sabiex isir dan ġie deċiż li jinħadem frontispizju xieraq bl-istatwa ta' Sant'Antdrija Appostlu li jkun jixraq mal-faċċata tal-każin tagħna.

Dan ix-xogħol ġie kkummisjonat lill-kumpanija tal-aħwa Agius mill-Imqabba, bla dubju nies ta' sengħa u ħila kbira fil-lavur tal-ġebla.












Iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni saret nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju 1998. Fis-sitta ta' filgħaxija l-Banda L-Unjoni daqqet fi Triq Sant'Andrija, fejn fost il-briju tal-partitarji numerużi akkumpanjati mill-Innu mmortali tas-Soċjetà u l-ħruq tal-murtali, inkixef il-frontispizju majestuż mill-President is-Sur Salvu Spiteri, u mbierek mill-kappillan Dun Joe M. Camilleri.


# O.K. Bar



Għal drink ġenwin b'varjetà ta' *appetizers* f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch, pasta dishes, focaccias* u ħafna ikel ieħor.

**TRIQ IL-KARMNU, LUQA**

**Taħt sidien ġodda u b'dehra aħjar**

# Rons Restaurant

*Specialising in Fresh Fish*

54
Xatt is-Sajjieda
Marsaxlokk

Telephone
**2165 9382**

www.rons-restaurant.com

Godfrey Zammit
*Owner*

Mobile
**9947 1223**








# Ħaddieda Ħalluqin

Kitba ta' Andrew Camilleri

Kull meta ngħaddi mit-Triq il-Ġdida jien li missieri kien ħaddied, ma nistax ma nġibx fil-memorja b'nostalġija kbira l-ħames ħwienet tal-ħaddieda li fi tfuliti kien hemm f'din it-triq u li llum m'għadhomx jeżistu. Fit-tarf tal-iskola minn fejn dari kienu jidħlu s-subien kif taqsam it-Triq il-Ġdida kien hemm il-ħanut taz-ziju Indri, u ftit 'il fuq minnu, fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-ħanut taz-ziju Salvu. Niftakar li ħafna tfal subien kienu jinġabru quddiem dawn iż-żewġt iħwienet qabel ma jidħlu l-iskola iħarsu b'kurżità lejn iz-zijiet jaħdmu, u jiggustaw dawk is-sriep tan-nar telgħin mill-fjamma tal-forġa. Mhux l-ewwel darba li niltaqa' ma' rġiel bejn wieħed u ieħor tal-età tiegħi jgħiduli li kienu jinġabru quddiem dawn iż-żewġ ħwienet speċjalment fix-xitwa għas-sħana tal-forġa qabel ma ċċempel il-qanpiena tal-iskola, jew li kienu jippruvaw jieħdu l-ħabel tal-menfaħ minn idejn il-lavrant u jippruvaw jonfħu l-forġa. 'Il fuq mill-ħanut taz-ziju Salvu, aktar 'il fuq minn fejn illum hemm l-Airport terminal il-qadim, kien hemm il-ħanut ta' missieri Mosè li kien jaħdem fih wara li jiġi mit-tarzna u nhar ta' Sibt. Nixtieq insemmi li ħdejn il-ħanut ta' missieri kien hemm mitħna tal-qamħ antika minn dawk li għadek tara f'xi ftit postijiet f'Malta u Għawdex. Terġa' fl-istess Triq il-Ġdida kien hemm żewġ ħwienet oħra tal-ħaddieda, wieħed ta' Noe Ciappara li kien ftit 'il fuq minn fejn illum hemm id-*Day Centre* u l-ieħor ta' Ġużeppi Cassar li kien aktar 'l isfel, kantuniera mat-Triq ta' Ħal Tarxien.

Iz-ziju Indrì u z-ziju Salvu kienu jaħdmu għodda tal-bennejja - imrietel, imtieraq, għodda tal-lavur u skultura fil-ġebel, kif ukoll għodda għall-qtugħ tal-ġebel mill-barrieri bħal bqaqen, spnajjar u mazez. Kienu wkoll jaħdmu għodda għall-bdiewa bħall-imgħażaq ta' kull daqs, furkettuni, sikek tal-ħart kif ukoll zpapen.



*Mosè Camilleri*

Missieri Mosè kien miftuħ l-aktar biex jirbatti l-għodda tal-bennejja, tal-barriera u tar-raba'. Bħal kull tip ieħor ta' għodda, wara li tagħmel żmien twil tintuża, x-xifer tagħha jeħxien u ma tibqax taqta'. Allura biex iġibha taqta' mill-ġdid missieri kien isaħħana sew fil-forġa u bil-martell fuq l-inkwina joħroġ xifer ġdid. Wara kien jillima x-xifer biex iġibu jaqta' sewwa u wara jtih it-tempra biex isir aktar iebes u jdum iżjed jaqta'. Biċċtejn għodda partikulari tar-raba' li kien jaħdem missieri kienu l-minġel u l-minġla, li minħabba xifer twil fit-tond li fihom, kienu diffiċli biex isiru.

Mill-banda l-oħra Noe Ciappara u Ġużeppi Cassar kienu jaħdmu ħadid imżejjen bl-iskrolli u ħadid mibrum għall-




**MULTI ENTRY SYSTEM**

*A highly functional and advanced audio/video entry security system provides peace of mind for residents. Multi entry system enables residents to view and talk with visitors and open the door allowing visitor access.*

Qormi Road, Luqa
Tel: 2124 9707

*Flower Touch*



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800

puġġamani tat-taraġ, galleriji u vilestruni. Ta' min isemmi li l-ħadid tal-puġġaman tat-taraġ u l-ħadid tal-gallariji ta' dan il-każin huma xogħol Ġużeppi Cassar.

Jien fi tfuliti, speċjalment nhar ta' Sibt meta ma kienx ikollna skola, kont immur nonfoħ il-forġa taz-ziju Pawlu u għadni niftakar tajjeb il-proċess ta' kif kienet tinħadem ħafna mill-għodda. Iz-ziju Pawlu kien ukoll ħaddied li kien jaħdem it-tarzna, imma nhar ta' Sibt kien jaħdem flok iz-ziju Indri. Meta tqis li minn biċċa ħadid, hekk imsejjaħ *mild steel* ta' xi 18cm tul, wisa' ta' 10cm u ħxuna 2.5cm, il-ħaddied kien kapaċi joħloq mannaret jew imterqa jew minn biċċa ta' 15cm tul, wisa' ta' 7cm u ħxuna ta' 1cm kien jagħmel imgħażqa jew furkettun, wieħed mill-ewwel jintebaħ li dan kien xogħol ta' sengħa kbira. Mhux possibbli f'dan l-artiklu nidħol fid-dettalji tal-proċess ta' kif kienet tinħadem din l-għodda, għax biex nagħmel dan trid ktieb sħiħ u ma naħsibx li dettalji bħal dawn jinteressaw ħafna lill-qarrejja.

Prominenti f'nofs il-ħanut il-ħaddied kellu inkwina kbira li fuqha kien jaħdem kollox. Din l-inkwina kienet twila xi 145cm, wiesa xi 18cm u fit-truf kellha żewġ pinen, waħda tawwalija fil-kwadru u l-oħra ftit aqsar u fit-tond. Maġenb l-inkwina kellu tank kbir bl-ilma biex ikessaħ ix-xifer tal-għodda meta jagħti t-tempra. Biex jaqbad il-biċċa tal-ħadid li jkun qiegħed jaħdem mill-forġa l-ħaddied kien juża ħafna tnalji speċjali skont l-għodda li jkun qed jagħmel u ħafna drabi għall-istess biċċa għodda l-ħaddied kien juża minn tnejn sa tlett tipi ta' tnalji. Barra mit-tnalji l-ħaddied kien juża ħafna għodda oħra speċjali biex jaħdem, bħal pnietel ta' kull għamla u daqs li bihom il-ħaddied jagħmel it-toqba jew aħjar bejta fejn jidħol il-marloġġ, taljaturi biex jaqta' l-ħadid, mazez ta' xi tliet daqsijiet u ta' għamla differenti, moros hekk imsejħa tas-sieq, ħafna tipi ta' limi u naturalment il-martell li bih kien jaħdem fuq l-inkwina. Il-ħaddied biex isaħħan il-ħadid fil-forġa kien juża żewġ tipi ta' faħam, dak li kien jissejjaħ ta' Cardiff u l-*coke* li kien faħam nadif li ma kienx fih impuritajiet. Il-*coke*, li kien jiswa aktar flus, kien jintuża biss meta l-ħaddied jikkaldja l-azzar mal-ħadid, proċess li bih hu kien iwaħħal l-azzar fit-tarf tal-għodda li minnu kien joħroġ ix-xifer, dak li l-Ingliżi jsejħulu *forge welding*. Kemm liz-zijiet kif ukoll lill-missieri l-faħam kien iġibulhom mix-xatt tal-Marsa raġel mir-raħal jgħidulu Tannija fl-ixkejjer fuq karettun misjuq minn bagħal.

Kull ħaddied, l-għodda li kien jaħdem kien jagħtiha ċertu dettalji li kienu partikulari tiegħu. Biex nagħti eżempju z-ziju Indrì l-pala tal-mannaret jew imterqa, dik il-parti l-wiesa' ta' taħt il-bejta, kien jagħmilha tibda kważi nofs tond, filwaqt li z-ziju Salvu kien jagħmilha tidher aktar massiva kważi fil-kwadru u naqra fit-tond fit-truf biss.

Imma barra minn hekk kull ħaddied kellu l-marka tiegħu, dik li l-Ingliżi jsejħulha *Trade Mark* li l-ħaddied kien jagħmel f'post prominenti fuq l-għodda fejn tkun tidher sew. Il-marka taz-ziju Indrì kienet forma ta' fjura magħmula minn erba' ċrieki, bid-dawra ta' barra ta' kull ċirku fonda u n-nofs imqabbeż il barra. Imma z-ziju Salvu ta' veru ħaddied Ħal Luqi li kien, il-marka tiegħu kienet magħmula minn dawra ovali fonda bis-salib ta' Sant'Andrija mqabbeż f'nofsha.

Ħaddieda bħaz-ziju Indriu z-ziju Salvu dejjem kien ikollhom lavrant biex jonfoħ il-forġa u jagħti bil-mazza. Bħalissa qed inġib quddiem għajnejja liz-ziju Salvu quddiem l-inkwina, b'dak il-wiċċ ruxxan dejjem daħkani, bil-pipa f'ħalqu u bil-martell quddiemu fuq ix-xellug tal-inkwina, jistenna l-biċċa tal-ħadid li kien qed jaħdem fuqha tisħon sew fil-forġa. Hekk kif kien joħroġ il-ħadida ħamra, ħamra mill-forġa u jpoġġiha fuq l-inkwina, kont tismagħhom, hu bil-martell f'idu x-xellugija u l-lavrant bil-mazza, jagħtu daqqiet meqjusa, daqqa wara l-oħra fuq il-ħadida, tin tan, tin tan, qishom qed idoqqu mota b'żewġ

qniepen. Naturalment dan il-proċess kien irid jiġi ripetut ħafna drabi sakemm hu jifforma u jlesti l-għodda u joħroġ ix-xifer tagħha. Wara li joħroġ ix-xifer, iz-ziju kien isonnu sew bil-limi u wara jittemprah, proċess delikat ħafna li bih ix-xifer tal-azzar isir iebes aktar u allura jdum aktar jaqta'. Wara nofsinhar, wara li z-ziju Salvu jkun kiel u xorob forsi dik il-qatra żejda, arah, jaħdem b'dik l-enerġija kollha, qisu l-inbid flok iraqqdu kien jagħtih aktar saħħa. Niftakar tallab li kull darba li kien jgħaddi minn quddiem il-ħanut taz-ziju Salvu jidħol ħdejh u jgħidlu, 'Mgħallem Salv, tini pipa tabakk.' U kont tarah liz-ziju joħroġ il-borża tat-tabakk, jimlielu l-pipa tal-ġibs li kellu bit-tabakk u mbagħad jqabbadhielu bis-seffud tal-forġa. Filgħaxija wara li jżarma u jiekol, il-gost tal-ħaddied kif kienu jafuh in-nies, kien li jiġi l-bottegin ta' dan il-każin jieħu dik il-pinta nbid mal-ħbieb.

Forsi hija ħasra li ħadd minna ma qabad is-sengħa ta' ħaddied. Imma tajjeb wieħed isemmi li barra li x-xogħol ta' ħaddied hu xogħol ta' tbatija kbira, illum xogħol il-ħaddied tista' tgħid spiċċa. Niftakar li ħija Karmenu kien ġa qabad sewwa f'din is-sengħa, imma meta nduna kemm hi sengħa ta' tbatija tgħallem is-sena ta' mastrudaxxa. Sfortunatament din is-sengħa bħal ħafna snajja' oħra tidher li dalwaqt tmut għal kollox. Daż-żmien ħafna mix-xogħol tal-ġebel sar kollu mekkanizat. Illum imkien ma tara xi ħadd juża mannaret biex jonġor kantun u wara juża r-rixketta u x-xafra biex joħroġlu wiċċ lixx. Għax dan ix-xogħol, inkluż il-qtugħ tal-ġebel, sar isir kollu bil-magni. U l-istess ħaġa għal-lavur fil-ġebel li sar isir kollu bil-magni u ftit baqa' użu għall-għodda tal-lavur. Imma naħseb li samrotti bħal dawk ta' saqaf jew koppla ta' knisja bilfors jridu jibqgħu jinħadmu bl-għodda tal-idejn.


*Salvu Camilleri*

Kull meta wieħed jidħol ġo xi knisja u jara dik l-iskultura u gwarniċ fil-ġebel u dak ix-xogħol ta' samrotti differenti u kkumplikati li fih saqaf tal-knisja tagħha, wieħed ma jistax ma jimmeraviljax u ma jgħidx kemm kienu kapaċi dawn in-nies tas-sengħa tal-ġebel li ħadmu xogħol bħal dan kollu b'idejhom bl-għodda li ħarġet minn idejn il-ħaddied.

Imma wieħed jistaqsi, għaliex fir-raħal tagħna kien hemm daqshekk ħaddieda? Ir-raġuni ewlenija hi għax Ħal Luqa minn dejjem kienet imsemmija ħafna għal nies tas-sengħa tal-ġebel u dari l-ġebel kollu kien jinħadem bl-għodda maħduma mill-ħaddieda. Mir-raħal tagħna ħarġu periti u ħafna bennejja kapaċi li għamlu ħafna xogħol ta' bini kemm Malta kif ukoll Għawdex. Ta' min isemmi lill-perit Andrea Vassallo li tana opri kbar bħall-knisja bażilika Ta' Pinu Għawdex, il-knisja tal-Ħerba Birkirkara, l-iskola primarja ta' Tas-Sliema, il-koppli tal-knejjes parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun u ta' San Nikola s-Siġġiewi kif ukoll l-isptar Zammit Clapp San Ġiljan. Andrea Grima kien ukoll perit Ħal Luqi u kien hu li ddisinja l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Imsida fuq stil barokk, il-kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara, l-isptar tal-Imgieret kif oriġinalment inbena u l-oratorju li hemm mal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Nismagħhom jgħidu wkoll li din l-istess knisja parrokkjali tal-Imsida wkoll inbniet minn bennejja Ħal Luqin. Fi tfuliti niftakar lill-perit Indrì Micallef li kien responsabbli mill-bini tal-knisja parrokkjali tar-raħal wara li ġġarfet fil-gwerra u li ddisinjaha b'dak is-saqaf sabiħ li fiha bit-twieqi sbieħ u kbar li fih. L-imgħallem li mexxa x-xogħol, Ġilard Spiteri, l-bennejja, dawk li naġru l-ġebel, dawk li ħadmu l-lavur, kif ukoll l-iskultur li qatta' l-iskultura tal-gwarniċ kollu, kienu lkoll Ħal Luqin. Il-perit Micallef kien ukoll responsabbli mil-bini tal-koppla tal-kappella tal-

Erwieħ il-Belt. Ma nistax ma nsemmix Ħal Luqi ieħor, Salvu Sammut li kien disinjatur famuż u skultur fil-ġebel. Niftakar li meta kien ser jibda l-bini mill-ġdid tal-knisja tar-raħal Salvu kien issottometta pjanti għall-bini tagħha. Fost dawn kien hemm disinn ta' koppla fuq l-istess stil tal-kampnari sbieħ li għandna, u ħafna kienu jgħidu li kieku saret, kienet tkun waħda mill-isbaħ koppli f'Malta. Hu iddisinja wkoll il-faċċata sabiħa ta' dan il-każin kif ukoll qatta' l-iskultura li fiha kif ukoll l-arma ta' Sant'Andrija li hemm fl-entratura.


*Nar tal-art fil-bidu tas-seklu għoxrin*

Irrid insemmi wkoll li tlieta minn dawn il-ħaddieda, z-ziju Salvu, Pawlu u b'xi mod iz-ziju Indri, it-tlieta kienu l-pijunieri tan-nar ta' dan il-każin. Iz-ziju Pawlu kien jagħmel it-taħlit tal-kulur kollu - funtani, gass u stilla, taħlit li warajh kompla jiżviluppah ħija Ċensu. Kien hu li f'Malta ftit wara l-gwerra, l-ewwel li għamel l-funtana l-ħamra u l-kaħla. Iz-ziju Salvu mbagħad kien juża t-taħlit taz-ziju Pawlu biex bl-għajnuna ta' ħafna dilettanti tan-nar ta' dan il-każin kien jagħmel in-nar kollu tal-art għall-festa ta' Sant'Andrija u tal-Madonna taċ-Ċintura li dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata minn dan il-każin.




MUSEUM
EST CAFE 1921

Sandro Spiteri

24, Melita Street, Valletta
Tel: 2124 2833

Vigo
MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001





# Abraham Gatt
## Skultur u Disinjatur ta' ħila
## (1863 - 1944)

Kitba ta' Neil Zammit

Minkejja ċ-ċokon tiegħu, pajjiżna jista' jiftaħar b'għadd ta' artisti ta' stoffa li matul is-sekli ħadmu, u stinkaw bla heda biex illum għadna nistgħu ingawdu bosta opri artistiċi ta' livell għoli. Tul il-medda tas-snin, ħarġu għadd ta' artisti tajbin, b'uħud minnhom saħansitra jħabbtuha m'artisti kbar ta' fama mondjali. Il-biċċa l-kbira minnhom nafuhom sew għax kemm-il darba qrajna jew smajna dwarhom. Iżda għal xi raġuni jew oħra, hemm ukoll numru ta' artisti lokali li ftit li xejn jissemmew jew jingħataw il-ġieħ li jistħoqqilhom. Abraham Gatt huwa wieħed minnhom, li żgur jistħoqqlu kull ġieh u apprezzament għall-ħidma tiegħu fix-xena artistika ekkleżjali.

Imwieled Bormla nhar l-4 t'Ottubru 1863, iben Ġużeppi u Reġina neé Cassar, Abraham Gatt studja fl-iskola primarja ta' Bormla u wera kapaċità kbira fid-disinn u l-iskultura sa minn ċkunitu. Aktar tard, huwa studja l-arti għand il-magħruf statwarju u marmista Karlu Darmanin. Jingħad illi Abraham Gatt kien raġel umli, kwiet u fuq kollox devot kbir tal-Madonna. Minbarra l-karriera artistika tiegħu, kien ħaddiem it-Tarzna għal bosta snin.


*Abraham Gatt (1863-1944)*

Il-kapaċità kbira ta' dan l-artist jixhdu għaliha l-bosta opri li ħalla fil-knejjes Maltin u Għawdxin. Ħażżeż numru kbir ta' disinni għal xogħlijiet fil-fidda, kartapesta, injam u ġebel. Iddisinja wkoll għadd kbir ta' ventaltari, kandlieri, brazzi, niċeċ, lampieri, sopratrieħi, kuruni, qxur ta' missalli, pavimenti u ħafna oħrajn. Barra minn hekk, kien fdat ukoll bid-disinn tal-pedestalli tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, kif ukoll ta' Santa Marija tal-Imqabba, tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u ta' San Lawrenz tal-Birgu, kollha mmartellati fil-fidda. Iddisinja wkoll it-tużell għall-knisja ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi kif ukoll il-linef għall-knisja ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u l-bradella u l-bankun ta' Santa Marija tal-Imqabba.

Abraham Gatt naqqax fl-injam il-vara ta' San Ġużepp meqjuma fil-Kolleġġjata ta' Bormla fl-1903, kif ukoll iż-żewġ anġli li jżommu l-mant tal-Kunċizzjoni meqjuma fl-istess knisja. Għall-festi tal-inkurunazzjoni solenni tal-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla ikkummissjona lill-istess artist biex jirrestawra l-vara titulari, liema xogħol kien tlesta għall-festa tal-1905. F'Bormla wkoll insibu




*Il-Proprjetarju jixtieq*
*il-Festa t-Tajba*
*lill-Ħalluqin kollha*




*L-Istandard tas-Soċjetà L'Unione*

x-xbieha ta' Kristu Re għad-*Domus Pio IX*, meqjusa bħala waħda mill-ftit pitturi li għad fadal ta' dan l-artist.

Ta' min isemmi wkoll illi Abraham Gatt kien ta sehmu wkoll fir-restawr tal-vara ta' San Publju tal-Floriana. Barra minn hekk, ħadem ukoll numru ta' statwi fil-kartapesta, fosthom vari tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll statwi għat-tiżjin tat-toroq, b'uħud minnhom għadhom jintramaw sa llum fil-festi tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u dik ta' Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq.

Il-Parroċċa ta' Ħal Luqa tista' bil-wisq tiftaħar illi gawdiet sew mill-majestrija ta' dan l-artist u disinjatur mill-aqwa. Fost ix-xogħlijiet li ħarġu minn taħt idejh insemmu fost l-oħrajn il-bibien kollha tal-knisja, l-iskultura u l-bibien tan-niċeċ, il-kanupew u l-ventaltar il-primi tal-festa, sopratrieħi u ventaltari oħra laterali, missalli, ċensier u navetta tal-fidda. Fi żmien il-Kappillan Dun Anton Vella, li kien Bormliż ukoll, l-artist Abraham Gatt ġie fdat bir-restawr tal-vara titulari ta' Sant'Andrija, liema xogħol tlesta mitt sena ilu u wettqu b'abbiltà liema bħalha. Fl-istess sena iddisinja wkoll il-pedestall, il-bradella u l-bankun għall-istess vara. Tassew ħallielna opra mill-isbaħ li llum għadha tiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta.

Fl-aħħarnett, iżda żgur mhux l-inqas, is-Soċjetà *L'Unione* wkoll tgawdi minn xogħlijiet artistiċi tal-magħruf Abraham Gatt, grazzi għall-ħidma tal-kumitati ħabrieka li dejjem kellha. Fil-fatt, fl-1925, il-każin kompla jiżżejjen bi standard tal-ħarir aħmar irrakmat bi ħjut tad-deheb li juri l-emblema tas-Soċjetà flimkien ma' dik ta' Sant'Andrija u ta' Ħal Luqa. Barra minn hekk, fuq disinn tal-imsemmi artist Gatt, iżżanżan ukoll ċentru tal-ġewż maħdum minn Angelo Cassar u Carmelo Barbara.

Abraham Gatt miet f'Ħaż-Żebbuġ, fejn kien refuġjat fil-gwerra, nhar it-28 ta' Marzu 1944 u jinsab midfun f'qabar tal-Fratellanza tal-Kurċifiss fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.


email: slie@di-ve.com
website: www.imper.it
IMPER
ITALIA
WATERPROOFING SYSTEMS
• Waterproofing Membrane
• Bitumen Elastomer Pastes
• Liquid Membranes
We Import Timber & Wood
ISO 9001
S & L Import & Export Ltd
Wilga Stores, Triq Il-Wilga, Luqa LQA 1530
Tel: 21 897 912 Fax: 21 690 685


Il-Barman tal-
LUQA SHOOTERS CLUB
jawgura l-Festa t-Tajba lill-Ħalluqin kollha
Għal drink ġenwin b'varjetà ta' appetizers
f'atmosfera tal-ħbieb





# Ġrajjet il-Vara Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu

## B'tifkira tal-ewwel ċentinarju mir-restawr u r-renovazzjoni tagħha mitt sena ilu

Kitba ta' Neil Zammit

Ġrajjet il-vara titulari ta' Sant'Andrija Appostlu bilfors li tqanqal interess qawwi għax din teħodna lura fl-istorja aktar minn żewġ sekli. Ma ninsewx illi minkejja ċ-ċokon tagħha, il-Parroċċa ta' Ħal Luqa kienet minn tal-ewwel li kellha l-istatwa tal-qaddis patrun tagħha, waqt li parroċċi oħra bil-wisq akbar minna kellhom jistennew għal bosta snin biex jaraw xewqithom isseħħ.

Inżommu f'moħħna wkoll illi sa ftit tas-snin ilu, ftit li xejn kienet teżisti informazzjoni dokumentata dwar l-oriġini ta' din il-vara u l-iżvilupp li għaddiet minnu tul is-snin. Iżda llum, grazzi għar-riċerka u l-interess minn għadd ta' individwi, nistgħu ngħidu mod ieħor. Għaldaqstant, din il-kitba għandha sservi bħala ġabra tal-istorja magħrufa s'issa.

Bħalma jiġri dejjem, avveniment storiku importanti jibqa' jiġi mfakkar sabiex qatt ma jintesa jew jitwarrab mill-ġenerazzjoni ta' għada. Huwa dan li qed nagħmlu llum permezz ta' din il-kitba, biex waqt li niflu mill-qrib ġrajjet il-vara ta' Sant'Andrija sa mill-ewwel snin tagħha, infakkru kif inhu xieraq l-ewwel mitt sena mir-restawr u r-renovazzjoni tagħha fl-1913 għal kif nafuha llum. Dan kollu għandu jservi bħala omaġġ xieraq lejn dawk kollha illi wettqu din il-ħolma, biex b'hekk illum għadna nistgħu ingawdu din ix-xbieha qaddisa, artistika u tant devota tal-Appostlu Sant'Andrija meqjuma b'tant għożża fit-Tempju Andrean.

### Sfont Storiku

L-ewwel referenza għall-vara titulari ta' Sant'Andrija teħodna lura għall-1772. Dokument li jġib id-data tat-3 ta' Diċembru ta' dik is-sena jgħid li Dun Angelo Ellul iddikjara li kien issellef is-somma ta' elf (1,000) skud mingħand Antonuccio Rizzo u ommu Maria skont kuntratt li ma jissemmewx dettalji dwaru, waqt li b'att ieħor, kienu ġew ikkaxjati sitt mitt (600) skud minnhom, li wara tħallsu lura. Skond il-ftehim, id-differenza kellha tingħata lura fi flus jew b'xi biċċa art. Sadanittant, Maria Rizzo mietet u għaldaqstant, binha Antonuccio iddikkjara illi d-differenza kien se jħalliha għal akkwist ta' statwa fl-injam li turi lil Sant'Andrija Appostlu għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. Dan seħħ peress li ommu Maria ma ħalliet l-ebda kundizzjoni fit-testment tagħha. Għal din id-dikjarazzjoni xhiedu wkoll il-Kappillan Dun Giocanni Michaele Maxta,



*Il-Vata ta' Sant'Andrija qabel l-1913*

Dun Lorenzo Caruana, Francesco Vassallo, Michaele Zammit, Francesco Cassar, Carlo Aquilina u Andrea Borg.[1] Iżda minn dan kollu jidher li ma seħħ xejn.

## Titlesta l-Vara

Kellhom jgħaddu sitt snin oħra, sakemm nhar il-5 ta' Frar tal-1778 is-Surġent Andrea Camenzuli ordna statwa tal-injam (*legname di ponente*) li tirraffigura lil Sant'Andrija Appostlu mingħand l-iskultur Cosimo Scolaro fuq disinn tal-Kapumastru Giuseppe Bonnici.[2] Flimkien mal-istatwa, ġew ordnati wkoll pedestall, bankun u bradella iżda mingħajr il-lasti. Skont il-kuntratt, l-istatwa l-ġdida għolja seba' palmi, kellha tkun lesta għaż-żebgħa u l-induratura fi żmien sena għall-prezz ta' mija w għoxrin (120) skud. L-iskultur Scolaro irċieva pagament ta' 20 skud bil-quddiem, waqt li l-bilanċ kellu jitħallas lilu mat-tlestija tal-vara.

Ġara iżda li l-kuntratt oriġinali mal-iskultur Cosimo Scolaro kellu jitħassar nhar il-25 t'Awwissu 1778 minħabba raġunijiet mhux magħrufa. Għaldaqstant, dik il-ġurnata stess, Felice Penza,[3] f'ismu u għan-nom tas-Surġent Camenzuli, ftiehem mal-iskultur Giuseppe Scolaro, ħu Cosimo, biex jieħu f'idejh din il-kummissjoni. L-istatwa issa kellha titlesta fi żmien seba' xhur għall-istess prezz ta' mija u għoxrin (120) skud.

L-istatwa ta' Sant'Andrija tlestiet kif miftiehem u għaddiet għand is-Surġent Camenzuli nhar il-5 t'April 1779, waqt li l-iskultur Giuseppe Scolaro tħallas il-kumplament tal-flus li kien jistħoqqlu.[4]

Ma nafux eżatt fejn tqiegħdet din l-istatwa bejn l-1779 u l-1781. Iżda wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi din ġiet irregalata mis-Surġent Camenzuli lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa sabiex tibda tinħareġ fil-purċissjoni tal-festa titulari ad unur il-qaddis. Tant hu hekk illi f'Novembru tal-1781, waqt żjara pastorali li kien qed jagħmel ġewwa Ħal Luqa, l-Isqof Vinċenzo Labini ra l-istatwa lesta fin-niċċa tagħha fejn il-fonti tal-magħmudija.[5]

## Interventi matul is-seklu dsatax

Minħabba d-dokumentazzjoni skarsa illi teżisti, ma nistgħux nikkonkludu fiċ-ċert illi ma sar l-ebda tip ta' intervent fuq l-istatwa matul is-seklu dsatax. Iżda din hija xi ħaġa li għad trid tiġi kkonfermata 'l quddiem, dejjem jekk teżisti xi tip ta' dokumentazzjoni. Mhux l-istess jista' jingħad għall-pedestall ta' taħtha, illi jidher li dan kien inbidel ma' wieħed ġdid li nħadem fl-1824.[6] Ma nafux eżatt min kien li ddisinja u ħadem dan il-

---

[1] Lorenzo Zahra, riċerka pubblikata fil-ktieb tal-Festa, Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, 2011 u meħuda mill-Arkivji tal-Kurja A/C Vol. 132 (1772-1773) pġ. 801.

[2] Giuseppe Bonnici (1707-1779) kien minn Ħal Luqa u kellu diversi karigi importanti fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Fost l-oħrajn naraw li mill-1779 sal-1779 kien kapumastru tax-xogħlijiet pubbliċi (Capomastro delle Opere). Fost ix-xogħlijiet li wettaq insibu t-tkomplija tal-Castellania u l-bini tad-Dwana fil-Belt. Kien imqabbad iħażżeż ukoll pjanti għall-knejjes fosthom dawk ta' San Publiju fil-Furjana, ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta u x'aktarx anke ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex.

[3] Felice Penza kien suprastant tal-Fondazzjoni Cottoner, xogħol li dam jokkupah għal diversi snin. Kien ukoll membru attiv u uffiċjal tal-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament.

[4] Dr John Debono Ph.D., *Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-Iskultur Tagħha*, Fuljett Parrokkjali, 2005.

[5] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*, 1975.

[6] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*, 1975.

pedestall. Nafu iżda li baqa' jintuża sal-festa tal-1912 u jidher fir-ritratt storiku li kien ittieħed lill-vara qabel ma nbeda x-xogħol ta' restawr u renovazzjoni fuqha. Illum ħadd ma jaf x'sar minnu dan il-pedestall, iżda hawn min isostni illi kien inbiegħ lil xi knisja oħra.

## Ħidmet il-Kappillan Vella

Nhar is-26 ta' Settembru 1903, Dun Anton Vella ħa l-pussess bħala l-kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Il-Kappillan Vella twieled f'Bormla fl-1871 u wara li ħa l-quddiesa, huwa nħatar Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Belt twelidu. Tul il-parrokat tiegħu f'Ħal Luqa huwa ħadem b'risq il-katekeżi tat-tfal tal-parroċċa, tant li rrestawra u għamel użu mill-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar għal dan il-għan.



*Il-Kappillan Dun Anton Vella*

Barra minn hekk, il-Kappillan Vella flimkien mal-prokuratur Dun Giuseppe Vassallo ħadmu id f'id biex ikomplu jżejnu l-knisja tar-raħal, tant li kienu ilhom għaddejjin bi proġett wara l-ieħor. Insemmu biss it-tlestija tal-faċċata tal-knisja wara li sarulha n-navi l-ġodda, modifikazzjoni fuq l-altari tan-navi, kwadri ġodda tal-magħruf Giuseppe Calí għall-istess altari, sett gandlieri ġodda għall-*prima* u s-*sekonda* tal-altar maġġur biex jintużaw fil-festa titulari, restawr tal-appostolat skolpit fl-injam għall-istess altar maġġur kif ukoll xogħol ieħor marbut mal-pavimentar u z-zuntier tal-knisja fost l-oħrajn.



*Dun Ġużepp Vassallo, Prokuratur*

Ta' min jaċċenna wkoll illi fl-1911, fuq disinn tal-Bormliż Abraham Gatt, inħadmet l-iskultura kollha mad-dawra taż-żewġ niċeċ li fihom jitqiegħdu l-vari ta' Sant'Andrija u dik tal-Madonna tar-Rużarju (u taċ-Ċintura) mill-iskultur Paolo Falzon. Inħadmu wkoll żewġ bibien ġodda tal-injam għall-istess niċeċ minn Luqa Griscti fuq disinn tal-istess Abraham Gatt.

Bħal donnu issa kien wasal iż-żmien għal dawra tajba fuq il-vara titulari ta' Sant'Andrija, wara aktar minn mija u tletin (130) sena li kienet ilha meqjuma u vvenerata ġewwa l-knisja parrokkjali tar-raħal. Kif diġà semmejna, l-artist Abraham Gatt kien midħla sewwa tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Għaldaqstant, l-għażla ta' min kellu jieħu ħsieb dan ix-xogħol waqgħet minnufih fuq Abraham Gatt, li f'dik il-ħabta kien meqjus bħala disinjatur, skultur u artist mill-aqwa.



*L-Artist Abraham Gatt*

## L-intervent ta' mitt sena ilu (1913)

Jidher ċar illi sar qbil bejn il-Kappillan, il-Prokuratur u l-artist Gatt li l-vara ta' Sant'Andrija kellha tiġi modifikata biex tieħu dehra ġdida, waqt li tinżamm l-istess raffigurazzjoni kif ħarġet minn idejn l-iskultur Giuseppe Scolaro fl-1779. Għaldaqstant,

Abraham Gatt ħa ħsieb li jirrispetta l-idea oriġinali waqt li jagħti lill-vara bixra aktar romantika kif kienet popolari dik il-ħabta. Meta wieħed iqabbel it-tibdil li sar fuq il-vara minn Abraham Gatt mill-ewwel jintebaħ illi saru numru ta' modifikazzjonijiet, kemm fil-wiċċ, kif ukoll fil-panneġġjar tal-mant.



*L-Induratur Francesco Coleiro*

Wara l-intervent fuq l-istatwa nnifisha, Abraham Gatt żebagħ mill-ġdid il-karnaġġjon tagħha, waqt li l-mant ġie ndurat bid-deheb u żgraffjat mid-Ditta Francesco Coleiro tal-Belt Valletta. Barra minn hekk, Abraham Gatt ħa ħsieb jadatta r-raġġiera eżistenti kif ukoll iddisinja pedestall, bankun u bradella[7] ġodda għal taħt l-istess vara.

Ix-xogħol ta' karpenterija fuq il-pedestall, il-bradella u l-bankun sar minn Luqa Griscti. X'aktarx illi l-iskultura kollha tnaqqxet fl-injam minn Emanuele Buhagiar li f'dik il-ħabta kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu. Jingħad illi l-bankun u l-bradella nħadmu f'remissa fi Strada San Giuseppe, kantuniera ma' *Piazza Chiesa*, fejn Griscti kien mgħejjun mill-membri tas-Soċjetà *L'Unione* fosthom Lorenzo Borg.[8] Għal madwar il-bankun ġew ordnati sett ta' tnax-il appostlu imnaqqxa fl-injam mid-Ditta *Ferdinand Stuflesser* tal-Awstrija.[9]




*Skrizzjoni fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankun*

L-ispejjeż kollha marbuta mar-restawr tal-istatwa u l-induratura tagħha tħallsu mill-poplu waqt li l-ispiża għall-bankun u l-bradella ġabarha l-Prokuratur Dun Giuseppe Vassallo. Mill-banda l-oħra, Mastru Nikola Sammut, li dik il-ħabta kien President tas-Soċjetà *L'Unione*, flimkien ma' ħuh Andrea għamlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-pedestall u l-induratura tiegħu.[10]



*L-Iskultur Emanuele Buhagiar*

## Lura f'Ħal Luqa

Wara ħidma sfieqa, issa kien wasal il-jum tant mistenni tal-Ħadd 23 ta' Novembru 1913, meta kellha tinġieb lura f'Ħal Luqa l-istatwa ta' Sant'Andrija wara l-intervent li

[7] Jingħad illi d-disinn oriġinali ta' Abraham Gatt għall-bankun u l-bradella kienu jinsabu fil-każin tas-Soċjetà *L'Unione*, iżda dan spiċċa meqrud fit-Tieni Gwerra Dinjija.

[8] Lorenzo Borg kien jiġi z-ziju tal-Wisq Rev. Mons Innoċenz Borg, eks-kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa.

[9] Għall-festa tal-1913 kienu lesti tlieta biss, waqt li d-disa' l-oħra waslu Malta fi Frar 1914.

[10] Xhieda ta' dan kienet skrizzjoni li kien hemm imwaħħla fuq in-naħa ta' quddiem tal-istess pedestall, liema skrizzjoni kienet tneħħiet meta l-pedestall ġie indurat mill-ġdid bejn l-1979 u l-1980 mill-induratur Publio Magro.

sarilha minn Abraham Gatt u d-Ditta Coleiro tal-induratura.


*L-Imgħallem Luqa Griscti*

Kmieni wara nofsinhar, għadd ta' rġiel, nisa u tfal bdew neżlin lejn it-Triq tal-Belt biex jilqgħu b'entużjażmu kbir lill-istatwa ta' Sant'Andrija fi triqitha lura mill-Belt Valletta. Il-bandisti tal-Banda *L'Unione*, bl-istrumenti f'idejhom, flimkien ma' ħafna tfal u żgħażagħ immarċjaw għat-Triq tal-Belt bid-daqq ta' marċi ferrieħa. Hekk kif tfaċċat l-istatwa ta' Sant'Andrija merfugħa fuq l-ispallejn, din intlaqgħet b'ferħ kbir mill-Kappillan Vella, il-kleru u l-parruċċani miġbura għal dik l-okkażjoni sabiħa. Wara li l-istatwa tqiegħdet fuq żewġ strippi mħejjija apposta, din ġiet mikxufa bil-mod fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti.


*Dettall mill-bankun tal-vara*

Mument ieħor storiku kien meta l-Banda *L'Unione*, li f'dik il-ħabta kienet dik waħdanija fir-raħal, bdiet iddoqq marċi ferrieħa waqt li l-vara ta' Sant'Andrija inġarret fuq l-ispallejn lejn il-knisja parrokkjali.

Hekk kif il-vara waslet ħdejn is-Salib fi *Piazza Chiesa*, bdiet tinħaraq il-musketterija minn fuq il-bejt tal-Każin tal-Qassisin u din baqgħet tagħti sakemm il-vara daħlet fil-knisja u kien kważi diġà dalam. Imbagħad il-vara tbierket mill-ġdid u tqiegħdet fuq il-bankun il-qadim[11] quddiem l-altar tat-Twelid, faċċata tal-pulptu. L-għada t-Tnejn, inġiebu fil-knisja il-pedestall, il-bradella, u l-bankun il-ġodda. Issa il-vara intramat taħt l-arkata f'nofs il-korsija fuq in-naħa tal-Evanġelju. Fuq l-istess bradella, tqiegħdu erba' bukketti tal-fjuri artifiċjali maħduma minn Andrea Ellul u s-sagristan Giuseppe Ciappara, b'forma ta' żewġ palmiet, bit-truf ħerġin minn ġo kuruna, kif ukoll inħadmet girlanda tal-fjuri għal mal-bażi tal-istess statwa.

## Il-Festa tal-1913

Il-festa titulari ad unur Sant'Andrija Appostlu kompliet bit-tliet ijiem tat-Tridwu Imqaddes bejn is-27 u d-29 ta' Novembru 1913. Matul dawn il-jiem ta' thejjija tkantaw il-Vespri akkumpanjati mill-orkestra. Il-priedki tat-Tridwu għamilhom il-Kappillan tal-Imqabba Dun Francesco Bonanno.

Lejlet il-festa ħabat il-Ħadd 30 ta' Novembru. Wara l-quddiesa tat-*Te Deum*, il-Banda *L'Unione* daqqet marċi ferrieħa madwar it-toroq tar-raħal. Fit-tlieta ta' wara nofsinhar bdiet it-Transulazzjoni tar-Relikwija ta' Sant'Andrija u wara tkantaw il-Primi Vespri

[11] Dan il-bankun l-antik għadu jeżisti u sa llum baqa' jintuża fil-festa liturġika tat-30 ta' Novembru.



*Il-Vara ta' Sant'Andrija armata fil-Knisja*

Solenni. Il-mużika kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Anton Nani, *maestro di cappella*.

Fl-istess ħin il-Banda *L'Unione* esegwiet l-ewwel programm mużikali tagħha fi Piazza Chiesa. Dan kien jikkonsist kif ġej:-

Symphonic March - Europa ed Africa - Spiteri

Overture - L'Italiana in Algieri - Rossini

Final Act III - Gioconda - Ponchielli

Fantasia for Euphonium - G. Camilleri

Characteristic March - Egiziana - Riverso

St. Andrew Hymn

God Save the King

Fis-sitta ta' filgħaxija mbagħad bdiet il-mixegħla ġenerali li kienet issir b'mijiet ta' tazzi kkuluriti jixegħlu biż-żejt mal-faċċata tal-knisja u fit-triqat prinċipali tal-madwar. Għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Banda *L'Unione* esegwiet it-tieni programm mużikali tagħha taħt it-tmexxija tas-Surmast Emanuele Spiteri. Il-Banda daqqet dawn ix-xogħlijiet -

March - *Vassillo Tre Colori* - Pnchielli

Overture - N.N. - Spiteri

Fantastic Dance - N.N.

St. Andrew Hymn

God Save the King



*Dehra tal-Knisja minn ġewwa*

Aktar tard kien hemm ukoll programm mużikali imtella' mill-orkestra *La Stella*. Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' lejlet il-festa għalqu bil-ħruq tal-logħob tan-nar fl-għaxra ta' bil-lejl.

Nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru, jum is-solenità ġew mistiedna l-E.T. Mons Pietro Pace, Isqof ta' Malta biex jippresiedi l-Quddiesa Pontifikali, waqt li l-E.T. Mons Fra Angelo Portelli O.P., Isqof Awżiljarju ta'



*Il-Vara ta' Sant'Andrija armata għall-festa tal-1913*

*Il-vara titulari ħierġa mill-Knisja*



Malta, niseġ il-paniġierku. F'nofsinhar imbagħad, il-Banda *L'Unione* għal darb'oħra bil-bandalori u l-istandardi tagħha reġgħet għamlet marċ kbir madwar it-toroq tar-raħal. Fit-tlieta ta' wara nofsinhar tkantaw is-Sekondi Vespri għal darb'oħra bis-sehem tal-orkestra tal-*cappella* Nani u wara bdiet ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Andrija, waqt li ħadu sehem il-baned De Rohan (San Ġużepp) ta' Ħaż-Żebbuġ u Beland taż-Żejtun.

Il-ġurnal *Is-Salib* tat-13 ta' Diċembru kkummentat haekk fuq il-festa ta' dik is-sena - *"Irnexxiet tassew din is-sena l-festa ta' Sant'Andrija. It-triqat kienu armati mill-aħjar kif kull sena jafu jarmawhom il-Ħalluqin"*. L-istess artiklu faħħar lil Mons. Isqof Fra Angelo Portelli O.P. għall-paniġierku li għamel, u żied jgħid li *"... il-preżenza ta' Mons Pietru Pace, Isqof ta' Malta, kabbret bil-bosta din il-festa li għaliha tant għamlet il-popolazzjoni ta' Malta"*. Spiċċa bi kliem xejn anqas ta' tifħir għall-vara ta' Sant'Andrija rrestawrata mill-ġdid - *"...għandna l-pjaċir li ngħidu li ftit għandna bħalha f'Malta"*.

## Interventi oħra fuq il-vara

Matul is-seklu għoxrin saru xi interventi oħra fuq il-vara ta' Sant'Andrija li tajjeb insemmuhom ukoll f'din il-kitba. Fil-fatt, bil-ħidma tal-Prokuratur Dun Ġwann Agius, fl-1950 iżżanżnu sett ta' erba' gastri tal-fidda kif ukoll erba' bukketti u girlanda tal-ganutell biex iżejnu l-vara ta' Sant'Andrija Appostlu. Ix-xogħol fil-fidda nħadem mill-arġentier Giuseppe Vassallo fuq disinn tal-magħruf Emmanuele Buhagiar, filwaqt li x-xogħol tal-ganutell sar minn C. Caligari. B'kollox il-gastri swew is-somma ta' ftit aktar minn mitejn u ħamsa u għoxrin (225) lira sterlina waqt li l-fjuretti u l-girlanda swew tmienja u sebgħin (78) lira sterlina.



*Gastra tal-fidda bil-fjurett tal-ganutell*

Fl-1974, il-bradella u l-bankun tal-vara ġew illustrati mill-ġdid mill-Ħalluqi Joseph Demicoli, liema xogħol sar fil-kor tal-knisja parrokkjali u mingħajr ħlas. Imbagħad fl-1980 tlestiet l-induratura mill-ġdid tal-pedestall ta' Sant'Andrija mill-induratur Publio Magro tal-Floriana,

waqt li x-xbieha tal-qaddis tnaddfet u sarilha xi rtukkar biż-żebgħa fuq il-karnaġġjon fejn kien hemm mill-istess Publio Magro.

Fl-1994, sar xogħol ta' restawr fuq l-erba' fjuretti u l-girlanda tal-ganutel minn Joe Mizzi, bl-ispiża kienet tlaħħaq is-somma ta' Lm500. Sentejn wara, ir-raġġiera l-prima tal-vara ġiet maħsula mill-ġdid bid-deheb minn George Farrugia tax-Xewkija. L-ispiża għal dan ix-xogħol telgħet għal Lm90 u tħallset minn Joseph Grima. Aktar tard, fl-2001, inħadmet girlanda ġdida għall-istatwa ta' Sant'Andrija biex tintuża matul is-sena. Din saret minn Tessie Farrugia u oħtha Rose Ciappara li ħarġu wkoll li l-ispejjeż għaliha.

## Konservazzjoni u restawr fuq il-vara fl-2013

Il-ħsieb li tiġi rrestawrata mill-ġdid l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu flimkien mal-pedestall ta' taħtha kien ilu jberren f'moħħ il-voluntiera tal-knisja. L-ewwel komunikazzjoni formali dwar dan saret fi żmien il-Kappillan Dun Karm Camilleri, li minn naħa tiegħu mill-ewwel aċċetta. Iżda minħabba ċ-ċirkostanzi li nqalgħu, il-Kappillan Camilleri kellu jtemm il-parrokat tiegħu fl-2012 u għaldaqstant wara li ħa l-pussess il-Kappillan preżenti Dun Gordon Refalo, reġgħu bdew it-taħdidiet biex isir dan ir-restawr għall-okkażjoni taċ-ċentinarju li qed infakkru din is-sena. Sadanittant, ir-restawratur Publio Magro kien ġie avviċinat biex jiġi jeżamina l-ħsarat li kien fiha l-vara waqt li din kienet armata fil-knisja għall-festa tas-sena l-oħra. Il-Kappillan Dun Gordon Refalo aċċetta bil-qalb li jsir dan ix-xogħol u nhar it-8 t'Ottubru 2012 intbgħat rikors il-Kurja biex dan jiġi approvat. Ir-risposta minn naħa tal-Kurja kienet fil-pożittiv u għalhekk bdew it-tħejjijiet meħtieġa.



*Waqt ir-restawr li sar din is-sena minn Publio Magro*

Wara konsultazzjoni mar-restawratur Publio Magro, ġie deċiż illi x-xogħol jibda wara l-festi tal-Għid il-Kbir sabiex l-istatwa u l-pedestall ta' Sant'Andrija jiġu kkonservati bl-aħjar mod possibbli. Matul dawn l-aħħar snin ġew innotati xi xpakki fuq il-vara innifisha u għalhekk kien f'waqtu illi dawn jiġu trattati b'mod professjonali.

Nhar il-Ħadd 7 t'April wara l-quddiesa tal-għaxra u nofs ta' filgħodu, il-vara ta' Sant'Andrija inħarġet minn niċċa, iżżarmat minn fuq il-pedestall tagħha u tqiegħdet fil-Kappella tad-Duluri li hemm in-naħa tas-sagristija l-antika. Ix-xogħol ta' restawr minn Publio Magro inbeda nhar it-Tnejn 22 t'April u tlesta ftit tal-jiem ilu. Kemm il-vara kif ukoll il-pedestall ġew irtukkati fejn kien hemm il-bżonn, waqt li saret it-tiswija meħtieġa fejn kien hemm xi qsim fl-injam. L-ispejjeż għal dan ix-xogħol ta' restawr għamel tajjeb għalihom il-poplu tar-raħal. Sar ukoll xogħol ta' tindif u restawr fuq ir-raġġiera tal-vara, liema xogħol sar mid-ditta Laga u tħallas minn Neil Zammit.

Tassew f'waqtu illi nifirħu lil Publio Magro tax-xogħol tajjeb u professjonali li wettaq fuq il-vara ta' Sant'Andrija. Għaldaqstant, fil-festa ta' din is-sena se nerġgħu ingawdu

mill-ġdid id-dehra sabiħa tal-vara ta' Sant'Andrija, l-istess kif esperjenzaw ta' qabilna propju mitt sena ilu.

## Għeluq

Din il-ħarsa estensiva lejn ġrajjet il-vara ta' Sant'Andrija Appostlu għandha twassalna biex napprezzaw ferm aktar din ix-xbieha bil-wisq devota u artistika. Tassew opra tal-arti li tagħmel ġieħ lil Sant'Andrija, lill-Parroċċa ta' Ħal Luqa kif ukoll lil kull min kellu sehem fiha tul is-snin.


**Bibljografija**

Arkivju Parrokkali - Ħal Luqa

Leħen il-Parroċċa - Ħal Luqa, 1988

Leħen il-Parroċċa - Ħal Luqa, 2006

*Malta*, 19 Novembre 1913, p.2

*The Malta Herald*, Saturday, November 29, 1913

*The Malta Herald*, Thursday, November 27, 1913

*Malta* Martedì 25 Novembre 1913

Kotba tal-Kaxxier u Minuti tas-Segretarju 1913 - Soċ. Fil. *L'Unione*

Minuti tas-Segretarju 1924 - Soċ, Fil. *L'Unione*

Testimonjanza verbali mill-qraba tal-W.R. Dun Ġużepp Vassallo

Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*, 1975

Dr John Debono, *Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-Iskultur Tagħha*, Fuljett Parrokkjali, 2005

Francis Galea, *Ħal Luqa u l-Banda tagħha, L-Unjoni*, 2005

Parroċċa Sant'Andrija, *Ħal Luqa, 375 Sena ta' Fidi u Kultura Nisranija*, 2009







V. Spiteri & Sons Ent Ltd
VSS

Fully air-conditioned Coaches & Mini Buses for Hire

Suppliers and fitters of
**Auto Air Conditioners**
Sole Agent of

HISPACOLD

# Importers of Volvo Commercials

'Gratiae Plena', Wesgħat il-Vittmi tal-Gwerra, Luqa
Tel: 2182 0749 • Fax: 2167 3251
Mob: 9947 0405 • 9946 4405





# Is-Soċjetà L-Unjoni fil-*Fira Mediterrania de Manresa*

Kitba ta' Andrè Magri

*Fira Mediterrania de Manresa* hija fiera li ssir kull sena fil-belt ta' Manresa fir-reġjun ta' Catalonia




## Il-Belt ta' Manresa

Fis-sekli 13 u 14, Manresa kienet waħda mill-iktar ibliet prosperi għal dak iż-żmien. F'dawn is-sekli nbnew swar ġodda madwar il-belt u kien hawn ukoll li beda tiela' ħafna bini li llum sar famuż bħalma huma t-tliet knejjes popolari li nsibu fil-belt, li huma l-knisja *El Carme*, *Sant Pere Martri* u l-Bażilika ta' *La Seu* li serviet għall-belt bħala Katidral. Kien f'dan il-perjodu wkoll li nbena l-famuż akkwadott *la saquiali* li jwassal l-ilma mix-xmara llogreget għal Manresa. Dawn il-fdalijiet għadhom hemmhekk sa llum il-ġurnata fejn iservu bħala postijiet turistiċi.

Snin wara li Sant'Injazju kien joqgħod fil-belt ta' Manresa, il-belt ġiet mimlija bil-wirt tiegħu u tal-Ġiżwiti. Fis-seklu 17 u 18, il-belt saret famuża għall-industrija tal-ħarir. Mad-daħla tas-seklu 20 il-belt ħadet svolta differenti bi xmara llbregat u Cardner iffurmaw iċ-ċentru tal-industrija ta' Catalunia. Illum Manresa hija belt ħajja b'ħafna kumplessi moderni u b'zona kummerċjali soda.



## *Fira Mediterrania de Manresa*

Għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena bdiet tiġi organizzata l-*Fira Mediterania Manresa* fejn fiha jiġu organizzati ħafna attivitajiet diversi fosthom konferenzi, spettakli tejatrali, mużikali u kulturali minn madwar l-Ewropa kollha. F'din il-fiera tiġi organizzata wkoll konferenza bil-





# JUSTIN AUTODEALER

(Prop. Paul Galea)

Buys, Sells, Exchanges all kinds of
Motor Cars & Vehicles

Also cars imported from UK – especially Mercedes

Kif ukoll Artijiet u Proprjetà għall-Bejgħ u Xiri

16, GĦAJN DWIELI ROAD,
PAOLA

TEL: 2182 0967 / 2782 0967
MOB: 9947 0837

**www.justinautodealer.com**






għan li jiġu offruti opportunitajiet differenti bejn il-pajjiżi differenti. Fl-edizzjoni ta' din is-sena, Malta kellha ċ-ċans tagħha li tesponi l-kultura tagħha. Għal dan il-għan ġejna mistednin żewġ rappreżentanti, jien f'isem is-Soċjetà L-Unjoni u Frank Zammit f'isem l-Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħal Għaxaq. Ta' min wieħed jgħid li din l-istedina ġiet wara li l-organizaturi ta' din il-fiera kienu preżenti għas-*Symposium* tal-Piroteknika li sar fl-2012 ġewwa Malta.F'din il-konferenza għamilna l-almu tagħna biex nagħtu l-isbaħ u l-aħjar stampa tal-kultura Maltija speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi tradizzjonali. Magħna kien hemm ukoll kelliema mir-Renju Unit, mill-Ġermanja, mill-Portugal, Andorra u minn diversi postijiet ġewwa Spanja, fejn ilkoll ippreżentaw il-festi u l-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Kien ta' unur għalina li wara l-feature li tellajna tista' tgħid konna miżgħuda b'mistoqsijiet ta' interess dwar dak kollu li nagħmlu speċjalment wara li spjegajna l-fatt li dak kollu li jsir fil-festi Maltin isir fuq bażi volontarja. Nista' ngħid ukoll li għamilna ħafna kuntatti interessanti li żgur 'il quddiem kemm l-Għaqda Mużikali San Ġużepp u kif ukoll is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ser inkunu qegħdin nisfruttaw biex inkomplu nkabbru l-isem tas-Soċjetajiet tagħna barra minn xtutna.



software within the Playmodes studio.

Andre Magri, de la societat Union Band, Luqa, Malta.
La Societat Filharmònica Unió de Luqa va ser fundada el 1880. Va reunir uns nois joves per ensenyar-los música, per formar una banda local. Encara que al principi les activitats de la societat eren només les musicals, es diversificaren progressivament per enriquir la festa de Sant Andreu. De fet, la societat té la seva pròpia banda, la fàbrica de focs artificials, l'equip de decoració, la secció juvenil i la comissió de dones. Malta considera les seves festes com un important patrimoni intangible, i també com una atracció turística. Andre Magri va ser un dels ponents en el Simposi Internacional de Focs Artificials 2012 que va explicar la festa maltesa.

Andre Magri, de la sociedad Union Band, Luqa, Malta.
La Sociedad Filarmónica Union de Luqa fue fundada en 1880. Reunió a unos cuantos muchachos jóvenes para enseñarles música, para formar una banda local. Aunque en un principio las actividades del club eran sólo las musicales, las diversificó con el fin de enriquecer la fiesta de San Andrés. De hecho, el club tiene su propia banda, la fábrica de fuegos artificiales, el equipo de decoración, la sección juvenil y la comisión de mujeres. Malta considera sus fiestas como un importante patrimonio intangible, y también como una atracción turística. Andre Magri fue uno de los ponentes en el Simposio Internacional de Fuegos Artificiales 2012 que explicó la fiesta maltesa.

Andre Magri, from Union Band society, Luqa, Malta.
The L-Unjoni Philharmonic Society of Luqa was founded in 1880. He gathered a few young boys to teach them music, to form a local band. Although originally the club's activities were only musical ones, nowadays it spread more its activities in order to enrich the feast of St Andrew. In fact the club has its own band sub-committee, fireworks factory, decorations team, youth section and a women's sub-committee. Malta considers their 'festa' as an important intangible heritage, and also an tourism attraction. Andre Magri was one of speakers in International Symposium on Fireworks 2012 who explained Maltese 'festa'.

# JOSEF

## Sales, Repairs and Services of domestic Air conditioners & Fridges

**2011 Price list on Haier A/C**
**Domestic Range- R410A**

| Model no. | Capacity(BTU/hr) | Consumer Price |
|---|---|---|
| Hsu-12HD03/R2 | 12,000 | €550 |
| Hsu-18HV03/R2 | 18,000 | €745 |
| Hsu-22HV03/R2 | 22,000 | €931 |

All prices include installation up to 4 meters copper pipe work

R410A refrigerant- Ozone friendly
Double deflection Fins
Dehumidifier mode
24 hr timer
Auto Re-start
Easy wipe front panel
3D Air distribution
Quit mode
Sleep mode
Anti bacteria filters

Sale Terms-Warranty
2 Years Parts and Labour/ 5 Years on compressor

**For more information call on 79818678**



# Id-Devozzjoni lejn Sant'Andrija fl-Iskozja

Kitba ta' Eric Camilleri

Meta ssemmi lil Sant'Andrija ġewwa pajjiżna ħafna huma dawk li jsemmulek lil Ħal Luqa, dan għaliex huwa l-patrun ta' dan ir-raħal. Sant'Andrija huwa wkoll il-Patrun mhux ta' villaġġ partikolari iżda ta' pajjiżi sħaħ. Dawn huma l-Iskozja, ir-Russja u l-Greċja.

## Punti importanti mill-ħajja ta' Sant'Andrija

Sant'Andrija twieled bejn is-sena 5 u 10 A.D. f'Betsajda li kien il-port prinċipali tas-sajjieda fil-Palestina. Ommu u missieru kien jisimhom Jona u Joanna u ħuh Xmun Pietru. Il-familja ta' Sant'Andrija kienu kollha sajjieda li dak iż-żmien kienu jistadu flimkien ma' ħabib tagħhom Żebedew, it-tifel tiegħu Ġwanni u Ġakbu.

Sant'Andrija kien iltaqa' ma' Ġwanni l-Battista ġewwa l-Ġordan. Kien l-ewwel appostlu ta' Ġesù u kien hu li ressaq tifel b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet meta Ġesù wettaq il-miraklu fejn tema 5,000 ruħ.



Huwa mifhum li Sant'Andrija wara l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu vjaġġa l-Asja Minuri u l-baħar l-iswed. Fil-belt ta' Sinopja (illum in-naħa ta' fuq tat-Turkija) kien bata ħafna. Saħansitra d-dar li kien qiegħed jgħix fiha kienet ġiet mogħtija n-nar. Minbarra dawn il-pajjiżi Sant'Andrija kien ukoll żar l-Ungerija, ir-Russja, il-Polonja u l-Greċja.

Meta Sant'Andrija kien żar il-Greċja ġie sfurzat imur jgħix ġewwa foresta fejn finalment ġewwa Patras kien ġie mogħti l-għażla li jew jiġi issagrifikat lill-allat foloz jew ifflaġellat u msallab. Fuq għażla tiegħu, iddeċieda li jiġi msallab u ried li s-salib ikun magħmul f'pożizzjoni djagonali. Bħal ħuh Pietru, Sant'Andrija ħass li ma kienx ikun aċċettabli li jiġi msallab bħal Ġesù. Dan il-martirju Sant'Andrija għadda minnu peress

li kien qiegħed ixerred il-Kelma t' Alla. Dam imdendel mas-salib għal tliet ijiem permezz ta' ħbula ma' jdejh u saqajh. Waqt l-agunija li kien fiha baqa' xorta waħda jxerred il-Kelma t' Alla.

## L-għadam ta' Sant'Andrija kif spiċċa ġewwa l-Iskozja?

Fl-Ingilterra nsibu madwar 600 knisja li ġew imsemmija għal dan l-appostlu, b'kuntrast tal-Iskozja li jeżistu ħafna anqas knejjes iddedikati lil dan il-qaddis, minkejja li Sant'Andrija huwa l-patrun ta' dan il-pajjiż.

Fis-sena 345 A.D. huwa mifhum li l-għadam ta' Sant'Andrija kienu spiċċaw l-Iskozja wara li patri Grieg, li kien jgħix ġewwa Patras, bl-isem ta' Regulus, kustodju tal-fdalijiet ta' Sant'Andrija, ħeba xi wħud mill-fdalijiet, sa istruzzjoni ulterjuri li kellhom jiġu minn viżjoni li dan il-patri kellu jirċievi. Din il-viżjoni, ftit tal-jiem wara ordnat lil Patri Regulus sabiex jieħu l-għadam li kienu moħbija u jivvjaġġa lejn il-punent fuq vapur. Il-viżjoni kompliet tgħidlu li meta jkunu nawfragi, hu għandu jinżel l-art u jibni s-sisien ta' Knisja, fejn ħafna pellegrini ser jivvjaġġaw lejn dawn il-postijiet sabiex jirċievu saħħa tal-ġisem u tar-ruħ. Din il-viżjoni nebbħitu wkoll li l-Imperatur Costantinu ta' Kostantinopoli kien ser jinvadi lil Patras. Waqt maltempata qawwija, il-vapur li kien fuqu Regulus kien immexxi l-art lejn raħal bl-isem ta' *Kilrymount* ġewwa *Fife*, fl-Iskozja. Hekk kif niżlu l-art kienu milqugħin mir-re Oengus I. Huwa mifhum li Regulus kien ħa miegħu tliet swaba' minn id il-leminija, għadma tal-id, irkoppa u sinna.

Din l-istorja hija aktar meqjusa bħala leġġenda, iżda Regulus kien proklamat qaddis wara mewtu, fil-fatt f'Aberdeen l-Iskozja il-festa tiegħu hija msemmija fil-brevjar tagħhom nhar is-17 t'Ottubru.


*Il-Knisja ta' San Regulus*

Teżisti t-tieni verżjoni ta' kif ir-relikwi ta' Sant'Andrija spiċċaw ġewwa l-Iskozja, fejn din hija probabbilment kif seħħet il-ġrajja. Isqof ġewwa l-villaġġ ta' *Hexman* ħdejn *Newcastle* bl-isem ta' Acca, kien magħruf sew li huwa devot kbir ta' Sant'Andrija u kien dan l-Isqof li fis-sena 732 A.D. ġab l-għadam ta' Sant'Andrija ġewwa l-villaġġ ta' *St. Andrews* fl-Iskozja.

Kienet x'kienet il-possibiltà ta' kif ir-relikwi ta' Sant'Andrija waslu fl-Iskozja, huwa żgur li dawn kienu tpoġġew f'kappella mibnija apposta f'isem dan il-qaddis fejn fis-sena 1160 din kienet ġiet sostitwita minn Katidral iddedikat lil Sant'Andrija.

## Id-devozzjoni lejn Sant'Andrija tikber ġewwa l-Iskozja

Matul ir-renju ta' Malcolm Canmore u r-reġina Margaret, id-devozzjoni lejn Sant'Andrija saret xi ħaġa nazzjonali. Fil-fatt kien jiġi organizzat festival nazzjonali bl-isem ta' *Andrewmas*.

Is-suldati Skoċċiżi kienu jonoraw lil Sant'Andrija fil-kruċjati tagħhom bħala l-Patrun uffiċjali tagħhom. Kif għedna ftit qabel fl-1160 kien ġie mibni katidral iddedikat lil

Sant'Andrija, kif ukoll fl-1411 ġiet miftuħa unversità bl-isem ta' *Saint Andrew's University*. Din l-università hija l-aktar waħda antika li nsibu ġewwa l-Iskozja u t-tielet l-aktar antika minn fost dawk fl-Ingilterra u skont l-aħħar studju li sar din is-sena (2013), hija r-raba' l-aktar università tajba fir-Renju Unit.



*Il-Katidral ta' Sant'Andrija*

Meta saret ir-riforma fil-Knisja tal-Iskozja fl-1560, ir-relikwarju li fih kien jinżamm l-għadam ta' Sant'Andrija ġie meqrud. Dan ir-relikwarju kien jiżen terz ta' tunellata, fejn kien ukoll jinħareġ waqt il-festa ta' Sant'Andrija nhar it-30 ta' Novembru, fejn huwa mifhum li kienet issir purċissjoni solenni flimkien ma' attivitajiet differenti fosthom anki nar tal-ajru. Dawn l-attivitajiet kienu nqerdu darba għal dejjem.

## L-imħabba li għandhom l-Iskoċċiżi lejn Sant'Andrija

L-iskoċċiżi fil-prattika kienu wrew ħafna l-imħabba li għandhom għal dan il-qaddis. FL-1603, ir-re Ġakbu VI, kien wiret it-tron tal-Ingilterra u dak tal-Irlanda u ried jagħmel bandiera li tirrappreżenta lill-Ingilterra magħquda.

L-iskoċċiżi kienu rreżistew bil-qawwa d-disinn li ried dan ir-re, għaliex is-salib ta' Sant'Andrija ma kienx ġie mogħti l-prominenza li jistħoqqlu. Fil-fatt il-vapuri ta' dak iż-żmien ma kienux użaw din il-bandiera l-ġdida iżda baqgħu itajjru s-salib ta' Sant'Andrija.

Jekk wieħed iħares lejn il-bandiera magħrufa bħala l-*Union Jack*, hija magħmula fuq id-disinni ta' żewġ bnadar, dik tal-Ingilterra, li fiha nsibu salib aħmar fuq sfont ta' kulur blu. Din il-bandiera kienet ġiet ikkonfermata b'digriet fit-12 ta' April tal-1606, fejn tirrappreżenta l-Gran Brittanja, tliet snin wara li r-re Ġakbu kien ippropona din il-bandiera.

Il-bandiera uffiċjali tal-familja rjali fl-Iskozja hija ljun aħmar fuq bandiera bi sfont safrani u kif ukoll l-emblema uffiċjali kienet tirrappreżenta fjura li l-Iskoċċiżi jsejħulha *thistle*, iżda b'digrieti li kienu ħarġu f'dan iż-żmien jgħidu li l-bandiera uffiċjali tal-Iskozja hija s-salib ta' Sant'Andrija.

Ir-raġuni li l-Iskoċċiżi dejjem saħqu li l-bandiera tagħhom għandha tkun dik tas-salib ta' Sant'Andrija, hija għaliex hemm storja importanti marbuta ma' din il-bandiera.

Huwa mifhum li fis-sena 832 armata mmexxija mir-re Angus invadew villaġġ li llum insibuh bħala *Athelstanefor*. Il-problema li sab dan ir-Re waqt din il-battalja kienet li b'sorpriża l-armata li kellu quddiemu kienet ħafna akbar minn tiegħu. Meta nduna li kien hemm possibiltà kbira li jitlef din il-battalja, talab lil kulħadd jitlob lil Sant'Andrija sabiex iħarishom u f'ħin minnhom ifforma sħab forma ta' *X* fi sfond tas-sema blu. Ir-Re Angus huwa mifhum li ħareġ rebbieħ minn din il-battalja.

Fl-1320, ir-Re tal-Ingilterra ried li l-Iskozja tkun ikkontrollata minnu. Fil-fatt kien talab ukoll lill-Papa Ġwanni XII sabiex jissospendi lir-Re Robert I, kif fil-fatt kien ġara.

Iżda b'dikjarazzjoni li ġiet miktuba lill-Papa, li għandha l-isem ta' *The Decleration of Arbroath (1320)* kien appell lill-Papa kontra l-Ingliżi li talbuh li l-Iskozja taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-arċisqof ġewwa *York*.

Kienu nġiebu diversi raġunijiet għaliex l-Iskozja għandha tkun indipendenti mill-Ingliżi fosthom li l-Iskoċċiżi u nies distinti tagħhom dejjem kienu mħarsa minn Sant'Andrija li kien il-protettur u l-patrun tal-Iskozja.



*Il-bandiera Skoċċiża*

Fil-battalja ta' Bannockburn fl-1314, is-suldati Skoċċiżi libsu s-salib abjad ta' Sant'Andrija qabel ma bdiet il-battalja, kif ukoll niżlu għarkubbtejhom jitolbu lil dan il-qaddis sabiex jipproteġihom.

Robert Bruce, Re tal-Iskoza bejn l-1306 u l-1329 kien preżenta parċmina b'ringrazzjament lil Sant'Andrija ġewwa l-katidral iddedikat lill-istess qaddis, fejn fiha esprima l-gratitudni tan-nazzjon kollu, wara rebħa li għamel fuq l-Ingliżi sabiex iżomm l-Indipendenza tal-Iskozja.

## L-Għadam ta' Sant'Andrija jerġa' jasal fl-Iskozja

Peress li kif għadna ftit qabel, ir-relikwarju ta' Sant'Andrija kien ġie meqrud fl-1560, l-Iskoċċiżi ma kellhom l-ebda relikwa ta' dan il-qaddis. Fl-1879 l-Arċisqof ta' Amalfi fl-Italja (fejn l-għadam ta' Sant'Andrija kienu miġjuba fl-1453 wara l-waqgħa ta' Kostantinopli) kien bagħat f'Edinburgh dak li kien maħsub li hija għadma mill-ispalla ta' Sant'Andrija.



Fl-1969 ġewwa l-Vatikan, il-Papa Pawlu VI irregala għadma oħra lill-Kardinal Gordon Gray li dak iż-żmien kien Arċisqof ta' Edinburgh, kif ukoll tal-villaġġ St. Andrews. Il-fdalijiet tal-Appostlu huma llum murija f'altar ta' Sant'Andrija, fil-Katidral Metropolitan ta' Santa Marija f'Edinburgh. Fil-Katidral ta' Sant'Andrija ġewwa Patras, il-Greċja partijiet oħra minn ras Sant'Andrija huma għeżież f'post ta' qima kbira.

Filwaqt li huma aċċettabli li m'hemmx ċertezza fuq ir-relikwi tal-qaddisin, ma' jistax ikun hemm dubju dwar il-valur ta' ċelebrazzjni annwali li jsiru ġewwa l-Iskozja f'ġieħ Sant'Andrija u l-qima li teżisti lejn dan il-qaddis f'dan il-pajjiż.



# "L-Arkitett tal-Knisja Parrokkjali ġdida tagħna"

Kitba ta' Anton Morana

Hekk sejjaħlu l-Kappillan Cassia lil Dun Ġulju Muscat, meta miet fis-7 ta' Novembru 1643. Minn qabel ma Ħal Luqa saret parroċċa fl-1634, il-Ħalluqin ħasbu biex jibnu knisja ġdida, għax il-popolazzjoni kienet kibret. Il-poplu ta' Ħal Luqa mhux biss ħadem biex Ħal Luqa ssir parroċċa għaliha, iżda minn qabel daħlu għal biċċa xogħol kbira bħal din. Dan kien sinjal li Ħal Luqa kien dejjem ir-raħal tal-bennejja, nies li jibnu, iżda kien ukoll raħal b'nies kapaċi fl-arkitettura.

Min kien Dun Ġulju Muscat? Minbarra li kien qassis, minn fejn ġabha s-sengħa ta' arkitett? Irridu nifhmu li l-Maltin is-sengħa tal-biedja u l-qtugħ tal-blat kienu ilhom jipprattikawhom. Biex isir ir-raba' kellu jinqata' l-blat tal-wiċċ, jagħmel il-ħitan tas-sejjieħ u jipprepara l-art għall-ħamrija. Barra minn dan, minn żmien il-preistorja l-Malti qatt ma telaq is-sengħa tal-bini u kif kien l-ambjent Malti, mdawwar bil-ġebel, ma setax ma jikkondizzjonax il-mentalità tal-Malti. Din kienet il-ħajja f'dawn il-gżejjer u dawk kienu r-riżorsi.



*Il-Knisja lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.*

Meta ġew il-kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, il-ħajja tal-Maltin fl-irħula antiki tagħhom kompliet għaddejja kif kienet. Mhux talli hekk, l-Ordni ta' San Ġwann bir-riżorsi li kellu kompla jħeġġeġ u jisfrutta r-riżorsi tal-Maltin f'kull qasam, ukoll fit-talenti tagħhom. Il-ġebla u l-ħila tal-Maltin kienu hawn, kull ma kien jonqos kienu l-flus.

## Dun Ġulju Muscat

Dun Ġulju Muscat kien Ħalluqi, qassis u arkitett. Twieled fit-28 ta' Jannar 1603, iben Martin u Grazzja, mgħammed f'Bir Miftuħ, għax Ħal Luqa kienet għadha ma saritx

parroċċa. Kellu ħuh ieħor qassis, Dun Dumink Muscat u kien l-ewwel qassis Ħalluqi li qaddes wara li Ħal Luqa saret parroċċa. Huwa qaddes fil-21 ta' Diċembru 1635 u kellu grad fil-Liġi Kanonika u Ċivili. Kien skrivan tal-Ordni "magħruf bħala bniedem ta' ħila kbira". Intbagħat Ruma biex jistudja l-amministrazzjoni, u malli ġie lura fil-15 ta' Diċembru 1638, inħatar skrivan ewlieni tal-Kanċellerija. Fl-1644 laħaq kappillan konventwali tal-lingwa tal-Italja. Ix-xogħol tiegħu kien jaqgħtu mix-xogħol tal-parroċċa.

Ħuh, Dun Ġulju Muscat qaddes fl-1636, fit-8 ta' Marzu. Fit-8 ta' Novembru 1643, Dun Ġulju miet. Flimkien ma' qassis ieħor, Dun Ġann Marì Briffa, li miet fit-3 ta' Mejju 1641, kienu l-ewwel qassisin li ndifnu fil-knisja parrokkjali ġdida ta' Ħal Luqa. Dun Dumink Muscat kien ħaseb biex jagħmel lapida fuq qabar ħuh. Ma nafux din l-irħama kinetx tal-ġebel jew irħam. Il-qabar ta' Dun Ġulju kien dak tan-nofs fl-ewwel filliera ta' ħames oqbra fil-korsija li kienu jmissu mal-presbiterju. Ħuh ieħor, Klement ħa ħsieb biex fl-1658 jirranġa l-qabar.

L-Iskrizzjoni bil-Latin fuq qabar Dun Ġulju kienet tgħid:

*Casal Luca*
*D.O.M.*
*D. Julio Muscato Viro Frugi*
*Moribus et vita Integeniumo*
*Presbytero Beneficiario in Hoc*
*Sacro Templo*
*quod est Architectatus*
*Tumulato.*

*Fra. Domincus Muscatus J.U.D.*
*Veu Linguare Italiae*
*Ordinis Hierni*
*Sacerdos Commendatarius*
*Fratri Desideratissmo*
*Mystisscini Pasuit*
*Obiet 7 Novembris 1643.*
*Idemique Clementis alter Frater*
*Sibi posterisque suis*
*Vivens Elegit*
*Amm. Sul, 1657.*

*Dun Dumink Muscat J.U.D. qassis kommendatorju tal-Venerabbli Lingwa tal-Italja, waqqaf dan il-qabar f'ġieħ ħuh Dun Ġulju Muscat li tiegħu jħoss it-telfa. Kien raġel magħruf u ta' karattru tassew twajjeb, qassis benefiċjarju, midfun f'dan it-tempju mqaddes li hu bena. Miet fis-7 ta' Novembru, 1643. Klement, ħuh ieħor, tul ħajtu, għażel dan il-qabar biex jindifnu fih hu u nislu. Fis-sena tal-Mulej 1658 (Fl-arkivju parrokkjali ta' Ħal Luqa il-mewt ta' Dun Ġulju hi mniżżla taħt it-8 ta' Novembru 1643).*

Jidher, li l-familja ta' Dun Ġulju kienet mimlija talent, għax mill-istess familja ħarġu żewġ qassisin li t-tnejn li huma kienu kapaċi fl-oqsma differenti. Wieħed kien amministratur fl-Ordni ta' San Ġwann u l-ieħor kien arkitett. Klement ħuhom ieħor kien sar kapomastru tax-xogħlijiet pubbliċi. L-imgħallem Klement Muscat ħa din il-kariga f'Ottubru tal-



*Il-knisja minn ġewwa fil-bidu tas-seklu għoxrin*

1646 b'paga ta' għaxar skudi fix-xahar. Sentejn qabel kien ingħata titlu ta' unur mill-istess Ordni - għolja li aktarx kien jafha lil ħuh, Dun Dumink, skrivan ewlieni tal-Kanċellerija. Ftit snin wara l-ħatra ta' Kapomastru Muscat mar joqgħod il-Belt, għax xogħolu hemm kien. Muscat qatt ma reġa' ġie joqgħod ir-raħal, imma kemm hu, kemm martu Geronima, skont ix-xewqa li wrew huma stess fit-testment tagħhom, indifnu f'Ħal Luqa, naturalment fil-qabar tal-familja Muscat fil-knisja. Dun Dumink kien intbagħat jistudja Ruma, ħaġa mhux tas-soltu f'Malta ta' dak iż-żmien.

Iżda Dun Ġulju fejn tgħallem l-arkitettura li kienet teħtieġ studju ta' Disinn u x-Xjenza, minbarra s-sengħa tal-bini? Kien normali ħafna li s-sengħa tal-bini bil-ġebla Maltija kienet tinsab f'demm il-Maltin, u donnu hawn f'Ħal Luqa, din is-sengħa baqgħet għaddejja sa żminijietna. Jekk wieħed jifli sewwa l-istorja ta' Ħal Luqa jsib li mir-raħal tagħna ħarġu, l-aqwa bennejja, Capo-Mastri u periti. Fis-seklu tmintax, dsatax u għoxrin minn Ħal Luqa ħarġu, Gianni Bonavia, Sebastian Saliba, Giuseppe Bonnici, Andrea Vassallo, Andrea Grima u l-perit Andrea Micallef. Dawn kollha ħallew il-marka tagħhom fuq l-ambjent mibni. Dawn il-periti jew Capo-Mastri periti, kellhom x'jaqsmu ma' qsim ta' art, bini ta' djar, palazzi, knejjes u ġieli anki swar.

Allura wieħed jistaqsi, minn fejn ġiet din is-sengħa f'tant Ħalluqin bennejja? Dun Ġulju Muscat ma setax għamel xi kors formali fl-arkitettura dak iż-żmien, għax ma kienx hawn. Biss, hija ħaġa ċara li kien wiret is-sengħa tal-bini minn familtu. Meta ngħidu wiret is-sengħa tal-bini, jfisser li hu kien jaf xi jsarraf il-ġebel minn mindu jinqata' mill-barriera, kif jinħadem u jinbena. Dun Ġulju ma kienx biss bennej, iżda wkoll arkitett. Jekk kien hekk, allura kien jaf sew l-istili ta' l-arkitettura ta' żmienu, id-disinn u kien jaf ukoll ikejjel l-art jew *land surveying* bl-Ingliż. Dak iż-żmien f'Malta, ħafna bini kien għadu jinbena bi stili u metodi li kienu ilhom jintużaw mijiet ta' snin qabel. L-Ordni ta' San



*It-tiġrif tal-knisja fl-1942. Tidher il-koppla ta' Dun Ġulju Muscat.*

Ġwann, kienet ilha Maltia mija u erbgħin sena. Hija kienet diġà bdiet tibni bil-ġebla Maltija u għalhekk kienu l-Maltin li għamlu x-xogħol kollu. L-Ordni kellha biss il-flus u xi kultant kienet tikkonsisti jew iġib xi perit militari minn barra. Ġlormu Cassar u wliedu, kienu ilhom jaħdmu xogħol għall-Ordni u Tumas Dingli, kien jipprattika wkoll.

Mela nistgħu ngħidu li Dun Ġulju Muscat kien diġà seta' jitgħallem minn ta' qablu jew minn dak li kien jara madwaru. Il-knisja li bena Dun Ġulju f'Ħal Luqa, ma jidhirx li kienet nieqsa minn xi ordni arkitettoniku, għax bnieha fuq still doriku. Dan minkejja li kienet nieqsa minn ħafna skultura. Ta' min jgħid li dekorazzjoni bl-iskultura fil-knejjes Maltin daħlet wara. Fil-knisja li bena Dun Ġulju f'Ħal Luqa, mhux biss inbniet b'ħila madwar il-knisja l-qadima ta' Sant'Andrija, li kienet teżisti qabel l-1497, iżda kellha wkoll koppla u kampnar.

Il-fatt li l-qassis arkitett, Dun Ġulju Muscat għamel pjanta ta' knisja b'koppla u kampnar, juri mhux biss ħila fis-sengħa tal-bini ta' dak iż-żmien, iżda wkoll li Dun Ġulju kien qiegħed jara bil-quddiem l-istil u l-ħtieġa ta' kif kienu se jinbnew il-knejjes fil-futur. Il-koppla kellha użu x'taqdi f'bini ta' knisja! Id-dawl ried jiġi minn x'imkien. Jerġa' l-bini ta' koppla fuq knisja, ried l-ewwel ikollu bini sod fil-fabbrika tiegħu, speċjalment fil-ħitan u l-pilastri. Dan biex ma nsemmux is-saqaf, li kien jinbena fuq il-ħnejjiet jew ċirkuni bix-xorok bejniethom.

Il-kampnar kellu mhux biss funzjoni li fik jitpoġġew il-qniepen biex isejħu n-nies għat-talb jew funzjonijiet tal-knisja, iżda kien "Torri" u xi kultant kellu skop kważi militari f'dawk iż–żminijiet. Il-bini ta' kampnar ukoll kien jitlob sengħa kbira, minbarra li flimkien mal-koppla kien jagħti profil qawwi lill-knisja bħala bini. Il-knisja fil-qalb tar-raħal, kienet qisha omm tiġbor lil uliedha madwarha. Dun Ġulju, hawnhekk ukoll għamel dak li kien meħtieġ, għax fil-fatt il-knisja l-ġdida kellha kampnar ukoll.


*Il-kappellun tal-Agunija qabel ma nħatt wara l-gwerra.*

Il-knejjes f'Malta bdew ikollhom żewġ kampnari ħafna żmien wara Dun Ġulju. Dan ġara meta bdew deħlin stili arkitettoniċi ġodda, jew isir tibdil fil-knejjes. L-unika knisja li kellha żewġ kampnari kien San Ġwann, il-Belt għax hekk inbena mill-ewwel. Il-kampnar, seta' kien jew imiss mal-faċċata tal-knisja jew maġenb xi kappellun. Hawnhekk ukoll il-kampnar ried jinbena minn isfel bħala "Torri" u mhux fuq il-bejt tal-knisja. Fil-fatt meta nbena l-kampnar kont tidħol go fih. Minn barra hu kien ikollu t-taraġ tiela' sa ma jwasslek fuq il-bejt tal-knisja. Ma nafux kif kien il-kampnar ta' Dun Ġulju għax tneħħa meta l-Ħalluqin riedu jibnu faċċata ġdida għall-knisja. Forsi kien kampnar bil-balavostri fuq jew kellu piramida. Dan ma nbeniex qabel l-1686.

## Kif inbniet u kif kienet il-knisja li bena Dun Ġulju Muscat f'Ħal Luqa

"Dun Ġulju Muscat fassal li fuq wara tal-knisja l-qadima kellu jitella' l-kor, iż-żewġ kappelluni u biċċa mill-korsija. Wara li jitlesta dan ix-xogħol kellhom iħottu l-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima u jgħaqqduha mal-ġdida. Għal għaxar snin ix-xogħol ma qata' xejn. Sal-1644 inbnew il-kor, il-kappelluni, biċċa mill-korsija u telgħet il-koppla. Fl-aħħar xhur tal-1644 din il-parti l-ġdida tniffdet u tgħaqqdet mal-knisja l-qadima kif kien il-ħsieb sa mill-bidu. Imbagħad tkompla l-bini tal-bqija tal-korsija. Kull ġenb tagħha kien ġej bi tliet arkati, tan-nofs b'bieb għal barra, filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu ser isiru kappelli ta' altari. Dan ix-xogħol twettaq kollu madwar il-bini tal-knisja l-qadima, li twaqqgħet biss meta l-korsija tlestiet mill-ġebel. Ix-xogħol ta' skultura li kien hemm għall-knisja sar minn wieħed Franċiż Antonju Garsin."

"L-aqwa xogħol fil-bini tal-knisja kien lest sal-1665. Il-knisja kienet nieqsa minn kull dekorazzjoni, ħlief għal dak li jitlob l-istil Doriku tagħha. Sew il-faċċata tal-kor u tal-kappelluni kienu għad-dritt u mhux fit-tond. L-istess ħaġa setgħet tingħad għas-sitt kappelli li kien hemm fil-knisja. Is-saqaf kien jibda dritt minn fuq il-gwarniċun. Kien mibni bi ħnejjiet fit-tond b'xorok bejniethom. Fuq kull arkata tal-korsija u tal-kappelluni kien hemm tieqa ħierġa mill-istess tundjatura tal-ħnejjiet. Fil-kor kien hemm żewġ twieqi oħra. Il-koppla kienet lixxa għal kollox, mingħajr pilastri jew ħjiel ta' skultura. Kellha tmien twieqi bil-blata tagħhom għad-dritt.


*Il-kor tal-knisja l-antika jinħatt wara l-gwerra.*

Il-faċċata kienet bla ebda tiżjin, ħlief għal panew b'pilastru korċint kull naħa tal-bieb maġġur u b'ċinta dekorattiva fuqu. Tieqa ovali għat-tul kienet tikser il-vojt ta' fuq il-bieb. Kampnar sempliċi tlesta fuq naħa waħda tal-faċċata għas-sena 1686."

Jekk wieħed jara r-ritratti li għandna tal-knisja kif kienet qabel il-gwerra u wara, jista' jieħu ħjiel tajjeb ta' din il-knisja li wara sarulha ħafna tibdiliet. F'dawn ir-ritratti, tal-knisja mġarrfa bil-gwerra, jidher il-mastizz tal-ħitan minbarra, u kif kienu l-ħitan minn ġewwa. Il-koppla ta' Dun Ġulju Muscat kienet għadha hemm u nbidlet biss meta reġgħet inbniet il-knisja wara l-gwerra.

"Kien raġel magħruf u ta' karattru tassew twajjeb, qassis benefiċjarju, midfun f'dan it-tempju mqaddes li hu bena". Minn din il-kitba fuq il-qabar tiegħu n-nisġa ta' ħajjet Dun Ġulju Muscat, hija stampa ċara ta' min kien dan il-bniedem. Il-frażi l-oħra, tal-kappillan Cassia, li hemm fil-ktieb tal-mejtin fl-arkivju tal-parroċċa ta' Ħal Luqa, "l-arkitett tal-knisja parrokkjali ġdida tagħna", tkompli turina kemm il-knisja ta' Sant'Andrija hija xogħol dan il-qassis arkitett Ħalluqi.

Ma nafux xi xogħol li għamel iżjed f'dak li hu bini, biss mhux ħaġa kbira, li waqt il-bini tal-knisja hu kien imexxi x-xogħol tagħha. Ħajtu jidher li kienet qasira wisq, iżda t-talent tiegħu kien kbir. Dun Ġulju Muscat huwa l-ewwel arkitett Ħalluqi li ħalla l-marka tiegħu fuq l-ambjent mibni Malti.

**Referenzi**


Dun Ġ. Micallef: *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*.
Il-pronostiku Malti 1986.
Joseph Micallef: Artiklu: *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa*, p.p. 129-131.



Matul il-Jiem tal-Festa
segwi l-andament tal-Festa
u programmi informattivi fuq
**Radju Sant'Andrija 88.4 FM**

NOEL SCHEMBRI
REFRIGERATION

*Services & Repairs of*
Fridges,
Airconditions & Dehumidifiers

**Mobile: 9942 0960**

# Giuseppe Verdi

## Mitt Sena mit-Twelid Tiegħu

Kitba ta' Nathanael Spiteri



Giuseppe Verdi kien imwieled fis-sena 1813. Il-ġenituri tiegħu kellhom ħanut tal-merċa ġol-villaġġ Le Roncole, villaġġ żgħir ħdejn Parm, fit-tramuntana tal-Italja. Għalkemm kienu fqar u ma kellhomx edukazzjoni, huma raw il-potenzjal ta' binhom.

Meta Verdi kellu tmien snin, missieru kien xtralu pjanu żgħir, li kien irranġat mill-ġar tagħhom. Meta Giuseppe Verdi kellu biss disa' snin hu kien diġà beda jdoqq l-orgni tal-villaġġ fejn kien joqgħod. Mhux talli hekk, talli kien jaqla' xi ħaġa żgħira tal-flus. Però missier Verdi għaraf li f'Le Roncole, Verdi ma kienx jista' jibqa' jitgħallem il-mużika bis-serjetà. Missieru kien jinnegozja ma' ċertu wieħed Antonio Barezzi, li qallu dwar it-talent ta' ibnu. Barezzi meta sema' b'dan it-talent offra li jgħin sabiex Giuseppe jitgħallem il-mużika iktar fid-dettall. Għalhekk Verdi kellu jmur jgħix żogħżitu f'Busseto. Ferdinando Provesi kien l-għalliem ta' Verdi, li kien ukoll l-organista prinċipali fil-katidral ta' Busseto.

Meta Verdi kellu sittax-il sena, hu kien diġà magħruf f'Busseto u fil-villaġġi tal-madwar. B'danakollu Giuseppe xorta kull nhar ta' Ħadd kien immur ġol-villaġġ ta' Le Roncole biex idoqq l-orgni ta' raħal twelidu. Kif missieru kien għaraf li Giuseppe kellu bżonn jitlaq minn raħal twelidu biex jitgħallem, il-benefattur tiegħu għaraf li Verdi ma kienx jistħoqqlu jistudja iżjed ġo Busseto, iżda jmur f'post ieħor biex javvanza fl-istudju mużikali.

Meta Giuseppe kellu tmintax-il sena, hu telaq lejn Milan. Hu qagħad hemmhekk għal tliet snin fejn kien student privat ta' Vincenzo Lavigna, li kien il-kap tas-surmastrijiet fit-teatru La Scala. Fl-1834 Verdi telaq lura lejn Busseto peress li l-għalliem li kellu hemmhekk, Provesi, kien miet u hu xtaq li joħodlu postu bħala l-organista tal-katidral ta' Busseto. Però l-kleru tal-lokal kienu ssuspettaw li Verdi kien bniedem radikali, u għal din ir-raġuni, Giuseppe ma ġiex mogħti l-lok bħala l-organista prinċipali. Però, Verdi applika bħala għalliem ġo skola lokali tal-mużika. Fl-1836 Verdi żżewweġ lit-tifla ta' Barezzi.

Verdi kien kiteb ħafna kompożizzjonijiet fit-tliet snin li għamel ġewwa Busseto, però qalbu ma kinitx fuq dawn l-affarijiet. Hu ried li jikkomponi mużika operistika ġewwa

Milan. Fil-fatt fl-1838 hu telaq hemmhekk biex jkun jista' jesebixxi l-opra tiegħu stess, *Oberto*. Fi, Frar tas-sena ta' wara Verdi rriżenja mill-kariga li kellu f'Busseto ta' għalliem tal-mużika u telaq jgħix Milan. L-*Oberto* kienet tant ta' suċċuss li din ġabet kuntratt mit-teatru La Scala għal Verdi. Is-soprana ta din l-opra kienet Giuseppina Strepponi li kienet għenet ħafna lil Verdi biex jibda l-karriera tiegħu fuq l-opri. Din is-soprana kellha destin fuq l-imħabba ta' Verdi, però kellu jgħaddi minn ċertu traġedji. Fis-sena 1838, kellu tifel, però xahar wara mietet it-tifla tiegħu li kellu. Fl-1839 miet it-tifel, u sena wara mietet il-mara tiegħu, it-tifla tal-benefattur li għenu fil-mużika.




It-tieni opra tiegħu, *Un Giorna di Regno*, setgħet għenitu biex itaffi naqra mill-uġigħ li kellu, però din ma ġietx milqugħha min-nies. Wara din ir-reazzjoni, Verdi kien ħalef li ma kienx ser jikteb opra oħra f'ħajtu. Merelli, li kien il-kap ġot-teatru La Scala, neħħielu l-kuntratt sakemm Verdi kien seta' jirkupra mit-telfien tiegħu u mill-fjask tat-tieni opra. Però wara ammont ta' żmien qasir, Verdi kien ġie magħżul biex jikteb opra fuq ir-Re Nebukandessar. Din kienet ġiet murija fl-pubbliku, fis-sena 1842 fejn kienet ta' suċċess kbir. F'dak iż-żmien, l-Italja kienet għada maqsuma f'diversi stati taħt rejiet differenti. L-opri ta' Verdi kienu inspiraw lil dawk li kienu qed jaħdmu biex jgħaqqdu lill-Italja.

Mis-snin ta' 1840, Verdi beda jikkomponi opera kull sena. Però din bdiet iġġib naqra ta' stress għal Verdi minħabba r-responsabiltà li beda jġorr. Tant hu hekk, li 1846 hu ġie mogħti sitt xhur ta' waqfien mill-kompożizzjonijiet tal-opri. Verdi kien seta' jitlaq naqra minn La Scala però x-xogħlijiet tiegħu kienu jiġu murija f'teatri oħrajn bħal Venezja u Napli. Għalkemm kien sar bniedem popolari ħafna, Verdi kien bniedem riżervat, u kien jipprova jaħrab il-pubbliku. Verdi mhux talli kiseb popolarità ġewwa pajjiżu stess, iżda anke barra mill-Italja. Tant hu hekk li kien jirċievi invitazzjonijiet biex imur jara opri ġewwa Pariġi u Londra. Meta Verdi kien Pariġi, Verdi kien iltaqa' ma' Giuseppina Strepponi, is-soprana li kienet għenitu biex kiteb l-ewwel opra tiegħu. Fis-sena 1849, Verdi u Strepponi bdew jgħixu flimkien bħala raġel u mara.

F'Pariġi, in-nies kienu laqgħuhom bħala kopja mhux miżżewġa, però f'Busseto kien każ ieħor. Għalkemm Verdi kien għamel ħafna suċċess, li kemm il-ġenituri tiegħu kif ukoll il-benefattur kienu kuntenti ħafna, hu kien irritorna b'mara li ma kinitx martu. Verdi u Streponi baqgħu ma żżewġux sas-sena 1859, meta huma marru jiżżewġu bil-moħbi, qrib il-fruntiera tal-Isvizzera. Verdi kien tefa' l-applikazzjoni biex jkun jista' jirrappreżenta lil Busseto fl-ewwel parlament li kien inħoloq fir-Renju l-Ġdid tal-

Italja, u ġie magħżul fis-sena 1861. Hu kien diżappuntat illi l-unifikazzjoni tal-Italja ta' fuq kienet spiċċat f'dik is-sena stess, però fl-1862 irrappreżenta lill-Italja fl-Ingilterra fuq ċertu laqgħat.

Sas-sena 1863, Verdi baqa' jikteb l-opri sena wara l-oħra, però ħass il-ħtieġa biex jieqaf, u jgħix mal-mara tiegħu ġo razzett. Però fl-1868 kellu sejħa biex jikteb opra għall-ftuħ tal-Kanal ta' Suez. Din waslet għall-opra *Aida*. Fis-sena 1872, miet il-kittieb Alessandro Manzoni, li għal Verdi kien eroj kbir. Għalhekk iddeċieda li jikteb *Requiem Mass* għal dan il-kittieb. Verdi baqa' jikteb iktar opri bħall *Otello* u *Falstaff*. It-tobba ta' dak iż-żmien kienu jiktbu li għalkemm Verdi kellu ħafna żmien fuqu, kellu enerġija ta' żagħżugħ. Infatti hu spiċċa biex bena sptar qrib Busseto u dar għal mużiċisti li jkunu ser jirtiraw ġewwa Milan.



Fis-sena 1897 mietet Giuseppina Verdi u Verdi kien waqa' f'dipressjoni kbira minħabba l-mewt tagħha. Però d-destin ta' Verdi kien li jibqa' jgħix għaċ-ċentinarju li jmiss. Infatti Giuseppe Verdi miet fl-27 ta' Jannar tal-1901. Verdi kien midfun flimkien ma' martu f'Milan sakemm kienu tpoġġew fil-kripta tal-Casa.

Ta' min jgħid li l-Banda L-Unjoni daqqet diversi arrangamenti tal-mużika ta' Verdi, fosthom il-marċ trijonfali mill-Opra Aida fis-sena 2005 meta s-Soċjetà fakkret il-mija u ħamsa u għoxrin sena anniversarju mit-twaqqif tagħha.



Il-Kumitat tas-

***Soċjetà Filarmonika L-Unjoni***

Jifraħ lil

## Rev. Dun Keith Scicluna

u jawguralu

snin ta' ħidma fejjieda

fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa





# Il-Festa tar-Raħal Tagħna

Kitba ta' P.P. Theuma

Il-lum il-Festa tagħna
Ilkoll tal Ħal-Luqin
Nifirħu ilkoll f'daqqa
Fil-festa tal-Maltin

Hawn għandna żewġ Każini
It-tnejn armati sew
Bid-dwal u ħafna briju
Fil-festa jistaħjew

Għax dina tiġi darba
Fis-sena tul iż-żmiem
Bil-ward u bil-kuluri
Sabiħa iktar minn ġnien

Duru mat-triqat kollha
Bil-bnadar imżejnin
Ileqqu lkoll bil-bozoz
Isaħħru lill-Maltin

L-Unjoni tarma sewwa
Bil-banda kbira tagħha
Ħal-Luqa lkoll tismagħha
U tifraħ bil-kbir magħha

Is-Surmast bil-baklu f'idu
Irrieġi l-banda tagħna
Dejjem issibu ħelu
Ta' spiss fil-każin magħna

Xi ngħidu għal dal-misraħ
Bil-pavaljuni sbieħ
Id-dwal isebbħu kollox
Jagħmlu 'l kulħadd ferrieħ

Xi ngħidu għaż-żewġ siġar
Bil-bozoz imdawlin
Ileqqu u jixxejru
Bħaż-żgħażagħ tal-każin

Mill-Gudja jiġu ħafna
Żgħażagħ u ġuvintur
Biex magħna jgawdu l-festa
Ma' ħbiebhom Ħal Luqin

Għalhekk ejjew nifirħu
B'Andrea l-qaddis kbir
Li kien l-ewwel Appostlu
Ta' Kristu iben Divin!





# Id-Diaspora Ħalluqija fl-Ewropa
## (1870–1920)

Kitba ta' Dr Mario Cassar
*Ph.D. (**Maltese Studies**)*

### Sfond storiku

Il-kelma 'diaspora' tfisser 'tixrid' jew 'firxa'; għalhekk, hawnhekk se nitkellmu kif tul din il-medda ta' ħamsin sena, xi Ħalluqin, bħal ħuthom il-Maltin u l-Għawdxin kollha, misjuqa minn sens ta' avventura jew sempliċiment mill-ħolma ta' ħajja aħjar, spiċċaw mifruxa f'diversi nħawi tal-kontinent Ewropew: minn Ġibiltà sal-Greċja u t-Turkija; kif ukoll minn Sqallija sa Franza u l-Ingilterra. Bejn l-1842 u l-1885 in-numru ta' emigranti Maltin f'dawn iż-żoni kollha flimkien tela' minn madwar 9,000 għal madwar 19,000 ruħ.[1]

Ironikament, minkejja li l-Ingilterra kienet il-padruna tal-gżejjer Maltin, ftit kienu dawk il-Maltin li tħajru jemigraw lejn pajjiż daqstant imbiegħed u kulturalment aljen. Nafu li kien hemm komunità żgħira ta' Maltin f'Cardiff, imma mill-bqija l-preżenza ta' missirijietna f'din l-art għariba kienet tassew skarsa. L-Ewwel Gwerra Dinjija kompliet tressaq iż-żewġ popli lejn xulxin, u ppreċipitat numru konsideroveli ta' żwiġijiet imħallta. Xi nisa Maltin, sintendi, kellhom imorru r-Renju Unit biex jissetiljaw mal-irġiel tagħhom hemmhekk. Bejn l-Armistizju u Marzu 1920, ftit aktar minn madwar 225-il ħaddiem Malti, ħafna minnhom nies tas-sengħa ssensjati mid-*Dockyard*, emigraw lejn dan ir-reġjun.[2]

Għal sekli sħaħ Franza kienet meqjusa bħala l-aktar pajjiż għani u b'saħħtu fil-Mediterran. Matul il-perjodu tal-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), Malta bniet relazzjonijiet diplomatiċi speċjali ma' dan il-pajjiż, apparti li sostniet rabtiet kummerċjali mill-aktar sodi. Fl-1765, ir-Re Lwiġi XV saħansitra ddikjara li l-Maltin huma ċittadini (*regincoles*) tar-Renju Franċiż, u li bi dritt setgħu jissetiljaw u jakkwistaw proprjetà fis-saltna tiegħu.[3]

Sa nofs is-seklu dsatax, numru sabiħ ta' Maltin kienu ssetiljaw fil-portijiet ewlenin ta' Franza, bħal Marsilja u Bordeaux; xi wħud, aktar avventurużi, baqgħu telgħin saħansitra

---

[1] Ara Charles A. Price, *Malta and the Maltese: A Study in Nineteenth Century Migration*, Melboune: Giorgian House, Appendix C, p. 230.

[2] Lawrence E. Attrad, *The Great Exodus (1918–1939),* Malta: PEG, p. 31.

[3] Giovanni Bonello, 'The Maltese: Citizens of France and Italy', *f'Histories of Malta, Vol. II: Figments and Fragments*, Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, p. 102.

sa Pariġi. Xi Maltin spiċċaw Franza wkoll wara esperjenza f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-Magreb, partikolarment it-Tuneżija u l-Alġerija.

L-akbar komunità Maltija dejjem kienet f'Marsilja; fl-1912 kien hemm madwar 600 Malti fl-inħawi tagħha. Ħafna minnhom kienu jaħdmu fil-qasam tal-artiġjanat jew f'xogħol ta' natura marittima. In-numru ta' Maltin kompla jiżdied bis-saħħa tat-Trattat ta' Versailles wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija. Ftit aktar minn 600 Malti ieħor kienu offruti kuntratti ma' ditti privati; u dawk li ppersistew, eventwalment, bagħtu għall-familji tagħhom.[4]

Għal ħafna Maltin, l-Italja kienet art qariba u ħanina. Fi żmien l-Ordni, l-emigrazzjoni lejn Sqallija u l-Italja tan-Nofsinhar kienet aktarx konspikwa. Biss lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin ma jidhirx li kien hemm xi moviment migratorju qawwi lejn dawn ir-reġjuni min-naħa tal-Maltin. Meta l-foqra tas-Sud sottożviluppat Taljan bdew jabbundunaw l-irħula u l-bliet bil-mijiet u bl-eluf biex imorru l-Afrika ta' Fuq, ma kienx jagħmel sens li l-Maltin ifittxu postijiet li aktrax kienu ifqar minn arthom stess. Price jikkalkula li fl-1885 fi Sqallija kien hemm madwar 500 emigrant ta' nisel Malti mxerrdin ma' Sqallija kollha.[5]

Ġibiltà kienet l-unika kolonja Ingliża fl-Ewropa kontinentali. Għall-Imperu din il-blata kienet l-bokka li tagħtihom aċċess prezzjuż għall-Mediterran u l-Kanal tas-Suez. Wara l-invażjoni Ingliża tal-1713, l-abitanti ħarbu lejn l-intern ta' Spanja; posthom eventwalment ħaduh emigranti mill-Marokk, Malta u l-Italja. Aktar tard xi Spanjoli infiltraw lura biex komplew joħolqu popolazzjoni multietnika. Ġibiltà stagħniet minħabba l-preżenza tal-flotta Ingliża, u parti l-kbira tal-Maltin li tħajru jemigraw lejn din l-art, fil-fatt, fittxew l-għejxien tagħhom fil-qalba tal-bażi navali. Fl-1885 kien hemm madwar elf Malti fuq din il-kolonja, imma dan in-numru kien laħaq niżel sa 700 fl-1912. Għalhekk fl-ewwel żewġ deċenji tas-seklu għoxrin il-komunità Maltija kienet f'deklin ineżorabbli.[6]

Kostantinopli u Smyrna kienu żewġt ibliet fi ħdan l-Imperu Ottoman. Billi kellhom ambjent kożmopolitana u multikulturali, ma kellhom ebda diffikultà biex jattiraw bosta stranġieri interessati fin-negozju. L-Imperu Tork kien moribond u għalhekk kellu bżonn l-intrapriża kummerċjali tal-barranin biex forsi jkampa. Xi negozjanti żgħar u nies tas-sengħa Maltin tħajru jmorru t-Turkija għax kien hemm din id-domanda. R. Vadalà jiddeskrivi b'ċertu dettall il-komunità Maltija f'Kostantinopli fl-1912; l-istess awtur jikkalkula li għal xi żmien kien hemm madwar 3,000 Malti jgħixu fil-kapitali Torka.[7]

Barra Malta u Ġibiltà, kolonja importanti oħra tal-Ingliżi kienet Ċipru; din il-gżira nħallet mid-dominju tat-Torok fl-1878. L-ewwel mewġa ta' emigranti Maltin hawnhekk waslet bil-ħidma enerġetika ta' Sir Adrian Dingli; madankollu, ma messithomx xorti tajba għax dawn il-pijunieri nħakmu mill-Malarja, u l-komunità qatt ma ħadet ir-ruħ. L-iskema tal-1928 biex tforni emigranti ġodda minn Malta sfaxxat ukoll.[8]

Il-gżejjer Griegi fil-baħar Joniku għaddew taħt il-protezzjoni tal-Kuruna Ingliża fl-1815. Xi Maltin emigraw lejn Korfu u Ċefalonja. Fl-1885, kien hemm madwar 1,500

4 Attard, pp. 29–30.

5 Price, p. 230.

6 Attard, p. 32.

7 Attard, pp. 22–23. L-istess ċifra jagħti Price (p. 230) għas-sena 1885.

8 Attard, p. 21. Fl-1901 f'Ċipru kien hemm biss madwar sittin Malti.

emigrant ta' nisel Malti fil-Gżejjer Joniċi kollha.[9] Fl-1901, imbagħad, kien hemm madwar elf Malti f'Korfu; xi 225 f'Ċefalonja; u xi madwar mija oħra mxerrda fil-gżejjer l-oħra bħal Sira. Fl-1864 dawn il-gżejjer reġgħu għaddew f'idejn il-Griegi, iżda l-komunitajiet Maltin li kienu mxettla diġà baqgħu jifjorixxu.[10]

Fil-listi li ġejjin se nagħti xi ismijiet ta' Ħalluqin li għal xi raġuni jew oħra siefru lejn il-kontinent fis-snin 1870–1920. Sintendi, mhux bilfors li kollha baħħru bl-intenzjoni li jemigraw b'mod permanenti. Il-listi lanqas ma jistgħu jittieħdu bħala eżawrenti għax ir-riċerka għada għaddejja; dawn l-ismijiet jikkostitwixxu biss punt ta' tluq.

## Ħalluqin li marru l-Ingilterra

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 11.03.1915 | Antonio Fava (27)[1] | *fireman* |
| 10.01.1919 | Dolores Stuart, nee Farrugia (18) | mart Sgt William AG; residenti l-Belt |
| 19.05.1919 | Orazio Spiteri (25)[2] | *stone cutter* |

## Ħalluqin li marru l-Italja

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 24.04.1888 | Salvatore Baldacchino (59) | |
| 02.05.1888 | Rev. Andrea Mifsud (?)[3] | *priest* |
| 20.06.1891 | Ferdinando Camilleri (32) | |
| 28.07.1894 | Andrea Vassallo (?) | mar mal-mara; *clerk* (Public Works) |
| 08.08.1896 | Giacomo Baldacchino (?) | *medical doctor (*MDO Siġġiewi) |
| 28.05.1900 | Rev. Alfosno Borg (?) | + Franza; *priest* |
| 28.05.1900 | Rev. Francesco Bugeja (?) | + Franza; *priest* |
| 10.04.1905 | Salvatore Azzopardi (21) | mar Sirakuża |
| 06.12.1909 | Carmelo Spiteri (21)[4] | + Franza; residenti l-Belt; *waiter* |
| 30.07.1913 | Giorgio Vassallo (51)[5] | + l-Iżvizzera; *civil service* (Gozo); residenti Għawdex |
| 15.06.1915 | Gio Battista Bonnici (36) | mar Sirakuża; *merchant*; residenti l-Belt Valletta |
| 01.08.1918 | Leone Cauchi (22)[6] | mar Brindisi; *fitter assistant* |
| 01.08.1918 | Rosario Schembri (25)[7] | mar Brindisi; *skilled labourer* |

[9] Price, p. 230.
[10] Attard, p. 22.

## Ħalluqin li marru Franza

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 26.06.1902 | Giovanni Gatt (44) | + Ingilterra |
| 18.07.1900 | Rev. Andrea Mifsud (?) | *priest* |
| 06.06.1917 | Carmelo Azzopardi (54) | mar Marsilja; *stone mason;* residenti s-Siġġiewi |
| 23.07.1917 | Salvatore Azzopardi (28) | mar Marsilja; *mason;* residenti s-Siġġiewi |
| 23.01.1917 | Giorgio Faenza (22) | mar Marsilja; *coal heaver* |
| 20.01.1917 | Carmelo Galea (26)[8] | mar Marsilja; *stone cutter* |
| 06.06.1919 | Carmelo Fenech (17)[9] | mar Marsilja; *fireman*; residenti l-Marsa |
| 05.07.1916 | Andrea Gatt (17)[10] | mar Marsilja; *labourer* |
| 15.07.1919 | Nazzareno Grixti (20)[11] | mar Marsilja; *labourer* |
| 14.07.1919 | Giovanni Francesco Camilleri (25) | mar Marsilja; *seaman*; residenti Ħal Rormi |
| 14.08.1919 | Salvatore Abdilla (20) | mar Marsilja; *coal heaver* |
| 11.09.1919 | Joseph Maria Cauchi (22) | mar Marsilja; *labourer* |
| 27.09.1919 | Gio Maria Briffa (34) | mar Marsilja; residenti l-Marsa; *labourer* |
| 05.01.1920 | Joseph Costa (21)[12] | *shipwright* |

## Ħalluqin li marru Ġibiltà

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 30.08.1870 | Carlo Xiberras (48) | residenti Bormla |
| 12.04.1887 | Alfonso Maria Diacono (18) | |
| 03.05.1887 | Vincenzo Micallef (25) | |
| 29.07.1887 | Pietro Mamo (32) | |
| 10.10.1887 | Andrea Spiteri (19) | |
| 13.11.1887 | Rosario Spiteri (21) | |
| 06.12.1887 | Salvatore Schembri (19) | |
| 18.04.1888 | Antonio Cutajar (31) | |
| 14.07.1888 | Andrea Fenech (20) | |
| 14.07.1888 | Emmanuel Fiott (19) | |
| 10.01.1889 | Carmelo Cutajar (18) | |
| 16.06.1891 | Rosario Spiteri (24) | mar mal-mara |
| 25.06.1897 | Carmelo Cauchi (23)[13] | |
| 28.09.1897 | Giuseppe Zammit (38) | |
| 01.10.1897 | Giuseppe Zammit (25) | |
| 09.07.1899 | Innocenzo Zammit (49) | |

| | | |
|---|---|---|
| 31.05.1900 | Joseph Brincat (28) | |
| 06.06.1911 | Giuseppe Cassar (26)[14] | |

## Ħalluqin li marru Kostantinopli

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 07.09.1870 | Innocenzo Tonna (23) | |
| 24.04.1871 | Michelina Tonna (23) | ma' binha Riccardo |
| 03.07.1871 | Giuseppe Micallef (20) | |
| 24.08.1871 | Giorgio Pulo (23) | |
| 24.08.1871 | Felice Sammut (22) | |
| 17.04.1872 | Alberto Cassar (50) | |
| 17.04.1872 | Andrea Cassar (22) | |
| 10.05.1872 | Giovanni Baldacchino (24) | |
| 11.05.1872 | Vincenzo Cassar (30) | |
| 11.05.1872 | Giuseppe Zammit (28) | |

## Ħalluqin li marru l-Greċja

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 03.11.1870 | Antonio Sammut (40) | mar Sira |
| 22.01.1894 | Andrea Chircop (55) | |

## Ħalluqin oħra

Nafu b'Ħalluqin oħra li siefru f'dan il-perjodu, imma b'xorti ħażina ma nafux d-destinazzjoni tagħhom; xi drabi għax hija illeġġibbli, u xi drabi għax sempliċiment mhijiex murija fuq il-passaport. Fil-każ ta' Vassallo, nafu żgur li mar xi mkien fil-kontinent,[11] waqt li fil-każ ta' Coleiro u Agius nafu li kienu fuq il-baħar.

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Rimarki |
|---|---|---|
| 29.08.1889 | Carmelo Said (28) | |
| 19.07.1892 | Paolo Camilleri (21) | |
| 25.06.1896 | Giovanni Vassallo (?) | *Malta Civil Service* |
| 07.04.1919 | Filippo Coleiro (16)[15] | *at sea* |
| 08.04.1919 | Spiro Agius (23)[16] | *at sea* |

## Xi osservazzjonijiet

Mhux il-Ħalluqin kollha msemmija f'dan l-artiklu kienu joqogħdu r-raħal. Giovanni Maria Briffa (1919) u Carmelo Fenech (1919) kienu residenti l-Marsa; mentri Carmelo Spiteri (1909), Giovanni Battista Bonnici (1915) u Dolores Stuart (1919) kienu residenti l-Belt Valletta. Minħabba n-natura ta' xogħlu, Giorgio (sewwasew Giovanni) Vassallo

[11] Fuq Vassallo, ara nota 13.

(1913) kien mar joqgħod ir-Rabat, Għawdex; filwaqt li nsibu lil Carlo Xiberras (1870) f'Bormla, Giovanni Francesco Camilleri (1919) f'Ħal Qormi, u lil Carmelo Azzopardi (1917) fis-Siġġiewi. Mill-banda l-oħra, Rosario Spiteri (1891), minkejja li kien residenti Ħal Luqa, kien twieled Ħal Qormi.

Il-parti l-kbira tal-Ħalluqin li marru Franza sorġew Marsilja; hekk għamlu Carmelo Azzopardi, Salvatore Azzopardi, Giuseppe Faenza u Carmelo Casha fl-1917. Sena qabilhom kien wasal fil-port Franċiż anki Andrea Gatt. Salvatore Abdilla, Giovanni Maria Briffa, Giovanni Francesco Camilleri, Joseph Maria Cauchi, Carmelo Fenech, u Nazzareno Grixti kollha segwewhom fl-1919. Għadd ġmielu ta' Ħalluqin irħewlha lejn Ġibiltà; ftit oħrajn marru f'xi waħda mill-gżejjer Griegi. Nafu, pereżempju, li Antonio Sammut (1870) salpa lejn il-gżira Griega ta' Sira. Dawk li telqu lejn it-Turkija jidher li ssetiljaw kollha Kostantinopli, għax ma sibt ebda Ħalluqi li tefa' l-ankri fi Smyrna, fejn kien hemm komunità oħra sostanzjali ta' Maltin. L-istess, ma rnexxilix nittraċċa xi Ħalluqi f'Ċipru, Korfu jew Ċefalonja.

Xi wħud ħadu l-familja magħhom. Id-dokumenti juru li Michelina Tonna telqet minn Malta fl-1871 flimkien ma' binha Riccardo ta' tliet snin biex tingħaqad ma' żewġha Innocenzo li kien wasal Kostantinopli s-sena ta' qabel. Mill-banda l-oħra, Rosario Spiteri ta' 24 sena baħħar lejn Ġibiltà flimkien ma' martu Giovanna li kienet erba' snin iżgħar minnu.

Xi Ħalluqin kellhom il-permess jidħlu f'żewġ postijiet differenti; il-passaport ta' Giovanni Gatt (1902), ngħidu aħna, jindika li seta' jmur Franza u l-Ingilterra; Giorgio Vassallo (1913) seta' jmur l-Italja u l-Iżvizzera; filwaqt li Carlo Spiteri (1909) seta' jmur l-Italja u Franza.

Jidher li xi wħud ma qabdux art u eventwalment emigraw lejn post ieħor. Hekk għamel, pereżempju, Vincenzo Cassar li fl-1871 mar Bona, filwaqt li s-sena ta' wara telaq lejn Kostantinopli.[12] Carmelo Azzopardi, Ħalluqi residenti s-Siġġiewi, mar Tuneż fl-1913; madankollu nafu li fl-1917 dawwar ir-rotta għal Marsilja, forsi għax diġà kellu ċittadinanza Franċiża. Salavatore Azzopardi kien mar ifittex xortih il-Kanada f'Mejju 1913, biex imbagħad insibuh Marsilja wkoll fl-1917.

Ħafna mill-Ħalluqin kienu jemigraw minħabba l-qgħad jew forsi minħabba pagi miżerabbli u xogħol iebes li ma jrendix. Xi wħud lanqas biss kellhom xi sengħa partikolari; Andrea Gatt (1916), Joseph Maria Cauchi (1919), Giovanni Maria Briffa (1919), u Nazzareno Grixti (1919) kienu sempliċimnet *labourers*. Mill-bqija Carmelo Spiteri (1909) kien *waiter*; Leone Cauchi (1918) kien *fitter assistant*; Rosario Schembri (1918) kien *skilled labourer*; Giovanni Francesco Camilleri (1919) kien baħħar; filwaqt li Joseph Costa (1919) kien *shipwright* (i.e. mastrudaxxa tal-bastimenti jew ħaddiem li jibni l-bastimenti). Carmelo Azzopardi (1917) u Salvatore Azzopardi (1917) kienu bennejja; Giorgio Faenza (1917) u Salvatore Abdilla (1919) kienu jġorru l-faħam; Carmelo Galea (1917) u Orazio Spiteri (1919) kienu naġġara; mentri Antonio Fava (1915) u Carmelo Fenech (1919) kienu pumpieri jew najjara.[13]

---

[12] Ara Mario Cassar, 'Xi Ħalluqin Li Marru l-Afrika ta' Fuq (1870–1920)', fil-programm tal-festa tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Ħal Luqa, 2013.

[13] *Fireman* huwa 'pumpier' sakemm ikun jaħdem fit-tifi tan-nar fuq l-art. Imma fil-kaz tal-passaporti, dan aktarx jirreferi għal *ship's fireman* jew *stoker* (bil-Malti 'najjar') li xogħlu kien li jimpala l-faħam fil-bajli

Il-professjonisti li jissemmew fil-lista aktarx li siefru għal xi xogħol temporanju: Giovanni Baldacchino (1896) kien tabib, filwaqt li Giovanni Vassallo (1896) kien jaħdem maċ-Ċivil. In-negozjant Ħalluqi Giovanni Battista Bonnici, li kellu ħanut fi Triq Merkanti l-Belt, aktarx li kien jivjaġġa spiss; fl-1908 kien mar l-Eġittu, filwaqt li fl-1915 tela' Sqallija biex jiżżewweġ. Ir-Rev. Andrea Mifsud, milli jidher, kien iħobb isiefer ġmielu: fl-1888 insibuh l-Italja, mentri fl-1900 nsibuh Franza u l-Ingilterra. Is-saċerdoti Francesco Bugeja u Alfonso Borg aktarx li marru ġita flimkien l-Italja u Franza, peress li l-passaport tagħhom ħareġ fl-istress ġurnata (28.05.1900). Leone Cauchi u Rosario Schembri jidher li marru Brindisi flimkien għax anki l-passaport tagħhom ħareġ fl-istess ġurnata (01.08.1918).[14] L-istess nistgħu ngħidu għal Antonio Cassar u Andrea Cassar (17.04.1872) li marru Kostantinopli.

Apparti Michelina Tonna li semmejna diġà, l-unika Ħalluqija oħra li ltqajt magħha s'issa kienet Dolores Farrugia. Din kienet iżżewġet lil Sgt William Stuart AG li għal xi żmien kien stazzjonat hawn Malta mas-servizzi Ingliżi. Meta eventwalment kellu jirritorna pajjiżu, il-mara, li dik il-ħabta kienet toqgħod il-Belt, marret tiltaqa' ma' żewġha f'Jannar 1919.

Żewġ ismijiet f'dawn il-listi li jinteressawna mill-qrib huma ċertament dawk ta' Ferdinando Camilleri li siefer l-Italja fl-1891 u ta' Andrea Vassallo li mar l-Italja wkoll fl-1894, akkumpanjat minn martu Marianna. Camilleri (1859–1942) kien mużiċist prim, iben is-surmast Vincenzo Camilleri; kien il-*maestro di cappella* tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa u l-fundatur tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.[15] Vassallo (1856–1928) kien l-aqwa arkitett Malti ta' żmienu; fost ħafna proġetti, bena l-knisja ta' Pinu f'Għawdex, l-Isptar San Vinċenz de Paule, u l-Isptar tal-*Blue Sisters*.[16]

L-aktar kunjomijiet li jispikkaw f'dawn il-listi huma *Spiteri*, *Zammit*, *Cassar*, segwiti minn *Camilleri, Vassallo, Azzopardi, Cauchi* u *Baldacchino*. Fid-dokumenti tal-passaporti ġieli kienu jindikaw jekk l-applikant kienx kapaċi jiffirma ismu. L-ismijiet tat-toroq ħallejthom bit-Taljan, filwaqt li n-natura tal-impjieg tal-applikanti ħallejthom bl-Ingliż, skont kif jidhru fil-passaport.

## Nota tal-awtur

Nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Mark Carauna ta' Sidney, l-Awstralja, għall-għajnuna indispensabbli u s-suġġerimenti utli tiegħu. Jekk xi qarrejja jridu b'xi mod jikkummentaw fuq dak li ktibt f'dan l-artiklu, jistgħu jikkuntattjawni f'dan l-indirizz elettroniku: mario.cassar@um.edu.mt.

**Referenzi**

[1] Kien joqgħod 38, Strada San Giuseppe. Salpa fuq il-vapur *Llangorse*, sakemm ma kienx impjegat fuqu stess.

[2] Kien joqgħod 43, Strada Nuova.

[3] Dan seta' kien Dun Andrea Mifsud [Aquilina] li qaddes fl-1868 (fl-1900 residenti 6, Strada Britannica)

---

tal-vapur.

[14] Aktarx li ġew trasferiti fuq xogħol mit-Tarzna ta' Malta għat-Tarzna ta' Brindisi.

[15] Għal tagħrif bijografiku dwaru ara Francis Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, Malta: Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, 2005, pp. 78–79.

[16] Għal tagħrif bijografiku dwaru ara Micallef, pp. 279–281.

jew Andrea Mifsud li qaddes fl-1883 (fl-1900 residenti 10, Strada Britannica). L-ewwel wieħed miet fl-1903.

[4] Kien mar Lixandra fl-1909. Telaq lejn il-kontinent biex ifittex ix-xogħol. Għal xi raġuni kellu twissija.

[5] Dan kien aktarx Giovanni Vassallo (mhux Giorgio), ħu l-arkitett Andrea Vassallo msemmi aktar 'l isfel. Il-fatt li twieled fl-1862 u l-fatt li kien jaħdem maċ-ċivil f'Għawdex huma kompatibbli ma' din il-persuna. Skont ir-Reġistru Elettorali, fl-1900, kien għadu joqgħod 69, Strada Britannica. Fl-1925 Vassallo kiteb, flimkien ma' Ninu Cremona, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924), meqjus sal-lum bħala l-bażi tal-ortografija moderna tal-Malti. Miet fl-1937. Għal tagħrif bijografiku fuqu, ara Micallef, pp. 278–279.

[6] Kien joqgħod 12, Strada Britannica.

[7] Kien joqgħod 23, Strada San Giuseppe.

[8] Kien joqgħod Strada Carmine.

[9] Missieri Antonio kien mejjet, u billi kien għadu taħt l-età kellu bżonn il-kunsens ta' ommu Anna.

[10] Kien joqgħod 6, Strada Carmine. Billi kien għadu taħt l-età ħtieġlu l-kunsens ta' missieru.

[11] Kien joqgħod 61, Strada Sant'Andrea.

[12] Kien joqgħod Strada Parrocchiale.

[13] Il-kunjom dubjuż.

[14] Kien joqgħod Strada San Paolo.

[15] Kien joqgħod 16, Piazza Chiesa.

[16] Kien joqgħod Strada Carmine.


paperway stationery

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

***Smart Card Accepted***

***Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.***

***Telephone: 21690689 E-Mail: paperwayluqa@gmail.com***





# Sena xogħol importanti fil-Knisja tagħna

Kitba ta' Joseph Grima

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna l-ħadd, u reġa' wasal dak iż-żmien tas-sena fejn nagħti ħarsa lejn ix-xogħol li jkun sar fil-knisja mil-lat ta' manutenzjoni, organizzar u proġetti ta' tisbieħ. Din is-sena, minkejja li l-proġett tas-saqaf tal-knisja ftit li xejn mexxa 'l quddiem, saru diversi proġetti oħra li żgur kienu bżonnjużi u li se jgħinu biex l-affarijiet jinżammu fl-aħjar kundizzjoni u b'sistemi aktar organizzati.

## Il-proġett tas-saqaf tal-knisja

Sfortunatament il-proġett tas-saqaf tal-knisja mibdi wara l-festa tal-2010 ftit li xejn sar avanz fuqu mill-festa li għaddiet. Il-waqfien mix-xogħol hu riżultat ta' nuqqas ta' deċiżjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-Arti Sagra, minkejja d-diversi laqgħat li saru mal-Kappillan biex il-parroċċa tkun taf id-deċiżjoni finali.

S'issa għad m'hemmx risposta min-naħa tal-Kummissjoni Arti Sagra, anke wara l-laqgħa mal-Arċisqof aktar minn sena ilu u laqgħat mal-Kappillan Dun Gordon Refalo biex ikun deċiż il-pass li jmiss. It-tama tagħna li l-proġett tal-pittura tant mixtieq mill-Ħalluqin jitkompla mingħarj intoppi bla bżonn u b'inqas telf ta' żmien prezzjuż.

## Tiswija tad-damask u Paramenti Sagri

Il-ħajjata volontiera bħal kull sena ħadu ħsieb jaraw it-tiswijiet li jkun hemm bżonn fid-damask tal-festa. Dan hu xogħol imporntanti biex nieħdu ħsieb dak li għandna u nippreservah kemm jista' jkun.

Id-damask sekond għall-arkati tal-knisja li kien ordnat is-sena li għaddiet se jkun qed jasal fix-xhur li ġejjin u x-xogħol fuqu jkun jista' jibda matul is-sajf.

Matul is-sena saru wkoll donazzjonijiet ta' paramenti sagri li tħallsu mill-benefattur Patrick Muxi. Dawn kienu pjaneta li tintuża għall-quddies matul is-sena, velumeral għal matul is-sena meta tingħata l-Barka Sagramentali kif ukoll sopraleġiju rrakmata bix-xbiha tal-Ispirtu s-Santu li tintuża għall-festa ta' Pentekoste.

Din is-sena wkoll inbidlu l-ilbies tal-abbatini li saru fuq stil tradizzjonali b'suttana u spellizza. Dawn ukoll kienu meħjuta minn ħajjata volontiera. Xogħol ieħor li sar u li se jkunu mżanżna din is-sena huma sett ta' muzzetti tal-fratelli tal-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura u dik tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn se jintużaw għall-ewwel darba fil-purċisjoni tal-festa ta' din is-sena.



Ftit tal-ġimgħat ilu l-Kappillan ordna wkoll sett ta' għaxar pjaneti biex jintużaw fil-festa billi dawk li kien hemm qabel kienu qdiemu. Dan ix-xogħol sar fil-Polonja fejn waħda mill-pjaneti, dik tal-konċelebrant għanda l-figura ta' Sant'Andrija maħduma bir-rakkmu fuq quddiem tagħha. Il-pjaneti kollha għandhom disinn tar-rakkmu b'ħajt tad-deheb fuq quddiem u fuq wara. Dawn il-pjaneti se jintużaw għall-ewwel darba waqt il-quddiesa li tagħti bidu għall-festa ta' din is-sena dakinhar tal-ħruġ min-niċċa tal-istatwa ta' Sant'Andrija.



## Sagristija

Matul din is-sena sar xogħol ta' restawr fis-sagristija tal-knisja. Din kienet invjata filwaqt li s-saqaf, li kellu xi ħsarat, ġie msewwi u mbajjad biex hekk is-sagristija ngħatat dehra aktar nadifa. Saret ukoll sistema ġdida tad-dawl indirett u kienet restawrata l-linfa. Ix-xogħol sar minn Victor Scicluna, Anton u Luke Grima. Fid-dħul tas-sagristija twaħħlet ukoll it-tieni lapida tal-Kappillani li servew il-parroċċa tagħna billi fl-ewwel waħda ma kienx għad hemm spazju fejn jitniżlu aktar ismijiet.

Wara li tlesta dan ix-xogħol ġie restawrat ukoll il-kaxxarizz tal-injam li hemm fis-sagristija. Dan ix-xogħol kellu jinqasam f'żewġ fażijiet fejn l-ewwel saret il-bażi ta' taħt inkluż it-tarġa u aktar tard saret il-parti ta' fuq. Dan il-kaxxarizz kien jagħmel parti mill-għamara tas-sagristija l-antika u li kien ħelisha mit-tiġrif tal-gwerra. Kien għalhekk importanti li jingħata l-attenzjoni biex ikompli jservi l-użu tiegħu fil-futur. Ix-xogħol sar mir-restawratur Ħalluqi Gianni Formosa.

## Maħżen Triq 9 ta' April

Ftit żmien wara l-festa tas-sena li għaddiet inbeda x-xogħol biex ikun irranġat il-maħżen li jinsab fi Triq 9 ta' April. Wara li nħarġu l-affarijiet kollha li kien hemm fih, il-ħitan kienu mibruxa mit-tibjid l-antik u mwaqqa' li kien hemm. Sar tikħil u tibjid ġdid

filwaqt li l-bieb ta' barra kien mibrux u miżbugħ mill-ġdid.





Wara dan ix-xogħol saru l-arranġamenti biex sar possibbli t-trasferiment tat-tużell tal-festa. Sa ftit xhur ilu dan kien jinżamm fil-kappella tal-Vitorja maġenb il-kappella tal-Madonna tal-Ftajjar. Anton Grima ħaseb biex isiru brackets tal-ħadid biex il-kaxxi tat-tużell ikunu jistgħu jitqiegħdu fuqhom. Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol, il-kaxxi tat-tużell ġew miżbugħa minn barra filwaqt li ngħataw trattament kontra s-susa fil-parti ta' ġewwa. Meta kien lest dan ix-xogħol sar it-trasferiment tal-kaxxi kif ukoll tal-partijiet tat-tużell għall-post il-ġdid tagħhom.

Dan it-trasferiment kien importanti li jsir billi fil-kappella fejn kien jinżamm qabel, kien hemm livell ogħli ta' umdità u għalhekk seta' kienet qed tikkawża ħsara lill-induratura tat-tużell. Hu l-ħsieb li fis-snin li ġejjin isir restawr tat-tużell li l-istat tiegħu kull ma jmur qed tiddeterjora.

Minbarra t-tużell, f'dan il-maħżen qed jinżammu diversi oġġetti oħra marbuta mal-festa u apparat ieħor li jintuża fil-festi liturġiċi l-oħra ta' matul is-sena. B'din l-organizzazzjoni ta' dan il-maħżen ġie faċilitat ix-xogħol tal-volontiera li jarmaw il-knisja billi diversi oġġetti msemmija qabel kienu jinżammu fuq u hekk kien hemm ħafna skariġ u turġien biex jitniżżel ix-xogħol.

## Kmamar fil-kampnar



Xogħol ieħor ferm importanti sar fil-kmamar ta' fuq li jinsabu fil-kampnar tan-naħa fejn hemm il-qniepen. F'din il-kamra jinżamm l-armar tal-artali għall-festa bħalma huma l-istatwetti u l-gandlieri. Matul is-snin kien kienu diversi l-oġġetti li spiċċaw f'din il-kamra bil-konsegwenza li t-tiehed bosta spazju prezzjuż filwaqt li ġew traskurati diversi



mill-oġġetti mitfugħa hemm. Fost dawn kien hemm drapp tal-armar antik li kien jintrama fil-pjazza, fjuretti u gandlieri żgħar, oġġetti li kienu jintużaw waqt fieri fil-passat u diversi oġġetti oħra li tkissru maż-żmien. Dawn l-oġġetti kollha kienu mniżżla minn hemm biex seta' jibda x-xogħol u wkoll biex fil-futur ikunu analizzati u tittieħed deċiżjoni dwar r-restawr tagħhom u x'użu jista' jsir minnhom. Fil-fatt ma ntrema xejn qabel isir dan il-proċess.

Din il-kamra ġiet invjata u ngħatat trattament biex il-ġebla ma tfarfarx aktar trab. Hawn tajjeb insemmu li f'wieħed mill-ħitan ta' din il-kamra nsibu mnaqqax l-arloġġ tal-ħin li kien hemm fil-ġenb tal-knisja qabel sar il-bini tan-navi fl-1901. Dan tnaddaf biex ikun preservat filwaqt li tneħħa imbarazz li kien jagħtih.

Armarji antiki li kien hemm ġew xkatlati u mogħtija trattament kontra s-susa filwaqt li ngħataw tliet passati żebgħa. F'din il-kamra wkoll twaħħlet il-makna tal-lift ġdida.

## Lift fil-kampnar

Għall-grazzja t'Alla din is-sena wkoll tlesta l-lift li kien ilu maħsub għal din l-aħħar sena. Dan se jkun qed jitħaddem biex għall-ewwel darba l-istatwetti, l-gandlieri, l-ventartali u oġġetti oħra jitniżlu bih meta narmaw għall-festa 2013. Il-moħħ wara dan il-lift kien Anton Grima li bil-għajnuna ta' John Hili sabu l-ħadid u ħadmu l-inġinerija bejniethom. Ħadmu wkoll fuq dan il-lift Luke Grima u Victor Scicluna fil-parti elettrika. Tajjeb ngħidu li l-ħadid u l-makkinarju tal-lift ġie kollu b'xejn kif ukoll ix-xogħol kollu sar volontarju. Bla dubju b'dan il-lift se tkun qed titnaqqas sew it-tbagħtija biex jitniżżel dan l-armar filwaqt li wkoll se jkun qed joffri mezz li bih issir l-inqas ħsara possibbli lill-patrimonji mħolli minn missirijietna.





## Tribuna Corpus Christi



Aktar kmieni din is-sena beda wkoll il-proċess biex tkun restawrata t-tribuna li kienet tintuża fil-festa ta' Corpus Christi. Kien il-ħsieb tal-grupp li jieħu ħsieb l-armar tal-knisja li dan ir-restawr ikun lest din is-sena fl-okkażjoni tal-100 sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913.

S'issa sar xogħol ta' trasferiment tal-bażi mill-maħżen fejn tinżamm għall-Kappella taċ-Ċentru Parrokkjali fejn saret analiżi tal-ħsara li hemm u kif din tista' tissewwa. Jidher li l-armar kollu tagħha għadu hemm ħlief xi drapp li kien jintuża u li żgur irid isir mill-ġdid.

Minħabba l-ħsara estensiva li hemm fil-bażi tat-tribuna ma kienx possibli li dan ix-xogħol jilħaq jitlesta u għalhekk ġie deċiż li x-xogħol jitkompla wara l-festa fix-xhur tas-sajf biex jekk kollox jimxi kif ippjanat din terġa tintuża fil-festa ta' Corpus Christi fl-2014.

## Restawr statwa Sant'Andrija

Bla dubju biċċa xogħol li żgur kienet ferm importanti matul din is-sena hi r-restawr tal-istatwa titulari ta' Sant'Andrija. Kien ilu l-ħsieb tiegħi li meta toqrob is-sena 2013 jsir restawr tal-istatwa titulari billi f'din is-sena taħbat il-100 sena mir-restawr estensiv li kien għamel Abraham Gatt fuq l-istatwa ta' Sant'Andrija fl-1913. Il-grupp tal-armar tal-knisja madwar sentejn ilu kien diga' tkellem mal-eks Kappillan Dun Karm Camilleri dwar din il-possibiltà u kien hemm qbil dwar dan. Mal-wasla ta' Dun Gordon Refalo bħala Kappillan aħna erġajna rajna li dan il-proċess jitkompla u fil-fatt sar rikors u ġie approvat biex ir-restawr isir din is-sena.



Kumitat maħtur apposta mill-Kappillan Refalo magħmul minni, Anton Grima u Neil Zammit, ħa deċiżjoni li x-xogħol tar-restawr jiġi fdat f'idejn Publius Magro ta' Floriana. Fl-1980 l-istess Magro kien għamel xogħol ta' tindif u restawr limitat fl-istatwa filwaqt li kien indura mill-ġdid il-pedestall. Fuq pariri ta' esperti kien jagħmel sens li x-xogħol jerġa' jkun fdat f'idejh bid-differenza li din id-darba r-restawr kien aktar estensiv minn sempliċi tindifa u ftit irtokki.

Kien fis-7 ta' April li għadda li grupp ta' volontiera żarmaw l-istatwa minn fuq il-pedestall tagħha u d-daħħlet fil-kappella tad-Duluri li hemm fis-sagristija l-qadima biex hemm seta' jsir ix-xogħol ta' restawr fuqha. Il-proċess kien jinvolvi tneħħija ta' partijiet tal-ġibs li kien qed jinqala',



mili ta' partijiet fejn instab xpakk fl-injam li minnu hi magħmula l-istatwa kif ukoll proċess b'ġibs ġdid biex jerġgħu jinksew dawn il-partijiet.

Il-ħsara serja kienet tinsab fuq il-moħħ, fil-partijiet tal-id ix-xellugija, xpakki fuq is-sider u ż-żaqq kif ukoll xpakki fis-saqajn u l-bażi tal-istatwa. Hawn kien jenħtieġ li jitneħħa l-ġibs sal-livell tal-injam biex setgħu jinkixfu xi xpakk fl-injam.

B'mod professjonali Publius Magro ra li dawn jintlew b'filsa bl-istess tip ta' injam bħal istatwa filwaqt li ġew impoġġija u nkollati qabel ma seta' jitkompla x-xogħol. Kien f'dawn il-partijiet fejn kien hemm bżonn li jsir ġibs mill-ġdid.

Wara dan ix-xogħol sar xogħol ta' xkattlar ta' dan il-partijiet filwaqt li tqabblet iż-żebgħa biex l-istatwa ma tkunx miżbugħa totalment bil-ġdid dan biex ikun rispettat ix-xogħol oriġinali u d-dehra tal-istatwa ma tinbidilx minn dik li kienet matul dawn l-aħħar mitt sena.



Wara dan ix-xogħol sar xogħol ta' restawr fil-libsa fejn partijiet li kienu waslu biex jinqalgħu tneħħew bil-galbu u b'sengħa kbira ġew imwaħħla mill-ġdid u rtokkati. Partijiet mill-indoratura tal-libsa wkoll ġew restawrati. Meta tlesta dan il-proċess saru l-aħħar irtokki fuq il-karnaġġjon u ngħatat protezzjoni permezz ta' veniċ apposta biex jippreserva x-xogħol li sar.



Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol fuq l-istatwa, ingħata bidu wkoll għal restawr żgħir li kellu bżonn il-pedestall fejn ix-xogħol sar ukoll minn Publius Magro. Id-dehra tal-istatwa restawrata se tidher għall-ewwel darba waqt il-ħruġ minn-niċċa għall-festa ta' din is-sena. Apparti dan ix-xogħol sar tindif u restawr tad-dijadema mid-ditta Laga u l-ispejjeż tagħha tħallsu minn Neil Zammit.

F'Novembru 2013, ix-xahar li fih tkun id-data eżatta tal-100 sena mir-restawr hu maħsub li ssir wirja estensiva b'ritratti u filmati dettaljati tar-restawr li sar filwaqt li se ssir pubblikazzjoni b'tagħrif u intervista ma' Publius Magro dwar dan ix-xogħol. Dan qed isir billi x-xogħol fuq l-istatwa baqa' għaddej sa ftit jiem qabel il-festa.

## Apprezzament u ħarsa ’l quddiem

Hu ta’ sodisfazzjon għalina li kull sena ngħidu li għamilna pass ’il quddiem biex il-knisja tagħna. Ma’ dan ix-xogħol imsemmi saru wkoll xogħlijiet oħra fuq skala iżgħar bħalma huma t-tiswija tal-kuxxins tal-bankijiet tal-knisja, xogħol ta’ tindif ta’ lampieri u oġġetti oħra użati waqt il-liturġija, l-armar u preparazzjoni għad-diversi festi. Dan ix-xogħol kollu jikkontribwixxi biex il-liturġija u l-ħidma pastorali ssir bl-aħjar mod.

Hu l-ħsieb li matul is-sena li ġejja jsiru aktar proġett li wħud minnhom diġà beda xi xogħol fuqhom. Fost dawn insibu t-tribuna, restawr tal-anġli tas-Sepurklu, mant ġdid għas-Sepurklu, xogħol ta’ interzjar fuq il-bradelli tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, faldrappa ġdida għal;-istatwa tal-Monument tal-Ġimgħa l-kbira u l-pavaljuni tad-damask sekond. Ma’ dawn hemm il-ħsieb li jinbidlu l-boroż tad-drapp tal-istatwetti tal-festa li d-drapp tagħhom issa beda jitmermer billi huma antiki u wkoll restawr ta’ gandlieri u statwetti tal-armar tal-festa.

Hemm ukoll il-ħsieb li jibda restawr tal-pittura tat-titular tal-famuż pittur Mattia Preti biex sakemm isir u jitlesta x-xogħol fil-kor tal-knisja din tkun restawrata b’mod professjonali u tingħata d-dehra oriġinali li kellha meta saret.

Jalla li wara l-festa tittieħed id-deċiżjoni dwar il-pittura biex ir-ritmu tax-xogħol jitkompla u jiżdied u l-koperazzjoni tal-parruċċani tibqa’ ssostni lill-Kappillan u l-Kleru kif qed jagħmlu bħalissa biex bil-ħidma tagħhom pastorali jressqu aktar nies lejn il-messaġġ ta’ Kristu. Aħna noffru l-ħin tagħna u d-dedikazzjoni tagħna biex naraw li d-dar ta’ Alla tkompli tissebbaħ u tkun denja tal-attivitajiet reliġjużi li jsiru fiha b’risq il-ġid pastorali tal-komunità tagħna.


JERRY’S SILENCER REPAIRS



CO2 Welding

For Welding
& Silencer Repairs

Teddy’s Garage, Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237



# Jum Ħal Luqa

Kitba ta' Clifford Micallef

Bħalma jiġri kull sena, il-Kunsill Lokali jorganizza programm ta' attivitajiet biex ifakkar Jum Ħal Luqa li jaħbat nhar il-15 ta' Mejju. L-attivitajiet bdew proprju nhar il-15 ta' Mejju billi ġiet iċċelebrata quddiesa solenni biex tfakkar it-twaqqif tal-parroċċa tagħna fl-1634 u l-attivitajiet ġew fi tmiemhom nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2013 b'attività li laħqet il-qofol tagħha fil-pjazez tar-raħal u bis-sehem taż-żewġ baned lokali.





## Sehem is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

Biex ikompli jikkumplimenta l-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali, il-kumitat ħaseb biex jorganizza wirja tal-artiġġjanat kif ukoll xi attivitajiet oħra kulturali. Għal din il-wirja avviċinana s-Sur Andrew Micallef, u qalilna li lest jieħu ħsieb jorganizza u jiġbor l-esebiti. Il-wirja ġiet imtellgħa fiż-żewġt ikmamar ta' maġenb il-każin, li kif ġara fil-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, ġew ambjentati għall-okkażjoni. Il-wirja kienet tikkonsisti minn xogħol ta' artiġġjanat maħdum min-nies mir-raħal stess. Fost dawn ix-xogħlijiet esebiti wieħed seta' jsib bizzilla Maltija, rakkmu, xogħol tal-ganċ, 'cross stitch', 'tapestries', 'beading', xogħol tal-monasteru, ganutell u diversi snajja' oħra.

Il-wirja ġiet inawgurata nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2013, mill-Viċi President Lawrence Cassar u s-Sindku John Schembri fil-preżenza tal-membri tal-kumitat u kunsilliera. Il-wirja ġiet imbierka mill-Kappillan Dun Gordon Refalo.





Il-kontribut tas-Soċjetà tagħna kompla nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju, fejn fl-10.30 ta' filgħodu l-Banda L-Unjoni, flimkien mal-Banda Sant'Andrija u għaqdiet oħra soċjali akkumpanjat b'daqq ta' marċi, il-korteo li beda minn tarf ir-raħal u baqa' sejjer sa Pjazza Sant'Andrija, b'waqfa quddiem il-Monument tal-Gwerra fi Triq Sant'Andrija. Hawnhekk ingħata ġieħ lil vittmi tal-gwerra u tpoġġew fjuri u kuruni mill-għaqdiet tar-raħal. Ta' min jinnota wkoll li quddiem il-każin u fil-pjazza ġew armati diversi 'stands' bi prodotti lokali u artiġġjanali kif ukoll xi logħob għat-tfal.

L-attivitajiet ġew fi tmiemhom billi ngħata Ġieħ Ħal Luqa kif isir kull sena. Din is-sena dan l-unur ġie mogħti lill-Onorevoli Silvio Schembri, li ġie elett bħala Membru Parlamentai għall-ewwel darba fl-età żagħżugħa ta' 27 sena. Il-kumitat jieħu din l-okkażjoni biex jawgura lis-Sur Schembri u jirringrazzjah tal-appoġġ li dejjem sibna mingħandu.

## Profil – Silvio Schembri

L-Onor. Silvio Schembri twieled fil-21 ta' Mejju 1985 u llum fl-età ta' 27 sena jokkupa l-kariga ta' Membru Parlamentari. Huwa miżżewweġ lil Deandra minn Ħal Qormi li taħdem bħala avukata.

Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħal Luqa. Is-Sekondarja huwa kien jattendi l-Kulleġġ Santi Wistin tal-Pietà. Il-Post Sekondarja tal-Onor. Schembri kienet ġewwa l-Junior College fejn minn hemm huwa daħal fl-Università biex għamel il-Baċċellerat bl-Unuri fl-Ekonomija. Huwa kompla jispeċjalizza f'dan il-qasam billi ġab il-Masters Degree fis-sena 2010.



L-ispeċjalizzazzjoni fl-

Ekonomija kienet strumentali għall-Onor. Schembri sabiex huwa seta' jiddentifika mezzi effettivi ta' kif jistgħu jinġiebu fondi Ewropej u jsiru proġetti bihom. Minn hawnhekk kien imwaqqaf il-GAL Xlokk (Grupp Azzjoni Lokali) li tiegħu l-Onor. Schembri huwa l-General Manager, magħmul minn diversi Kunsilli bħala membri.

Il-karriera fil-qasam politiku tal-Onor. Schembri bdiet minn età tenera ta' 18-il sena billi huwa kien ikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali fejn ġie elett l-ewwel darba bħala Kunsillier. Fis-sena 2008 huwa ħass li kellu jieħu pass akbar fejn ikkontesta l-Elezzjoni Ġenerali fl-età ta' 23 sena. Ir-riżultat ferm pożittiv li huwa ġab, għalkemm għal numru żgħir ħafna ta' voti ma telax inkoraġixxa lill-Onor. Schembri biex jerġa' jikkontesta l-Elezzjoni 2013 u jiġi elett. Apparti l-kariga importanti ta' membru parlamentari, il-Prim Ministru ħatar lil Silvio Schembri bħala *Chairman* tal-Kumitat Parlamentari tal-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji. Huwa wkoll membru ta' diversi kumitati u bordijiet oħra governattivi fosthom il-Kumitat Parlamentari tal-Affarijiet Barranin u Ewropej.

L-Onor. Schembri jgħallem ukoll bħala *part-time lecturer* ġewwa l-Università ta' Malta fil-qasam tal-Ekonomija.


MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# Imfakkra l-mitt sena mill-mewt ta’ Mikelanġ Sapiano

## Arluġġar u mekkaniku ta’ fama internazzjonali

Bil-ħidma tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa flimkien mal-membri tal-Familja Sapiano, ġew organizzati numru ta’ attivitajiet b’tifkira tal-mitt sena mill-mewt tal-magħruf Mikelanġ Sapiano.




Il-qofol ta’ dawn l-attivitajiet intlaħaq nhar il-Ħadd 2 ta’ Diċembru 2012 fejn saret quddiesa ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta’ Sant’Andrija b’suffraġju għal ruħu filwaqt li wara ġiet inawgurata irħama kommemorattiva mad-dar fejn għex u ħadem għal tant snin. Il-membri tal-Familja Sapiano flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera ġew mistiedna wkoll iżuru ż-żewġ każini tal-banda fejn ittellgħu esebizzjoni u preżentazzjoni awdjo-viżiva rispettivament dwar ħajjet Mikelanġ Sapiano u x-xogħlijiet tiegħu mxerrda madwar Malta u lil hinn minn xtutna.

# Infakkru lill-Eks Kappillan Dun Joe. M. Camilleri

Kitba ta' Clifford Micallef

Għaxar snin ilu r-raħal kollu nħasad bl-inċident li kellu l-maħbub kappillan Dun Joe Camilleri fiċ-Ċentru Parrokkjali li eventwalment wassal biex ftit tal-ġimgħat wara l-kappillan tilef il-battalja għall-ħajtu. Kien bniedem ħabrieki u kulma jagħmel kien jagħmlu b'entużjażmu liema bħalu.

Twieled fit-18 t'Awwissu 1948. Beda l-iskola għand is-sorijiet Agostinjani ta' Ħal Qormi u wara l-iskola primarja tal-gvern. Fl-1959, ta' ħdax-il sena daħal is-Seminarju Minuri fejn kompla l-istudju tiegħu fis-Seminarju Maġġuri. Fl-20 ta' Lulju 1974 ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u fl-4 t'Awwissu 1974 qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa ta' San Sebastjan. Fl-1987 inħatar *headmaster* tas-Seminarju Minuri.



*Dun Joe M. Camilleri (xellug) jassisti lill-mibki Mons Innoċenz Borg waqt it-tberik ta' rħama ġewwa s-sede tas-Soċjetà.*

F’Lulju tal-1994 inħatar Assistent Direttur tal-Istitut Kattoliku, il-Furjana u fl-1 ta’ Jannar 1995 sar direttur tal-istess istitut. Għal xi żmien kien ukoll fuq il-Bord taċ-Ċensura tal-films. Kien Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan tal-fergħa tax-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika u kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Kummissjoni Ħidma Morda u Persuni b’Diżabilità.

Fit-18 ta’ Jannar 1997 kien maħtur kappillan ta’ Ħal Luqa u fid-9 ta’ Marzu tal-istess sena ħa l-pussess. Fit-2 ta’ Mejju 2003 korra gravi u fid-9 ta’ Ġunju ħalla din id-dinja biex jiltaqa’ mal-Mulej li tant ħadem għalih.

Il-funeral sar nhar il-11 ta’ Ġunju 2003. Fis-sagħtejn ta’ wara nofsinhar, il-Banda L-Unjoni flimkien mal-Banda Sant’Andrija akkumpanjaw il-korteo bid-daqq ta’ marċi funebri minn tarf Triq Sant’Andrija sal-knisja parrokkjali. Kif it-tebut wasal quddiem is-sede tas-Soċjetà ingħatat tislima mill-kumitat bi tfigħ ta’ fjuri mill-gallarija fost iċ–ċapċip u s-sogħba kbira tal-partitarji. Il-quddiesa *presente cadevere* ġiet ikkonċelebrata mill-Isqof Awżiljarju l-mibki Mons. Annetto Depasquale bis-sehem ta’ mija u għoxrin saċerdot mill-parroċċi kollha ta’ Malta. Il-poplu ta’ Ħal Luqa mela kull rokna tal-knisja kif ukoll taz-zuntier u l-pjazza biex jagħti l-aħħar tislima lill-kappillan maħbub tiegħu.

B’turija ta’ rispett, il-festa għal dik is-sena, li kellha ssir f’anqas minn xahar wara, ġiet imħassra.

F’għeluq is-sena minn mewtu, fuq iz-zuntier taċ-Ċentru Parrokkjali, propju ftit passi ’l bogħod minn fejn ħalla ħajtu, ġie inawgurat bust mill-Kunsill Lokali, ikkummissjonat u maħdum mill-iskultur Ħalluqi Twanny Ellul.



## Sena memborabbli għal-Luqa St. Andrew's FC Youth Nursery

# Suċċess għat-tim Under 17

Kitba ta' Joseph Grima

Nistgħu ngħidu li l-istaġun 2012-13 kien wieħed ta' suċċess għall-Luqa St. Andrew's FC Youth Nursery. Din is-sena kienet ferm pożittiva minn kull aspett. In-Nursery kompliet tissoda b'kumitat ħabriek taħt it-tmexxija ta' Dr. Evan Camilleri filwaqt li l-ħidma tat-Teżorieri Nathaniel Falzon u l-esperjenza tas-Segretarju Godfrey Borg kienu indispensabbli. Membri fil-kumitat għal din is-sena kien hemm ukoll Joseph Grima, Chris Falzon, Alfred Cauchi u Alex Farrugia. B'tim tajjeb ta' *coaches* kwalifikati mmexxija mill-*Head Coach* Warren Muscat kellna l-etajiet kollha koperti b'taħriġ kontinwu li ħalla l-frott mixtieq.

Din is-sena kellna x-xorti wkoll li bil-għanjuna tal-MFA taħt il-Presidenza ta' Norman Darmanin Demajo u l-Ministeru taż-Żgħażagħ u Sport immexxi mill-Onor Clyde Puli, il-klabb ta' Luqa St. Andrew's ingħata faċilità ġdida fejn isir it-taħriġ taż-żgħażagħ u t-tfal tagħna kif ukoll it-tim tal-kbar. Il-grawnd ġdid fil-Kumpless ta' San Vincent de Paule kien ta' għajnuna kbira biex it-timijiet tagħna setgħu jitħarġu b'aktar serjetà u



f'post ferm adattat biex hekk jiksbu esperjenza ta' logħob fi grawds kbar.

Iżda l-akbar sodisfazzjoni li kellha n-Nursery u l-klabb ta' Luqa St. Andrew's f'dan l-istaġun kien meta t-tim tal-Under 17 irnexxielu jirbaħ ic-Championship ta' Section C2. Dan it-tim, li bosta *players* li jiffurmawh bdew it-taħriġ tagħhom flimkien meta dan kien isir fil-Barracks tal-Forzi Armati taħt it-tmexxija ta' Kevin Briffa, spiċċa żviluppa flimkien taħt it-tmexxija ta' Warren Muscat u ra l-izvilupp tan-Nursery tant li spiċċaw jitħarġu fil-grawnd il-ġdid ta' San Vincent de Paule. Hu ta' unur għan-Nursery li tim bi tfal Ħalluqin spiċċa kiseb dan is-suċċess u għalhekk iqawwi qalb il-kumitat li jibqa' għaddej bil-ħidma biex joffri l-aħjar faċilitajiet lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex 'il quddiem il-klabb ta' Luqa St. Andrew's ikollu bażi tajba ta' *players* imtella min-Nursery tagħna.

Matul dan l-istaġun it-tim tal-Under 17 kellu erbatax-il logħba x'jilgħab f'kampjonat ferm kumbattut. Minn erbatax-il logħba t-tim tilef biss logħba waħda bi skor minimu ta' 0 – 1 kontra Sirens FC, ironikament it-tim li miegħu bqajna nissiltu sal-aħħar logħba. Fil-fatt il-kampjonat kien deċiż propru fl-aħħar logħba tal-istaġun minkejja li Luqa kienu marru fuq quddiem tal-klassifika wara rebħa ta' 2 – 0 kontra l-istess Sirens FC meta kien fadal biss erba' logħbiet sa tmiem il-kampjonat. Minkejja dan iż-żgħażagħ tagħna żammew il-kalma fl-aħħar logħobiet li matulhom urew l-aħjar l-logħob. Biżżejjed wieħed isemmi żewġ rebħiet ta' 7 – 0 kontra Dingli Swallows u Mqabba rispettivament. Timijiet oħra li kienu f'dan il-kampjonat kienu Sirens, Gżira, Siġġiewi, Kalkara u Marsaxlokk.

Kien għalhekk ġustifikat il-ferħ tal-Kumitat, players u partitarji li attendew għall-aħħar logħba fil-Victor Tedesco Stadium meta t-tim ħareġ rebbieħ kontra l-Kalkara bl-iskor ta' 4 – 1. Dan kien ifisser li Luqa St. Andrew's FC Under 17 kienu saru Champions ta' Section C2. Dan kien ifisser li t-tim kiseb id-dritt li jilgħab fil-play-offs u fin-Knock Out tal-U17. Sfortunatament ix-xorti ħażin tfaċċat f'dawn il-logħbiet fejn it-tim spiċċa tilef l-impenni kollha li kellu. Dan iżda ma jnaqqas xejn is-suċċess li kisbu u n-Nursery hi ferm kburija bil-wirjiet konsistenti li kellu dan it-tim tul l-istaġun kollu.

Is-suċċess miksub kien wieħed meritat anke meta tanalizza l-klassifika finali. Hawn naraw li t-tim tal-Under 17 rebaħ ħdax-il logħba, ġie draw tnejn u tilef biss waħda. It-tim Ħalluqi skorja 39 gowl kontra 29 skurjati mill-eqreb rivali. Bħala *top scorer* tat-tim spiċċa Luke Galdes b'erbatax-il gowl, tnejn minnhom *penalty kick* iżda wkoll kiseb tripletta personali f'żewġ logħbiet. Warajh spiċċa Lydon Sciberras li skorja għaxar gowls. Punt pożittiv ieħor kienet id-difiża eċċellenti tat-tim fejn sofra biss tmien gowls.



Il-players kollha li lagħbu xi parti tul dan il-kampjonat kienu dawn: Daniel Ellul, Kurt Craus, Neil Faenza, Brandon Galea, Andrea Cassar, Andre Farrugia, Tristan Spiteri, Wayne Cuschieri, Ian Muscat, Shaun Gatt, Bernard Muscat, Ayrton Psaila, Aaron Demanuele, Andrea Sciberras, Keith Grima, Lydon Sciberras, Luke Galdes, Wayne Busuttil. Tajjeb ukoll insemmi li Aaron Demanuele, player Ħalluqi

li beda minn età żgħir man-Nursery tagħna, matul dan l-istaġun kien imsejjaħ għal tliet *trials*, waħda minnhom *trail match* mat-tim nazzjonali Malti tal-Under 17. Dan hu ta' unur personali għal Aaron iżda hu wkoll unur għan-Nursery u r-raħal tagħna. Minn hawn nawguraw lil Aaron li wara dawn it-*trials* ikollu x-xorti li jintgħażel biex jifforma parti mit-tim nazzjonali f'din il-kategorija.

Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lil Franklin Sultana, Terrence Cassar u France Cassar li servew bħala *stewards* waqt il-logħob u Donna Camilleri li kienet in-*nurse* ufficjali tat-tim waqt il-logħob tul il-kampjonat. Grazzi speċjali tmur lill-ġenituri li kienu jattendu jagħtu s-support tagħhom kif ukoll partitarji oħra li kienu jattendu kull logħba tat-tim u finalment ferħu wkoll magħna fil-ksib ta' dan ir-riżultat pożittiv. Grazzi speċjali tmur ukoll lill-*players* kollha li minkejja l-istudji u l-eżamijiet baqgħu jimpenjaw ruħhom biex finalment kisbu s-suċċess mixtieq. Jalla dawn iż-żgħażagħ jibqgħu magħqudin flimkien u jkomplu jitħarġu biex fil-futur narawhom jilbsu l-flokk tant maħbub tal-klabb tagħna.

**Statistika**
**Klassifika:**
Lagħbu 14, Rebħu 11, Draw 2, Tilfu 1, Gowls Favur 38, Gowls kontra 8, Punti 35
**Gowls:**
Luke Galdes 15, Lydon Sciberras 10, Wayne Cuschieri 4, Aaron Demanuele 3, Keith Grima 2, Wayne Busuttil, Brandon Galea, Shaun Gatt, Ian Muscat u Tristan Spiteri 1




Ryan Callus
B.Eng.(Hons.), MSc. Project Management (Lanc.)

jawgura
l-Festa t-Tajba
lill-
Ħalluqin kollha

M: 9946 7936
E:info@ryancallus.com
www.ryancallus.com

3, Lenant, Triq Kirċippu,
Is-Siġġiewi


A choice of flour.
All types for any baking needs.
Our legumes make the difference.
Not just soups...
hearty, healthy dishes.
Est. 1931
LAMB BRAND
Discover the nutty difference.
Of the all time family favourites.
The dried fruit range.
Makes a delicate complement to any dish.
for a healthy lifestyle
FLOUR - LEGUMES - HERBS - NUTS - DRIED FRUIT - SUGAR - CONFECTIONERY ITEMS
www.lambbrand.eu



*Il-Banda L-Unjoni waqt il-Programm Mużikali fuq il-Plančier – Festa 2012*




*Wisq Reverendu Monsinjur Innoċenz Borg*
*(1921 - 2013)*

## Tislima lil

# Monsinjur Innoċenz Borg

## (1921-2013)

## Eks Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant'Andrija u Eks Direttur Spiritwali u President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

Kitba ta' Neil Zammit



It-telfa li ġġib magħha l-mewt tħalli vojt kbir fil-qalb tal-bniedem, l-aktar meta tkun tlift lil xi ħadd għażiż għalik. Dan hu dak li għaddiet minnu l-Parroċċa tagħna ftit tal-ġimgħat ilu, meta ħabta u sabta tilfet ragħaj twajjeb li ħabb lil din il-Parroċċa hekk kif missier iħobb lil uliedu.

Kien propju nhar il-Ġimgħa 12 t'April għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija, meta tħabbret il-mewt tal-Wisq Rev. du Mons. Innoċenz Borg. Il-Monsinjur, kif ħafna kienu jsibuh, rabat ismu mal-istorja tal-Parroċċa tagħna sa mill-ewwel snin ta' wara l-aħħar gwerra u baqa' attiv sa ftit ġimgħat qabel ma ħalla dan il-wied tad-dmugħ għall-ġid tal-komunità parrokkjali u tal-Knisja f'pajjiżna.

Mons. Innoċenz Borg twieled ġewwa r-Rabat fis-16 ta' Diċembru 1921, iben il-Ħalluqi Giuseppe u martu Filomena neé Camilleri. Ta' età żgħira, il-familja tiegħu irritornat ġewwa Ħal Luqa. Aktar tard, kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri u ġie ordnat saċerdot fl-1946. Huwa serva għal xi snin bħala Kappillan tal-parroċċi ta' Ħal Luqa u Ħal Għaxaq.

Fl-1956, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi ħatar lil Dun Innoċenz Borg bħala Kappillan ġdid tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa u ħa l-pussess nhar il-Milied tal-istess sena. Tul il-parrokkat tiegħu, huwa ħadem ħafna fost il-poplu Ħalluqi, kemm mil-lat pastorali kif ukoll dak materjali. Irsista kemm felaħ sabiex kompla jsebbaħ it-Tempju Andrean li kien għadu kemm inbena mill-ġdid wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Fost l-opri li saru fi żmienu nsibu l-altari l-ġodda tal-irħam, il-kwadri laterali tal-kor (xogħol ta' Envin Cremona), il-paviment tal-irħam tal-knisja, il-kwadri laterali taż-żewġ kappelluni (xogħol ta' Pawlu Camilleri Cauchi), il-pulptu u s-sedji tal-kor, il-Via Sagra, l-orgni, il-linef u ħafna oħrajn. Tlesta wkoll iċ-Ċentru Parrokkjali fl-1958, kif ukoll saret ir-riforma meħtieġa tal-Konċilju Vatikan II fir-rigward tal-liturġija tal-knisja. Fi żmienu wkoll ġiet trasferita



l-festa ta' Sant'Andrija għall-ewwel Ħadd ta' Lulju kif nafuha llum, waqqaf il-*Chorus Excelsior*, kif ukoll ħadem ħafna biex solva l-kwistjonijiet li kien hemm bejn iż-żewġ Każini tal-Banda.

Fl-1980, meta kien għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq il-vara ta' Sant'Andrija u l-pedestall tiegħu, Dun Innoċenz Borg ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral Metropolitan u għalhekk kellu jtemm il-parrokat tiegħu. Iżda xorta waħda baqa' attiv għal kważi tlieta u tletin sena oħra. Kompla jagħti s-servizz tiegħu fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa, tant li ma kinetx tiġi festa jew okkażjoni oħra li ma kontx tarah jikkonċelebra flimkien mal-Kleru tal-istess Parroċċa. Kien ta' spalla tajba għall-Kappillani li ġew warajh, tant li kollha kienu jieħdu l-pariri tiegħu fl-interess veru tal-Parroċċa. Serva wkoll bħala Kanċillier tal-istess Kapitlu Metropolitan kif ukoll ħadem fl-Uffiċċju taż-Żwiġijiet fi ħdan il-Kurja Arċiveskovili.

Fl-2006 huwa ċċelebra għeluq is-sittin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu permezz ta' quddiesa solenni fil-Knisja Parrokkjali. Fl-2009, meta l-Parroċċa fakkret it-375 sena mit-twaqqif tagħha, Mons Innoċenz Borg kellu x-xorti jassisti għall-ordinazzjoni ta' Mons. Joseph Spiteri, wild il-Parroċċa, bħala Arċisqof Titulari ta' Serta u Nunzju Appostoliku fi Sri Lanka. Riċentament, tul il-parrokat ta' Dun Karm Camilleri, huwa ħadem mill-qrib miegħu biex seta' jiġi fi tmiemu l-proġett tal-koppla fl-2010 meta tfakkar l-1950 sena mill-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu.

Ir-rabta tiegħu mas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni kienet xi ħaġa speċjali. Fil-fatt, huwa serva għal żmien twil bħala Direttur Spiritwali tal-imsemmija Soċjetà kif ukoll aċċetta t-titlu ta' President Onorarju *ad vitam*. Barra minn hekk, kien strumentali wkoll biex għen fir-riċerka dwar l-istorja tas-Soċjetà L-Unjoni meta tfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Minkejja li kien ta' ftit kliem, kliemu kien meqjus u ta' min jorbot fuqu.

Għad li saħħtu bdiet tbatti ftit ftit, huwa baqa' jaqdi d-dmirijiet tiegħu mill-aħjar li seta'. Saħħtu kompliet sejra lura, tant li kellu jingabar fid-Dar tal-Kleru. Ma laħqux għaddew wisq tal-ġimgħat, meta l-aħbar tal-mewt tiegħu nhar il-Ġimgħa 12 t'April fil-għomor ta' 91 sena, ħasdet lil kulħadd.

Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta 16 t'April, li għalih attendiet ġemgħa sabiħa li mliet il-Knisja Parrokkjali. Fid-9:00am beda korteo minn ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ftajjar, bis-sehem tal-Kleru, il-Kapitlu Metropolitan, għadd ta' saċerdoti oħra, qraba, ħbieb u rappreżentanti tal-Għaqdiet. Fid-9:30am bdiet quddiesa *presente cadavre* fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Mons. Anton Gouder, bil-prietka saret mill-Kappillan Dun Gordon Refalo. Lejn l-aħħar tal-quddiesa, l-E.T. Mons Arċisqof Pawl Cremona O.P. mexxa r-rit tal-funeral, qabel mal-fdalijiet ta' Mons Borg ittieħdu għad-difna li saret b'mod privat. Iċ-ċapċipa spontanja li sellmet lit-tebut waqt li nħareġ mill-Knisja kienet tassew ċapċipa mill-qalb ta' dawk kollha li raw biss ġid mingħand dan il-qaddej fidil tal-Knisja Maltija.

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ingħaqad ukoll f'dawn il-mumenti billi ħa sehem fil-korteo funebri kif ukoll assista għall-quddiesa ġewwa l-Knisja Parrokkjali. B'sinjal ta' ġieħ u rispett lejn dan is-saċerdot maħbub, dakinhar tal-funeral, il-bandiera l-kbira tas-Soċjetà ittajjret mezza lasta.

Jalla l-Mulej jagħtih il-premju li jistħoqqlu biex igawdi l-ferħ tal-ġenna għall-eternità, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija Santissima u tal-Appostlu Sant'Andrija.

*Grazzi ta' kollox Mons.*

*Strieħ fis-sliem.*



***Il-Kumitat u membri tas-Soċjetà jagħtu l-aħħar tislima lill-Monsinjur Innoċenz Borg waqt il-funeral tiegħu.***




# BOV Internet Banking

## security, convenience, peace of mind

Our internet banking service has just got better providing the ultimate in customer-friendly, value added service. The new instant SMS notification service will alert you when an outward payment is made - making sure you are always in control of your finances. Talk to us today for more information.

*Your success is our goal.*

**BOV INTERNET BANKING**

**2131 2020 | bov.com**

* Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta



## Appreciation

# Rev. Mgr. Innocent Borg

*The demise of Fr. Innocent Borg of Luqa was a bolt from the blue. He will be sadly missed by me and indeed by the Luqa community. I have the privilege of knowing him closely and my reminiscences of him beget nostalgic relishing moments to me.*

*My close encounter with him goes back in the beginning of 1960s. Fr. Borg, who was the Luqa parish priest at the time, revealed an affable and genial character. I felt comfortable in his company and he encouraged me to look into my future with optimism. I was just starting my teacher career in art at the Luqa primary school. Noticing my artistic endowments and familiarisation with the Luqa community members he strived to develop a close relationship with me which kept on alive up to the recent past. Such a relationship was intrapersonal as well as based on art commissions. I admired his enthusiasm towards the embellishment of the parish church interior which was still barren and only decorated with pieces which were salvaged after the church had received a direct hit during the last Great War. This made him to seek my services at commissioning some pictorial decorations for the side great chapels. Unknowingly such commission served as the seed which bloomed in similar works for other churches. Fr. Borg even promoted the idea to decorate the interior of the Luqa dome. However, such a project did not come into fruition during his time in Luqa because of some diverse opinions. He longed for a painting covering the whole concavity similar to the Mdina cathedral dome while I adhered to my artistic principles that the internal architectural scheme should be respected and taken into consideration.*

*Fr. Borg's love towards his parish served an example which his parishioners emulated. They kept on reviving his initiatives resulting in further works for the church which he dreamt of seeing it resplendent again as in pre war period. May his vibrant pastoral care and love to art continue to permeate among the present Luqa parishioners.*

***Paul Camilleri Cauchi***
Victoria, Gozo
12 – IV – 13

## Apprezzament

# Shaun Tonna

Kitba ta' Neil Zammit



Nhar it-22 t'Ottubru li għadda tħabbret il-mewt ta' Shaun Tonna, żagħżugħ ta' 21 sena u eks bandist tal-Filarmonika L-Unjoni. Din l-aħbar ħasdet lill-kumitat, lill-bandisti sħabu u lil dawk kollha li kienu qrib tiegħu. Shaun kien bniedem kwiet u riservat, u qatt ma naqas li jkun ta' għajnuna għal sħabu l-oħra kull meta ntalbet l-għajnuna tiegħu.

Huwa tgħallem il-mużika fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni u għal numru ta' snin kien bandist regolari mal-Banda tal-istess Soċjetà. Huwa dejjem ta servizz mill-qalb lis-Soċjetà tagħna sakemm ippermettietlu saħħtu. Minkejja kollox, baqa' dejjem bi tbissima sinċiera.

Lill-ġenituri u l-familjari kollha nibagħtu l-kondoljanzi sinċiera, waqt li nwiegħduhom li nitolbu għalih biex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Grazzi Shaun.





## Apprezzament

# Ġilardu Vassallo

Kitba tal-Avv. Noel Camilleri



Ħafna forsi ma jiftakrux lil Ġilardu Vassallo, iżda minn huwa midħla tal-istorja tas-Soċjetà tagħna jaf li Ġilardu kien l-aktar bandist anzjan li kellha dina l-Ewwel Banda f'Ħal Luqa. Biżżejjed ngħid li Ġilardu kien diġà bandist meta fl-1930 is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ċċelebrat il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. Dak iż-żmien Ġilardu kellu sbatax-il sena u jirrakkonta li kienet festa, peress li dak iż-żmien ma tantx kien hawn flus, saret fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu, eżatt ġimgħa qabel il-festa taċ-Ċintura li għas-Soċjetà tagħna dejjem kellha post speċjali wara l-festa tal-patrun Sant'Andrija.

Ġilardu minkejja li ma baqax jgħix Ħal Luqa kien bniedem li baqa' jħobb mhux biss il-festa ta' Sant'Andrija imma aktar minn hekk l-Banda tas-Soċjetà tagħna għaliex kien Ħal Luqi vera. Ma kienx ikun hemm okkażjoni waħda li ma kontx tara lil Ġilardu jattendi biex jitpaxxa jisma' lill-banda tagħna tesegwixxi l-mużika. Kont nieħu gost b'dak li kien jirrakkonta għaliex b'sempliċità imma bi kjarezza kien jitkellem dwar l-istorja tas-Soċjetà tagħna u anke dwar is-sehem tal-familja tiegħu ġo dina s-Soċjetà. Dejjem kont nara l-espressjoni f'għajnejh li kienu xhieda ta' kemm kellu verament għal qalbu din l-Banda tagħna.

Ġilardu ġej minn familja li dejjem ħabbet il-banda tas-Soċjetà tagħna. Biżżejjed wieħed isemmi lil missieru Pietru Vassallo, li kien wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li Vinċenzo Camilleri fl-1880 għallmu l-mużika u għaqqad il-banda tagħna, kif ukoll lill-mibki Ġanni Psaila, li tant u tant ħabb b'mod sinċier il-banda tagħna. Bħalhom kien Ġilardu. Dejjem jikkontribwixxi, dejjem jgħin, dejjem japprezza l-ħidma mhux faċli tas-surmast u tal-bandisti kollha u dejjem lest biex jagħti kelma ta' inkoraġġiment. Dan għamlu għax vera kellu għożża kbira lejn il-banda.

Minkejja li kellu fuq disgħin sena sew, Ġilardu xorta waħda qatt ma kien jitlef l-appuntament tiegħu għall-kunċert annwali u għall-programm tal-festa. Għalih li jisma' l-Banda u jiġi l-każin fil-festa kienu l-aqwa mediċina biex iżommu attiv u għaddej.

Is-Soċjetà tilfet persuna ġenwina, bandist u ammiratur b'qalb kbira li ħabb dina l-banda tagħna b'imħabba sinċiera u mingħajr ebda kundizzjonijiet. Dak kien Ġilardu, persuna umana li kellu rabta b'saħħitha imma miftuħa mal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.

Lill-familja tiegħu kollha nixtieq f'ismi u f'isem is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni nesprimi l-kondoljanzi sinċiera għal dina t-telfa tal-bandist Ġilardu Vassallo.



POWER TOOLS FOR HIRE
FOR MORE DETAILS KINDLY CONTACT US ...
MOBILE : 79612319
E-MAIL : POWERTOOLSHIRE@GMAIL.COM
FIND US ON FACEBOOK
Available 24 hours / 7 days a week.
All rentals on Sundays are FREE of charge.
plus we offer a full delivery and collection service on all tool hire !
Demolition Hammer's, Drills, Wall Chaser (Fekruna), Jiggers, Sander's, Grinder's, Gypsum Board Jack, Vacums Generators & Much more ...
Best Prices Guaranteed




PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET
54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com
OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)

Il-Kumitat
tas-**Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**
jrodd ħajr
lill-membri u l-benefatturi kollha
li bl-għajnuna tagħhom
setgħet titwettaq il-ħidma
b’risq il-festa ta’
Sant’Andrija Appostlu.

Radd il-ħajr ukoll lil dawk kollha
li fis-snin preċedenti servew
fil-Kumitat tas-Soċjetà.

*Grazzi tal-ħidma u l-impenn.*





# Obitwarju

## Membri u Familjari li Ħallewna mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn



Andrew Penza li mar jiltaqa' mal-Mulej fl-4 ta' Lulju 2012 fl-età ta' 64 sena



Dun Karm Zammit li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-22 ta' Awwissu 2012 fl-età ta' 80 sena.



Marianna Muscat li marret tiltaqa' mal-Mulej fit-30 ta' Settembru 2012 fl-età ta' 72 sena



Andrew Zarb li mar jiltaqa' mal-Mulej fid-29 ta' Ottubru 2012 fl-età ta' 86 sena.



Shaun Tonna li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-22 ta' Ottubru 2012 fl-età ta' 21 sena.



Mary Cardona li marret tiltaqa' mal-Mulej fit-12 ta' Ottubru 2012 fl-età ta' 64 sena.



Andrew Camilleri li mar jiltaqa' mal-Mulej fid-29 ta' Novembru 2012 fl-età ta' 68 sena.



Mary Aquilina li marret tiltaqa' mal-Mulej fil-5 ta' Novembru 2012 fl-età ta' 77 sena.



Ġilardu Vassallo li mar jiltaqa' mal-Mulej fid-9 ta' Diċembru 2012 fl-età ta' 99 sena.



Alfred Farrugia li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-28 ta' Frar 2013 fl-età ta' 69 sena.



Anthony Micallef li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-30 ta' Marzu 2013 fl-età ta' 62 sena.



Agnes Azzopardi li marret tiltaqa' mal-Mulej fis-26 ta' Marzu 2013 fl-età ta' 80 sena.



M'Anne Schembri li marret tiltaqa' mal-Mulej fis-6 ta' Marzu 2013 fl-età ta' 73 sena.



Dolores Gatt li marret tiltaqa' mal-Mulej fil-5 ta' Marzu 2013 fl-età ta' 74 sena.



Mons. Innocenzo Borg li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-12 ta' April 2013 fl-età ta' 91 sena.



Giorgina Cachia li marret tiltaqa' mal-Mulej fis-17 ta' Marzu 2012 fl-età ta' 75 sena.



Fredrick Smith li mar jiltaqa' mal-Mulej fl-14 ta' April 2013 fl-età ta' 90 sena.



Andrea Cachia li mar jiltaqa' mal-Mulej fl-10 ta' Mejju 2013 fl-età ta' 83 sena.

Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem





# Min irreklama

A & A Stone & Interiors..........192
Alfred Baldacchino Ltd...........120
Andrew's Garage Ltd ...............50
Anton Faenza ............................19
Atomic Garage ..........................81
B & G Hardware Store.............34
Barman tal-Bottegin tas-Soċjetà
Filarmonika L-Unjoni ...........18
Barman tal-Luqa
Shooters Club......................178
Beauty Elegance..........................4
Bernard
ta' Twanny tal-Ħaxix...........114
Big Save Footwear.................124
Borg Bros.
Furniture Transport .............148
BOV .......................................240
Brian Tower Ladder ..................84
C&H Bartoli..............................10
Carly's Stationery,
Gifts and Toys .....................110
Carmel Caruana .....................122
Carmel's Fruit & Vegetable.......52
Cheveux Classique.................132
Classical Budo Malta ...............96
Computer Bargains ...................43
Construct Furniture .....................8
Crocker......................................13
D. M. S.
Import / Export Co. Ltd ........51
Daniel Woodworks..................126
Dione Mini Bus Service...........38
Dragon's Center .......................96
Drive Inn Pub ...........................66
Easy Come Store....................131
Elmo Insurance Ltd..................22
Emmanuel Gatt .......................108
Emtes Stationery .....................112
Eretric Ltd ................................38
FGP Ltd..................................116
Flower Touch ..........................170
Forever Living Products ...........48
Frankie Green Grocer ............110
Funerals Undertaker................102
G. Darmanin Service Station ....30
Gauci Borda & Co. Ltd ............24
Gori Butcher.............................16
GUTZ fashion .........................230
Hairography ..............................52
Horace Spiteri Tan-Newwes
Funeral Services....................62
HSBC ........................................24
Husyl
Household & Giftware ..........40
Hygrade Butcher .....................112
International Auto Centre..........74
J & S Store .............................126
J. B. Glass Work........................92
J. Cassar Aluminium ...............150
J. I. T.
International Forwarders .......54
James Agius
Woodworks Ltd..................164
Jams Fashion Wear....................70
Jane's Hair Salon.....................120
Jerry's Silencer Repairs...........224
JM Operations ...........................55
Josef .......................................194
Justin Autodealer.....................192
Kenda Ltd................................104
Kibabus Island Take Away......176
Lamb Brand ...........................234
Lawrence Cassar Ltd...inside back
Lorenza Bazaar .........................15
Luqa St Andrew's F.C.
Youth Nursery .......................58
Luqa St Andrew's
Football Club ........................50
M. Cauchi Hardware Store .....102
Magri Autocare .......................106
Malcom Mifsud
Funeral Services....................66
Marindex Trophies ..................160
Mark's Garage.........................227
Museum Café ..........................174
Muxi .......................................128
Nardu tal-Ħaxix ......................152
Naxos Tyre Centre ....................26
Newwes Garage ........................79
Ninja Store .............................132
Noel Schembri
Refrigeration ......................204
O. K. Bar ................................167
Oasis Restaurant......................152
Pac Man's Take Away ...............76
Palazzo Preca Restaurant ........244
Paperway Stationery ...............217
Partit Laburista Luqa...............162
Partit Nazzjonalista Luqa ........162
Pasta Paone ...............................78
Paul Scorfna Funeral Services ..12
Phoenicia Bar & Take Away ...116
Phone Booth ..............................13
Power Ionics..............................64
Power Tools for Hire...............244
Rons Restaurant ......................168
Rubens Photography .................48
Ryan Callus .............................233
S & L Import & Export Ltd ....178
SilJoe Garage ............................46
Silvio Schembri.........................20
SML Home & D. I. Y. Stores ..170
Starting Point ............................28
Stephen Mini Market ................57
Style Design Bathroom Centre .64
Ta' Lela Petshop......................122
Ta' Lela Petshop......................123
Ta' Matti .................................124
Tahabel Ltd .............................160
Take Off Bar & Restaurant .....114
Tal-Grazzja Bakery .................163
Tal-Parrina................................44
Telstar Butcher ........... inside front
Tesor Jewellery & Gifts .............9
The Core Beauty Clinic ............46
The Gallery ...............................70
Thermaseal Limited ................173
Thomas Smith .............................5
Two 9 Six ................................108
V. Spiteri & Sons Ent Ltd........190
Vigo Menswear .......................174
Vision 2000 ...............................16
Wedding Organiser....................30
Zneiber Confectionery &
Pastizzeria .............................92

# LAWRENCE CASSAR LTD.

**52, Parish Street, Luqa LQA 03**

**Tel: 2789 1217 • Fax: 2166 5646**

**Mob: 7944 9673 / 7777 4673**

**E-mail: lawrencecassar1@hotmail.com**

- **Feast Lighting and church decorations**
- **Bucket truck services**
- **Christmas decorations, streets, hotels, shops etc**
- **Lighting and cabling contracts**

Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
90, Palazz Sant'Andrija
Triq Sant'Andrija, Luqa - Malta
Tel: 21 676 583 • www.unionbandmalta.org